Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri

Meta tkun involut f'kawża ċivili u taħseb li jkollok tillitiga, għandek tkun konxju li hemm ċertu limitu ta' żmien biex tieħu azzjoni.

Is-sistemi legali moderni kollha inklużi dawk tat-27 Stat Membru jipprovdu għal-limitazzjoni temporali tat-talbiet ċivili. Il-liġijiet li jirregolaw il-perjodi ta' limitazzjoni jew ta' preskrizzjoni jvarjaw ferm fir-rigward tat-tul tal-limitu ta' żmien, meta eżattament jibda l-limitu taż-żmien u skont liem att jew avveniment jissospendi jew jinterrompi l-limitu ta' żmien. Il-liġi applikabbli għat-talba tirregola wkoll il-perjodu ta' limitazzjoni li jaffettwa t-talba.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

L-aħħar aġġornament: 30/05/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Belġju

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Il-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire/Gerechtelijk Wetboek*) jirreferi għal numru ta' limiti ta' żmien differenti.

Dawn jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji: perjodi ta' stennija u limiti ta' żmien perentorji.

Il-perjodi ta' stennija (*délais d'attente/wachttermijnen*) huma perjodi li jridu jiskadu. Fi kliem ieħor, dawn il-perjodi għandhom jiskadu qabel ma l-azzjoni legali tkun tista' tittieħed b'mod validu.

Eżempju ta' perjodu ta' stennija huwa l-perjodu ta' taħrika (*délai de citation/dagvaardingstermijn*). Għandu jkun hemm "perjodu ta' taħrika" bejn id-data li fiha t-taħrika tkun notifikata u s-seduta preliminari: dan huwa tmint ijiem fil-kawża prinċipali (kawżi ċivili) u jumejn fi proċedimenti interim.

Il-limiti ta' żmien perentorji (*délais de forclusion/vervaltermijnen*) huma limiti ta' żmien li fihom trid tittieħed azzjoni legali partikolari, mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tal-limitu ta' żmien jew *tad-dies ad quem*, u fin-nuqqas ta' dan jiskadi d-dritt li tittieħed din l-azzjoni legali.

Il-limiti ta' żmien li fihom għandhom jinbdew il-proċedimenti legali huma eżempji ta' limiti ta' żmien perentorji, jiġifieri:

il-limitu ta' żmien ta' xahar biex tappella kontra sentenza wara l-kawża (l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), mid-data li fiha s-sentenza ġiet notifikata;

il-limitu ta' żmien ta' xahar biex toġġezzjona għal sentenza kontumaċja (*in absentia*) (l-Artikolu 1048 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), mid-data li fiha s-sentenza tkun ġiet notifikata;

il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur biex tappella fuq punti ta' liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation/ Hof van Cassatie*) (l-Artikolu 1073 tal-Kodiċi Ġudizzjarju);

il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur biex jitressqu l-proċedimenti ta' partijiet terzi (l-Artikolu 1129 tal-Kodiċi Ġudizzjarju);

il-limitu ta' żmien ta' 30 jum għall-preżentazzjoni ta' talba għal danni kontra imħallef għal nuqqas ta' ġustizzja (l-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ġudizzjarju);

il-limitu ta' żmien ta' sitt xhur għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti ċivili (l-Artikolu 1136 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Il-**perjodu ta' taħrika** huwa għalhekk perjodu ta' stennija.

L-Artikolu 707 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jistipula li t-taħrika ordinarja fil-kawża prinċipali hija tmint ijiem għal persuni li għandhom id-domiċilju jew il-post ta' residenza tagħhom fil-Belġju.

L-istess japplika meta:

1. it-taħrika tiġi notifikata fil-Belġju fl-indirizz għan-notifika;
2. il-persuna li lilha tkun notifikata t-taħrika ma jkollhiex domiċilju jew post ta' residenza magħruf fil-Belġju jew barra mill-pajjiż;
3. it-taħrika għal parti domiċiljata barra mill-pajjiż tiġi notifikata personalment fil-Belġju.

Il-perjodu ta' taħrika fi proċedimenti interim huwa mnaqqas għal jumejn (l-Artikolu 1035 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Il-perjodu ta' taħrika għal proċedimenti quddiem l-imħallef tas-sekwestri preventivi (*juge des saisies/beslagrechter*) huwa wkoll jumejn fejn dan tal-aħħar jippresjedi bħal fi proċedimenti interim.

Meta l-intimat ma jkollux domiċilju, post ta' residenza jew indirizz għan-notifika fil-Belġju, il-"perjodi ordinarji" ta' tmint ijiem u ta' jumejn indikati hawn fuq huma estiżi skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

Il-perjodu huwa għalhekk ta' (tmint ijiem jew jumejn + ...):

15-il jum meta l-parti tgħix f'pajjiż ġar jew fir-Renju Unit;

30 jum meta l-parti tgħix f'pajjiż Ewropew ieħor;

80 jum meta l-parti tgħix f'parti oħra tad-dinja.

Din l-estensjoni għandha, madankollu, tkun prevista mil-liġi. Għat-taħrika fil-kawża prinċipali, hija stabbilita fl-Artikolu 709 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, filwaqt li għat-taħrika fil-proċedimenti interim, hija stabbilita fl-Artikolu 1035 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

Jista' jkun meħtieġ f'każijiet speċifiċi li tipproċedi malajr ħafna wara t-taħrika. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, talba biex jitqassru dawn il-perjodi tista' tiġi sottomessa lill-qorti kompetenti minn avukat jew uffiċjal tal-qorti (l-Artikolu 708 tal-Kodiċi Ġudizzjarju fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 1036 tal-Kodiċi Ġudizzjarju fil-proċedimenti interim).

Meta t-taħrika tiġi notifikata, l-uffiċjal tal-qorti jagħti wkoll kopja tad-deċiżjoni li tqassar il-perjodu tat-taħrika sabiex jinforma lill-intimat li din ġiet awtorizzata.

Wieħed mill-aktar aspetti importanti tal-limitu ta' żmien huwa **l-kalkolu**tiegħu. Il-proċedura għall-kalkolu hija stabbilita fl-Artikoli 48 sa 57 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (jiġifieri l-Kapitolu VIII tal-Ewwel Parti tal-Kodiċi Ġudizzjarju) (ara hawn taħt).

Dawn l-artikoli jkopru punti ġenerali (l-Artikoli 48 u 49), il-limiti ta' żmien perentorji (l-Artikolu 50, l-ewwel paragrafu), il-kalkolu tal-limiti ta' żmien (l-Artikoli 52 u 53, l-ewwel paragrafu, u l-Artikoli 53 *bis*, 54 u 57), is-sitwazzjonijiet ta' *force majeure*, l-estensjoni tal-limitu ta' żmien (l-Artikolu 50, it-tieni paragrafu, l-Artikoli 51 u 53, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 55) u l-każ ta' sospensjoni minħabba l-mewt ta' waħda mill-partijiet (l-Artikolu 56).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

1 ta' Jannar (L-Ewwel tas-Sena)

Ħadd il-Għid u t-Tnejn ta' fuq l-Għid (dati jinbidlu)

1 ta' Mejju (Jum il-Ħaddiem)

Jum Lapsi (is-sitt Ħamis wara Ħadd il-Għid)

Għid il-Ħamsin u t-Tnejn ta' fuq Għid il-Ħamsin (is-seba' Ħadd u Tnejn wara Ħadd il-Għid)

Festa nazzjonali: 21 ta' Lulju

15 ta' Awwissu (Festa tal-Assunzjoni tal-Madonna)
1 ta' Novembru (Jum il-Qaddisin Kollha)
11 ta' Novembru (l-Armistizju tal-1918)
25 ta' Diċembru (Jum il-Milied)
Din il-lista **ma** tidhirx fil-Kodiċi Ġudizzjarju.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ara l-mistoqsija 1 (hawn fuq).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Ir-regola hija li *d-dies a quo* (jum tal-att jew tal-avveniment li jagħti bidu għal-limitu ta' żmien) MHUX inkluż fil-limitu ta' żmien, imma li *d-dies ad quem* (l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien) HUWA inkluż ("*dies a quo non computatur in termino*").

l-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ġudizzjarju: "Il-limitu ta' żmien huwa kkalkulat min-nofsillejl sa nofsillejl. Huwa kkalkulat mill-jum wara l-jum tal-att jew tal-avveniment li jagħti bidu għal-limitu ta' żmien u jinkludi l-ġranet kollha, anke s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi."

Konsegwentement, il-kalkolu tal-limitu ta' żmien ma jibdiex fil-jum tan-notifika ta' taħrika jew sentenza (*dies a quo*), imma fil-jum ta' wara (b'mod aktar preċiż, f'00.00 tal-jum ta' wara).

Pereżempju, jekk it-taħrika tiġi notifikata nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju (*dies a quo*), il-perjodu ta' taħrika jibda nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju. Fi kliem ieħor, l-ewwel ġurnata tal-limitu ta' żmien ta' tmint ijiem hija t-Tlieta 5 ta' Mejju.

Jekk l-4 ta' Mejju jaħbat il-Ġimgħa, mela l-perjodu ta' taħrika jibda nhar is-Sibt 5 ta' Mejju. L-ewwel ġurnata tal-perjodu ta' taħrika tista' għalhekk taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

A/ Notifika minn uffiċjal tal-qorti:

Skont l-Artikolu 57 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor bil-liġi, il-limitu ta' żmien għal oġġezzjoni, appell lil qorti superjuri jew appell fuq punti ta' liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni jibda meta s-sentenza tiġi nnotifikata lill-persuna jew fid-domiċilju tagħha jew, fejn applikabbli, meta kopja tagħha tingħata personalment jew tiġi ddepożitata, kif stabbilit fl-Artikoli 38 u 40.

Għal persuni li m'għandhomx id-domiċilju, il-post ta' residenza jew l-indirizz għan-notifika tagħhom fil-Belġju u li ma jistgħux jiġu notifikati personalment, il-limitu ta' żmien jibda meta kopja tas-sentenza li għandha tiġi notifikata tingħata lis-servizz postali jew, fejn applikabbli , lill-prosekutur pubbliku.

Fil-każ ta' persuni mingħajr kapaċità legali, il-limitu ta' żmien ma jibdiex qabel ma s-sentenza tkun ġiet notifikata lir-rappreżentant legali tagħhom.

B/ Notifika permezz ta' karta (ittra):

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor bil-liġi, skont l-Artikolu 53 *bis* tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-limiti ta' żmien li jibdew meta d-dokument tal-karta jiġi notifikat lid-destinatarju jiġu kkalkulati:

fejn id-dokument ikun notifikat permezz ta' kunsinna ġudizzjarja rreġistrata jew b'ittra rreġistrata b'konferma tal-wasla, mill-ewwel jum wara l-jum meta l-ittra tkun ġiet ippreżentata fid-domiċilju tad-destinatarju jew, fejn applikabbli, fil-post ta' residenza jew fl-indirizz għan-notifika tad-destinatarju;

fejn id-dokument ikun notifikat b'ittra rreġistrata jew b'ittra ordinarja, mit-tielet jum tax-xogħol wara l-jum meta l-ittra tkun ingħatat lis-servizzi postali, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor mid-destinatarju;

fejn id-dokument ikun notifikat b'konferma datata tal-wasla, mill-ewwel jum li jkun imiss.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Ir-regola hija li *d-dies a quo* (jum tal-att jew tal-avveniment li jagħti bidu għal-limitu ta' żmien) MHUX inkluż fil-limitu ta' żmien, imma li *d-dies ad quem* (l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien) HUWA inkluż.

DIES A QUO:

l-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ġudizzjarju: "Il-limitu ta' żmien huwa kkalkulat min-nofsillejl sa nofsillejl. Huwa kkalkulat mill-jum wara l-jum tal-att jew tal-avveniment li jagħti bidu għal-limitu ta' żmien u jinkludi l-ġranet kollha, anke s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi."

Konsegwentement, il-kalkolu tal-limitu ta' żmien ma jibdiex fil-jum tan-notifika ta' taħrika jew ta' sentenza (*dies a quo*), imma fil-jum ta' wara (b'mod aktar preċiż, f'00.00).

Pereżempju, jekk it-taħrika tiġi notifikata nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju (*dies a quo*), il-perjodu ta' taħrika jibda nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju. Fi kliem ieħor, l-ewwel ġurnata tal-limitu ta' żmien ta' tmint ijiem hija t-Tlieta 5 ta' Mejju.

Jekk l-4 ta' Mejju jaħbat il-Ġimgħa, mela l-perjodu ta' taħrika jibda nhar is-Sibt 5 ta' Mejju. L-ewwel ġurnata tal-perjodu ta' taħrika tista' għalhekk taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika.

DIES AD QUEM:

l-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju: "Il-jum ta' skadenza huwa inkluż fil-limitu ta' żmien. Madankollu, fejn din il-ġurnata taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika, il-jum ta' skadenza jitmexxa għall-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss."

Id-*dies ad quem* huwa l-jum meta jiskadi l-limitu ta' żmien. Huwa inkluż fil-limitu ta' żmien u għalhekk huwa l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien.

Madankollu, jekk dan id-*dies ad quem* jaħbat is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika, il-jum ta' skadenza jitmexxa għall-jum tax-xogħol ta' wara.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Skont l-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-limitu ta' żmien huwa kkalkulat minn nofsillejl sa nofsillejl. Jiġi kkalkulat mill-jum wara l-jum tal-att jew tal-avveniment li jagħti bidu għal-limitu ta' żmien u jinkludi l-ġranet kollha, anke s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi.

Madankollu, l-att jista' jitwettaq b'mod validu fir-reġistru tal-qorti biss fil-ġranet u matul il-ħinijiet li dan ir-reġistru tal-qorti jkun miftuħ għall-pubbliku, sakemm ma jitwettaqx b'mod elettroniku.

Għalhekk għandhom jintużaw **jiem kalendarji**.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Skont l-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-limitu ta' żmien f'xhur jew fi snin jiġi kkalkulat minn data kalendarja f'xahar wieħed sal-jum ta' qabel id-data kalendarja korrispondenti f'xahar ieħor.

Dan l-artikolu japplika biss għal limiti ta' żmien f'xhur jew fi snin (pereżempju, il-limitu ta' żmien għal oġġezzjoni jew appell: xahar); dan ifisser – meta jittieħed flimkien mal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju – li l-limitu ta' żmien ta' xahar, pereżempju, mhuwiex dejjem 30 jew 31 jum, iżda jista' jkun itwal jew iqsar.

"Data kalendarja" tfisser l-ewwel jum tal-limitu ta' żmien, jiġifieri l-jum ta' wara n-notifika.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-jum ta' skadenza (jiġifieri *d-dies ad quem*) huwa inkluż fil-limitu ta' żmien.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, huwa, madankollu, stipulat li, meta din il-ġurnata taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika, il-jum ta' skadenza jitmexxa għall-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

a/ Limiti ta' żmien li ma jikkawżawx id-dritt għal skadenza:

L-Artikolu 49 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jiddikjara li l-limiti ta' żmien huma stabbiliti bil-liġi u li l-qrati jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien biss meta dan huwa permess bil-liġi.

Skont l-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, qabel dawn jiskadu, il-qrati jistgħu jqassru jew jestendu l-limiti ta' żmien li ma jikkawżawx id-dritt għal skadenza. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor bil-liġi, l-estensjoni ma tistax tkun itwal mil-limitu ta' żmien oriġinali u l-ebda estensjoni oħra ma tista' tingħata, sakemm dan ma jsirx permezz ta' deċiżjoni motivata u għal raġunijiet serji.

b/ Il-parti li m'għandhiex domiċilju, post ta' residenza jew indirizz għan-notifika fil-Belġju:

Skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, fejn il-liġi tipprovdi li l-limiti ta' żmien imposti fuq parti li m'għandhiex domiċilju, post ta' residenza jew indirizz għan-notifika fil-Belġju għandhom jiġu estiżi, din l-estensjoni hija:

15-il jum meta l-parti tgħix f'pajjiż ġar jew fir-Renju Unit;

30 jum meta l-parti tgħix f'pajjiż Ewropew ieħor;

80 jum meta l-parti tgħix f'parti oħra tad-dinja.

c/ Waqt il-ferjat tal-qrati:

Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, kull limitu ta' żmien għal oġġezzjoni jew appell previst fl-Artikoli 1048, 1051 u 1253 quater, il-paragrafi (c) u (d), li jibda u jispiċċa matul il-ferjat tal-qrati jiġi estiż għall-ħmistax-il ġurnata tas-sena ġudizzjarja l-ġdida.

Il-ferjat tal-qrati jibda mill-1 ta' Lulju u jintemm fil-31 ta' Awwissu ta' kull sena.

Jekk il-limitu ta' żmien għal oġġezzjoni jew appell jibda u jispiċċa matul dan il-perjodu, mela *d-dies ad quem* ta' dan il-limitu ta' żmien jiġi estiż sal-15 ta' Settembru.

Eżempju 1: is-sentenza tiġi notifikata fit-30 ta' Ġunju (*dies a quo*). Il-limitu ta' żmien jibda fl-1 ta' Lulju u jintemm (*dies ad quem*) fil-31 ta' Lulju.

Eżempju 2: is-sentenza tiġi notifikata fil-31 ta' Lulju (*dies a quo*). Il-limitu ta' żmien jibda fl-1 ta' Awwissu u jintemm (*dies ad quem*) fil-31 ta' Awwissu.

Fiż-żewġ eżempji, kemm l-ewwel ġurnata tal-limitu ta' żmien kif ukoll *d-dies ad quem* jaqgħu fil-ferjat tal-qrati, u għalhekk il-limitu ta' żmien jiġi estiż sal-15 ta' Settembru, li huwa l-aħħar jum tax-xogħol biex titressaq oġġezzjoni jew appell.

Eżempju 3: is-sentenza tiġi notifikata fid-29 ta' Ġunju. Il-limitu ta' żmien jibda fit-30 ta' Ġunju. Id-*dies ad quem* jaħbat fid-29 ta' Lulju.

Eżempju 4: is-sentenza tiġi notifikata fl-1 ta' Awwissu. Il-limitu ta' żmien jibda fit-2 ta' Awwissu. Id-*dies ad quem* jaħbat fl-1 ta' Settembru.

Fiż-żewġ eżempji, jew l-ewwel ġurnata tal-limitu ta' żmien jew *id-dies ad quem* taħbat barra l-ferjat tal-qrati, u għalhekk il-limitu ta' żmien ma jiġix estiż sal-15 ta' Settembru.

Ta' min wieħed jinnota li kemm it-tieni paragrafu tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (estensjoni minħabba l-ferjat tal-qrati) kif ukoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (ċaqliq tad-data ta' skadenza għall-jum tax-xogħol li jmiss meta taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika) jistgħu japplikaw meta l-aħħar ġurnata tal-ferjat tal-qrati (31 ta' Awwissu) taħbat is-Sibt jew il-Ħadd u l-aħħar ġurnata tal-limitu ta' żmien (*dies ad quem*) taħbat fil-31 ta' Awwissu.

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Ġudizzjarju għandu jiġi applikat l-ewwel, qabel ma jiġi applikat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Eżempju:

Is-sentenza tiġi notifikata fil-31 ta' Lulju. Il-limitu ta' żmien għal oġġezzjoni jew appell jibda mill-1 ta' Awwissu u jintemm fil-31 ta' Awwissu, li jaħbat is-Sibt jew il-Ħadd.

Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, l-ewwel u l-aħħar jiem tal-limitu ta' żmien jaħbtu fil-ferjat tal-qrati, li jfisser li l-limitu ta' żmien jiġi estiż sal-15 ta' Settembru.

Huwa biss meta l-15 ta' Settembru jaħbat is-Sibt jew il-Ħadd li jista' jiġi applikat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, bl-aħħar ġurnata tal-limitu ta' żmien titmexxa għat-Tnejn.

d/ Il-mewt tal-parti li għandha permess tressaq oġġezzjoni, appell lil qorti superjuri jew appell fuq punti ta' liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni:

Skont l-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-mewt tal-parti tissospendi l-limitu ta' żmien impost fuq dik il-parti biex tagħmel oġġezzjoni, appell lil qorti superjuri jew appell fuq punti ta' liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni.

Dan il-limitu ta' żmien jerġa' jibda biss wara li s-sentenza tkun ġiet notifikata mill-ġdid fid-domiċilju tal-mejjet u jibda jgħodd biss mill-iskadenza tal-limiti ta' żmien biex jitfassal u jiġi kkunsidrat l-inventarju, jekk is-sentenza tkun ġiet notifikata qabel l-iskadenza ta' dawk il-limiti ta' żmien.

Is-sentenza tista' tiġi notifikata b'mod konġunt lill-werrieta, mingħajr ma jiġu ddikjarati l-ismijiet u l-kapaċitajiet tagħhom. Madankollu, kwalunkwe parti interessata tista' tiġi eżentata mill-iskadenza tad-dritt li tirriżulta mill-iskadenza tal-limiti ta' żmien tal-appell fejn jidher li l-parti msemmija ma kinitx taf bin-notifika.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Bħala regola ġenerali, skont l-Artikolu 1050 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, jista' jsir appell fil-każijiet kollha hekk kif tingħata s-sentenza, anke jekk tkun ingħatat f' kontumaċja. Fir-rigward ta' sentenza mogħtija fuq il-ġurisdizzjoni jew, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-qorti b' sentenza proviżorja, appell jista' jiġi ppreżentat biss mal-appell kontra s-sentenza finali.

Skont l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-limitu ta' żmien biex jiġi ppreżentat l-appell huwa ta' xahar min-notifika tas-sentenza skont it-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 792. Madankollu, skont l-Artikolu 1054 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, l-intimat jista' jagħmel appell inċidentali kontra kwalunkwe parti fil-proċedimenti quddiem il-qorti tal-appell fi kwalunkwe ħin, anke jekk is-sentenza tkun ġiet notifikata mingħajr riżerva jew tkun ġiet aċċettata qabel in-notifika tagħha.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Skont l-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, qabel ma dawn jiskadu, il-qrati jistgħu jqassru jew jestendu l-limiti ta' żmien li ma jikkawżawx id-dritt għal skadenza. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor bil-liġi, l-estensjoni ma tistax tkun itwal mil-limitu ta' żmien oriġinali u l-ebda estensjoni oħra ma tista' tingħata, sakemm dan ma jsirx permezz ta' deċiżjoni motivata u għal raġunijiet serji.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

L-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ġudizzjarju ġie introdott speċifikament għal parti bħal din. Meta l-kundizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkunu sodisfatti, il-parti msemmija tista' tieħu vantaġġ minn din id-dispożizzjoni.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, il-limiti ta' żmien li jikkawżaw id-dritt għal skadenza ma jistgħux jiġu mqassra jew estiżi, anke bil-qbil tal-partijiet, sakemm din l-iskadenza ma tkunx koperta mill-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi.

Fi kliem ieħor, l-att legali għandu jitwettaq qabel jiskadi l-limitu ta' żmien, inkella jirriskja li jaqa' barra l-limitu ta' żmien u li ma jkunx ammissibbli.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-permess li limitu ta' żmien perentorju jiskadi huwa definittiv. Fi kliem ieħor, ma jkunx aktar possibbli li jsir appell, sakemm ma tkunx inkisret il-liġi.

L-aħħar aġġornament: 29/10/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Bulgarija

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

(A) L-eżerċizzju tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja ta' drittijiet sostantivi suġġettivi huwa sostnut minn limitazzjoni u perjodi assoluti (perijodi ta' żmien kalendarji) stabbiliti mil-liġi.

Il-perjodu ta' limitazzjoni huwa l-perjodu ta' inattività tad-detentur ta' dritt suġġettiv, li l-iskadenza tiegħu jillikwida l-abbilità tiegħu / tagħha biex ifittxu protezzjoni legali ta' dak id-dritt. L-iskadenza ta' terminu ta' preskrizzjoni ma ttemmx id-dritt sostantiv innifsu iżda d-dritt assoċjat ta' azzjoni u d-dritt ta' infurzar, li jittrasforma d-dritt fi dritt naturali (dritt sostantiv mhux soġġett għal protezzjoni ġudizzjarja). Il-limitazzjoni mhijiex applikata uffiċjalment iżda biss wara oġġezzjoni mid-debitur quddiem il-qorti kompetenti jew bailiff.

Ir-regoli ta' durata, waqfien u sospensjoni ta' perijodi ta' limitazzjoni huma stipulati fl-Att dwar l-Obbligi u l-Kuntratti (OCA). Perjodu ta' limitazzjoni ġenerali ta' ħames snin huwa stabbilit għat-talbiet kollha mingħajr limiti ta' żmien speċjali. (l-Artikolu 110 OCA)

Perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin huwa stabbilit għal tliet gruppi ta' talbiet (l-Artikolu 111 OCA):

talbiet għal remunerazzjoni li għalihom ma hemm previst ebda perjodu ta' limitazzjoni

talbiet għal indennizz u kumpens li jirriżultaw minn kuntratt mhux imwettaq

talbiet għal kera, imgħax u pagamenti perjodiċi oħra bħalma huma talbiet ta' provvista ta' tisħin u tal-elettriku, irrispettivament minn varjazzjonijiet perjodiċi possibbli tal-ammont. Ir-rati ta' ħlas lura skont ftehimiet ta' self bankarju, madankollu, mhumiex tat-tip ta' pagamenti perjodiċi u huma soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni standard.

Perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin huwa wkoll stabbilit għad-dritt biex tintalab invalidazzjoni statutorja ta' kuntratti konklużi bi żball, jew bħala riżultat ta' frodi jew theddid, kif ukoll kuntratti konklużi minn persuni inkapaċitati jew ir-rappreżentanti tagħhom mingħajr ma jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti.

Perjodu ta' limitazzjoni ta' sena huwa stabbilit għad-dritt biex tintalab invalidazzjoni statutorja ta' kuntratt konkluż minħabba neċessità eċċezzjonali jew kundizzjonijiet ovvjament sfavorevoli (l-Artikolu 33 OCA)

Perjodu ta' limitazzjoni ta' sitt xhur huwa previst għal pretensjonijiet dwar in-nuqqas ta' bejgħ ta' beni immobbli jew nuqqas ta' ħila fix-xogħol f'kuntratt ta' manifattura, barra minn xogħlijiet ta' kostruzzjoni fejn il-pretensjoni hija llikwidata fi ħdan it-terminu ġenerali ta' ħames snin (l-Artikolu 265 OCA).

Perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn huwa stabbilit fi proċedimenti ta' infurzar. Meta l-kreditur f'kawża ta' eżekuzzjoni li jkun beda jonqos milli jfittex li jieħu azzjonijiet ta' infurzar matul is-sentejn, il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jintemmu *ex lege* fuq il-bażi tal-punt 8 tal-Artikolu 433(1) CPC, u l-perjodu ta' limitazzjoni ġdid jibda jiddekorri mit-teħid ta' azzjoni ta' infurzar valida l-aktar reċenti.

It-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn meta jiġi fformat u jista' jiġi eżerċitat id-dritt ta' azzjoni, li jiddependi min-natura tad-dritt sostantiv milqut. Dan jista' ikun iż-żmien meta l-obbligu kuntrattwali jkun sar pagabbli, jew iż-żmien meta l-att kundannabbli jkun ġie mwettaq, jew iż-żmien ta' identifikazzjoni ta' min ikun wettaq ir-reat, jew iż-żmien tar-ritorn tal-oġġett fi pretensjoni għal difetti, eċċ.

Il-perjodu ta' limitazzjoni ma jistax jiġi mqassar jew imtawwal bil-kunsens tal-partijiet.

Madankollu, il-perjodu ta' limitazzjoni jista' jiġi sospiż u interrott.

Il-perjodu ta' limitazzjoni jieqaf milli jiddekorri fil-każijiet stipulati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 115 OCA:

bejn it-tfal u l-ġenituri, meta dawn tal-aħħar ikunu qed jeżerċitaw id-drittijiet parentali tagħhom;

bejn il-persuni li huma taħt kurazija jew tutela u l-kuraturi jew it-tuturi tagħhom sakemm dik il-kurazija jew it-tutela tippersisti;

bejn il-konjuġi;

għal pretensjonijiet ta' persuni li l-proprjetà tagħhom, bil-liġi jew bl-ordni tal-qorti, hija suġġetta għal amministrazzjoni, kontra l-amministratur sakemm tibqa' dik l-amministrazzjoni;

għal pretensjonijiet dwar kumpens ta' entitajiet ġuridiċi kontra l-maniġers tagħhom filwaqt li dawn tal-aħħar ghadhom fil-kariga;

għal pretensjonijiet ta' minorenni u persuni taħt sistema ta' trażżin għall-perjodu ta' assenza ta' rappreżentanza legali jew trustee, u sitt xhur wara l-ħatra tat-tali persuna, jew wara li l-inkapaċità tkun ġiet fit-tmiem tagħha;

sakemm il-proċedimenti rigward il-pretensjoni jkunu fis-seħħ.

Fit-tali każijiet, il-parti hija mċaħħda temporanjament u legalment mill-abbilità li teżerċita' id-dritt għal azzjoni. Il-perjodu ta' limitazzjoni li jiddekorri sakemm is-sospensjoni tibqa' fis-seħħ u jkompli jiddekorri wara li tkun għaddiet iċ-ċirkustanza li kkawżat is-sospensjoni.

Il-perjodu ta' limitazzjoni huwa sospiż fil-każijiet segwenti:

bir-rikonoxximent tad-debitur tal-pretensjoni

bi pretensjoni jew oġġezzjoni, jew bi pretensjoni għal konċiljazzjoni; madankollu, jekk il-pretensjoni jew l-oġġezzjoni mhijiex iġġustifikata, il-perjodu ta' limitazzjoni mhuwiex meqjus li jkun ġie interrott

billi ssir pretensjoni fil-proċedimenti ta' insolvenza

billi jittieħdu azzjonijiet ta' infurzar

F'dawn il-każijiet, il-perjodu li jiddekorri miż-żmien ta' oriġini tad-dritt għal azzjoni sas-sospensjoni tal-limitazzjoni jitlef ir-rilevanza legali tiegħu u perjodu ta' limitazzjoni ġdid jibda jiddekorri. Meta s-sospensjoni hija mwettqa permezz ta' pretensjoni jew oġġezzjoni, il-liġi tistabbilixxi wkoll konsegwenza importanti oħra: il-perjodu ta' limitazzjoni ġdid li jibda jiddekorri wara s-sospensjoni huwa dejjem ta' ħames snin.

Il-perjodi ta' żmien assoluti (preklużjoni) huma dawk li mal-iskadenza tagħhom id-drittijiet sostantivi stess jiskadu. Dawn il-perjodi ta' żmien jibdew jiddekorru minn żmien ta' oriġini tad-dritt sostantiv, u mhux miż-żmien ta' oriġini tad-dritt ta' azzjoni.

Il-perjodi assoluti ma jistgħux jitwaqqfu jew jiġu sospiżi bħal perjodi ta' limitazzjoni.

Dawn jiġu applikati mill-qorti jew minn uffiċjal ġudizzjarju *ex officio*, li jfisser li l-protezzjoni tagħhom ma teħtieġx oġġezzjoni mid-debitur. L-iskadenza ta' terminu fiss twassal għall-inammissibbiltà ta' rikors, filwaqt li l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni (dment li ssir oġġezzjoni) twassal sabiex l-azzjoni ma tkunx iġġustifikata.

Tali perjodi ta' preklużjoni jinkludu: il-perjodu ta' tliet xhur li fih id-detentur ta' pleġġ jew self ipotekarju jista' joġġezzjona jekk il-pagament ta' indennizz ta' assigurazzjoni jsir lis-sid tal-oġġett, u mhux lilu / lilha; il-perjodu ta' xahrejn li fih koproprjetarju jista' iressaq azzjoni għax-xiri ta' oġġett kondiviż jekk il-koproprjetarju l-ieħor biegħ is-sehem tiegħu / tagħha lil parti terza; il-perjodu ta' sena għat-tressiq ta' azzjoni biex tiġi kkanċellata donazzjoni, eċċ.
B) Il-perjodi ta' żmien għall-prestazzjoni ta' ċerti azzjonijiet proċedurali mill-partijiet u l-qorti fi proċedimenti għal pretensjonijiet, u kif ukoll fi proċedimenti ta' infurzar, huma stabbiliti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (CPC). It-termini għat-twettiq ta' azzjonijiet proċedurali fi proċedimenti ta' insolvenza huma stabbiliti mill-Att dwar il-Kummerċ (Targovski zakon) (TZ) u, rispettivament, mill-Att dwar l-Insolvenza tal-Banek (Zakon za bankovata nesastoyatelnost) (ZBN) fir-rigward tal-insolvenza tal-banek u f'liġijiet speċjali oħra.
Fir-rigward tal-partijiet, l-ommissjoni tal-iskadenza tirriżulta fil-likwidazzjoni tad-dritt li jwettqu l-azzjoni proċedurali rilevanti. In-nuqqas ta' osservanza tal-iskadenza stabbilita għall-proċedimenti mill-qorti ma jikkostitwixxix impediment biex titwettaq l-azzjoni proċedurali aktar tard billi din għadha debita. It-termini stabbiliti fir-rigward tal-qorti huma biss indikattivi.
It-termini sabiex jitwettqu l-azzjonijiet proċedurali mill-partijiet huma dawk li huma stabbiliti mil-liġi, u dawk stabbiliti mill-qorti.
It-termini stabbiliti mil-liġi (termini legali) jinkludu:
it-terminu biex jiġu rimedjati n-nuqqas ta' konformitajiet tad-dikjarazzjoni ta' azzjoni (ġimgħa mill-komunikazzjoni lill-parti: Artikolu 129(2) CPC, iżda l-qorti hija ħielsa li tistabbilixxi limitu ta' żmien itwal
it-terminu għar-replika għall-pretensjoni tal-konvenut, għall-ispeċifikar ta' evidenza, għall-kontestazzjoni tal-veraċità tal-evidenza fid-dikjarazzjoni tal-pretensjoni, sabiex issir kontrotalba, għall-introduzzjoni ta' parti terzi (aċċessorji) mill-konvenut u t-tressiq ta' kawżi kontrihom, u għall-oġġezzjoni kontra l-proċedura stabbilità mil-qorti biex tikkunsidra l-proċedimenti. Dan jibda jiddekorri mir-riċeviment tal-kopja dupplikata tad-dikjarazzjoni ta' azzjoni mill-konvenut, u huwa xahar jew xahrejn skont jekk il-proċedimenti humiex taħt il-proċedura standard jew taħt il-proċedura speċjali tal-pretensjonijiet għar-rieżami ta' tilwim kummerċjali (l-Artikolu 131 u l-Artikolu 367 CPC)
it-terminu sabiex tintalab dikjarazzjoni addizzjonali mill-pretendent fi proċedimenti dwar disputi kummerċjali - perjodu ta' ġimagħtejn mir-riċeviment tar-risposta tal-konvenut (l-Artikolu 372 CPC)
it-terminu għar-risposta għad-dikjarazzjoni addizzjonali mill-konvenut fi proċedimenti dwar disputi kummerċjali - perjodu ta' ġimagħtejn mir-riċeviment tad-dikjarazzjoni addizzjonali tal-pretensjoni (l-Artikolu 373 CPC)
it-terminu għall-appell kontra d-deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti - perjodu ta' ġimagħtejn min-notifika tad-deċiżjoni lill-parti (l-Artikolu 259 CPC)
it-terminu għar-risposta għall-appell mill-parti opposta u għas-sottomissjoni ta' kontrappell - perjodu ta' ġimagħtejn mir-riċeviment ta' kopja tal-appell (l-Artikolu 263 CPC)
it-terminu għall-appell ta' kassazzjoni kontra d-deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti - perjodu ta' xahar min-notifika tad-deċiżjoni lill-parti (l-Artikolu 283 CPC)
it-terminu għall-appell kontra deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti - perjodu ta' ġimgħa mill-komunikazzjoni tagħhom lill-parti, u jekk ikunu ngħataw f'seduta ta' smigħ tal-qorti li fiha l-parti tkun preżenti, it-terminu jiddekorri mid-data tas-smigħ (l-Artikolu 275 CPC)
it-terminu għas-sottomissjoni ta' rikors għall-kanċellazzjoni ta' deċiżjoni infurzata - perjodu ta' tliet xhur mill-okkorrenza tar-raġunament għall-kanċellazzjoni tagħha (l-Artikolu 305 CPC)
it-terminu li fih il-parti tista' titlob għar-rekuża tal-imħallef - l-ewwel seduta ta' smigħ wara l-okkorrenza tar-raġunament għar-rekuża, jew minn meta l-parti ssir taf dwaru (l-Artikolu 23 CPC)
it-terminu li fih il-parti tista' tressaq oġġezzjoni għal nuqqas ta' ġuriżdizzjoni esklużiva - sakemm jispiċċaw il-proċedimenti fit-tieni istanza (l-Artikolu 119 CPC)
it-terminu li fih parti tista' tressaq oġġezzjoni għan-nuqqas ta' ġuriżdizzjoni lokali billi tiġi lokalizzata l-proprjetà immobbli - sakemm tispiċċa l-inkjesta ġudizzjarja fl-ewwel istanza (l-Artikolu 119 CPC), u fil-każijiet l-oħra ta' ksur tar-regoli ta' ġuriżdizzjoni lokali, tista' titressaq oġġezzjoni biss mill-parti konvenuta fi ħdan il-perjodu għar-risposta tar-rikors (l-Artikolu 119 CPC). F'azzjonijiet tal-konsumatur u azzjonijiet miġjuba minn persuna korruta kontra assiguratur, il-Fond ta' Garanzija (Garantsionen fond) u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' Assiguraturi ta' Vetturi bil-Mutur (Natsionalno byuro na balgarskite avtomobilni zastrahovateli), il-qorti tiżgura *ex officio* konformità mal-ġuriżdizzjoni lokali sakemm l-ewwel seduta tal-qorti tiġi fit-tmiem tagħha.
it-terminu li fih il-pretendent jista' jirtira' id-dikjarazzjoni tal-pretensjoni mingħajr il-kunsens tal-parti konvenuta - sakemm jispiċċa s-smigħ tal-ewwel qorti (l-Artikolu 232 CPC)
it-terminu li fih parti tista' tissottometti rikors inċidentali - fl-ewwel seduta ta' smigħ għall-pretendent u fi ħdan il-perjodu għar-risposta għad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni mill-parti konvenuta (l-Artikolu 212 CPC)
it-terminu għall-kontestazzjoni tal-veraċità ta' dokument - bir-replika għall-azzjoni legali li hija ppreżentata magħha, l-aktar tard, u jekk ippreżentata mad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni, il-parti konvenuta għandha tikkontestaha bir-replika bil-miktub tagħha (l-Artikolu 193 CPC)
it-terminu biex issir oġġezzjoni kontra ordni ta' pagament - perjodu ta' ġimagħtejn min-notifika tal-ordni (l-Artikolu 414 CPC)
it-terminu biex jsir appell minn rifjut biex jinħareġ ordni ta' pagament - perjodu ta' ġimgħa mill-komunikazzjoni lill-petizzjonant (l-Artikolu 413 CPC)
it-terminu biex isir appell minn ordni biex jinħareġ mandat ta' eżekuzzjoni - perjodu ta' xahrejn li jiddekorri minn notifika tal-ordni għall-petizzjonant, u minn notifika tat-talba għal konformità volontarja għad-debitur (l-Artikolu 407 CPC)
it-terminu għal konformità volontarja mid-debitur fil-proċedimenti ta' infurzar - perjodu ta' ġimagħtejn minn notifika tat-talba mill-bailiff (l-Artikolu 428 CPC)
it-terminu għall-appell mill-azzjonijiet tal-bailiff - perjodu ta' ġimgħa mill-prestazzjoni tal-azzjoni jekk il-parti kienet preżenti għal dik il-prestazzjoni, jew jekk kienet regolarment imħarrka, u f'każijiet oħra - mid-data tal-avviż formali (l-Artikolu 436 CPC)
it-terminu għas-sottomissjoni tal-pretensjoni fi proċedimenti ta' insolvenza - fi żmien xahar, u fi żmien tliet xhur, rispettivament, mill-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali tad-deċiżjoni li jinbdew proċedimenti ta' insolvenza (l-Artikolu 685 u l-Artikolu 688 CA)
it-terminu biex jiġi applikat pjan ta' rkupru - fi żmien xahar mid-data tal-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali tad-deċiżjoni tal-qorti għall-approvazzjoni tal-lista ta' pretensjonijiet aċċettati (l-Artikolu 696 CA)
it-terminu biex isiru l-oġġezzjonijiet kontra l-lista ta' pretensjonijiet aċċettati - perjodu ta' sebat ijiem mill-iżvelar tal-lista fir-reġistru kummerċjali (l-Artikolu 690 CA)
it-terminu għas-sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet kontra l-kont allokat imħejji mill-amministratur tal-insolvenza - perjodu ta' erbatax-il jum mill-inklużjoni tal-kont fir-reġistru kummerċjali (l-Artikolu 727 CA)
it-termini fiss għat-twettiq ta' azzjonijiet proċedurali rilevanti huma wkoll regolati f'liġijiet speċjali oħra li ma jistgħux possibbilment jiġu elenkati b'mod eżawrjenti: fir-rigward tal-proċedimenti ta' stabbilizzazzjoni min-negozjant, iż-ZBN, il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni (Kodeks za zastrahovaneto), eċċ.
It-termini stabbiliti mill-qorti jinkludu:
it-terminu għall-ġbir tal-evidenza (l-Artikolu 157 CPC)
it-terminu għall-iddepożitar tal-ispejjeż għall-ġbir tal-evidenza (taħrika tax-xhieda, pagament ta' benefiċċju għal xhieda esperti, eċċ.) - (l-Artikolu 160 CPC)
it-terminu għar-rimedju tal-irregolarità ta' azzjoni proċedurali mwettqa mill-parti (l-Artikolu 101 CPC)
terminu għar-riċeviment tad-dikjarazzjoni ta' azzjoni, li normalment ikun itwal minn ġimgħa

It-termini huma diviżi wkoll f'żewġ tipi skont jekk dawn jistgħux jiġu estiżi mill-qorti, jew din l-opzjoni hija eskluża. It-termini kollha stabbiliti mill-qorti huma soġġetta għal estenżjoni. It-termini għall-appell u għas-sottomissjoni ta' talba għall-annullament ta' sentenza eżegwibbli mhumiex soġġetti għal estenżjoni: Artikolu 63(3) CPC.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Il-btajjel pubbliċi jinkludu:
l-1 ta' Jannar - l-Ewwel tas-Sena
it-3 ta' Marzu - Jum il-Liberazzjoni - Festa Nazzjonali;
l-1 ta' Mejju - Jum il-Ħaddiem;
is-6 ta' Mejju - Jum San Ġorġ, Jum il-Kurraġġ u l-Armata Bulgara;
l-24 ta' Mejju - Jum l-Edukazzjoni u l-Kultura Bulgara u l-Litteratura Slavonika;
is-6 ta' Settembru - Jum l-Unifikazzjoni;
it-22 ta' Settembru - Jum l-Indipendenza;
l-1 ta' Novembru - Jum l-Aġenti Nazzjonali: jum mhux tax-xogħol għall-istituzzjonijiet edukattivi kollha u għal jum ta' xogħol għall-entitajiet legali l-oħrajn kollha;
l-24 ta' Diċembru - Lejlet il-Milied, il-25 u s-26 ta' Diċembru - il-Milied;
il-Ġimgħa l-Kbira, is-Sibt Qaddis u l-Għid il-Kbir - jumejn (il-Ħadd u t-Tnejn), li huma stabbiliti għal ċelebrazzjoni fis-sena rispettiva.
Il-Kunsill tal-Ministri jista' jiddikjara wkoll, f'okkażjoni waħda biss, jiem oħra għall-btajjel pubbliċi, jiem għaċ-ċelebrazzjoni ta' uħud mill-professjonijiet, u kif ukoll bħala jiem ta' xift mhux tax-xogħol matul is-sena.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli ġenerali dwar it-termini għat-twettiq ta' azzjonijiet proċedurali mill-partijiet u mill-qorti fi proċedimenti għal pretensjonijiet, kif ukoll fi proċedimenti ta' infurzar, huma stabbiliti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (CPC). Għadd ta' liġijiet speċjali jistabbilixxu wkoll perjodi fissi għall-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali, eż. l-Artikolu 74 tat-TZ, l-Artikolu 19 u l-Artikolu 25 tar-Reġistru Kummerċjali u l-Att dwar ir-Reġistru ta' Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qligħ (Zakon za targovskiya registar i registara na yuridicheskite litsa s nestopanska tsel) (ZTRRYLNT), eċċ. Informazzjoni ġenerali dwar ir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu Sebgħa tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili "Limiti ta' żmien u rkupru ta' limiti ta' żmien" hija ppreżentata fit-tweġibiet għall-Mistoqsijiet 4, 5 u 6.
Ir-regoli ġenerali dwar il-perjodi ta' limitazzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 110 et seq. tal-Att dwar l-Obbligi u l-Kuntratti. Ara l-Intestatura 1.
Ir-regoli ġenerali dwar it-termini għas-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' obbligi huma stabbiliti fl-Artikoli 69-72 tal-Att dwar l-Obbligi u l-Kuntratti.
Fil-preżenza ta' prekundizzjonijiet iddefiniti fil-liġi proċedurali (l-Artikolu 61, l-Artikolu 229, l-Artikolu 432 CPC), it-termini proċedurali stabbiliti ma jibqgħux jiddekorru, f'liema każ il-waqfien jibda mill-avveniment li wassal għas-sospensjoni tal-proċedimenti. Il-proċedimenti jiġu sospiżi meta jkun hemm ostakolu għall-progress kontinwu tagħhom u sakemm jitneħħa l-eżekuzzjoni tal-azzjoni proċedurali hija inammissibbli, bl-eċċezzjoni tal-garanzija tal-azzjoni. Wara li jitneħħa l-impediment (eż. tmut parti, trid tiġi istitwita tutela, jeżistu proċedimenti sottostanti, eċċ.), il-proċedimenti jkunu soġġetti għall-issoktar, u mbagħad l-azzjonijiet kollha li jkunu ttieħdu qabel is-sospensjoni jżommu l-validità tagħhom.
Il-liġijiet speċjali jistabbilixxu limiti ta' żmien oħrajn li huma iqsar mill-perjodu ta' limitazzjoni standard.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-punt tat-tluq li minnu t-terminu biex tittieħed xi azzjoni proċedurali jibda jiddekorri huwa ġeneralment id-data li fiha l-parti tiġi informata li hija għandha twettaq dik l-azzjoni, jew tiġi nnotifikata konsegwentement ta' att deċiż mill-qorti li kontrih jista' isir ilment.
it-terminu għal rimedju ta' kull irregolarità tad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni jiddekorri mid-data li fiha l-istruzzjonijiet tal-qorti huma kkomunikati lill-parti.
it-terminu għal replika bil-miktub għad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni mill-konvenut jiddekorri mir-riċeviment ta' kopja tad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni u l-evidenza mehmuża magħha, u fl-avviż formali li bih il-qorti tibgħat il-kopji lill-konvenut hija trid tispeċifika t-terminu għar-replika u l-konsegwenzi fin-nuqqas li dan isir.
it-terminu biex isir appell mis-sentenza jiddekorri min-notifika tagħha lill-parti.
it-terminu biex isir appell minn sentenza deċiża f'kawża kkunsidrata taħt il-proċedura "Proċedimenti Sommarji" (It-Tielet Parti, Kapitolu 25 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jiddekorri mid-data li fiha l-qorti tkun iddikjarat li hija se tagħti s-sentenza tagħha.
it-terminu għall-appell mis-sentenza jiddekorri mill-komunikazzjoni tagħha lill-parti, u jekk tkun ingħatat f'seduta ta' smigħ tal-qorti li fiha l-parti tkun preżenti, it-terminu jiddekorri mid-data tas-seduta ta' smigħ.
l-appell mill-azzjonijiet ta' bailiff għandu jitressaq f'perjodu ta' ġimgħa mill-prestazzjoni tal-azzjoni jekk il-parti kienet preżenti għal dik il-prestazzjoni, jew jekk kienet regolarment imħarrka, u f'każijiet oħra - mid-data tal-komunikazzjoni.
it-termini fi proċedimenti ta' insolvenza jiddekorru mid-divulgazzjoni tal-azzjoni rilevanti tal-amministratur tal-insolvenza (pereżempju, it-tlestija ta' lista ta' kredituri bi pretensjonijiet aċċettati), jew minn att tal-qorti fir-Reġistru Kummerċjali.
Hemm wkoll termini li jibdew jiddekorru mill-mument tat-tħejjija tal-proċedimenti tal-pretensjonijiet, peress li l-liġi tistabbilixxi biss iż-żmien aħħari għall-prestazzjoni tagħhom.
Pereżempju:
il-pretendent jista' ibiddel ir-raġunijiet jew il-petizzjoni tat-talba tiegħu jew jirtira t-talba mingħajr il-kunsens tal-parti konvenuta sat-tlestija tal-ewwel seduta ta' smigħ fil-kawża,
kull werriet fil-proċedimenti ta' partizzjoni jista', mal-ewwel seduta ta' smigħ, jitlob permezz ta' rikors bil-miktub li jkollu proprjetà addizzjonali inkluża bħala suġġetta għall-partizzjoni, eċċ.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

It-terminu jibda jiddekorri minn meta ssir in-notifika lill-parti. Iż-żmien li matulu l-avviż formali lill-parti jkun meqjus li jkun ġie nnotifikat b'mod adegwat jiġi stabbilit b'mod differenti, skont il-mod tan-notifika. Il-Kapitolu VI "Avviżi formali u taħrikiet" tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi r-regoli dwar il-mod tan-notifika tal-avviżi formali u t-taħrikiet lill-partijiet, u kif ukoll dwar iż-żmien li fih l-avviżi formali huma meqjusa li jkunu ġew innotifikati b'mod adegwat.
Meta l-avviż formali jiġi nnotifikat personalment lid-destinatarju tar-rappreżentant tiegħu, jew lil persuna oħra, rispettivament, li tgħix jew taħdem fl-indirizz, it-taħrika trid issemmi d-data li fiha l-avviż formali jkun ġie riċevut mill-persuna, kemm jekk tkun ġiet innotifikata minn aġent tal-qorti jew ħaddiem tal-posta. Minn dik id-data, it-termini għall-azzjoni proċedurali rilevanti jibdew jiddekorru.
L-avviżi formali jistgħu jiġu nnotifikati wkoll f'indirizz tal-posta elettronika speċifikat mill-parti. Dawn jitqiesu li jkunu ġew innotifikati bl-inklużjoni tagħhom fis-sistema ta' informazzjoni speċifikata.
Fil-preżenza ta' prekundizzjonijiet legali (pereżempju, meta l-parti tkun bidlet l-indirizz li hija tkun speċifikat għall-każ mingħajr ma tkun innotifikat lill-qorti), il-qorti tista' tordna li n-notifika ssir billi jiġi mehmuż l-avviż formali mal-każ, imbagħad it-terminu jibda jiddekorri mid-data li fiha dan ikun ġie mehmuż. Dan huwa servizz ta' sostituzzjoni, li jintuża meta ma jkunx hemm konformità ma' obbligu proċedurali impost.

Meta parti konvenuta ma tinstabx fl-indirizz stabbilit tagħha u ebda persuna ma tinstab biex tingħata l-avviż formali, is-server irid iwaħħal notifika mal-bieb, jew mal-kaxxa tal-ittri, li tgħid li d-dokumenti tħallew fl-uffiċċju tal-qorti u jistgħu jiġu riċevuti fi żmien ġimagħtejn mid-data tan-notifika. F'dan il-każ, jekk il-konvenut ma jiġix jiġborhom, l-avviż formali u d-dokumenti relatati jkunu meqjusa li jkunu ġew innotifikati mal-iskadenza tat-terminu għar-riċeviment tagħhom. Notifika alternattiva f'din is-sitwazzjoni tirriżulta min-nuqqas ta' konformità tal-persuna fiżika mal-obbligu amministrattiv tagħha li tiddikjara l-indirizz permanenti u attwali li fih hija suppost tinstab.
L-avviżi jiġu nnotifikati lil negozjanti u entitajiet legali li jiddaħħlu f'reġistru rilevanti fl-aħħar indirizz iddikjarat fir-reġistru. Jekk ma jeżistix uffiċċju f'dak l-indirizz u ma jinstabx sinjal korporattiva, jiġifieri hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-persuna ħalliet l-indirizz tagħha, il-komunikazzjonijiet kollha jitqiegħdu fil-fajl tal-kawża u jitqiesu li jkunu ġew debitament notifikati: Artikolu 50(2) CPC.
Jekk in-negozjant ikun jinsab fl-indirizz imniżżel fir-reġistru, iżda l-marixxall ma jiksibx aċċess għall-uffiċċju jew ma jsibx persuna li lesta taċċetta l-avviż, il-marixxall iħalli avviż u, sakemm id-dokumenti ma jaslux fi żmien ġimagħtejn ta' dak l-avviż, dawn jitqiesu li jkunu ġew innotifikati (sostituzzjoni ta' avviż).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

It-terminu huwa kkalkulat fi snin, ġimgħat u jiem. Terminu li jingħadd f'jiem huwa kkalkulat mill-jum li jiġi wara l-jum li fih il-perjodu jibda jiddekorri u jiskadi fi tmiem tal-aħħar jum. Pereżempju, jekk il-parti tiġi ordnata tirremedja għall-irregolaritajiet ta' azzjoni fi żmien sebat ijiem, u avviż formali jiġi nnotifikat fl-1 ta' Ġunju, din hija d-data li fiha t-terminu jibda jiddekorri, iżda ż-żmien jibda jingħadd mal-jum kalendarju li jmiss, it-2 ta' Ġunju, u l-perjodu jiskadi fit-8 ta' Ġunju.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

It-termini huma kkalkulati f'jiem kalendarji. Jekk, madankollu, it-terminu jiskadi f'jum mhux tax-xogħol (tmiem il-ġimgħa jew vaganza), dan jitqies li jiskadi fl-ewwel jum tax-xogħol wara l-jum li fih ma jsirx xogħol.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Terminu li jingħadd f'ġimgħat jiskadi fil-jum rispettiv tal-aħħar ġimgħa. Pereżempju, jekk il-parti tingħata istruzzjonijiet biex tirrimedja għall-irregolarità tad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni fi żmien ġimgħa, u avviż formali relatat jiġi nnotifikat l-Ġimgħa, it-terminu jiskadi l-Ġimgħa tal-ġimgħa d-dieħla.
Terminu li jingħadd f'xhur jiskadi fid-data rispettiva tal-aħħar xahar, u jekk l-aħħar xahar ma għandu ebda tali data, il-perjodu se jiskadi fl-aħħar jum tax-xahar.
Terminu li jingħadd fi snin jiskadi fid-data rispettiva tal-aħħar sena, u jekk l-aħħar sena ma għandha ebda tali data, il-perjodu se jiskadi fl-aħħar jum tas-sena.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Ara r-risposta għad-Domanda 8.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Meta l-aħħar jum tal-perjodu huwa wieħed ta' nuqqas ta' dehra, it-terminu jiskadi dejjem fl-ewwel jum sussegwenti ta' dehra.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Biss it-termini għall-appell minn sentenzi u ordnijiet, u għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-kanċellazzjoni ta' deċiżjoni infurzata ma jistgħux jiġu estiżi mill-qorti, kif ukoll it-terminu għat-tressiq ta' oġġezzjoni kontra ordni ta' ħlas.
It-termini legali l-oħra kollha u dawk iffissati mill-qorti jistgħu jiġu estiżi mill-qorti fuq it-talba tal-parti kkonċernata, li ssir qabel l-iskadenza tat-terminu jekk ikun hemm raġunijiet validi (l-Artikolu 63 CPC). It-terminu l-ġdid stabbilit jista' ikun iqsar minn dik inizjali. It-terminu estiż jibda jiddekorri mill-iskadenza ta' dak inizjali. Id-deċiżjoni li biha jiġi estiż it-terminu (u d-deċiżjoni li biha tali estenżjoni tiġi miċħuda) ma tiġix ikkomunikata lill-parti li, għalhekk, għandha ssegwi b' mod attiv l-attività tal-qorti.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-appell kontra s-sentenzi u l-ordnijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kollha billi jipprevedi:
perjodu ta' ġimagħtejn għall-appell kontra s-sentenzi deċiżi mill-qorti, li jiddekorri min-notifika tas-sentenza lill-parti
perjodu ta' ġimgħa għall-appell kontra appell ta' kassazzjoni mis-sentenzi deċiżi mill-qorti, li jiddekorri min-notifika tas-sentenza lill-parti
perjodu ta' ġimgħa għall-appell mis-sentenzi deċiżi mill-qorti, li jiddekorri mill-komunikazzjoni tagħhom lill-parti, u jekk tkun ingħataw f'seduta ta' smigħ tal-qorti li fiha l-parti tkun preżenti, li jiddekorri mid-data tas-seduta ta' smigħ.
L-esklużjonijiet għal dawn ir-regoli ġenerali huma stabbiliti b'mod eżawrjenti mil-liġi u huma bbażati fuq il-fatturi speċifiċi tal-proċedimenti rilevanti. It-tali esklużjonijiet huma previsti għal:
deċiżjonijiet biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza li huma suġġetti għal appell fi żmien sebat ijiem mid-dħul tagħhom fir-Reġistru Kummerċjali;
deċiżjonijiet li jiċħdu rikors għall-bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza, li huma suġġetti għal appell fi żmien sebat ijiem mid-data tal-avviż skont il-proċedura tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;
deċiżjoni fi proċedimenti ta' partizzjoni li fiha l-qorti tiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet tal-kopartizzjonarji għal kontijiet, deċiżjoni biex tiġi assenjata proprjetà immobbli indiviżibbli għal bejgħ pubbliku, deċiżjoni li tiġi assenjata proprjetà immobbli indiviżibbli għal wieħed mill-kopartizzjonarji, u deċiżjoni biex jiġi żvelat l-aħħar protokoll finali ta' partizzjoni tista' tiġi appellata b'ilment konġunt fi ħdan it-terminu għall-appell kontra d-deċiżjoni l-aktar riċenti
deċiżjoni ta' nuqqas ta' dehra mhijiex suġġetta għall-appell, iżda fi żmien xahar min-notifika tagħha l-parti li kontriha tkun ġiet ordnata tista' titlob lill-qorti tal-appell sabiex tikkanċella d-deċiżjoni jekk hija ma tkunx tista' tipparteċipa fil-każ
deċiżjoni biex jitħalla divorzju kunsenswali mhijiex suġġetta għal appell,
hemm ukoll sitwazzjonijiet speċjali oħra li jirregolaw it-termini għal appell minn sentenza: eż. deċiżjoni dwar id-dħul ta' partit politiku tista' tiġi appellata fi żmien sebat ijiem.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Ma hemm ebda provvediment sabiex il-qorti tqassar it-termini stabbiliti minnha jew mil-liġi, iżda biss sabiex testendi t-termini fuq it-talba tal-partijiet. Biss it-termini għall-appell minn sentenzi u ordnijiet, u għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-kanċellazzjoni ta' deċiżjoni infurzata ma jistgħux jiġu estiżi mill-qorti, kif ukoll it-terminu għat-tressiq ta' oġġezzjoni kontra ordni ta' ħlas.
Madankollu, ma hemm ebda ostakolu sabiex il-qorti, ex officio jew fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, tbiddel id-data tas-seduta ta' smigħ billi tiskedaha f'data li tiġi qabel jew wara, jekk dan ikun meħtieġ minħabba ċirkostanzi importanti. Fit-tali każijiet, madankollu, il-qorti għandha tinnotifika l-partijiet bid-data l-ġdida, u l-avviż formali għandu jiġi nnotifikat mill-inqas fi żmien ġimgħa qabel id-data tas-seduta ta' smigħ.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Ir-regoli proċedurali tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, inkluż dawk relatati mal-estenżjoni tat-terminu, japplikaw għall-parteċipanti kollha fil-proċedimenti, irrispettivament mill-post tar-residenza tagħhom.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Il-prinċipju komuni huwa li l-azzjonijiet proċedurali mwettqa wara l-iskadenza tat-termini ma jiġux meqjusa mill-qorti. Barra minn din ir-regola, ic-CPC jipprevedi espressament li jekk in-nuqqasijiet tad-dikjarazzjoni tal-pretensjoni ma jiġux rimedjati fil-ħin, din tiġi ritornata; jekk appell, talba għal annullament

jew oġġezzjoni għal mandat ta' eżekuzzjoni jiġu ppreżentati wara l-iskadenza tat-terminu, dawn jiġu ritornati bħala preskritti; jekk il-parti tonqos milli tressaq fiż-żmien dovut l-evidenza disponibbli lilha, din ma tiġix aċċettata fil-kawża, sakemm l-ommissjoni mhijiex dovuta għal ċirkustanzi speċjali mhux previsti. In-nuqqas ta' konformità mat-termini proċedurali jipprekludi l-eżerċizzju tad-drittijiet li għalihom huma previsti dawn it-termini.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Parti li ma tkunx osservat it-terminu stabbilit mil-liġi jew mill-qorti tista' titlob li terġa' tiddaħħal fil-proċedura tal-każ jekk hija tipprova li n-nonosservazzjoni kienet dovuta għal ċirkostanzi speċjali mhux previsti li hija ma setgħetx tikkontrolla. Ebda dħul mill-ġdid fil-proċedura tal-każ mhuwa permess jekk kien possibbli li tingħata estensjoni tat-terminu sabiex tiġi mwettqa l-azzjoni proċedurali.

Talba għal dħul mill-ġdid fil-proċedura tal-każ trid tiġi ppreżentata fi żmien ġimgħa mill-avviż formali ta' nonosservazzjoni, billi jiġu indikati ċ-ċirkostanzi kollha li jiġġustifikawha u kull evidenza tal-merti tat-talba. It-talba trid tiġi ppreżentata lill-qorti li quddiemha kellha tittieħed l-azzjoni proċedurali rilevanti. Flimkien mat-talba għad-dħul mill-ġdid fil-proċedura tal-każ, għandhom jitressqu wkoll id-dokumenti li għalihom qed jintalab rkupru tat-terminu, u jekk it-terminu huwa għall-pagament tal-ispejjeż, il-qorti tistabbilixxi terminu ġdid għas-sottomissjoni tagħhom.

It-talba tiġi eżaminata b'mod obbligatorju f'qorti bil-miftuħ. Jekk it-talba tiġi aċċettata, id-drittijiet mitlufa jiġu stabbiliti mill-ġdid.

L-aħħar aġġornament: 02/03/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Iċ-Ċekja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

B'mod ġenerali, l-iskadenzi li huma rilevanti fi proċeduri ċivili huma proċedurali jew sostantivi.

Hemm żewġ tipi ta' skadenzi proċedurali: statutorji u ġudizzjarji.

L-iskadenzi statutorji huma stabbiliti bil-liġi. Nuqqas ta' osservanza ta' skadenza proċedurali statutorja dejjem jinvolvi xi tip ta' konsegwenza proċedurali (pereżempju, telf tal-possibbiltà tal-eżekuzzjoni b'suċċess ta' kompitu partikolari, l-impożizzjoni ta' multa dixxiplinarja). In-nuqqas ta' osservanza ta' skadenza statutorja jista' jiġi skużat (ara l-Artikolu 58 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*zákon č. 99/1963 Sb., občanský soudní řád, ve znění pozdějších předpisů*) (*Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili*), kif emendat, jekk il-parti jew ir-rappreżentant legali tagħha jkunu naqsu milli josservaw l-iskadenza għal raġuni skużabbli, li b'riżultat tagħha ma setgħux iwettqu azzjoni li kienu intitolati li jeffettwaw. Rikors irid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum minn dakinhar li l-ostaklu ma baqax fattur, u l-azzjoni li tkun għadha ma tteħditx trid tiġi effettwata fl-istess ħin. Qorti tista', fuq talba ta' parti, tagħti effett sospensiv lir-rikors, sabiex b'hekk tiskuża n-nuqqas ta' osservanza tal-iskadenza.

Jekk ma jiġi stabbilit ebda limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' azzjoni direttament mil-liġi, dan jiġi stabbilit mill-president tal-bord ġudizzjarju (jew l-imħallef li jisma' l-kawża waħdu). Il-president tal-bord ġudizzjarju (jew l-imħallef li jisma' l-kawża waħdu) jista' jistabbilixxi skadenza mhux biss f'dawk il-kawżi li huma previsti mil-liġi, iżda wkoll fil-kawżi meta jkun meħtieġ li jiżgura li l-proċedimenti jimxu b'mod effiċjenti u bil-ħeffa li jistħoqqu. Qorti tista' testendi terminu ġudizzjarju abbażi taċ-ċirkostanzi (ara l-Artikolu 55 tal-Att Nru. 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat). Mhuwiex permessibbli li tiġi skużata skadenza li tinqabeż.

L-iskadenzi proċedurali mhumiex skadenzi stabbiliti għall-qorti, pereżempju, għall-ħruġ ta' deċiżjoni: tali skadenzi huma skadenzi amministrattivi.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Jum it-Tiġdid tal-Istat Ċek Indipendenti, l-Ewwel tas-Sena: L-1 ta' Jannar

It-Tnejn ta' Wara l-Għid: il-jum jinbidel, iżda ġeneralment il-btala tiġi fl-aħħar ta' Marzu jew fil-bidu ta' April.

Jum il-Ħaddiema: L-1 ta' Mejju

Jum il-Vitorja: It-8 ta' Mejju

Il-Jum iddedikat lill-Missjunarji Slavi Ċirillu u Metodju: Il-5 ta' Lulju

Il-Jum iddedikat lill-Ħruq ta' Jan Hus: Is-6 ta' Lulju

Il-Jum iddedikat lis-Sovranità tar-Repubblika Ċeka: It-28 ta' Settembru

Id-Data tal-Ħolqien ta' Stat Ċekoslovakk Indipendenti: It-28 ta' Ottubru

Il-Jum iddedikat lill-Ġlieda għal-Libertà u d-Demokrazija: Is-17 ta' Novembru

Lejlet il-Milied: L-24 ta' Diċembru

Jum il-Milied: Il-25 ta' Diċembru

L-Għada tal-Milied: Is-26 ta' Diċembru

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli statutorji għall-metodu li permezz tiegħu jiġu kkalkolati t-termini huma stabbiliti fit-Taqsimiet 55-58 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat.

Terminu stabbilit f'jiem jibda fil-jum wara l-fatt li huwa deċiżiv għall-bidu tiegħu.

Nofs xahar ifisser ħmistax-il jum.

It-tmiem ta' perjodu stabbilit f'ġimgħat, xhur jew snin jaqa' fil-jum li d-dežinjazzjoni jew in-numru tiegħu jikkorrespondu għall-jum li fih seħħ l-avveniment li minnu jibda jiddekorri l-perjodu. Jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, it-tmiem tal-perjodu jaqa' fl-aħħar jum tax-xahar.

Jekk l-aħħar jum ta' perjodu jaqa' nhar ta' Sibt, Ħadd jew fi btala pubblika, l-aħħar jum tal-perjodu huwa l-jum tax-xogħol li jkun imiss.

Il-perjodi stabbiliti f'sigħat jintemmu mal-iskadenza tas-siegħa li d-dežinjazzjoni tagħha tikkorrespondi għas-siegħa meta seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu tal-perjodu.

Skadenza proċedurali tintlaħaq jekk l-azzjoni tiġi eżegwita f'qorti jew preżentazzjoni tiġi ttrasferita lil awtorità li hija obbligata li twassalha, jiġifieri, ħafna drabi detentur ta' liċenzja postali, fl-aħħar jum tal-perjodu.

Jekk il-proċedimenti jkunu ġew interrotti, id-dekorrenza tat-termini proċedurali tiġi interrotta wkoll (l-Artikolu 111(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk il-proċedimenti jitkomplew, il-perjodi jerġgħu jibdew jiddekorru.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu ta' terminu ma jiġix inkluż fil-kalkolu tat-terminu. Dan ma japplikax fil-każ ta' terminu stabbilit f'sigħat. B'hekk, terminu ġeneralment jiddekorri mill-jum wara dak li fih seħħ l-avveniment deċiżiv għad-dekorrenza tat-terminu (ara l-Artikolu 57(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Le.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Il-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu ta' terminu ma jiġix inkluż fil-kalkolu tat-terminu. Dan ma japplikax fil-każ ta' terminu stabbilit f'sigħat (ara l-Artikolu 57(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Perjodu jiġi kkalkolat f'jiem kalendarji.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-perjodi stabbiliti f'ġimgħat jidhru biss rarament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) (pereżempju, l-Artikolu 260(3), l-Artikolu 295(1) u t-Artikolu 295(2)). Huma jidhru aktar ta' spiss bħala skadenzi ġudizzjarji fil-prattika ġudizzjarja.

Il-perjodi stabbiliti f'xhur jidhru fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fit-tul ta' xahar (pereżempju, l-Artikolu 82(3), l-Artikolu 336m(2) u l-Artikolu 338za(2)); xahrejn (pereżempju, l-Artikolu 240(1) u l-Artikolu 247(1)); tliet xhur (pereżempju, l-Artikolu 111(3), l-Artikolu 233(1) u l-Artikolu 234(1)); u sitt xhur (pereżempju, l-Artikolu 77a(2) u l-Artikolu 260g(3)).

Il-perjodi stabbiliti fi snin huma ta' żewġ tipi fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili: perjodu ta' sena (pereżempju, l-Artikolu 111(3)) u perjodu ta' tliet snin (pereżempju, l-Artikolu 99(3), l-Artikolu 233(2) u l-Artikolu 234(2)).

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Il-perjodi stabbiliti f'ġimgħat, xhur jew snin jintemmu fi tmiem il-jum li d-dežinjazzjoni tiegħu tikkorrespondi għall-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu tal-perjodu u, jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fix-xahar, mela fl-aħħar jum tax-xahar (ara l-Artikolu 57(2) tal-Att Nru 99/163, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva (ara l-Artikolu 57(2) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

L-iskadenzi proċedurali statutorji ma jistgħux jinbidlu permezz ta' deċiżjoni tal-qorti.

Perjodu proċedurali ġudizzjarju jista' jiġi estiż minn qorti, skont iċ-ċirkostanzi.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Parti tista' tikkontesta d-deċiżjoni ta' qorti distrettwali (*okresní soud*) jew id-deċiżjoni ta' qorti reġjonali (*krajský soud*) mogħtija fi proċedimenti tal-prim'istanza permezz ta' sentenza, sakemm il-liġi ma teskludix dan (ara l-Artikolu 201 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat). Appell għandu jitressaq fi żmien ħmistax-il jum mill-għoti ta' deċiżjoni bil-miktub, fil-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi kkontestata. Il-perjodu għat-tressiq ta' appell ma jinkludix il-jum li fih id-deċiżjoni ġiet innotifikata lill-parti. Sabiex tiġi osservata din l-iskadenza proċedurali, huwa biżżejjed jekk l-appell jiġi ttrasferit lil awtorità li hija obbligata li tinnotifikah (b'mod partikolari, detentur ta' liċenzja postali, istituzzjoni ta' ħabs fil-każ ta' persuni mitfugħa l-ħabs jew miżmuma f'kustodja, istituzzjoni għat-trobbija protettiva jew istituzzjonali ta' persuna mqiegħda fiha, eċċ.) jew fil-qorti fl-aħħar jum tal-perjodu.

Jekk tkun inħarġet deċiżjoni korrettiva li tappartjeni għad-deċiżjoni proprja, il-perjodu jiddekorri mid-data effettiva tad-deċiżjoni korrettiva (ara l-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Appell imressaq wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 15-il jum sempliċiment minħabba li l-appellant segwa struzzjoni skorretta mogħtija mill-qorti fir-rigward ta' appell jitqies bħala li tressaq fil-ħin. Jekk deċiżjoni ma jkunx fiha struzzjonijiet dwar appell, dwar it-terminu għal appell jew dwar il-qorti li fiha għandu jitressaq tali appell, jew jekk ikun fiha struzzjonijiet skorretti li jiddikjaraw li appell mhuwiex permessibbli, appell jista' jitressaq fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni.

Jekk tkun ingħatat ordni għal ħlas f'kawża, dik l-ordni tista' titwaqqaf milli ssir effettiva biss billi tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni mill-konvenut, fil-perjodu statutorju ta' 15-il jum mill-jum tan-notifika tal-ordni, fil-qorti li toħroġ l-ordni (ara l-Artikolu 172(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-ordni għall-ħlas tiġi annullata permezz tal-preżentata ta' dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, u l-qorti tordna seduta ta' smigħ. Appell jista' jitressaq biss kontra d-dikjarazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż tal-proċeduri, iżda dan ma jannullax l-ordni għall-ħlas b'mod awtomatiku.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) jagħmilha possibbli li tiġi aġġornata seduta ta' smigħ għal raġunijiet importanti, jekk kwistjoni ma tkunx tista' tiġi ddeliberata u deċiża f'seduta ta' smigħ waħda (ara l-Artikolu 119 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Raġuni importanti għal aġġornament tista' tkun, pereżempju, il-fatt li waħda mill-partijiet għall-proċedimenti tkun naqset milli tattendi l-qorti u ma jkunx possibbli li s-seduta ta' smigħ issir fl-assenza tagħha (ara l-Artikolu 101 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), jew jekk waħda mill-partijiet ma kellhiex biżżejjed żmien sabiex tipprepara għas-seduta ta' smigħ minħabba li t-taħrika ma tkunx waslitilha b'avviż suffiċjenti minn qabel, jew inkella għal raġunijiet importanti oħrajn.

Parti tista' titlob lill-qorti sabiex taġġorna seduta ta' smigħ. Qorti tiddeċiedi dwar talba ta' parti għal aġġornament, li tkun ġiet ippreżentata bil-quddiem, fuq il-bażi tas-serjetà tar-raġuni mitluba. Jekk il-qorti ma tilqax it-talba tal-parti, il-parti tkun trid tidher għas-seduta ta' smigħ.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Il-liġijiet tar-Repubblika Ċeka ma jirregolawx espliċitament sitwazzjoni bħal din.

Fil-każ ta' proċedimenti li jinvolvu element internazzjonali, li matulhom għandu jiġi nnotifikat dokument lil parti li tkun tirrisjedi barra l-pajjiż, jiġu applikati r-regoli proċedurali tal-*lex fori*, jiġifieri r-regoli proċedurali tal-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha taqa' l-kawża.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Kull nuqqas ta' osservanza ta' skadenza proċedurali jkollu konsegwenzi proċedurali.

Jekk il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) jistabbilixxi skadenza partikolari għall-eżekuzzjoni ta' azzjoni (pereżempju, it-tressiq ta' appell jew appell straordinarju), in-nuqqas li tintlaħaq l-iskadenza jirriżulta fit-telf tal-possibbiltà li l-azzjoni tiġi eżegwita b'suċċess. Skadenza li tinqabeż tista' tiġi skużata jekk il-parti jew ir-rappreżentant tagħha jkunu qabżuha għal raġuni skużabbli (pereżempju, marda f'daqqa, korriment, eċċ.) u għalhekk ma jkunux jistgħu jeżegwixxu l-azzjoni li jkunu intitolati jeffettwaw (ara l-Artikolu 58 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), sakemm l-iskużar ta' skadenza speċifika li tinqabeż ma jkunx esklużż mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (pereżempju, skont l-Artikolu 235(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-iskużar ta' skadenza li tinqabeż huwa esklużż fil-każ tar-rikorsi għat-tiġdid tal-proċedimenti u għall-konfużjoni). Fil-każ ta' skadenza stabbilita għal konformità ma' obbligu partikolari, in-nuqqas li tintlaħaq l-iskadenza jwassal sabiex tiġi imposta sanzjoni partikolari (pereżempju, multa dixxiplinarja).

Kull każ ta' skadenza proċedurali ġudizzjarja li tinqabeż huwa marbut bil-liġi ma' ċerti konsegwenzi. Skadenza ġudizzjarja tista' tiġi estiża mill-president ta' bord ġudizzjarju (jew minn imħallef li jisma' l-kawża waħdu). Mhuwiex permessibbli li tiġi skużata skadenza ġudizzjarja li tinqabeż.

Ordni għal ħlas li kontriha ma tkun ġiet iddepożitata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għandha l-effetti ta' sentenza infurzabbli u finali (ara l-Artikolu 174(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Seduta ta' smigħ li tinqabeż għandha konsegwenzi differenti minn skadenza li tinqabeż. Jekk parti debitament imħarrka tonqos milli tidher għal seduta ta' smigħ u tkun naqset milli titlob aġġornament b'mod f'waqtu u għal raġuni importanti, il-qorti tista' tiddelibera fuq il-kwistjoni u tiddeċiedi fl-assenza tagħha (ara l-Artikolu 101(3) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat) u, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 153b tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiġu ssodisfati, hija tista' tagħti sentenza b'kontumaċja.
Jekk il-konvenut jaqbeż l-ewwel seduta ta' smigħ fi kwistjoni fejn tkun ingħatat sentenza b'kontumaċja għal raġunijiet skużabbli, il-qorti għandha tannulla s-sentenza fuq talba tal-konvenut u tordna li ssir seduta ta' smigħ dwar il-kwistjoni. Parti tista' tippreżenta tali rikors sad-data li fiha tidħol fis-seħħ is-sentenza b' kontumaċja (ara l-Artikolu 153b(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Huwa permess ukoll li jitressaq appell dwar il-merti tal-każ kontra sentenza b'kontumaċja. Jekk il-konvenut, minbarra li jkun ippreżenta rikors għall-annullament ta' sentenza ta' qorti tal-prim'istanza, ikun ukoll appella s-sentenza, u r-rikors għall-annullament tas-sentenza jkun ingħata permezz ta' deċiżjoni infurzabbli, l-appell għandu jiġi miċħud (ara l-Artikolu 153b(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
L-aħħar aġġornament: 16/09/2020
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Ġermanja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

L-Artikoli 214–229 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung*) jistabbilixxu r-regoli ġenerali dwar it-termini proċedurali u artikoli oħrajn fil-Kodiċi fihom dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw skadenzi partikolari.
Hemm distinzjoni bejn termini "reali" (*eigentliche Fristen*), jiġifieri perjodi fejn dawk involuti fil-proċedimenti jistgħu jwettqu atti jew formalitajiet proċedurali jew – biex jevitaw li jitilfu d-drittijiet tagħhom – huma meħtieġa jwettquhom, u termini "mhux reali" (*uneigentliche Fristen*) li fihom il-liġi tirrikjedi li l-qorti twettaq ċertu atti uffiċjali.
It-termini "reali" jinqasmu ulterjorment f'termini statutorji, li jkunu stabbiliti bi statut, u f'termini ġudizzjarji, li jiġu stabbiliti fid-diskrezzjoni tal-qorti. It-termini statutorji jinkludu l-"perjodi obbligatorji" (*Notfristen*) previsti fl-Artikolu 224(1), it-tieni sentenza, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li huma dejjem magħrufa hekk fil-Kodiċi u ma jistgħux jiġu estiżi jew imqassra.
Madankollu, il-partijiet jistgħu jaqblu li jqassru t-termini ġudizzjarji u statutorji minbarra l-perjodi obbligatorji u t-termini mhux reali, għalkemm ma jistgħux jestenduhom. Il-qorti tista' testendi jew tqassar terminu ġudizzjarju li tkun stabbiliet hi, iżda tista' tbiddel terminu statutorju biss kif previst fil-liġi. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tagħmel tibdiliet biss meta parti tkun tista' tipprovdi raġunijiet validi għal tali miżura.
It-termini li ġejjin huma importanti wkoll għall-partijiet involuti fi proċedimenti ċivili:
(a) Fi proċedura għal ordni ta' ħlas
Fil-proċedura għal ordni ta' ħlas, (*Mahnverfahren*), l-oġġezzjonijiet għall-ordni ta' ħlas skont l-Artikolu 692(1) Nru 3 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-appelli kontra digriet ta' eżekuzzjoni skont l-Artikoli 700(1) u 339(1) iridu jiġu ppreżentati fi żmien ġimagħtejn. Jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni u r-rikorrent ma jitlobx li jinħareġ digriet ta' eżekuzzjoni fi żmien sitt ġimgħat, l-ordni ta' ħlas jiġi bla effett skont l-Artikolu 701.
(b) Fi proċedimenti kontenzjuż
l-Artikolu 132 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi r-regola ġenerali li s-sottomissjonijiet preparatorji jridu jiġi ppreżentati lill-qorti fil-ħin sabiex jiġu nnotifikati lill-parti l-oħra tal-inqas ġimgħa qabel is-seduta ta' smigħ, sabiex it-tħejjijiet għas-seduti jkunu jistgħu jsiru fil-ħin u jkun hemm aċċess għall-ġustizzja kif xieraq. Is-sottomissjonijiet preparatorji li jkun fihom dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għal preżentati ġodda jridu jiġu ppreżentati b'ħin biżżejjed sabiex jiġu nnotifikati tal-inqas tliet ijiem qabel is-seduta.
Meta jiffissa data għas-seduta ta' smigħ preliminari, l-imħallef irid jagħti lill-konvenut mill-inqas ġimagħtejn biex iwieġeb (l-Artikoli 275(1), l-ewwel sentenza, 275(3) u 277(3) tal-Kodiċi). Jekk l-imħallef jordna proċedimenti preliminari bil-miktub, il-konvenut ikollu perjodu obbligatorju ta' ġimagħtejn li fih jindika jekk għandux l-intenzjoni li jiddefendi l-kawża (l-Artikolu 276(1), l-ewwel sentenza); il-qorti tippermettilu mill-inqas ġimagħtejn oħra biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' difiża bil-miktub (l-Artikolu 276(1), it-tieni sentenza). L-imħallef li jippresjedi jista', min-naħa tiegħu, jistabbilixxi terminu għall-attur biex jippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub dwar id-dikjarazzjoni ta' difiża (l-Artikolu 276(3)).
Jekk il-konvenut jonqos milli jindika l-intenzjoni tiegħu li jiddefendi ruħu mill-kawża fit-terminu stabbilit, fuq rikors tar-rikorrent u mingħajr seduta ta' smigħ, il-qorti tagħti sentenza fejn tilqa' t-talba (konklużiva) skont l-Artikolu 331(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ("sentenza fil-kontumaċja" (*Versäumnisurteil*)). Il-qorti tagħti wkoll sentenza fil-kontumaċja jekk ir-rikorrent jew il-konvenut ma jattendix għas-seduta ta' smigħ jew ma jippreżentax l-argumenti tiegħu. Il-parti li kontriha tkun ingħatat sentenza fil-kontumaċja jkollha perjodu obbligatorju ta' ġimgħatejn min-notifika tas-sentenza mogħtija fil-kontumaċja biex tressaq oġġezzjoni (l-Artikoli 338 u 339(1)). Meta l-oġġezzjoni tkun ammissibbli (u, iktar importanti minn hekk, tiġi ppreżentata fil-ħin stabbilit), il-proċedimenti jirritornaw għall-istadju li kienu fih qabel il-kontumaċja.
Il-perjodu obbligatorju għall-preżentata ta' appell (*Berufung*) huwa ta' xahar (l-Artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), filwaqt li r-raġunijiet għall-appell jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn (l-Artikolu 520(2)). Iż-żewġ termini jibdew jiddekorru min-notifika tas-sentenza sħiħa jew, l-aktar tard, ħames xhur wara li din tkun ingħatat. Hemm skadenza ġudizzjarja ta' mill-inqas ġimagħtejn biex wieħed jippreżenta risposta għall-appell (l-Artikolu 521(2) u l-Artikolu 277 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Meta l-qorti tal-appell (*Berufungsgericht*), fis-sentenza tagħha, tiċħad il-permess għal appell ulterjuri fuq punti ta' dritt (*Rieżami*), jista' jitressaq rikors imġedded għal permess biex isir appell fi żmien perjodu obbligatorju ta' xahar min-notifika tas-sentenza sħiħa (l-Artikolu 544(1) u (3), l-ewwel sentenza, tal-Kodiċi). Ir-raġunijiet għall-appell għandhom jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika tas-sentenza sħiħa, iżda mhux iktar tard minn seba' xhur wara li tkun ingħatat is-sentenza.
It-terminu għall-preżentata ta' appell fuq punt ta' liġi huwa wkoll perjodu obbligatorju, u huwa ta' xahar (l-Artikolu 548 tal-Kodiċi) filwaqt li r-raġunijiet għall-appell jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn (l-Artikolu 551(2), it-tieni sentenza). Iż-żewġ termini jibdew jiddekorru min-notifika tas-sentenza sħiħa jew, l-aktar tard, ħames xhur wara li din tkun ingħatat.
Oġġezzjoni immedjata (*sofortige Beschwerde*) għal sentenza mogħtija b'digriet (*Beschluss*) trid titressaq fi żmien obbligatorju ta' ġimagħtejn min-notifika tas-sentenza, jew mhux iktar tard minn ħames xhur u ġimagħtejn wara li tkun ingħatat (l-Artikolu 569(1)). Oġġezzjoni fuq punt ta' liġi (*Rechtsbeschwerde*), li trid tkun ibbażata fuq ksur tal-liġi, trid tiġi ppreżentata fi żmien obbligatorju ta' xahar wara n-notifika tad-digriet (l-Artikolu 575(1), l-ewwel sentenza), filwaqt li r-raġunijiet għall-oġġezzjoni jridu jiġu ppreżentati fi żmien xahar ulterjuri (l-Artikolu 575(2)).
Meta parti tonqos milli tikkonforma ma' rekwiżit proċedurali elenkat fl-Artikolu 233 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (eż. perjodu obbligatorju jew terminu għas-sottomissjoni tar-raġunijiet tal-appell) mingħajr ebda ħtija tagħha, dik il-parti tista' tressaq rikors biex tiġi rrestawrata l-pożizzjoni qabel il-kontumaċja. Ir-rikors irid isir fi żmien ġimgħatejn mit-tneħħija tal-ostaklu (l-Artikolu 234(1) u (2)).

Jekk id-data għall-bidu ta' terminu tiddependi miż-żmien tan-notifika (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 4), jeħtieġ li jiġi ċċekkjat jekk in-notifika kinitx effettiva. F' każ ta' notifika sostitwita, l-effettività tan-notifika ma tiddependix minn jekk id-destinatarju rċeviex effettivament id-dokument. Madankollu, dejjem ikun meħtieġ li d-dar jew in-negozju tad-destinatarju fil-ħin tan-notifika jkun jinsab fl-indirizz fejn jiġi nnotifikat id-dokument.
Destinatarju li ma kellu l-ebda għarfien tal-proċedimenti, u konsegwentement ma setax jikkontesta d-deċiżjoni magħmula, jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun jista' japplika għar-restawr tal-pożizzjoni qabel il-kontumaċja: ara t-tweġiba għall-mistoqsija 4. Għad-data li minnha jibda jgħodd it-terminu jekk jogħġbok irreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija 16.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar
l-Epifanija: is-6 ta' Jannar (f'Baden-Württemberg, il-Bavarja u s-Sassonja-Anhalt biss)
il-Jum Internazzjonali tal-Mara: it-8 ta' Marzu (f'Berlin biss)
il-Ġimgħa l-Kbira: id-data tvarja, iżda tkun lejn l-aħħar ta' Marzu jew il-bidu ta' April
l-Għid il-Kbir: id-data tvarja, iżda tkun lejn l-aħħar ta' Marzu jew il-bidu t'April
it-Tnejn tal-Għid: id-data tvarja, iżda tkun lejn l-aħħar ta' Marzu jew il-bidu t'April
l-1 ta' Mejju/Jum il-Ħaddiem: l-1 ta' Mejju
Lapsi: f'Mejju, id-data tvarja
il-Pentekoste: id-data tvarja, f'Mejju jew Ġunju
it-Tnejn tal-Pentekoste: id-data tvarja, f'Mejju jew Ġunju
Corpus Christi: id-data tvarja, iżda tkun bejn l-aħħar ta' Mejju u nofs Ġunju (f'Baden-Württemberg, il-Bavarja, Hessen, Nordrhein-Westfalen-, Rheinland-Pfalz, Saarland, is-Sassonja (reġjonali) u Thüringen biss (reġjonali))
Santa Marija: il-15 ta' Awwissu (fil-Bavarja (reġjonali) u Saarland biss)
Jum l-Unifikazzjoni tal-Ġermanja: it-3 ta' Ottubru
Jum ir-Riforma: il-31 ta' Ottubru (f'Brandenburg, Bremen, Hamburg, Mecklenburg-Vorpommern, is-Sassonja t'Isfel, is-Sassonja, is-Sassonja-Anhalt, Schleswig-Holstein u Thüringen biss)
il-Festa tal-Qaddisin Kollha: l-1 ta' Novembru (f'Baden-Württemberg, il-Bavarja, in-Nordrhein-Westfalen-, ir-Rheinland-Pfalz u Saarland biss)
Jum l-Indiema (Buß- und Bettag): id-data tvarja, iżda hija x'imkien bejn nofs u l-aħħar ta' Novembru (fis-Sassonja biss)
Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru
l-Għada tal-Milied/San Stiefnu: is-26 ta' Diċembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid li t-termini proċedurali kollha jridu jiġu kkalkulati skont ir-regoli stipulati fl-Artikoli 187–193 tal-Kodiċi Ċivili (*Bürgerliches Gesetzbuch*).
Id-dettalji ta' kif jiġi kkalkulati dawn it-termini huma deskritti fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet 7 sa 9.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Ġeneralment, id-data tal-bidu ta' terminu tkun marbuta man-notifika tad-dokument li għalih tkun tenħtieġ risposta, jew is-sentenza li se tiġi appellata (ara, pereżempju, l-Artikoli 276(1) l-ewwel sentenza, 329(2), it-tieni sentenza u 339(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Iż-żmien permess għall-preżentata ta' appell jibda jiddekorri min-notifika tas-sentenza (l-Artikoli 517, 548 u 569(1), it-tieni sentenza, tal-Kodiċi); madankollu, jekk id-deċiżjoni ma tiġix innotifikata, jew ma tiġix innotifikata b'mod effettiv, u dan ma jiġix rimedjat skont l-Artikolu 189 tal-Kodiċi, il-ħin jibda jiddekorri fl-aħħar tal-ħames xahar wara li tingħata d-deċiżjoni. It-terminu ta' ħames xhur imbagħad jieħu post in-notifika. Hemm regola simili għal rikors imġedded għal permess għal appell, iżda f'dan il-każ ikun hemm perjodu ta' sitt xhur li jieħu post in-notifika (l-Artikolu 544(3), l-ewwel sentenza, tal-Kodiċi).
Hemm data ta' bidu differenti għat-termini ta' dawk l-appelli li jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jissuperaw il-finalità ta' sentenza:
it-terminu għal rikors għar-restawr tal-pożizzjoni preċedenti (*Wiedereinsetzung in den vorigen Stand*) jibda jiddekorri mid-data li fiha jitneħħa l-ostaklu (l-Artikolu 234(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
it-terminu għal oġġezzjoni kontra rifjut tad-dritt ta' proċess ġust skont l-Artikolu 321a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Anhörungsrüge*) jibda jiddekorri meta l-persuna ssir konxja mill-ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq (l-Artikolu 321a(2), l-ewwel sentenza);
it-terminu għal rikors għal annullament (*Nichtigkeitsklage*) jew għal rikors għal revoka (*Restitutionsklage*, il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti, l-Artikoli 578 *et seq.* tal-Kodiċi) jibda jiddekorri mid-data li fiha l-parti kkonċernata ssir taf bir-raġunijiet li l-kontestazzjoni tkun ibbażata fuqhom, għalkemm mhux qabel ma s-sentenza ssir *res judicata* (l-Artikolu 586(2), l-ewwel sentenza).
Jekk il-mistoqsija tirreferi għaż-żmien meta att li jrid jitwettaq f'terminu isir effettiv, sabiex jiġi ssodisfat it-terminu, it-tweġiba hija kif ġej:
Terminu proċedurali jiġi ssodisfat jekk il-pass proċedurali jsir sa l-aħħar tal-jum li fih huwa permess, jiġifieri bħala regola, id-dokument rilevanti jintbagħat lill-qorti fil-ħin allokat. Il-fattur kruċjali huwa meta d-dokument jasal il-qorti, mhux meta jintbagħat. Madankollu, iż-żmien mogħti jista' jintuża kollu, jiġifieri sa nofsillejl tal-aħħar jum, anke jekk ma jkunx probabbli li xi ħadd fil-qorti jara d-dokument f'dawk il-ħinijiet.
Jekk il-mistoqsija tirrigwarda kif ġie kkalkulat it-terminu, it-tweġiba hija kif ġej:
Skont l-Artikolu 187(1) tal-Kodiċi Ċivili, meta avveniment jew ħin speċifiku matul jum jiddetermina l-bidu ta' terminu, il-jum inkwistjoni ma jiġi inkluż fl-ebda kalkolu tat-terminu.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Le. Meta terminu jibda jiddekorri mill-ħin tan-notifika (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 4), il-metodu tan-notifika ma jkunx rilevanti. Id-dokumenti jitqiesu li ġew innotifikati jew mal-mument li jiġu kkonsenjati lid-destinatarju (l-Artikolu 177 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jew meta jitlesta wieħed mill-metodi ta' notifika sostitwita (elenkati fl-Artikoli 178, 180 u 181 tal-Kodiċi, eż. ikkonsenjati lil membru adult tal-familja jew impoġġija fil-kaxxa tal-ittri).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Skont l-Artikolu 187(1) tal-Kodiċi Ċivili, meta avveniment jew ħin speċifiku matul jum jiddetermina l-bidu ta' terminu, il-jum inkwistjoni ma jiġi inkluż fl-ebda kalkolu tat-terminu.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-jiem indikati huma jiem kalendarji, mhux jiem ta' xogħol. Madankollu, jekk it-terminu jintemm il-Ħadd, is-Sibt jew fi btala pubblika ġeneralment rikonoxxuta, it-terminu jiġi estiż għall-jum tax-xogħol li jkun imiss (l-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-Artikolu 193 tal-Kodiċi Ċivili).

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Jekk avveniment jew żmien speċifiku matul jum ikun rilevanti sabiex jiskatta l-bidu ta' terminu espress f'ġimgħat, xhur jew perjodu ta' diversi xhur – sena, sitt xhur, tliet xhur – jiġifieri dan il-jum ma jkunx inkluż fil-kalkolu tat-terminu –, imbagħad dak it-terminu jintemm fl-aħħar tal-jum tal-aħħar ġimgħa jew l-aħħar xahar, li jikkorrispondi permezz tal-isem jew in-numru tiegħu għall-jum li fih iseħħ l-avveniment jew iż-żmien speċifiku. Min-naħa l-oħra, jekk il-bidu ta' jum

ikun iż-żmien rilevanti biex jiskatta l-bidu ta' terminu – jiġifieri dan il-jum ikun inkluż fil-kalkolu tat-terminu –, allura t-terminu jintemm fl-aħħar tal-jum fl-aħħar ġimgħa jew fl-aħħar xahar qabel il-jum li jikkorrispondi permezz tal-isem jew in-numru tiegħu għad-data tal-bidu tat-terminu (l-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-Artikolu 188(2) tal-Kodiċi Ċivili).
Meta l-aħħar jum ta' terminu espress f'xhur ma jkollux jum ekwivalenti fix-xahar, it-terminu jintemm fl-aħħar jum tax-xahar (eż. terminu ta' xahar li beda fit-30 ta' Jannar jintemm fit-28 ta' Frar) (l-Artikolu 188(3) tal-Kodiċi Ċivili).

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Ara l-mistoqsija 8.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Meta t-terminu jiskadi s-Sibt, il-Ħadd jew fi btala pubblika, dan il-jum ma jkunx jgħodd, u l-perjodu jiskadi fil-jum ta' xogħol ta' wara, f'konformità mal-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u mal-Artikolu 193 tal-Kodiċi Ċivili.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Kull estensjoni tat-termini stabbiliti tkun ġeneralment fid-diskrezzjoni tal-qorti. Madankollu, il-perjodi obbligatorji ma jistgħux jiġu estiżi. F'xi każijiet, ikun meħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-perjodu obbligatorju għall-preżentata ta' appell (*Berufung*) huwa ta' xahar (l-Artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), filwaqt li r-raġunijiet għall-appell jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn (l-Artikolu 520(2)). Iż-żewġ termini jibdew jiddekorru min-notifika tas-sentenza sħiħa jew, l-aktar tard, ħames xhur wara li din tkun ingħatat. Hemm skadenza ġudizzjarja ta' mill-inqas ġimagħtejn biex wieħed jippreżenta risposta għall-appell (l-Artikolu 521(2) u l-Artikolu 277 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Meta l-qorti tal-appell (*Berufungsgericht*), fis-sentenza tagħha, tiċħad il-permess għal appell ulterjuri fuq punti ta' dritt (*Rieżami*), jista' jitressaq rikors imġedded għal permess biex isir appell fi żmien perjodu obbligatorju ta' xahar min-notifika tas-sentenza sħiħa (l-Artikolu 544(1) u (3), l-ewwel sentenza, tal-Kodiċi). Skont l-Artikolu 544 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ir-raġunijiet għall-appell għandhom jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika tas-sentenza sħiħa, iżda mhux iktar tard minn seba' xhur wara li tkun ingħatat is-sentenza.
It-terminu għall-preżentata ta' appell fuq punt ta' liġi huwa wkoll perjodu obbligatorju, u huwa ta' xahar (l-Artikolu 548 tal-Kodiċi) filwaqt li r-raġunijiet għall-appell jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn (l-Artikolu 551(2), it-tieni sentenza). Iż-żewġ termini jibdew jiddekorru min-notifika tas-sentenza sħiħa jew, l-aktar tard, ħames xhur wara li din tkun ingħatat.
Oġġezzjoni immedjata (*sofortige Beschwerde*) kontra deċiżjoni magħmula permezz ta' digriet (*Beschluss*) trid tiġi ppreżentata f'perjodu obbligatorju ta' ġimagħtejn (l-Artikolu 569(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-perjodu obbligatorju jibda jiddekorri mid-data tan-notifika, jew mhux aktar tard minn ħames xhur wara li tkun ingħatat id-deċiżjoni. Oġġezzjoni fuq punt ta' liġi (*Rechtsbeschwerde*), li trid tkun ibbażata fuq ksur tal-liġi, trid tiġi ppreżentata fi żmien obbligatorju ta' xahar wara n-notifika tad-digriet (l-Artikolu 575(1), l-ewwel sentenza), filwaqt li r-raġunijiet għall-oġġezzjoni jridu jiġu ppreżentati fi żmien xahar ulterjuri (l-Artikolu 575(2)).
Meta parti tonqos milli tikkonforma ma' rekwiżit proċedurali elenkat fl-Artikolu 233 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (eż. perjodu obbligatorju jew terminu għas-sottomissjoni tar-raġunijiet tal-appell) mingħajr ebda ħtija tagħha, dik il-parti tista' tressaq rikors biex tiġi rrestawrata l-pożizzjoni ta' qabel il-kontumaċja. Ir-rikors irid isir fi żmien ġimgħatejn mit-tneħħija tal-ostaklu (l-Artikolu 234(1) u (2)).
Id-dritt ċivili u l-liġi dwar il-proċedura ċivili tal-Ġermanja jistabbilixxu wkoll termini oħrajn, pereżempju:
Sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-arbitraġġi jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' rikors għall-annullament ippreżentat il-qorti fi żmien tliet xhur mill-għoti tad-deċiżjoni (l-Artikolu 1059(3), l-ewwel u t-tieni sentenzi).
Il-proċedimenti li jkunu ntemmu b'sentenza finali jistgħu jerġgħu jinfetħu permezz ta' rikors għall-annullament (*Nichtigkeitsklage*) jew rikors għar-revoka (*Restitutionsklage*) (l-Artikolu 586(1) u (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) f'perjodu obbligatorju ta' xahar mill-jum li fih il-parti tkun saret taf bir-raġunijiet għall-annullament tas-sentenza.
Il-qorti tista' tistabbilixxi wkoll żmien li fih il-parti trid tiftaħ kawża f'kawżi li jinvolvu l-proċedura indipendenti għall-kumpilazzjoni tax-xhieda (*selbständiges Beweisverfahren*) (l-Artikoli 494a(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jew għal qbid (*Arrest*) (l-Artikolu 926(1)).
Meta l-kerrej ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għax-xewqa ta' sid il-post li jżid il-kera sal-kera abitwali fil-lokalità sa tmiem it-tieni xahar kalendarju wara li jirċievi d-domanda, sid il-post jista' jiftaħ kawża biex jingħata l-approvazzjoni fi żmien tliet xhur oħra (l-Artikolu 558b(2)).
Meta l-impjegat isostni li t-tkeċċija tiegħu ma kinitx effettiva, huwa jrid jiftaħ kawża quddiem il-Qorti Industrijali fi żmien tliet ġimgħat wara li jingħata l-avviż bil-miktub (l-Artikolu 4, l-ewwel sentenza, tal-Att dwar il-Protezzjoni mit-Tkeċċija (*Kündigungsschutzgesetz*)). Jekk l-impjegat ma josservax din l-iskadenza, it-tkeċċija titqies effettiva.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-prinċipju huwa li huwa f'idejn il-qorti biex tistabbilixxi l-ħinijiet u d-dati għad-dehriet il-qorti, għalkemm id-diskrezzjoni tagħha trid tosserva l-obbligu li għandha biex tħaffef il-proċedimenti u tiffissa seduti ta' smigħ nhar ta' Sibt, Ħadd jew festi pubbliċi f'emerġenzi biss.
Meta tinħareġ ċitazzjoni biex wieħed jitla' l-qorti f'kawżi fejn ir-rappreżentanza minn avukat hija obbligatorja, irid jingħata avviż ta' mqar ġimgħa; il-perjodu ta' avviż f'każijiet oħrajn huwa ta' tlett ijiem. Dawn il-perjodi jistgħu jitqassru biss jekk il-partijiet jaqblu wara rikors ta' waħda minnhom.
Skont l-Artikolu 141(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti tirrikjedi li ż-żewġ partijiet jattendu s-seduta ta' smigħ fejn ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti l-fatti tal-każ. Madankollu, meta jkunu involuti distanzi twal, il-qorti tista' tagħti deroga mir-rekwiżit li persuna tattendi jekk ma jkunx raġonevoli li tistenna li l-parti tivvjaġġa distanza kbira (ara l-mistoqsija 8) jew għal xi raġuni urġenti oħra. "Xi raġuni importanti oħra" (*sonstiger wichtiger Grund*) fit-tifsira tat-Taqsima 141 (1), it-tieni sentenza, tfisser kwalunkwe raġuni li tkun importanti għal parti, inkluż, pereżempju, mard, btajjel ippjanati, ammont eċċessiv ta' xogħol jew il-probabilità ta' problemi psikoloġiċi f'każ ta' laqgħa mal-parti l-oħra.
Barra minn hekk, l-Artikolu 227(1) l-ewwel sentenza, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tippermetti lill-qorti tikkanċella jew tiddiferixxi seduta ta' smigħ fuq rikors tal-parti li tqajjem "raġunijiet sostanzjali" (*erhebliche Gründe*) jew biex seduta tiġi posposta għal għas-sottomissjonijiet orali. Għall-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni, in-nuqqas ta' dehra l-qorti tort tal-parti stess jew nuqqas ta' preparamenti mingħajr skuża ma jitqiesx bħala raġuni valida. Raġunijiet validi jinkludu nuqqas ta' osservazzjoni ta' perjodi ta' avviż meta jinħarġu ċitazzjonijiet, bidla meħtieġa tal-avukat, xhud marid, ir-rappreżentant legali jew il-parti marida, jew l-inkapaċità ta' xi ħadd minn dawn li jattendi minħabba l-mewt ta' qarib. Il-qorti tista' tirrikjedi provi tar-raġunijiet għal rikors għal posponiment, u dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu eżaminati ħafna iktar mill-qrib meta d-data tar-rikors tkun viċin ħafna tad-data stabbilita għas-seduta. Għalkemm il-vaganza antika tal-qorti ġiet abolita, l-Artikolu 227(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għadu jħalli iktar flessibilità meta parti titlob posponiment ta' seduta ta' smigħ li tkun se ssir f'data bejn l-ewwel ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

It-territorju Ġermaniż m'għandu l-ebda karatteristika ġeografika speċjali li tiġġustifika dawn ir-regoli speċjali. B'hekk, ir-regoli tal-proċedura ċivili fil-Ġermanja ma jipprevedux estensjoni ġenerali tat-termini għal nies li jgħixu l-bogħod ħafna mill-qorti rilevanti. Madankollu, skont l-Artikolu 141(1), it-tieni sentenza, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tirrikjedix li parti tattendi personalment meta "distanza kbira" (*große Entfernung*) mill-post ta' residenza tagħha sal-qorti tkun tfisser li ma jkunx raġonevoli li tattendi. Minħabba l-faċilitajiet ta' trasport ġeneralment tajba tal-lum, distanza ta' diversi mijiet ta' kilometri ma titqiesx bħala "kbira". Madankollu, kull każ għandu jiġi evalwat fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi kollha, inkluż is-saħħa tal-parti.
Billi r-regoli ma jestendux it-terminu għall-benefiċċju ta' dawk il-partijiet li jgħixu f'żoni remoti, is-sistema legali Ġermaniża m'għandhiex il-problema li termini itwal jiġu rikonoxxuti bnadi oħra.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

In-nuqqas ta' osservanza ta' terminu jista' jkollu diversi konsegwenzi legali, pereżempju:
Skont l-Artikolu 296(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-motivi u l-argumenti li ma jkunux ġew sottomessi qabel ma jkun skada terminu rilevanti jkunu ammissibbli biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li l-ammissjoni tagħhom ma tkunx ta' dewmien għas-soluzzjoni tat-tilwima, jew jekk il-parti tipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għall-fatt li damet biex tippreżentahom. Il-motivi u l-argumenti li jiġu miċħuda skont dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu ppreżentati fl-appell (l-Artikolu 531(1) tal-Kodiċi).
Jekk, matul il-proċedimenti preliminari bil-miktub skont l-Artikolu 276 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili il-konvenut ma jindikax, fi żmien ġimagħtejn min-notifika tar-rikors li huwa lest jiddefendi l-kawża kontrih, tista' tinħareġ sentenza fil-kontumaċja kontrih fuq rikors tar-rikorrent (l-Artikolu 276(1), l-ewwel sentenza, 276 (2) u 331(3) tal-Kodiċi).
Meta d-debitur iħalli t-terminu biex jopponi ordni ta' ħlas jiskadi matul il-proċedura ta' ordni ta' ħlas (l-Artikoli 692(1) Nru 3 u 694 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), jinħareġ mandat ta' eżekuzzjoni fuq rikors tal-kreditur (l-Artikolu 699(1), l-ewwel sentenza, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Jekk il-perjodu għall-preżentata ta' appell ma jiġix osservat, id-deċiżjoni ssir finali (l-Artikolu 705 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Dan japplika wkoll meta l-perjodu għall-preżentata ta' oġġezzjoni kontra sentenza mogħtija fil-kontumaċja jew digriet ta' eżekuzzjoni ma jiġix osservat. (Oġġezzjoni ta' dan it-tip (*Einspruch*) ma hijiex "appell" fis-sens tekniku, peress li tiġi eżaminata mill-istess qorti, u mhux minn qorti superjuri.) In-nuqqas ta' osservazzjoni tat-terminu sabiex jiġu ddikjarati r-raġunijiet għal appell jew oġġezzjoni jirriżulta fiċ-ċaħda tal-appell jew tal-oġġezzjoni bħala inammissibbli (l-Artikoli 522(1), 552(1) u 577 (1) tal-Kodiċi).
L-istess japplika għat-terminu sabiex wieħed jagħti r-raġunijiet għal rikors mill-ġdid għall-permess ta' appell (l-Artikolu 544(4)).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Meta jinqabżu l-iskadenzi, il-parti jkollha dawn ir-rimedji li ġejjin kontra l-konsegwenzi stabbiliti fil-punt 15:
Fil-każijiet koperti mill-Artikolu 296(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-parti tista' tissottometti spjegazzjoni għad-dewmien (ara iktar il-fuq). F'dan il-każ, il-parti trid titlob u, jekk ikun meħtieġ mill-qorti, tiżgura lill-qorti li m'għandiex tort għall-iskadenza maqbuża. Jekk il-parti tkun tista' turi dan, il-qorti trid tippermetti wkoll is-sottomissjoni tardiva.
Il-parti li kontriha tkun ingħatat sentenza fil-kontumaċja tista' topponiha (l-Artikolu 338 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk l-oġġezzjoni tkun ammissibbli, jiġifieri b'mod partikolari, jekk tkun fil-forma meħtieġa u fiż-żmien permess (l-Artikoli 339 u 340 tal-Kodiċi), u tkun fondata, il-proċedimenti jmorru lura għall-istadju ta' qabel ma tkun inqabżet l-iskadenza (l-Artikolu 342).
Oġġezzjoni tista' tiġi ppreżentata wkoll kontra digriet ta' eżekuzzjoni maħruġ fi proċedura għal ordni ta ħlas, għaliex skont l-Artikolu 700 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili dan huwa ekwivalenti għal sentenza mogħtija fil-kontumaċja.
It-termini għall-appelli u l-oġġezzjonijiet huma perjodi obbligatorji. Parti li ma tkunx tħalliet tosserva perjodu obbligatorju mingħajr ebda tort tagħha stess tista' tressaq rikors għar-ritorn għall-pożizzjoni ta' qabel ingħatat is-sentenza fil-kontumaċja (l-Artikoli 233 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Dan għandu jsir fit-terminu statutorju u fil-forma meħtieġa (l-Artikoli 234 u 236(1) tal-Kodiċi). Il-fatti intiżi biex jiġġustifikaw skadenza maqbuża jridu jkunu motivati u evidenzjati (l-Artikolu 236(2)). Kwalunkwe pass proċedurali li parti tkun tilfet, eż. il-preżentata ta' appell, irid isir fit-terminu għar-rikors.
Wieħed jista' jressaq rikors għar-ritorn għall-pożizzjoni ta' qabel ingħatat is-sentenza fil-kontumaċja meta l-iskadenza maqbuża tkun it-terminu mogħti għas-sottomissjoni ta' raġunijiet għal appell jew oġġezzjoni.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Estonja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima Ġenerali tal-Att dwar il-Kodiċi Ċivili (*tsiviilseadustiku üldosa seadus*, TsÜS) li tikkonċerna t-termini u l-iskadenzi japplikaw meta jiġi kkalkulat it-terminu proċedurali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi. Skont l-Artikolu 134(2) tat-TsÜS, terminu jiġi definit fi snin, xhur, ġimgħat, jiem, sigħat jew kejl tal-ħin iqsar jew b'referenza għal avveniment li se jseħħ żgur. Terminu jibda jgħaddi mill-ġurnata wara l-jum kalendarju jew id-dħul fis-seħħ tal-avveniment li kien stabbilit bħala l-bidu tat-terminu, u jieqaf mal-iskadenza. Jekk l-iskadenza tkun idefinita bħala terminu kkalkulat f'jiem jew kejl tal-ħin itwal, it-terminu jiskadi f'nofsillejl fid-data ta' skadenza sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi. Dikjarazzjoni ta' intenzjoni li trid tiġi kkomunikata f'terminu ta' żmien lil persuna impenjata f'attività ekonomika jew professjonali għandha tiġi komunikata lill-persuna u kull att li jrid jitwettaq f'terminu ta' żmien fir-rigward ta' dik il-persuna jrid jitwettaq l-aktar tard fid-data ta' skadenza tal-ħin normali tax-xogħol tal-post fejn trid tiġi komunikata d-dikjarazzjoni tal-intenzjoni jew fejn se jitwettaq l-att. Jekk l-att proċedurali jrid jitwettaq fil-bini tal-qorti, it-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol tal-qorti titqies bħala t-tmiem tat-terminu.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Il-ġranet ta' festa huma stabbiliti fl-Att dwar il-Festi Pubbliċi u l-Jiem ta' Importanza Nazzjonali (*pühade ja tähtpäevade seadus*) (li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Frar 1998). Dawn huma:
1) L-24 ta' Frar - Jum l-Indipendenza u l-anniversarju tar-Repubblika tal-Estonja;
2) L-1 ta' Jannar - l-Ewwel tas-Sena;
3) – il-Ġimgħa l-Kbira;
4) – l-Għid il-Kbir;
5) l-1 ta' Mejju - Jum il-Ħaddiem;
6) – Jum il-Pentekoste;
7) it-23 ta' Ġunju – Jum ir-Rebħa;
8) l-24 ta' Ġunju – il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann;
9) l-20 ta' Awwissu - Jum ir-Restawr tal-Indipendenza;

10) l-24 ta' Diċembru - Lejlet il-Milied;
11) il-25 ta' Diċembru - Jum il-Milied;
12) is-26 ta' Diċembru - San Stiefnu;

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Skont l-Artikolu 65(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*tsiviilkohtumenetluse seadustik*, TsMS), id-dispożizzjonijiet tat-TsÜS dwar it-termini u l-iskadenzi japplikaw meta jiġu kkalkulati t-termini proċedurali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Ir-regola ġenerali hija stabbilita fl-Artikolu 135(1) tat-TsÜS, fejn terminu jibda jiddekorri fil-jum ta' wara l-jum kalendarju jew wara li jseħħ l-avveniment li kien stabbilit bħala l-bidu tat-terminu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi jew minn kuntratt. Terminu stabbilit mill-qorti jibda għaddej mill-ġurnata wara l-ġurnata li fih jiġi nnotifikat id-dokument li għalih ġie stabbilit it-terminu, sakemm mhux provdut mod ieħor meta jiġi stabbilit it-terminu. Jekk ma jkunx hemm bżonn li d-dokument jiġi nnotifikat, it-terminu jibda jiddekorri kif jasal l-avviż tat-terminu li ġie stabbilit (l-Artikolu 63 tat-TsMS).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Le. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid li terminu stabbilit mill-qorti jibda għaddej mill-ġurnata wara l-ġurnata li fiha jkun ġie notifikat id-dokument ġudizzjarju. Dan japplika għall-mezzi kollha ta' notifika tad-dokumenti.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Le – skont l-Artikolu 135(1) tat-TsÜS, terminu jibda jiddekorri fil-jum ta' wara l-jum kalendarju jew wara li jseħħ l-avveniment li kien stabbilit bħala l-bidu tat-terminu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi jew minn kuntratt.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Skont l-Artikolu 136(9) tat-TsÜS, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' terminu, ġurnata titqies li hija perjodu ta' żmien minn nofsillejl sa nofsillejl. Għalhekk, jekk terminu huwa espress f'jiem, in-numru ta' ġranet jirreferi għall-jiem kalendarji.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Bħala regola ġenerali, il-limiti taż-żmien proċedurali jiġu espressi f'jiem.

Terminu jista' jiġi espress f'xhur jekk, pereżempju, ma jista' jsir l-ebda appell kif jiskadi t-terminu. Skont l-Artikolu 632 tat-TsMS, appell jista' jitressaq fi żmien 30 jum min-notifika tas-sentenza lill-appellant, iżda mhux aktar tard minn 5 xhur wara d-data meta s-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza tkun saret pubblika. Kif jgħaddu 5 xhur mid-data li fiha saret pubblika s-sentenza, ma jista' jitressaq l-ebda appell anki jekk ikun fadal inqas minn 30 jum sakemm jgħaddu l-5 xhur wara n-notifika u l-pubblikazzjoni tas-sentenza. Dan il-limitu definittiv ġie stabbilit sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali. Ġie stabbilit ukoll limitu definittiv simili ta' ħames xhur għall-preżentata ta' appell fir-rigward ta', pereżempju, il-preżentata ta' appell kontra sentenza jew appell fil-kassazzjoni.

Eżempju ta' terminu espress fi snin huwa t-terminu għall-iskadenza ta' talba għal rimborż ta' tariffa tal-Istat jew garanzija - it-talba ssir preskritta meta jkunu għaddew sentejn mill-aħħar tas-sena li fiha jkunu tħallsu l-garanzija jew it-tariffa tal-Istat, iżda mhux qabel ma tkun daħħlet fis-seħħ sentenza li ġġib fi tmiemhom il-proċedimenti. Dan huwa, madankollu, it-terminu ta' skadenza ta' talba u mhux limitu taż-żmien proċedurali - dan il-perjodu la jista' jiġi estiż u l-anqas jerġa jibda jgħaddi.

Terminu għall-iskadenza ta' talba huwa espress ukoll fi snin. Dan mhux limitu ta' żmien proċedurali l-anqas. Skont l-Artikolu 143 tat-TsÜS, qorti tqis l-iskadenza ta' talba biss b'talba tal-persuna obbligata.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Terminu jispiċċa fid-data ta' skadenza. Jekk perjodu ta' skadenza huwa definit bħala perjodu ta' żmien ikkalkulat f'ġimgħat, id-data ta' skadenza hija l-ġurnata korrispondenti tal-aħħar ġimgħa tal-perjodu ta' żmien. Jekk perjodu ta' skadenza huwa definit bħala perjodu ta' żmien ikkalkulat f'ġimgħat, id-data ta' skadenza hija l-ġurnata korrispondenti tal-aħħar xahar. Jekk perjodu ta' skadenza huwa definit bħala perjodu ta' żmien ikkalkulat fi snin, id-data ta' skadenza hija l-ġurnata u x-xahar korrispondenti tal-aħħar sena. Jekk perjodu ta' skadenza huwa definit bħala perjodu ta' żmien ikkalkulat f'ġimgħat jew snin, u d-data ta' skadenza tkun f'xahar li ma jkollux dik id-data partikolari, id-data ta' skadenza titqies li tkun l-aħħar ġurnata tax-xahar (l-Artikolu 136(2)-(5) tat-TsÜS).

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva. L-Artikolu 136(8) tat-Taqsima Ġenerali tal-Att dwar il-Kodiċi Ċivili jgħid li, jekk id-data ta' skadenza biex issir dikjarazzjoni ta' intenzjoni jew jitwettaq obbligu taqa' f'festa pubblika jew ġurnata oħra ta' festa, id-data ta' skadenza titqies li tkun l-ewwel ġurnata ta' xogħol wara l-ġurnata ta' festa.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Skont l-Artikolu 64(1) tat-TsMS, qorti tista', abbażi ta' petizzjoni motivata jew fuq inizjattiva tagħha stess, testendi terminu proċedurali li tkun stabbiliet jekk ikun hemm raġuni valida biex tagħmel dan. Terminu jista' jiġi estiż għal aktar minn darba biss bil-kunsens tal-parti opposta.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Appell irid isir fi żmien 30 jum min-notifika tas-sentenza lill-appellant iżda mhux aktar tard minn 5 xhur mid-data ta' meta s-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza (*esimese astme kohus*) tkun ġiet ippubblikata (l-Artikolu 632(1) tat-TsMS). Madankollu, hemm eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali:

1) Jekk, meta tkun qed tiddeċiedi każ, qorti tal-kontea (*maakohus*) tiddikjara fil-parti operattiva tas-sentenza li l-leġiżlazzjoni rilevanti ta' applikazzjoni ġenerali hija kontra l-Kostituzzjoni (*põhiseadus*) u tirrifjuta li tapplikaha, il-perjodu għall-appell ma jibdiex jiddekorri qabel ma tingħata sentenza dwar il-leġiżlazzjoni ta' applikazzjoni ġenerali li ma ġietx applikata permezz ta' rieżami kostituzzjonali mill-Qorti Suprema (*Riigikohus*);

2) Jekk ikun hemm sentenza supplimentari fi kwistjoni matul il-perjodu għall-appell, il-perjodu għall-appell jibda jiddekorri minn dakinhar meta tingħata s-sentenza supplimentari, inkluż fir-rigward tas-sentenza inizjali. F'każijiet fejn il-parti minsija tiġi miżjuda ma sentenza mogħtija mingħajr il-parti deskrittiva jew dikjarazzjoni tar-raġunijiet, il-perjodu għal appell jerġa' jibda mill-ġdid mid-data li fiha tingħata s-sentenza finali.

Jekk il-partijiet jilħqu ftehim f'dan ir-rigward u javżaw lill-qorti, il-perjodu ta' appell jista' jiġi mnaqqas, jew jista' jiżdied sa massimu ta' ħames xhur minn meta ssir pubblika s-sentenza.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, qorti tiffissa seduta immedjatament wara l-preżentata ta' talba jew rikors u r-risposta għaliha, jew mal-iskadenza tat-terminu stabbilit għar-risposta. Il-qorti tista' tiffissa wkoll seduta qabel ma tirċievi risposta jew qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit għar-risposta jekk jista' jkun preżunt li hemm bżonn seduta l-qorti għal deċiżjoni dwar il-kwistjoni irrispettivament mir-risposta jew jekk l-iffissar immedjat tas-seduta huwa raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi għal raġunijiet oħra. Jekk il-qorti ma għandhiex bżonn ta' risposta, hija tiffissa s-seduta tal-qorti immedjatament wara l-irċevuta ta' talba jew rikors. Jekk ikun possibbli, il-qorti tikseb u tqis l-opinjoni tal-parteċipanti fil-proċedimenti meta tiffissa seduta l-qorti.

Qorti tista' tikkanċella, tbiddel il-ħin ta' jew tiddifferixxi seduta tal-qorti biss jekk ikollha raġuni tajba (l-Artikolu 352(1) tat-TsMS).

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Jekk il-proċedimenti jsiru skont il-liġi proċedurali Estonjana, persuna ma titlifx id-dritt għall-estensjoni tal-limitu taż-żmien proċedurali biss minħabba l-possibbiltà ta' estensjoni jew le tal-limitu taż-żmien fil-post fejn il-persuna saret taf bl-att.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk l-att proċedurali ma twettaqx fil-ħin, il-parti fil-proċedimenti ma jkollhiex dritt twettaq l-att proċedurali fi stadju ulterjuri, sakemm qorti ma terġax iġġedded it-terminu previst mil-liġi, testendi t-terminu li tkun stabbiliet jew tisma' t-talba, ir-rikors, il-provi jew l-oġġezzjoni ppreżentata mill-parti fil-proċedimenti. Dan japplika irrispettivament minn jekk il-parti fil-proċedimenti kinitx imwissija dwar dawn il-konsegwenzi minn qabel.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk qorti tkun tat sentenza fil-kontumaċja minħabba li l-konvenut ma jkunx deher, il-konvenut jista' jippreżenta talba biex tiġi annullata dik is-sentenza (l-Artikolu 415 tat-TsMS). Il-konvenut jista' jippreżenta talba biex tiġi annullata s-sentenza mogħtija f'kontumaċja jekk kien hemm raġuni tajba għan-nuqqas ta' azzjoni tal-konvenut li wassal għas-sentenza f'kontumaċja. Raġunijiet tajba għan-nuqqas ta' rispons għall-azzjoni jew dehra l-qorti u għan-nuqqas ta' notifika lill-qorti huma, qabel kollox, problemi tat-traffiku, mard mhux mistenni ta' parti jew mard serju mhux mistenni ta' persuna qrib il-parti li minħabba f'hekk naqas milli jwieġeb għall-azzjoni jew li jidher il-qorti u jibgħat rappreżentant minfloku (l-Artikolu 422(1)).

Talba biex tiġi annullata sentenza f'kontumaċja tista' tiġi ppreżentata irrispettivament mill-eżistenza ta' raġuni tajba jekk:

1) f'każ ta' nuqqas ta' risposta għal azzjoni, l-azzjoni ġiet innotifikata lill-konvenut jew lil rappreżentant tiegħu b'kull mezz ħlief b'konsenja personali li teħtieġ firma jew b'mod elettroniku;

2) f'każ ta' nuqqas ta' dehra f'seduta tal-qorti, it-taħrika ġiet innotifikata lill-konvenut jew lil rappreżentant tiegħu b'kull mezz ieħor ħlief b'konsenja personali li teħtieġ firma jew b'konsenja waqt seduta tal-qorti jew b'mod elettroniku;

3) is-sentenza fil-kontumaċja ma setgħetx tingħata skont il-liġi.

Talba biex tiġi annullata sentenza mogħtija f'kontumaċja tista' titressaq fi żmien 30 jum wara n-notifika ta' dik is-sentenza. Jekk is-sentenza mogħtija f'kontumaċja tingħata b'mod pubbliku, talba għall-annullament tagħha tista' ssir fi żmien 30 jum mid-data li fiha l-konvenut sar jaf bis-sentenza mogħtija f'kontumaċja jew bil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni għas-sentenza mogħtija f'kontumaċja. Jekk tingħata sentenza f'kontumaċja oħra kontra l-konvenut wara li jkunu reġgħu nfetħu l-proċedimenti, il-konvenut jista' jappella kontra dik is-sentenza biss fuq il-bażi tan-nuqqas ta' verifika tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal sentenza mogħtija f'kontumaċja.

L-aħħar aġġornament: 10/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Irlanda

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-tipi prinċipali ta' skadenzi huma dawn:

Żmien għar-risposta għal talba: Meta jkun ġie nnotifikat b'talba tal-Qorti Superjuri (*High Court*), konvenut ikollu tmint ijiem biex jippreżenta nota ta' notifika, magħrufa bħala "komparsa". Madankollu, it-terminu ta' tmint ijiem ma japplikax għal "taħrika speċjali", skont ir-Regoli tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 12, ir-regola 2, li tippermetti li tiġi ppreżentata komparsa fi kwalunkwe ħin.

Il-perjodu ġenerali ta' tmint ijiem huwa "esklużiv" mid-data tan-notifika, sakemm il-Qorti ma tiddisponix mod ieħor. Il-konvenut imbagħad għandu perjodu ieħor ta' 28 jum mid-data tal-konsenja tad-dikjarazzjoni tat-talba jew miż-żmien limitat għall-komparsa, skont liema jkun l-aħħar, biex jipprovdi risposta [ir-Regoli tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 21, ir-regola 1].

Fil-proċedimenti ċivili quddiem il-Qorti taċ-Ċirkwit (*Circuit Court*), il-konvenut huwa meħtieġ li jwassal ir-risposta tiegħu lill-attur fi żmien għaxart ijiem mid-dħul ta' komparsa [ir-Regoli tal-Qorti taċ-Ċirkwit 2001, l-Ordni 15, ir-regola 4]. Fil-Qorti Distrettwali (*District Court*), il-Komparsa u r-Risposta jridu jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn 28 jum wara n-notifika tal-Avviż tat-Talba [ir-Regoli tal-Qorti Distrettwali, l-Ordni 42].

Iż-żmien għall-eżekuzzjoni ta' sentenza: Fil-Qorti Superjuri (*High Court*), il-proċedimenti għall-eżekuzzjoni ta' sentenza jistgħu jitressqu fi żmien sitt snin mid-data meta s-sentenza tkun saret eżegwibbli [ir-Regoli tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 42, ir-regola 23]. Rikors lill-qorti għal-libertà li toħroġ eżekuzzjoni huwa meħtieġ meta jkunu għaddew sitt snin jew meta tkun seħħet bidla fil-partijiet b'mewt jew b'xi mod ieħor. Azzjoni dwar sentenza ssir preskritta wara 12-il sena mid-data li fiha s-sentenza saret eżegwibbli [L-Istatut dwar il-Preskrizzjoni tal-1957, l-Artikolu 11].

Perjodi ta' preskrizzjoni: F'każijiet ta' kuntratt, il-parti kontraenti jkollha sitt snin biex tressaq talba mid-data li fiha seħħet il-kawża tal-azzjoni. F'każijiet ta' delitt, persuna ġeneralment ikollha sitt snin biex tressaq it-talba tagħha għalkemm japplikaw regoli speċjali fir-rigward ta' ħsara fuq il-persuna u każijiet ta' malafama.

F'każijiet ta' ħsara fuq il-persuna, il-persuna jkollha sentejn biex tressaq talba mid-data tal-ħsara jew mid-data tal-għarfien tal-kawża tal-ħsara jekk din tirriżulta aktar tard [L-Att dwar ir-Responsabbiltà Ċivili u l-Qrati 2004, l-Artikolu 7].

F'każijiet ta' malafama, persuna jkollha sena biex tressaq talba, li tista' tiġi estiża għal sentejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

F'azzjoni kontra l-patrimonju ta' persuna deċeduta, it-talba trid titressaq fi żmien sentejn wara l-mewt, jew fi ħdan il-perjodu ta' preskrizzjoni ordinarja, skont liema jkun l-iqsar il-perjodu [L-Att dwar ir-Responsabbiltà Ċivili 1961, l-Artikolu 9(2)].

Il-proċedimenti mibdija mill-konkubini skont il-Parti 15 tal-Att dwar is-Sħubija Ċivili u Ċerti Drittijiet u Obbligi tal-Konkubini tal-2010 jridu jitressqu fi żmien sentejn wara t-tmiem tar-relazzjoni.

Għal każijiet li jinvolvu l-irkupru tal-art, il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' 12-il sena.

Għall-irkupru ta' arretrati ta' kera konvenzjonali, il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' sitt snin. Għall-fidi ta' ipoteka, il-perjodu huwa ta' 12-il sena. Għal talbiet ta' salvataġġ, japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn. Għal talba għad-danni li jirriżultaw minn ksur ta' kundizzjonijiet implikati li jirriżultaw minn vettura bil-mutur difettuża, persuna għandha sentejn sabiex tressaq it-talba [L-Att dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti u l-Provvista ta' Servizzi tal-1980, l-Artikolu 13(8)]. Għal talba għad-danni fir-rigward ta' prodott difettuż, l-azzjoni trid tinbeda fi żmien tlett snin [L-Att dwar ir-responsabbiltà għal Prodotti Difettużi tal-1991, l-Artikolu 7(1)].

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Ir-regoli dwar is-seduti tal-qrati u l-ferji tal-qorti jinsabu fil-link fl-aħħar ta' dan id-dokument.

Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, din li ġejja hija lista ta' jiem mhux tax-xogħol fl-Irlanda:

L-Ewwel tas-Sena (l-1 ta' Jannar)

Il-Jum ta' San Patrizju (is-17 ta' Marzu)

It-Tnejn ta' wara l-Għid

Jum il-Milied (il-25 ta' Diċembru)

Jum San Stiefnu (is-26 ta' Diċembru)
L-ewwel nhar ta' Tnejn ta' Mejju, ta' Ġunju u ta' Awwissu
L-aħħar nhar ta' Tnejn ta' Ottubru
Meta Jum il-Milied, Jum San Stiefnu jew l-Ewwel tas-Sena jaħbat fi tmiem il-ġimgħa, il-jum tax-xogħol li jmiss isir btala pubblika. Ta' min jinnota wkoll il-ferji tal-qorti, li matulhom ikun hemm seduti limitati tal-qorti, bħal "seduti tal-ferji" u rikorsi urġenti. Pereżempju, matul il-ferji twal f'Awwissu u f'Settembru, ikun hemm seduti tal-qorti limitati fil-Qrati Superjuri u fil-Qorti taċ-Ċirkwit.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-Istatut dwar il-Preskrizzjoni tal-1957, kif emendat, jispeċifika l-iskadenzi li fihom għandhom jitressqu l-proċedimenti legali. Talba mressqa wara l-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni tiġi prekluża jew miċħuda biss jekk konvenut jinvoka l-Istatut tal-Preskrizzjoni fid-difiża tiegħu. Konsegwentement, l-Istatut tal-Preskrizzjoni ma jaffettwax id-dritt tal-attur li jiftaħ proċedimenti iżda jista' jaffettwa d-dritt tiegħu li jirbaħ. Huwa interessanti wkoll li anke meta talba titressaq fil-perjodu ta' żmien rilevanti, il-Qorti Superjuri (*High Court*) xorta jkollha ġuriżdizzjoni inerenti biex tiċħad it-talba fl-interessi tal-ġustizzja meta d-dekors taż-żmien involut bejn id-data tal-kawża tal-azzjoni u d-data tal-proċedimenti jew it-talba ikun tant kbir li jikkawża inġustizzja lill-konvenut. Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba għall-Mistoqsija 1 aktar 'il fuq.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Iż-żmien jibda jiddekorri mid-data tal-avveniment rilevanti jew mid-"data tal-għarfien ta' avveniment rilevanti" (eż. ħsara fuq il-persuna). Pereżempju, jekk il-qorti tikkonċedi ġimgħa li fiha jkun meħtieġ li ssir xi ħaġa, l-att inkwistjoni jrid isir jew id-dokument rilevanti jrid jiġi ppreżentat fi żmien ġimgħa minn meta tinħareġ l-ordni li tordna dak li għandu jsir. L-istess japplika jekk parti jkollha sitt snin biex teżegwixxi sentenza, jiġifieri sitt snin mid-data li fiha s-sentenza tkun saret eżegwibbli.
B'mod ġenerali, u ħlief meta l-intenzjoni kuntrarja tidher fl-att adottat, meta perjodu ta' żmien jiġi espress li jibda f'jum partikolari, dak il-jum ikun inkluż f'dak il-perjodu ta' żmien [L-Att dwar l-Interpretazzjoni tal-2005, l-Artikolu 18(h)]. Madankollu, l-Ordni 122, ir-regola 10, tar-Regoli tal-Qrati Superjuri tipprevedi li meta numru partikolari ta' jiem (għajr jiem "liberi" - (*clear days*)), jiġi stabbilit minn dawk ir-Regoli, l-ewwel jum ikun eskluż fil-kalkolu tal-perjodu ta' żmien.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Jekk dokument ikollu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra għal azzjoni sa data partikolari jew fi żmien għadd partikolari ta' jiem, normalment jiġi dirett li jiġi nnotifikat jew permezz ta' posta ordinarja mħallsa minn qabel jew permezz ta' posta rreġistrata. Jekk id-dokument jiġi nnotifikat b'posta ordinarja mħallsa minn qabel, jitqies li jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra fiż-żmien li fih l-envelopp li ġo fih ikun jinsab id-dokument jiġi kkonsenjat fil-kors ordinarju tal-posta, normalment il-jum wara dak li fih jiġi impustat. [Għar-regoli li jirregolaw in-notifika ta' rikors promotur (*civil bill*) fil-Qorti taċ-Ċirkwit (*Circuit Court*), ara r-Regoli tal-Qorti taċ-Ċirkwit tal-2001 Ordni 11, ir-regola 10 u l-Ordni 14, ir-regola 3(vi); għar-regoli li jirregolaw in-notifika ta' Avviż ta' Talba fil-Qorti Distrettwali, ara r-Regoli tal-Qorti Distrettwali, l-Ordni 41; għar-regoli li jirregolaw in-notifika ta' taħrika fil-Qorti Superjuri, ara r-Regoli tal-Qrati Superjuri , l-Ordni 9].
L-Ordni 122 tar-Regoli tal-Qrati Superjuri tirregola r-regoli ġenerali fir-rigward taż-żmien inkluż meta n-notifika titqies li saret [Regoli tal-Ordni tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 122, ir-regola 9].

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta jiġi espress perjodu ta' żmien li jibda fi jew jiġi kkalkulat minn jum partikolari, pereżempju jekk dokument għandu jiġi nnotifikat lil parti "fi żmien sebat ijiem", l-ewwel jum (pereżempju, il-jum li fih issir l-ordni) għandu, soġġett għall-istatut jew ir-regoli tal-qorti, jitqies li huwa inkluż f'dak il-perjodu. Madankollu, l-Ordni 122, ir-Regola 10 tar-Regoli tal-Qrati Superjuri jipprevedi li meta jiġi stabbilit numru partikolari ta' jiem (għajr jiem "liberi" - (*clear days*)), minn dawk ir-regoli, l-ewwel jum ikun eskluż. Meta perjodu ta' żmien jiġi espress biex jintemm jew jiġi kkalkulat għal jum partikolari dak il-jum għandu jitqies li huwa inkluż fil-perjodu. Meta jkunu permessi inqas minn sitt ijiem biex jiġi nnotifikat kwalunkwe dokument jew biex jinbeda kwalunkwe proċediment, is-Sibt, il-Ħadd, il-jum tal-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira ma għandhomx jiġu kkalkolati fil-kalkolu tal-perjodu ta' żmien. [Ir-Regoli tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 122].

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Jiem kalendarji, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Meta ż-żmien biex isir kwalunkwe att jew biex jinbeda kwalunkwe proċediment ikun limitat b'xhur jew snin, tali żmien jiġi kkalkolat b'xhur kalendarji, sakemm ma jkunx espress mod ieħor.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

B'mod ġenerali, u ħlief meta l-intenzjoni kuntrarja tidher fl-att adottat, meta perjodu ta' żmien jiġi espress li jibda jew jiġi kkalkolat minn jum partikolari, dak il-jum għandu jiġi inkluż fil-perjodu u, meta perjodu ta' żmien jiġi espress li jintemm f'jum partikolari jew jiġi kkalkulat għal jum partikolari, dak il-jum għandu jiġi inkluż fil-perjodu [l-Att dwar l-Interpretazzjoni tal-2005, l-Artikolu 18(h)]. Madankollu, l-Ordni 122, ir-regola 10, tar-Regoli tal-Qrati Superjuri tipprevedi li meta numru partikolari ta' jiem (għajr jiem "liberi" - (*clear days*)), jiġi stabbilit minn dawk ir-Regoli, l-ewwel jum ikun eskluż fil-kalkolu tal-perjodu ta' żmien.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva, meta ż-żmien biex isir kwalunkwe att jew biex jinbeda kwalunkwe proċediment jiskadi s-Sibt, il-Ħadd jew jum ieħor li fih jingħalqu l-uffiċċji tal-qorti, u meta l-att, għalhekk, ma jkunx jista' isir f'dak il-jum, dak il-perjodu jiskadi fil-jum ta' wara meta l-uffiċċji tal-qorti jkunu miftuħa. Din ir-regola tapplika kull meta jkun hemm perjodu ta' skadenza.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Meta statut jipprovdi perjodu ta' preskrizzjoni, il-qrati ma jkollhomx is-setgħa li jestendu dak il-perjodu. Madankollu, hemm ġuriżdizzjoni diskrezzjonali mogħtija lill-qrati biex jestendu jew iqassru l-perjodi ta' żmien li huma stabbiliti fir-regoli tal-qorti jew f'ordnijiet tal-qorti f'ċerti każijiet. Jekk ir-rikorrent iqis li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali biex isir hekk, huwa jista' jitlob lill-qorti tikkunsidra rikors immedjatament mingħajr ma tistenna li l-konvenut jiġi nnotifikat bi kwalunkwe dokument. Dan huwa magħruf bħala rikors *ex parte* jew "mingħajr avviż". Jekk issir ordni *ex parte*, il-parti l-oħra tiġi nnotifikata bil-mod kif issir dik l-ordni u mbagħad tingħata l-opportunità li tiġi l-qorti u titlob li l-ordni tiġi varjata jew miċħuda. Ġeneralment, iż-żmien għall-preżentata ta' kwalunkwe dokument tal-qorti jista' jiġi estiż bil-kunsens. Meta parti f'kawża titlob li testendi ż-żmien biex tappella, hija għandha tistabbilixxi li kienet iffurmat l-intenzjoni li tappella fiż-żmien limitat, li n-nuqqas ta' dan l-appell fil-ħin kien dovut għal żball u li hija għandha każ li jista' jiġi argumentat. Jekk ikun hemm xi preġudizzju kkawżat lill-parti l-oħra minħabba l-iskadenza taż-żmien, dan jista' jkun fattur rilevanti u l-qorti tista' f'dawk iċ-ċirkostanzi teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tirrifjuta li testendi ż-żmien.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

L-appell kontra deċiżjoni tal-Qorti Superjuri (*High Court*) għandu jitressaq fi żmien 28 jum mid-data tal-ipperfezzjonar tal-ordni appellata.
Jekk persuna tixtieq tappella kontra deċiżjoni tal-Qorti taċ-Ċirkwit (*Circuit Court*), hija trid tressaq l-appell fi żmien 10 ijiem mid-data meta tkun ingħatat is-sentenza appellata jew id-digriet appellat [ir-Regoli tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 61, ir-regola 3]
Jekk persuna tixtieq tappella kontra deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali, hija trid tressaq l-appell fi żmien 14-il jum mid-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali [l-Ordni 101, ir-regola 1 Regoli tal-Qorti Distrettwali].

Sabiex tiġi riveduta b'mod ġudizzjarju deċiżjoni ta' mħallef jew ta' korp amministrattiv, ir-rikors irid isir minnufih u fi żmien 3 xhur mid-data meta r-raġunijiet għar-rikors jkunu nħolqu għall-ewwel darba, sakemm il-qorti ma tkunx tal-fehma li hemm raġunijiet tajbin għall-estensjoni tal-perjodu. [Ir-Regoli tal-Qrati Superjuri, l-Ordni 84, ir-regola 21(1)]

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Meta statut jipprovdi perjodu ta' preskrizzjoni, il-qrati ma jkollhomx is-setgħa li jestendu jew iqassru dak il-perjodu. Madankollu, soġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti ta' statut, il-qorti għandha setgħa diskrezzjonali biex testendi jew tqassar iż-żmien biex isiru ċerti atti. Kemm ir-Regoli tal-Qrati Superjuri kif ukoll ir-Regoli tal-Qorti taċ-Ċirkwit jipprevedu li l-qorti għandha s-setgħa li ttawwal jew tqassar iż-żmien indikat minn dawk ir-Regoli, jew stabbilit minn kwalunkwe qorti.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le, il-parti ma titlifx il-benefiċċju tal-limitu ta' żmien estiż.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Kwalunkwe parti li tonqos milli tosserva l-limiti ta' żmien imposti mill-qorti jew stabbiliti fir-regoli tal-qorti jew fil-leġiżlazzjoni x'aktarx li jkollha l-kawża tagħha miċħuda. Pereżempju, jekk konvenut jonqos milli jidher f'kawża jew jonqos milli jippreżenta risposta, l-attur jista' jressaq rikors għal sentenza f'kontumaċja. Jekk f'dawk iċ-ċirkostanzi tingħata sentenza kontra konvenut, huwa jista' jitlob li s-sentenza tiġi miċħuda jew jista' jappella quddiem qorti ogħla. Jekk l-attur ma jagħtix id-dettalji tat-talba tiegħu fil-ħin, il-konvenut jista' jippreżenta rikors sabiex it-talba tiġi miċħuda minħabba dewmien. L-attur jista' jappella kontra din id-deċiżjoni quddiem qorti ogħla. Il-qorti tista' teżerċita wkoll id-diskrezzjoni tagħha fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża b'tali mod li tippenalizza parti li kienet ħatja ta' kwalunkwe dewmien mhux raġonevoli jew li naqset milli tirrispetta l-limiti ta' żmien rilevanti.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-parti kontumaċi tista' titlob ordni mill-qorti li testendi l-limiti ta' żmien. Jekk l-iskadenza tat-terminu tkun irriżultat f'sentenza ta' kontumaċja, dawn jistgħu jippreżentaw rikors biex is-sentenza tiġi annullata jew, jekk dak ir-rikors ma jintlaqax, jistgħu jappellaw quddiem qorti ogħla.

L-aħħar aġġornament: 17/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Grečja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-termini huma l-perjodi li fihom trid titwettaq azzjoni jew li jridu jgħaddu qabel ma tinstema' kawża jew qabel ma titwettaq azzjoni. L-introduzzjoni tat-termini għandha l-għan li twassal ġustizzja rapida u li tiggarantixxi d-dritt li persuna tinstema'. Termini proċedurali huma dawk li l-konformità jew in-nuqqas ta' osservanza tagħhom ikollhom konsegwenzi proċedurali. Huma jiġu distinti f'żewġ kategoriji ewlenin: 1) Il-perjodi preskritti għat-twettiq ta' AZZJONI huma dawk li fihom irid jitwettaq att proċedurali, bħat-terminu legali għat-tressiq ta' appell (ara l-Artikolu 318(1) tas-CCP) u 2) it-termini PREPARATORJI huma dawk li wara li jgħaddu jkun irid jitwettaq l-att proċedurali. Minn dawn it-termini, bħat-terminu sabiex jitħarrek il-konvenut (ara l-Artikolu 228 tas-CCP), ġeneralment jibbenifikaw il-konvenuti, minħabba li jingħataw żmien sabiex jippreparaw. Din id-distinzjoni hija sinifikanti minħabba li t-termini għat-twettiq ta' azzjoni jistgħu jiġu estiżi permezz ta' ftehim reċiproku tal-partijiet, filwaqt li t-termini preparatorji ma jistgħux jiġu estiżi. It-termini għat-twettiq ta' azzjoni jiskadu fil-jum tax-xogħol li jkun imiss jekk id-data ta' skadenza tagħhom tikkoinċidi ma' jum mhux tax-xogħol legali, filwaqt li t-termini preparatorji jiskadu fid-data ta' skadenza tagħhom, irrispettivament minn jekk dak il-jum ikunx btala jew jum mhux tax-xogħol. Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (CCP), it-termini proċedurali importanti huma, b'mod indikattiv, dawn li ġejjin:

It-terminu sabiex jitħarrku l-partijiet wara li titressaq azzjoni (sittin [60] jum qabel is-seduta ta' smigħ, sakemm il-parti ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' disgħin [90] jum qabel is-seduta ta' smigħ - ara l-Artikolu 228 tas-CCP).

L-iskadenza għar-rikors għall-annullament ta' sentenza (ħmistax-il [15] jum min-notifika tad-deċiżjoni, jekk il-parti ġġudikata *in absentia* tkun tirrisjedi fil-Grečja, sakemm il-parti li ma dehritx quddiem qorti ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' sittin [60] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza - ara l-Artikolu 503 tas-CCP).

It-terminu għal appell (tletin [30] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza finali, jekk il-parti li tressaq l-appell tkun tirrisjedi fil-Grečja, sakemm il-parti li tressaq l-appell ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' sittin [60] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza finali. Jekk is-sentenza finali ma tiġix innotifikata, it-terminu għal appell huwa ta' tliet [3] snin mill-pubblikazzjoni tas-sentenza - ara l-Artikolu 518 tas-CCP).

It-terminu għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċess (sittin [60] jum jekk il-parti li tressaq il-proċedimenti tkun tirrisjedi fil-Grečja, sakemm il-parti li tressaq il-proċedimenti ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' mija u għoxrin [120] jum - ara l-Artikolu 545 tas-CCP).

It-terminu għal appell ulterjuri (tletin [30] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza, jekk l-appellant ikun jirrisjedi fil-Grečja, sakemm il-parti li tressaq l-appell ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' disgħin [90] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza. Jekk is-sentenza ma tiġix innotifikata, it-terminu għal appell ulterjuri huwa ta' tliet [3] snin mill-pubblikazzjoni tas-sentenza - ara l-Artikolu 564 tas-CCP).

Is-CCP jistabbilixxi wkoll, b'mod partikolari, termini proċedurali għal proċedimenti oħrajn, bħal dawk relatati ma' kwistjonijiet matrimonjali (divorzju, annullament taż-żwieġ, eċċ.), rikors għal ordni ta' ħlas u oppożizzjoni għal tali rikors (ara l-Artikolu 632 tas-CCP), tilwimiet dwar kirjiet, tilwimiet industrijali, miżuri interim, proċedimenti ta' infurzar u oġġezzjoni għal tali proċedimenti ta' infurzar.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Fil-Grečja, il-btajjel huma stabbiliti, f'lista mhux eżawrjenti, fil-Liġi Nru. 1157/1981. Il-kriterju sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' btala huwa n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet b'mod ġenerali u, għalhekk, għal professjonijiet jew servizzi speċifiċi, il-btajjel huma irrilevanti. Dawn jistgħu jkunu btajjel nazzjonali, reliġjużi jew oħrajn, anki ta' natura lokali jew mhux permanenti. Il-btajjel għas-servizzi pubbliċi huma jiem mhux tax-xogħol. Dawn li ġejjin huma meqjusa bħala btajjel: Il-25 ta' Marzu (btala nazzjonali), it-28 ta' Ottubru (btala nazzjonali), l-Ewwel tas-Sena, l-Epifanija (is-6 ta' Jannar), il-Ġimgħa l-Kbira, Sibt il-Għid, l-1 ta' Mejju, il-15 ta' Awwissu, il-Milied u l-Għada tal-Milied, it-Tnejn, l-Għid il-Ħamsin, Clean Monday (l-ewwel jum tar-Randan), it-Tnejn ta' wara l-Għid u l-Ħdud kollha.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-Artikoli 144-151 tas-CCP jirreferu għat-termini proċedurali. Skont is-sors li jiddetermina t-tul ta' żmien tagħhom, it-termini jiġu distinti f'termini legali (dawk speċifikati mil-liġi, bħat-termini sabiex tittieħed azzjoni), ġudizzjarji (dawk iddeterminati mill-qorti li tisma' l-kawża, bħat-terminu għad-dehra personali tal-partijiet - ara l-Artikolu 245 tas-CCP), sospensivi (li n-nuqqas ta' konformità magħhom huwa kastigabbli permezz ta' aġġornament tas-seduta ta' smigħ) u mandatorji (li n-nuqqas ta' konformità magħhom huwa kastigabbli permezz ta' telf tad-dritt). Il-bidu u l-iskadenza tat-termini se jissemmew hawn taħt. Terminu jiġi interrott jekk parti tmut matulu. Jekk in-notifika ta' dokument tistabbilixxi d-dekorrenza tat-terminu, it-terminu l-ġdid jibda jiddekorri mid-data tan-notifika

ġdida tas-suċċessuri legali lill-persuna deċeduta. Jekk ikun hemm avveniment ieħor li jistabbilixxi d-dekorrenza tat-terminu, it-terminu l-ġdid jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tad-dikjarazzjoni rilevanti lill-persuni msemmija hawn fuq. L-interruzzjoni ta' proċess matul terminu tinterrompi t-terminu u t-terminu l-ġdid jibda jiddekorri mid-data tal-proċess ġdid. Il-perjodu mill-1 sal-31 ta' Awwissu ma jiġix ikkalkolat għat-termini għat-twettiq ta' azzjoni li jissemmew fl-Artikolu 147(7) tas-CCP. Dawn jinkludu termini sabiex titressaq azzjoni u termini preskrittivi għall-oppożizzjoni.
Il-liġi tippermetti l-estensjoni ta' terminu mhux biss permezz ta' ftehim reċiproku tal-partijiet, iżda wkoll bil-kunsens tal-imħallef. Kemm it-termini legali kif ukoll dawk ġudizzjarji huma soġġetti għal estensjoni, bir-restrizzjoni li din ma tippreġudikax id-drittijiet ta' partijiet terzi. L-imħallef mhuwiex marbut bir-rikors għall-estensjoni tal-ftehim u huwa jista' jżommu parzjalment jew saħansitra jirrifjutah, wara li jevalwa ċ-ċirkostanzi fuq bażi ta' każ b'każ. Dan ifisser li l-partijiet iridu jippreżentaw raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni. Fl-aħħar nett, it-terminu jista' jitqassar permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, bi qbil bejn il-partijiet. It-termini legali kollha jistgħu jitqassru, ħlief għat-termini sabiex titressaq azzjoni.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

It-terminu jibda jiddekorri mill-jum wara d-data li fiha seħħ l-avveniment li beda jiddekorri t-terminu (*a momento ad momentum).*

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jipprevedix l-estensjoni jew it-tnaqqis tat-terminu jekk id-dokumenti jiġu trażmessi jew jintbagħtu bil-posta jew b'xi tip ieħor ta' servizz ta' trasport

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Il-jum li fih seħħ l-avveniment li beda jiddekorri t-terminu preskrittiv jista' jiġi inkluż biss jekk ikun previst espressament fil-liġi, fis-sentenza jew fil-kuntratt. Id-dispożizzjoni li terminu speċifikat jibda jiddekorri mid-data tas-servizz ma tikkostitwixxi ebda każ bħal dan. Għalhekk, it-termini preskrittivi kritiċi għar-rimedji legali ta' appell, appell ulterjuri jew oppożizzjoni jibdew jiddekorru mill-jum wara d-data tan-notifika jew tal-pubblikazzjoni tas-sentenza. Madankollu, meta jiġi stabbilit li t-terminu preskrittiv jibda jiddekorri minn jum partikolari, tali jum jitqies fil-kalkolu. Meta l-avveniment li stabbilixxa d-dekorrenza tat-terminu preskrittiv jkun in-notifika, kwalunkwe mod ieħor ta' kif jiġi riċevut avviż tal-kontenut tad-dokument li jrid jiġi nnotifikat huwa irrilevanti għall-kalkolu tat-terminu.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Jekk hemmx btajjel bejniethom huwa irrilevanti. Il-jiem tax-xogħol jitqiesu fil-kalkolu biss jekk dan ikun previst espliċitament (bħal fil-każ tat-terminu għal appell kontra ordni ta' ħlas).

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Bl-istess mod, jekk it-terminu jiġi espress f'xhur jew snin, huwa irrilevanti jekk ikunx hemm btajjel bejniethom jew le, sakemm il-liġi ma tipprevedix espliċitament li t-terminu jappartjeni għal jiem tax-xogħol.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Jekk it-terminu jiġi espress fi snin, huwa jiskadi meta tgħaddi d-data korrispondenti tal-aħħar sena. Jekk jogħġbok innota li huwa irrilevanti għall-kalkolu jekk ikunx hemm sena biżestili fin-nofs jew le.
Jekk it-terminu jkun espress f'xhur, huwa jiskadi meta jgħaddi l-jum tal-aħħar xahar li jikkorrespondi għall-jum tal-bidu tiegħu. Jekk ma jkun hemm ebda korrispondenza bħal din, jintuża l-aħħar jum tax-xahar. Jekk jogħġbok innota li n-numru tal-jiem ta' kull xahar huwa irrilevanti.
It-terminu ta' nofs sena japplika bħala terminu ta' sitt (6) xhur u t-terminu ta' nofs xahar japplika bħala terminu ta' ħmistax-il (15) jum.
Jekk it-terminu jkun espress f'ġimgħat, huwa jiskadi meta jgħaddi l-jum korrispondenti tal-ġimgħa li jikkorrespondi għall-jum tal-bidu tiegħu; jiġifieri, jekk l-avveniment seħħ it-Tnejn, it-terminu ta' kull ġimgħa jiskadi t-Tnejn ta' wara.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Jekk it-terminu jiskadi nhar ta' Sibt, Ħadd, fi btala jew f'jum mhux tax-xogħol, huwa jiġi estiż għall-jum tax-xogħol li jkun imiss.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Il-liġi tippermetti l-estensjoni ta' terminu mhux biss permezz ta' ftehim reċiproku tal-partijiet, iżda wkoll bil-kunsens tal-imħallef. Kemm it-termini legali kif ukoll dawk ġudizzjarji huma soġġetti għal estensjoni, bir-restrizzjoni li din ma tippreġudikax id-drittijiet ta' partijiet terzi. L-imħallef mhuwiex marbut bir-rikors għall-estensjoni tal-ftehim u huwa jista' jżommu parzjalment jew saħansitra jirrifjutah, wara li jevalwa ċ-ċirkostanzi fuq bażi ta' każ b'każ.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

. L-iskadenza għar-rikors għall-annullament ta' sentenza (ħmistax-il [15] jum min-notifika tas-sentenza, jekk il-parti ġġudikata *in absentia* tkun tirrisjedi fil-Greċja, sakemm il-parti li ma dehritx quddiem qorti ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' sittin [60] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza - ara l-Artikolu 503 tas-CCP).
It-terminu preskrittiv għal appell huwa stipulat fl-Artikolu 518(1) tas-CCP. Jekk l-appellant ikun jirrisjedi fil-Greċja, tali terminu preskrittiv jkun ta' tletin (30) jum, filwaqt li, jekk ikun jirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tiegħu ma jkunx magħruf, ikun ta' sittin (60) jum. It-terminu ta' sittin (60) jum ma jikkonċernax lill-persuni li jirrisjedu barra l-pajjiż temporanjament (ivvjaġġar ta' divertiment, assenza ta' ftit jiem għal skop speċifiku), iżda għandu ċertu tul ta' żmien li huwa marbut mal-istat ċivili jew professjonali tagħhom.
It-terminu għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċess (sittin [60] jum jekk il-parti li tressaq il-proċedimenti tkun tirrisjedi fil-Greċja, sakemm il-parti li tressaq il-proċedimenti ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' mija u għoxrin [120] jum - ara l-Artikolu 545 tas-CCP).
It-terminu għal appell ulterjuri (tletin [30] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza, jekk l-appellant ikun jirrisjedi fil-Greċja, sakemm il-parti li tressaq l-appell ma tkunx tirrisjedi barra l-pajjiż jew id-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf, f'liema każ, it-terminu jkun ta' disgħin [90] jum wara li tkun ġiet innotifikata s-sentenza. Jekk is-sentenza ma tiġix innotifikata, it-terminu għal appell ulterjuri huwa ta' tliet [3] snin mill-pubblikazzjoni tas-sentenza - ara l-Artikolu 564 tas-CCP).

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

It-talba għal protezzjoni ġudizzjarja skont il-leġiżlazzjoni Griega tkopri, irrispettivament min-natura tat-tilwima, kemm il-protezzjoni ġudizzjarja interim kif ukoll dik permanenti. Il-każijiet fejn, minħabba l-urġenza tal-materja jew fl-interessi tal-prevenzjoni ta' periklu imminenti, il-qrati jistgħu jordnaw miżuri sabiex jiggarantixxu jew jissalvagwardjaw dritt jew sabiex jirregolaw sitwazzjoni, kif ukoll jirriformawhom jew iħassruhom, jiġu riżolti permezz ta' proċedura mħaffa (skont l-Artikoli 682-738 tas-CCP). Minħabba l-urġenza tagħhom, l-imħallef, filwaqt li jaġixxi sabiex jiżgura riżoluzzjoni rapida, u wara li jqis id-dritt tal-partijiet li jinstemgħu, għandu ġurisdizzjoni sabiex jiddetermina l-ħin u l-post tas-smigħ tar-rikors għal miżuri interim. B'hekk, l-imħallef għandu diskrezzjoni li jagħżel il-metodu tal-ħruġ ta' taħrika u t-terminu sabiex il-persuni jidhru quddiem qorti, anki dawk li jirrisjedu barra l-pajjiż jew li d-domiċilju tagħhom mhuwiex magħruf. Is-seduta ta' smigħ tista' tiġi ffissata wkoll nhar ta' Ħadd jew fi btala. It-termini msemmija hawn fuq japplikaw għall-proċeduri kollha ta' qorti ċivili, minbarra l-miżuri interim, mingħajr ma tiġi prevista l-estensjoni tagħhom.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Ma hemm ebda dispożizzjoni bħal din fil-leġiżlazzjoni Griega.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

In-nuqqas ta' konformità mat-termini li jirrigwardjaw azzjoni ġudizzjarja ma għandux konsegwenzi proċedurali. L-eċċess tat-terminu għal azzjoni kontra atti tal-partijiet jirriżulta fit-telf tad-dritt, filwaqt li tipi oħrajn ta' konsegwenzi, bħall-inammissibbiltà tas-seduta ta' smigħ, jirriżultaw fil-każ ta' termini preparatorji (ara l-Artikolu 271(1) tas-CCP).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Restitutio in integrum huwa rimedju legali previst fil-Kostituzzjoni, li permezz tiegħu parti li, minħabba *force majeure* jew minħabba l-intenzjoni frodulenti tal-parti l-oħra, tkun naqset milli tikkonforma ma' terminu, hija intitolata li tapplika sabiex treġġa' lura l-pożizzjoni tagħha għall-i*status quo* qabel skada t-terminu. Madankollu, b'mod eċċezzjonali, tali rikors ma jistax jiġi ddepożitat jekk jibbaża ruħu (a) fuq żball tal-avukat awtorizzat jew tar-rappreżentant legali tal-applikant, (b) fuq fatti li l-imħallef evalwa matul is-smigħ tar-rikors għal estensjoni jew posponiment ta' terminu sabiex jingħataw l-estensjoni jew il-posponiment rilevanti. Ir-rikors irid jiddikjara r-raġunijiet li għalihom ma kienx osservat it-terminu, l-evidenza sabiex tiġi aċċertata l-verità u l-att li tħalla barra, jew inkella jiddikjara li dan sar. Ir-rikors għal *restitutio in integrum* irid jinstema' fi żmien tletin (30) jum mid-data li fiha jitneħħa l-ostakolu li jikkostitwixxi *force majeure* jew tiġi nnotifikata l-intenzjoni frodulenti, diment li ma jkunx jista' jiġi applikat terminu ġdid jekk, għal xi raġuni jew oħra, ma jiġix osservat it-terminu msemmi hawn fuq (ara l-Artikoli 152-158 tas-CCP).

L-aħħar aġġornament: 20/06/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna es ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Spanja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

L-atti proċedurali jridu jitwettqu sa skadenzi speċifiċi (*términos*) jew fil-perjodi ta' żmien (*plazos*) stipulati mil-liġi.

Skadenza tispeċifika ż-żmien sa meta jrid iseħħ att proċedurali partikolari.

Perjodu ta' żmien jispeċifika ż-żmien disponibbli għat-twettiq tal-proċess. Il-perjodi jistgħu jiġu espressi f'jiem, ġimgħat, xhur jew snin.

Jekk il-liġi ma tistipula ebda perjodu ta' żmien jew skadenza, għandu jinftiehem li l-att irid jitwettaq mingħajr dewmien.

Madankollu, jeħtieġ li jiġi applikat il-kriterju tal-proporzjonalità, u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) jintroduċu l-kunċett ta' żmien raġonevoli (li jqis fatturi bħall-kumplessità tal-kawża, kemm normalment jieħu żmien it-tip ta' kawża inkwistjoni, l-interessi tal-litigant u l-aġir proċedurali tiegħu, l-aġir tal-awtoritajiet jew il-kunsiderazzjoni tar-riżorsi disponibbli). Madankollu, jekk il-qorti tonqos milli tirrispetta l-kunċett ta' żmien raġonevoli, dan jaffettwa d-dritt stabbilit fl-Artikolu 24(2) tal-Kostituzzjoni Spanjola.

Barra minn hekk, in-nuqqas mill-qrati u mill-persunal tal-qorti li josservaw l-iskadenzi u l-perjodi ta' żmien mingħajr raġuni valida jwassal għal azzjoni dixxiplinarja skont il-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura (Ley Orgánica del Poder Judicial). Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-parti danneġġjata li titlob kwalunkwe danni li jistgħu jkunu dovuti.

Minbarra l-perjodi ta' żmien proċedurali, hemm il-kwistjoni separata tat-termini għall-eżerċitar tad-drittijiet legali sostantivi (limitazzjoni u preskrizzjoni).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971

Fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, ir-Regolament Nru 1182/71 bħalissa qed jiġi traspost fil-liġi nazzjonali mill-Artikolu 48 tal-Liġi li tistabbilixxi s-Sistema Legali li tirregola l-Korpi Pubbliċi u l-Proċedura Amministrattiva Komuni (Ley de Régimen Jurídico de las Administraciones Públicas y del Procedimiento Administrativo Común). L-Artikolu 48 jistipula dan li ġej:

Sakemm il-liġi Spanjola jew il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tiddikjarax mod ieħor, meta l-perjodi ta' żmien ikunu espressi f'jiem, huma jitqiesu bħala li jirreferu għal jiem tax-xogħol, u l-Ħdud u l-btajjel pubbliċi huma eskluż. Meta l-perjodu ta' żmien ikun espress f'jiem kalendarji, dan se jiġi speċifikat fin-notifiki relatati.

Meta l-perjodu ta' żmien ikun espress f'xhur jew snin, huma jibdew jiddekorru mill-jum ta' wara dak li fih jiġi nnotifikat jew ippubblikat l-att, jew mill-jum ta' wara dak li fih rikors jitqies bħala li ġie permess jew irrifjutat fin-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet rilevanti. Jekk ma jkun hemm ebda data ekwivalenti għad-data tal-bidu fl-aħħar xahar tal-perjodu, id-data ta' skadenza titqies bħala li hija l-aħħar jum tax-xahar.

Jekk l-aħħar jum tal-perjodu jkun jum mhux tax-xogħol, il-perjodu jiġi estiż għall-jum tax-xogħol li jkun imiss.

Meta l-perjodu ta' żmien ikun espress f'jiem, dawn jingħaddu mill-jum ta' wara dak li fih jiġi nnotifikat jew ippubblikat l-att inkwistjoni, jew mill-jum ta' wara dak li fih rikors jitqies bħala li ġie permess jew irrifjutat fin-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet ikkonċernati.

Meta jum ikun jum tax-xogħol fil-muniċipalità jew fil-Komunità Awtonoma fejn tkun residenti l-parti kkonċernata u jum mhux tax-xogħol fil-post fejn ikun jinsab il-korp amministrattiv, jew viċi versa, dan jiġi ttrattat bħala jum mhux tax-xogħol fil-każijiet kollha.

Il-fatt li jum kien iddikjarat bħala jum tax-xogħol jew jum mhux tax-xogħol għall-fini tal-kalkolu tal-perjodi ta' żmien minnu nnifsu ma jiddeterminax kif joperaw l-uffiċċji tal-amministrazzjoni pubblika, kif jiġu organizzati s-sigħat tax-xogħol jew l-aċċess pubbliku għar-reġistri.

Għall-fini tal-kalkolu tat-termini, il-kalendarju tal-jiem mhux tax-xogħol jiġi ddeterminat mill-Gvern Ċentrali u mill-amministrazzjonijiet tal-Komunità Awtonoma għall-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom, soġġett għall-kalendarju uffiċjali tal-jiem tax-xogħol. Il-kalendarju approvat mill-Komunitajiet Awtonomi se jinkludi l-jiem mhux tax-xogħol għad-diversi korpi tal-gvern lokali fiż-żona ġeografika inkwistjoni, li għalihom japplika l-kalendarju.

Il-kalendarju jrid jiġi ppubblikat qabel il-bidu ta' kull sena fil-gazzetta uffiċjali rilevanti u f'midja oħra sabiex jiġi żgurat li jkun magħruf mal-pubbliku.

LINK tal-WEB għall-kalendarju tal-jiem tax-xogħol fl-2022.

Għall-fini tal-proċedimenti ġudizzjarji, il-jiem mhux tax-xogħol huma stipulati fl-Artikolu 182 tal-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura. Dan jistabbilixxi dan li ġej:

Dawn li ġejjin huma jiem mhux tax-xogħol għal finijiet proċedurali: Is-Sibtijiet u l-Ħdud; l-24 u l-31 ta' Diċembru; il-btajjel nazzjonali, reġjonali u pubbliċi. Il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura jista', permezz ta' regolament, jawtorizza l-proċeduri ġudizzjarji f'dawn il-jiem f'każijiet mhux previsti espressament mil-liġi.

Jum tax-xogħol jibda mit-8 ta' filgħodu sat-8 ta' filgħaxija, sakemm il-liġi ma tistabbilixxix mod ieħor.

Skont l-Artikolu 183 tal-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura, il-jiem f'Awwissu huma jiem mhux tax-xogħol għall-proċeduri ġudizzjarji kollha, bl-eċċezzjoni tal-proċeduri ddikjarati bħala urġenti mil-liġijiet proċedurali.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikoli 130 sa 136 tal-Kapitolu II, it-Titolu V, il-Ktieb I tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (Ley de Enjuiciamiento Civil) 1/2000, kif emendata mil-Liġi 42/2015 tal-5 ta' Ottubru 2015.

Il-karatteristiċi ewlenin tar-regoli attwali huma dawn li ġejjin:

(a) Il-proċeduri ġudizzjarji kollha jridu jitwettqu **fil-jiem tax-xogħol u waqt is-sigħat tax-xogħol**:

Il-jiem tax-xogħol huma l-jiem kollha tas-sena minbarra s-Sibtijiet u l-Ħdud u l-btajjel pubbliċi lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-jiem f'Awwissu huma wkoll jiem mhux tax-xogħol u l-qrati ma jibagħtux notifiki elettroniċi lill-prattikanti legali f'dawn il-jiem, sakemm dawn ma jitqisux bħala jiem tax-xogħol għall-finijiet tal-formalitajiet inkwistjoni.
Is-sigħat tax-xogħol huma mit-8 ta' filgħodu sat-8 ta' filgħaxija, sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor għal proċedura speċifika. Għall-finijiet ta' notifika u infurzar, is-sigħat mit-8 sal-10 ta' filgħaxija dejjem jitqiesu bħala sigħat tax-xogħol.
Permezz ta' eċċezzjoni, għal ċerti proċeduri, bħall-preżentazzjoni ta' offerti f'**irkant elettroniku**, it-terminu jiġi definit f'termini ta' **jiem kalendarji**, u ma hemmx sigħat mhux tax-xogħol. L-Artikolu 649 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jistabbilixxi perjodu ta' għoxrin jum tal-kalendarju mill-bidu tal-irkant, u l-irkant ma jagħlaqx qabel siegħa wara li ssir l-aħħar offerta, diment li din tkun ogħla mill-ogħla offerta preċedenti, anki jekk dan ikun ifisser li l-perjodu inizjali ta' għoxrin jum jiġi estiż b'sa 24 siegħa.
(b) Il-jiem u l-ħinijiet jistgħu **jitqiesu** bħala jiem u sigħat tax-xogħol għall-finijiet tal-proċeduri meqjusa bħala **urġenti**, jiġifieri meta dewmien jista' jkun serjament detrimentali għall-partijiet ikkonċernati jew għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, jew ikun jista' jagħmel deċiżjoni tal-qorti ineffettiva. *(Eżempji jinkludu dħul mhux volontarju fi sptar psikjatriku u miżuri ġudizzjarji meħuda fl-aħjar interess tal-minuri f'kunflitti li jirriżultaw minn proċeduri ta' qorti ċivili.)* Dan jista' jsir fuq l-inizjattiva tal-qorti jew fuq talba tal-parti kkonċernata, u jista' jiġi ordnat mill-konsulent legali jew mill-qorti nnifisha, skont kif ikun il-każ.
Fi kwalunkwe każ, jistgħu jittieħdu miżuri urġenti f'Awwissu mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni espressa. Bl-istess mod, l-awtorizzazzjoni mhijiex meħtieġa jekk il-miżuri urġenti mibdija matul is-sigħat tax-xogħol ikollhom neċessarjament jitkomplew f'sigħat mhux tax-xogħol.
(ċ) Fir-rigward tal-**kalkolu tal-perjodi ta' żmien**, il-perjodu jibda jiddekorri mill**-jum wara dak** tan-notifika legali tal-bidu tal-perjodu, u jinkludi l-aħħar jum tal-perjodu, li jintemm f'nofs il-lejl.
Madankollu, meta l-liġi tistipula li perjodu ta' żmien jibda jiddekorri hekk kif jiskadi perjodu ta' żmien ieħor, huwa jibda jiddekorri mill-għada tal-iskadenza tal-perjodu ta' qabel, mingħajr il-ħtieġa ta' notifika ġdida.
(d) Għall-**preżentata tad-dokumenti tat-talbiet** (l-Artikolu 135 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili) hemm żewġ mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-qorti u l-litiganti: F'**kopja stampata**, għall-persuni fiżiċi li ma jkunux irrappreżentati minn rappreżentant tal-qorti (procurador) (kif ġeneralment ikun il-każ meta t-talba tkun għal inqas minn EUR 2 000) jew meta d-dokument ma jkunx jista' jiġi ppreżentat f'forma diġitali.
Permezz tas-**sistemi elettroniċi u online tal-qrati**. Dawn huma obbligatorji għall-prattikanti legali u għal ċerti litiganti, anki meta ma jkunux irrappreżentati minn rappreżentant tal-qorti (pereżempju, persuni ġuridiċi, nutara u reġistraturi: ara l-Artikolu 273 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Il-partijiet jistgħu jagħżlu wkoll li jużaw dawn is-sistemi anki meta ma jkunux meħtieġa jagħmlu dan. Fejn id-dokumenti jiġu ppreżentati elettronikament, il-konferma tingħata fil-forma ta' riċevuta elettronika li tinħareġ awtomatikament. Il-prattikanti jistgħu jippreżentaw it-trattazzjonijiet u dokumenti oħrajn b'mod elettroniku **24 siegħa kuljum, kull jum tas-sena**. Meta dokument jiġi ppreżentat f'jum mhux tax-xogħol jew barra mis-sigħat tax-xogħol, huwa jitqies bħala li kien ippreżentat fil-bidu tal-jum tax-xogħol li jkun imiss. Hemm ukoll dispożizzjoni għall-perjodi ta' żmien li jkunu waslu biex jiskadu sabiex jiġu estiżi meta ma jkunx jista' jiġi ddepożitat dokument obbligatorju sat-terminu minħabba interruzzjoni mhux ippjanata fis-servizz tal-preżentata online.
Ikun xi jkun il-metodu ta' preżentata li jintuża, kwalunkwe dokumenti li huma soġġetti għal terminu jistgħu jiġu ppreżentati **sat-3 p.m. fil-jum tax-xogħol wara dak li fih jiskadi l-perjodu ta' żmien**.
Fil-proċedimenti fil-qrati ċivili, id-dokumenti tat-talbiet ma jistgħux jiġu ppreżentati lill-qorti responsabbli.
(e) Il-perjodi ta' żmien **ma jistgħux jiġu estiżi**: jekk parti tonqos milli tosserva t-terminu, hija titlef l-opportunità li twettaq l-att proċedurali inkwistjoni.
LINK TAL-WEB:
LIĠI DWAR IL-PROĊEDURA ĊIVILI (LEY DE ENJUICIAMIENTO CIVIL)

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Ir-regola ġenerali fl-Artikolu 151 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili hija li l-avviż tad-deċiżjonijiet kollha maħruġa mill-qrati jew mill-konsulenti legali jrid jiġi nnotifikat fi żmien tlett ijiem mid-data tad-deċiżjoni jew mid-data tal-pubblikazzjoni.
L-Artikolu 151(2) jiddikjara li meta l-avviż jiġi nnotifikat lill-Prosekutur Pubbliku, lis-Servizz Legali tal-Gvern, lill-Konsulent għall-Cortes Generales u lill-Assemblej Leġiżlattivi jew lill-Konsulent għas-Servizz Legali tal-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jew lil korpi oħrajn tal-Komunità Awtonoma jew lil organizzazzjonijiet tal-Gvern Lokali, u meta l-avviż jiġi nnotifikat permezz tal-Korpi Professjonali li jirrappreżentaw lir-Rappreżentanti Proċedurali tal-Qorti, dan jitqies bħala li ngħata **fil-jum tax-xogħol li jkun imiss wara d-data tal-wasla rreġistrata fir-reġistru formali, jew fil-konferma tal-wasla meta l-avviż ikun ġie nnotifikat b'mod elettroniku jew online.** Meta l-avviż jintbagħat wara t-3 p.m., huwa jitqies bħala li wasal fil-jum tax-xogħol ta' wara.
L-Artikolu 151(3) iżid li meta l-kunsinna ta' dokument jew ordni li għandha takkumpanja l-avviż isseħħ f'data sussegwenti għar-riċevuta tal-avviż, l-avviż jitqies li jkun ingħata meta l-kunsinna tad-dokument tkun ġiet irreġistrata, sakemm l-effetti tal-avviż ikunu marbuta mad-dokument.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Meta l-avviż ta' deċiżjoni jiġi nnotifikat minn **uffiċjal ġudizzjarju jew bil-posta**, id-data rilevanti hija d-data li fiha d-dokument jiġi kkonsenjat mill-uffiċjal ġudizzjarju jew mis-servizz postali u ffirmat malli jiġi riċevut.
Meta l-avviż jiġi nnotifikat permezz ta' **pubblikazzjoni** skont l-Artikolu 164 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili minħabba li l-indirizz tal-konvenut ma jkunx magħruf, il-perjodu jibda jiddekorri mill-għada li l-avviż jitpoġġa fuq it-tabella tal-avviżi tal-qorti jew jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Istat Uffiċjali jew b'mod elettroniku, kif applikabbli.
Meta jkun meħtieġ li l-kopji tad-**dokumenti ppreżentati mir-rappreżentanti tal-qorti** jiġu ttrasferiti lir-rappreżentanti tal-qorti tal-partijiet l-oħrajn, l-Artikolu 278 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jistipula li jekk, bil-liġi, l-att ittrasferit jiskatta l-bidu ta' perjodu ta' żmien li fih ikun meħtieġ li jittieħed pass proċedurali, dak il-perjodu jibda jiddekorri mingħajr l-involviment tal-qorti u jiġi kkalkolat mid-data wara dik irreġistrata fuq il-kopji li ġew ittrasferiti jew mid-data li fiha jitqiesu bħala li ġew ittrasferiti, meta jkunu ġew ikkonsenjati b'mod elettroniku.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Il-kalkolu jibda mill-għada tal-jum li fih ikun seħħ l-avveniment li bil-liġi jiskatta l-bidu tal-perjodu ta' żmien.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-jiem mhux tax-xogħol huma eskluż mill-kalkoli tal-perjodi ta' żmien, ħlief kif spjegat hawn fuq għal offerti f'irkanti elettroniċi, fejn il-perjodu jkun espress f' jiem kalendarji.
Meta jiġu kkalkolati l-perjodi ta' żmien għal azzjonijiet urġenti, il-jiem f'Awwissu ma jiġux ikklassifikati bħala jiem mhux tax-xogħol: huma biss is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-btajjel pubbliċi li jiġu eskluż mill-kalkolu.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-perjodi ta' żmien espressi f'xhur jew snin jiġu kkalkolati minn data għal oħra. Il-leġiżlazzjoni Spanjola ma tipprevedix perjodi ta' żmien espressi f'ġimgħat.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Jekk ma jkun hemm ebda data ekwivalenti għad-data tal-bidu fl-aħħar xahar tal-perjodu, id-data ta' skadenza titqies bħala li hija l-aħħar jum tax-xahar.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Meta terminu jiskadi nhar ta' Sibt, Ħadd jew f'jum mhux tax-xogħol ieħor, huwa jitqies bħala li ġie estiż sal-jum tax-xogħol li jkun imiss.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Il-perjodi ta' żmien ma jistgħux jiġu estiżi. Madankollu, il-perjodi jistgħu jiġu interrotti u l-iskadenzi jiġu estiżi meta ma jkunux jistgħu jiġu osservati għal raġunijiet ta' force majeure. F'dawn il-każijiet, l-arloġġ jerġa' jibda meta tkun waqfet tapplika r-raġuni għall-interruzzjoni jew l-estensjoni. Il-qorti, fuq mozzjoni tagħha stess jew fuq talba tal-parti affettwata mis-sitwazzjoni, trid issib provi ta' tali sitwazzjoni ta' force majeure f'seduta ta' smigħ li għaliha attendew il-partijiet l-oħrajn (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 13).

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

It-termini għad-diversi tipi ta' appell huma stabbiliti mil-liġi u ma jistgħux jiġu estiżi. Għall-appelli lill-qorti superjuri li jmiss (*recursos de apelación*) u lill-Qorti Suprema (*recursos de casación*), il-perjodu ta' żmien huwa ta' 20 jum mill-jum wara n-notifika tad-deċiżjoni ġudizzjarja (l-Artikolu 458 u 479 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

It-termini statutorji ma jistgħux jiġu estiżi. F'xi każijiet, il-liġi tesiġi li l-qorti tiffissa data u ħin speċifiċi għal att.

Bħala eċċezzjoni, hemm dispożizzjoni sabiex il-perjodi jiġu interrotti u l-iskadenzi jiġu estiżi fil-każ ta' **force majeure**:

Id-dispożizzjoni ġenerali tinsab fl-Artikolu 134(2) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. Il-konsulent legali, fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba tal-parti affettwata mis-sitwazzjoni, irid isib provi ta' tali sitwazzjoni ta' force majeure f'seduta ta' smigħ li għaliha attendew il-partijiet l-oħrajn. Appell għal reviżjoni tad-deċiżjoni tal-konsulent jista' jitressaq quddiem il-qorti.

Ladarba tkun ġiet stabbilita data għal seduta ta' smigħ, jekk kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni mħarrka sabiex jidhru quddiem il-qorti ma tkunx tista' tagħmel dan għal raġunijiet ta' force majeure jew għal kawżi simili, hija għandha tgħarraf lill-qorti minnufih, tipprovdi prova tar-raġuni u titlob seduta ta' smigħ jew deċiżjoni ġdida (l-Artikolu 183(1) u l-Artikoli 189 u 430 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Titħabbar seduta ta' smigħ ġdida jekk il-prova tas-sitwazzjoni tiġi aċċettata u jekk din is-sitwazzjoni ma tħallix lil dawn li ġejjin jattendu: l-avukat (l-Artikolu 183(2) u l-Artikolu 188(1)(5) u (6) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili); parti li l-preżenza tagħha hija neċessarja minħabba li ma tkunx assistita minn avukat jew minħabba li tkun trid tiġi interrogata; (l-Artikoli 183(3) u 188(4) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili); jew xhud jew espert. Fil-każ tal-aħħar, ix-xhud jew l-espert jista' minflok jintalab jeżamina l-evidenza barra s-seduta ta' smigħ, ladarba jkunu nstemgħu l-partijiet (l-Artikolu 183(4) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). ċ.

It-terminu għal persuna disprezzata mill-qorti sabiex titlob l-annullament ta' sentenza finali jista' jiġi estiż f'każ ta' *force majeure* (l-Artikolu 502(2) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Meta l-evidenza tiġi eżaminata qabel iseħħ il-proċess (li jista' jiġi awtorizzat mill-imħallef skont l-Artikolu 293 *et seq.* tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jekk ikun hemm biża' fondata li mhux se jkun possibbli li l-provi jiġu eżaminati fl-istadju tas-soltu tal-proċediment), ir-rikors irid jiġi ppreżentat fi żmien xahrejn mill-eżami tal-provi, sakemm ma jiġix ipprovat li ma kienx possibbli li l-proċess jinbeda f'dak il-perjodu ta' żmien għal raġunijiet ta' force majeure jew kawżi simili (l-Artikolu 295(3) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Iż-żewġ partijiet jistgħu, permezz ta' **ftehim reċiproku**, japplikaw ukoll sabiex il-proċedimenti jiġu sospiżi, mingħajr ma jagħtu raġunijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovaw jilħqu ftehim jew soluzzjoni jew jissottomettu ruħhom għal medjazzjoni jew arbitraġġ. Il-proċedimenti ma jistgħux jiġu sospiżi għal aktar minn 60 jum jew sakemm titlesta l-medjazzjoni (l-Artikolu 19(4) u l-Artikolu 415 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Jekk isir **rikors għal għajnuna legali**, hemm żewġ xenarji possibbli, koperti mill-Artikolu 16 tal-Liġi 1/1996 tat-10 ta' Jannar 1996 (il-Liġi dwar l-Għajnuna Legali), kif emendata mil-Liġi 42/2015 imsemmija hawn fuq:

Jekk ir-rikors isir meta l-proċedimenti jkunu diġà nbdew, sabiex jiġi evitat li d-dritt għal azzjoni jiġi preskritt jew li waħda mill-partijiet tiġi mċaħħda mid-dritt għal proċess minħabba l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien, il-konsulent legali jew l-entità amministrattiva tista', fuq mozzjoni tagħha stess jew fuq talba tal-partijiet, tordna sabiex il-perjodu jiġi sospiż sakemm tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhiex tingħata għajnuna legali jew le, jew sakemm ikun hemm ħatra provviżorja ta' avukat u rappreżentant tal-qorti f'każijiet fejn ir-rappreżentanza legali tkun obbligatorja jew meħtieġa fl-interessi tal-ġustizzja, dment li r-rikors ikun sar fil-perijodi ta' żmien stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-proċedura ċivili.

Meta r-rikors għal għajnuna legali jsir qabel il-bidu tal-proċedimenti u l-kawża tista' tkun affettwata ħażin bl-iskadenza tal-perijodi ta' limitazzjoni jew preskrizzjoni, dawn il-perijodi jiġu interrotti jew sospiżi, rispettivament, sakemm ikun hemm ħatra proviżorja ta' avukat ta' għajnuna legali u, jekk meħtieġ, rappreżentant tal-qorti, li jittratta l-każ f'isem r-rikorrent; u, jekk ma tista' ssir l-ebda ħatra bħal din, sakemm tinħareġ deċiżjoni amministrattiva definittiva dwar jekk għandhiex tingħata għajnuna legali jew le.

Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta' limitazzjoni jerġa' jibda jiskatta meta r-rikorrent jiġi nnotifikat bil-ħatra proviżorja ta' avukat mill-Kamra tal-Avukati (Colegio de Abogados) jew, fejn applikabbli, meta l-Bord tal-Għajnuna Legali joħroġ id-deċiżjoni tiegħu dwar jekk jagħtix għajnuna legali u, fi kwalunkwe każ, fi żmien xahrejn minn meta jsir ir-rikors.

Jekk ir-rikors jiġi miċħud, ikun abbużiv u intiż biss sabiex jestendi l-perijodi ta' żmien, il-qorti adita bil-kawża tista' tikkalkola l-perijodi ta' żmien fl-aktar termini stretti permessi mil-liġi, bil-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan.

Fi **proċedimenti orali li jinvolvu żgumbrament minħabba inadempjenza ta' ħlas jew l-iskadenza tal-limitu ta' żmien**, l-Artikolu 441(5) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili jipprevedi każ ieħor ta' sospensjoni tal-proċedimenti meta s-servizzi soċjali jikkonfermaw li l-unità domestika milquta tkun f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà soċjali u/jew ekonomika. Ir-Reġistratur tal-Qorti, malli jirċievi l-komunikazzjoni, jissospendi l-proċedimenti sakemm jiġu adottati l-miżuri meqjusa xierqa mis-servizzi soċjali, għal perjodu massimu ta' xahar minn meta tasal il-komunikazzjoni mis-servizzi soċjali lill-qorti, jew fi żmien tliet xhur jekk ir-rikorrent ikun persuna ġuridika. Ladarba l-miżuri jkunu ttieħdu jew il-perjodu jkun skada, is-sospensjoni titneħħa u l-proċedura titkompla.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Mhux applikabbli.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

B'mod ġenerali, parti li tonqos milli tikkonforma ma' perjodu ta' żmien jew skadenza **titlef id-dritt** li twettaq l-azzjoni inkwistjoni (l-Artikolu 136 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Uħud mill-aktar eżempji sinifikanti huma dawn li ġejjin:

Fir-rigward tad-dehra tal-konvenut fil-proċess, huwa jiġi ddikjarat bħala li huwa disprezzat mill-qorti (l-Artikoli 442(2) u 496(1) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili) u l-proċess ikompli mingħajr ma l-konvenut jerġa' jiġi mħarrek. Il-konvenut jiġi nnotifikat biss b'din id-deċiżjoni u bid-deċiżjoni finali li ttemm il-proċess (l-Artikolu 497 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Fi proċedimenti ordinarji, jekk ir-rikorrent jew l-avukat tar-rikorrent jonqos milli jidher fis-seduta ta' smigħ ta' qabel il-proċess u l-konvenut ma jidhirx jew inkella jidher iżda ma jaffermax interess leġittimu fil-kontinwazzjoni tal-proċedimenti, il-kawża tiġi miċħuda (l-Artikolu 414).

Fi proċedimenti orali, jekk ir-rikorrent jonqos milli jidher u l-konvenut ma jafferma ebda interess leġittimu fil-kontinwazzjoni tal-proċedimenti, ir-rikorrent jitqies bħala li waqqaf il-proċedimenti. Ir-rikorrent jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż u jħallas kumpens lill-konvenut meta l-konvenut jitlob dan u jipprovdi provi tad-dannu u t-telf imġarrab (l-Artikolu 442(1) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Minkejja d-dmir tal-qorti li tamministra l-kawżi b'mod attiv, meta ma jkun hemm ebda attività fil-proċedimenti, dawn jiskadu, u l-forom kollha ta' kawżi u appelli fl-istanzi kollha jitqiesu bħala li ġew abbandunati (l-Artikolu 237 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Il-proċedimenti fil-prim'istanza jiskadu wara sentejn mill-inattività u jitqiesu bħala li ġew irtirati, li jfisser li huwa possibbli li tinbeda azzjoni ġdida. Il-proċedimenti fit-tieni istanza jew li qegħdin jistennew appell straordinarju fuq il-bażi ta' irregolarità proċedurali jew appell lill-Qorti Suprema jiskadu wara sena mill-inattività u l-parti titqies bħala li abbandunat kull forma ta' appell. Il-perjodi ta' żmien jiġu kkalkolati minn meta l-avviż ġie nnotifikat l-aħħar lill-partijiet. Il-proċedimenti ma jiskadux meta jitwaqqfu minħabba force majeure jew raġunijiet oħrajn mhux fil-kontroll tal-partijiet.

Il-proċedimenti ta' infurzar ma jiskadux u jistgħu jikomplew sakemm tiġi infurzata s-sentenza, anki jekk jibqgħu inattivi għall-perjodi deskritti hawn fuq. Iżda sabiex dan japplika, jeħtieġ li jkunu nbdew il-proċedimenti ta' infurzar, minħabba li l-Artikolu 518 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jimponi perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin fuq kwalunkwe azzjoni ta' infurzar ibbażata fuq sentenza tal-qorti, deċiżjoni tal-qorti jew ftehim ta' medjazzjoni. Il-perjodu ta' ħames snin jibda jiddekorri meta deċiżjoni ssir finali u ma tkunx tista' tiġi appellata. Għalhekk, jekk talba għall-infurzar ma tiġix ippreżentata f'dan il-perjodu ta' żmien, it-terminu jiskadi u jintilef id-dritt li s-sentenza tiġi infurzata permezz tal-qrati.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Meta parti tiġi informata li l-iskadenza għal azzjoni partikolari skadiet, li wasslet għall-bidu tal-istadju proċedurali li jmiss, jew meta s-sottomissjoni jew ir-rikors ta' parti jiġu rrifjutati minħabba li jkunu tardivi, il-parti tista' tappella kontra d-deċiżjoni. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk id-difiża għal talba tiġi rrifjutata minħabba li tkun ġiet ippreżentata wara l-iskadenza.

Xi ħadd li jkun ġie kkundannat in absentia u li s-sentenza tkun ġiet innotifikata lilu personalment jista' jappella biss permezz ta' appell lill-qorti superjuri li jmiss (*recurso de apelación*) jew lill-Qorti Suprema (*recurso de casación*). Dawn ir-rotot tal-appell huma disponibbli wkoll meta l-avviż jiġi nnotifikat permezz ta' pubblikazzjoni f'pubblikazzjonijiet uffiċjali jew b'mod elettroniku. Fiż-żewġ każijiet, l-appell irid jitressaq fil-perjodu stipulat mil-liġi (l-Artikolu 500 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Meta xi ħadd ikun naqas b'mod persistenti milli jidher quddiem il-qorti, huwa jista' jitlob li sentenza finali tiġi annullata jekk ma jkunx jista' jidher quddiem il-qorti jew jekk ma jkunx jaf bl-eżistenza tal-proċedimenti għal raġunijiet ta' force majeure (l-Artikolu 501 u s-segwenti tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 23/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Franza

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Il-liġi Franċiża tipprovdi għal "termini ta' preskrizzjoni" (*délais de prescription*), "termini ta' dekadenza" (*délais de forclusion*) u skadenzi proċedurali (*délais de procédure*).

It-termini ta' preskrizzjoni huma perjodi ta' żmien li malli jiskadu persuna tikseb dritt fir-rigward ta' proprjetà permezz ta' pussess, imsejjaħ terminu ta' preskrizzjoni akkwiżittiva (*délai de prescription acquisitive*) jew bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' dritt, titilfu jew jiskadi, imsejjaħ terminu ta' preskrizzjoni estintiva (*délai de prescription extinctive*). It-termini ta' preskrizzjoni jistgħu jiġu sospiżi (*suspendu*) jew interrotti (*interrompu*).

It-termini ta' dekadenza huma partikolarment stretti u ġeneralment stabbiliti mil-liġi sabiex tinfetaħ kawża. Meta jiskadu, l-azzjoni titqies li ntemmet. It-termini ta' dekadenza ma jistgħux jiġu sospiżi. Bħala regola ġenerali, huma lanqas jistgħu jiġu interrotti: madankollu, skont l-Artikoli 2241 u 2244 tal-Kodiċi Ċivili, ċerti passi, bħal taħrika sabiex persuna tidher quddiem il-qorti jew sekwestru jew miżura ta' eżekuzzjoni oħra, jinterrompu dawn it-termini.

L-iskadenzi proċedurali (*délais de procédure*) huma dawk li japplikaw għall-proċeduri tal-qorti ladarba jkunu nbdew il-proċedimenti. Jistgħu jiġu stabbiliti mil-liġi jew imposti mill-qorti. Għall-kuntrarju tat-termini ta' dekadenza, it-termini stabbiliti għall-proċeduri tal-qorti ma jwasslux sabiex l-azzjoni tiġi preskritta. Dawn it-termini ma jistgħux jiġu sospiżi jew interrotti.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont il-leġiżlazzjoni attwali, il-jiem li ġejjin huma btajjel pubbliċi:

l-1 ta' Jannar;
it-Tnejn ta' wara l-Għid;
l-1 ta' Mejju;
l-8 ta' Mejju;
Jum Lapsi;
it-Tnejn ta' wara l-Għid il-Ħamsin;
l-14 ta' Lulju;
L-Assunta (il-15 ta' Awwissu);
Jum il-Qaddisin Kollha (l-1 ta' Novembru);
il-11 ta' Novembru;
il-Milied (il-25 ta' Diċembru).

Il-btajjel pubbliċi ġew stabbiliti f'ċerti postijiet (ċerti dipartimenti (*départements*) u komunitajiet territorjali (*communautés territoriales*)) sabiex jikkommemoraw l-abolizzjoni tal-iskjavitù: is-27 ta' Mejju għal Guadeloupe, l-10 ta' Ġunju għall-Guyana Franċiża, it-22 ta' Mejju għal Martinique, l-20 ta' Diċembru għal La Réunion u s-27 ta' April għal Mayotte.

Fid-dipartimenti ta' Alsace-Moselle, is-26 ta' Diċembru u l-Ġimgħa l-Kbira huma btajjel pubbliċi.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Minn mindu daħlet fis-seħħ il-Liġi Nru 2008-561 tas-17 ta' Ġunju 2008 (li tinkludi dispożizzjonijiet tranżitorji), il-terminu ta' preskrizzjoni li skont il-liġi ordinarja warajh jintilef dritt, huwa ta' ħames snin (qabel kien ta' 30 sena).

Madankollu, hemm numru ta' eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, eż. għal azzjonijiet ta' responsabbiltà ċivili li tirriżulta minn avveniment li jikkawża ħsara fuq il-persuna, li għalihom il-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' 10 snin.

It-tul tat-termini ta' dekadenza u tat-skadenzi proċedurali jvarja skont is-soġġett u l-proċedura involuta.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Għall-iskadenzi proċedurali, l-Artikolu 640 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjara li meta att jew formalità jkunu jridu jitwettqu f'perjodu partikolari, il-perjodu jiġi kkalkolat mid-data tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika li jwassal sabiex jibda jiddekorri dak il-perjodu.

Il-punt tat-tluq tal-terminu ta' preskrizzjoni estintiva skont il-liġi ordinarja tal-azzjonijiet personali jew azzjonijiet li jinvolvu proprjetà mobbli huwa “id-data li fiha d-detentur tad-dritt kien jaf jew kellu jkun jaf bil-fatti li jintitolawh jeżerċita d-dritt”. F’ċerti oqsma, bħal azzjonijiet ta’ responsabbiltà ċivili li tirriżulta minn avveniment li jikkawża ħsara fuq il-persuna, hemm stabbiliti punti tat-tluq speċifiċi. Skont l-Artikolu 2226 tal-Kodiċi Ċivili, il-punt tat-tluq tal-terminu ta' preskrizzjoni ta’ 10 snin huwa d-data li fiha l-ħsara inizjali jew aggravata hija kkunsidrata kkonsolidata.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta’ trażmissjoni jew ta’ notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Skont l-Artikolu 664-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta dokument jiġi nnotifikat minn uffiċjal ġudizzjarju (*huissier*), id-data tan-notifika tkun id-data tan-notifika personali, fid-dar jew fir-residenza tad-destinatarju, jew id-data tar-rapport uffiċjali mħejji mill-uffiċjal ġudizzjarju li jelenka l-passi meħuda sabiex jinstab id-destinatarju meta dik il-persuna la jkollha dar, la residenza u lanqas post tax-xogħol magħruf. Meta dokument jiġi nnotifikat b’mod elettroniku, id-data u l-ħin tan-notifika huma dawk tat-trażmissjoni tad-dokument lid-destinatarju tiegħu.

Meta dokument jiġi nnotifikat bil-posta, skont l-Artikoli 668 u 669 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-data tan-notifika tkun, fir-rigward tal-mittent, id-data tad-dispaċċ, u, fir-rigward tad-destinatarju, id-data tal-wasla tal-ittra. Id-data tad-dispaċċ hija d-data li tidher fuq it-timbru tal-posta tal-uffiċċju tad-dispaċċ. Id-data tal-wasla hija d-data tal-irċevuta ffirmata (*récipissé*) jew tal-firma *(émargement*) tad-destinatarju. Jekk id-dokument jiġi nnotifikat permezz ta’ ittra rreġistrata b’ dikjarazzjoni tal-kunsinna (*avis de réception*), id-data tal-irċevuta hija dik li tiġi ttimbrata mis-servizz postali meta l-ittra tiġi mgħoddija lid-destinatarju.

Bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 647-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jindika li d-data tan-notifika ta’ dokument ġudizzjarju jew ekstraġudizzjarju fil-Polineżja Franċiża, l-Gżejjer Wallis u Futuna, il-Kaledonja Ġdida, it-Territorju Franċiżi tan-Nofsinhar u Antartiċi jew barra l-pajjiż hija, fir-rigward tal-mittent, id-data tad-dispaċċ tat-taħrika mill-uffiċjal ġudizzjarju jew mir-reġistru tal-qorti (*greffe*), jew fin-nuqqas id-data tal-wasla fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku responsabbli (*parquet*).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta terminu jiġi espress f’jiem, il-jum tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika li jwassal sabiex jibda jiddekorri dan it-terminu ma jingħaddx. Din ir-regola tapplika għall-iskadenzi proċedurali.

Terminu ta' preskrizzjoni estintiva huwa espress ukoll f’jiem, sabiex il-jum tal-avveniment li jwassal biex dan it-terminu jibda jiddekorri ma jingħaddx. Fir-rigward tat-termini għal appelli, meta dokument ma jiġix innotifikat personalment, ċerti dispożizzjonijiet jippermettu li ż-żmien minn meta t-terminu jibda jiddekorri jiġi differit għad-data meta d-dokument jiġi fil-fatt innotifikat lill-persuna jew għad-data meta jittieħdu miżuri ta’ eżekuzzjoni fuq il-beni tad-dokument.

7 Meta skadenza tkun espressa f’jiem, l-għadd ta’ jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Skont l-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, terminu li altrimenti jiskadi nhar ta’ Sibt, nhar ta’ Ħadd, fi btala pubblika jew f’jum mhux tax-xogħol jiġi estiż sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

B’hekk, it-termini jkomplu jiddekorru fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi, iżda jiġu estiżi sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss meta altrimenti jintemmu nhar ta’ Sibt, nhar ta’ Ħadd, fi btala pubblika jew f’jum mhux tax-xogħol.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f’ġimgħat, xhur jew snin?

Skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta terminu jiġi espress f’xhur jew snin, dan jiskadi f’dak il-jum tal-aħħar xahar, jew tax-xahar fl-aħħar sena, li jkun iġib l-istess numru fix-xahar bħall-jum tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika minn meta jibda jiddekorri t-terminu. Meta x-xahar sussegwenti rilevanti ma jkollu ebda jum bl-istess numru, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta’ dak ix-xahar.

Meta terminu jkun espress f’xhur u f’jiem, ix-xhur jingħaddu l-ewwel, imbagħad il-jiem.

Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (ara l-mistoqsija preċedenti) tapplika għat-termini kollha, irrispettivament minn jekk ikunux espressi f’jiem, xhur jew snin.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f’ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta terminu jiġi espress f’xhur jew snin, dan jiskadi f’dak il-jum tal-aħħar xahar, jew tax-xahar fl-aħħar sena, li jkun iġib l-istess numru fix-xahar bħall-jum tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni jew tan-notifika minn meta jibda jiddekorri t-terminu. Meta x-xahar sussegwenti rilevanti ma jkollu ebda jum bl-istess numru, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta’ dak ix-xahar.

Meta terminu jkun espress f’xhur u f’jiem, ix-xhur jingħaddu l-ewwel, imbagħad il-jiem.

Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 642 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (ara l-mistoqsija preċedenti) tapplika għat-termini kollha, irrispettivament minn jekk ikunux espressi f’jiem, xhur jew snin.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Kif ġie spjegat hawn fuq, terminu li altrimenti jiskadi nhar ta’ Sibt, nhar ta’ Ħadd, fi btala pubblika jew f’jum mhux tax-xogħol jiġi estiż sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

L-estensjoni tat-terminu sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss tapplika għas-suġġetti kollha u fil-proċeduri kollha.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Skont l-Artikolu 643 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta l-azzjoni titressaq quddiem seduta tal-qorti fi Franza metropolitana, it-termini sabiex persuna tidher quddiem il-qorti (*comparution*), tressaq appell ordinarju (*appel*), tressaq oġġezzjoni (*opposition*), titlob li jsir stħarriġ ta’ sentenza (*révision*) u tressaq appell fuq punti ta’ liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni (*recours en cassation*) jiġu estiżi:

b’xahar għal persuni li jgħixu fi Guadeloupe, fil-Gujana Franċiża, f’Martinique, f’Réunion, f’Mayotte, f’Saint Barthélemy, f’Saint Martin, f’Saint Pierre u Miquelon, fil-Polineżja Franċiża, fil-Gżejjer ta’ Wallis u Futuna, fil-Kaledonja Ġdida, fit-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika;

b’xahrejn għall-persuni li jgħixu f’pajjiż barrani.

Skont l-Artikolu 644 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta azzjoni titressaq quddiem seduta tal-qorti fi Guadeloupe, fil-Gujana Franċiża, f’Martinique, f’Réunion, f’Mayotte, f’Saint Barthélemy, f’Saint Martin, f’Saint Pierre u Miquelon jew fil-Gżejjer ta’ Wallis u Futuna t-termini sabiex persuna tidher quddiem il-qorti, tressaq appell ordinarju, tressaq oġġezzjoni u titlob li ssir reviżjoni ta’ sentenza jiġu estiżi:

b’xahar għall-persuni li ma jgħixux fil-komunità territorjali li għaliha s-seduta tal-qorti għandha ġuriżdizzjoni;

b’xahrejn għall-persuni li jgħixu f’pajjiż barrani.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Fil-prinċipju, skont l-Artikolu 538 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, it-terminu għal appell ordinarju huwa ta’ xahar fi kwistjonijiet kontenzjużi, jew ħmistax-il jum fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi. Madankollu, diversi dispożizzjonijiet oħrajn jagħmlu eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju. Pereżempju, it-terminu għal tali appell huwa ta’ ħmistax-il jum f’każijiet ta’ ordnijiet magħmula fi proċedimenti interim, deċiżjonijiet tal-qorti ta’ eżekuzzjoni, deċiżjonijiet tal-qorti tal-familja, deċiżjonijiet tal-qorti tal-minorenni fi kwistjonijiet ta’ appoġġ edukattiv, eċċ.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Bħala regola ġenerali, it-termini sabiex persuna tidher quddiem il-qorti u għan-notifika ta’ taħrikiet fil-qrati ċivili jistgħu jitnaqqsu f’każijiet ta’ emerġenza, suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-qorti. Dawn it-termini jistgħu jitnaqqsu wkoll b’applikazzjoni tal-liġi jew tar-regoli.

Pereżempju, il-partijiet jistgħu jiġu awtorizzati jinnotifikaw taħrika għal data interim speċifikament indikata/proċedimenti ta' notifika qasira, iżda wkoll fil-kuntest ta' proċedura mħaffa.
Bħala regola ġenerali, il-qrati jistgħu jiddeċiedu li jipposponu l-kunsiderazzjoni tagħhom tal-kawża għal data aktar tard sabiex jippermettu lill-partijiet jidhru quddiem il-qorti.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

F'konformità mal-Artikolu 647 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta att intenzjonat għal parti residenti f'post fejn tkun se tibbenifika minn estensjoni tat-terminu jiġi nnotifikat lilha personalment f'post fejn ir-residenti lokali ma jibbenifikawx minn tali estensjoni, japplikaw biss it-termini permessi għar-residenti lokali.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Mal-iskadenza ta' terminu ta' preskrizzjoni jew dekadenza kwalunkwe proċedimenti jiġu preskritti; rikors jiġi ddikjarat inammissibbli mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-merti tiegħu.
Fil-każ ta' terminu proċedurali stabbilit mil-liġi jew impost mill-qorti, il-pieni għal nuqqas ta' osservanza jvarjaw skont ir-rwol tat-terminu u n-natura tal-pass li jrid jittieħed. Fil-leġiżlazzjoni ma hemm ebda dispożizzjoni għal sanzjonijiet minħabba nuqqas ta' konformità mat-termini sabiex persuna tidher quddiem qorti: skont il-ġurisprudenza, nuqqas ta' konformità ma' dak it-terminu jannulla sentenza mogħtija qabel l-iskadenza tat-terminu jekk il-konvenut ma jkunx deher. In-nuqqas ta' diliġenza dovuta min-naħa tal-partijiet, fejn ikun hemm terminu stabbilit għal dak il-għan, ġeneralment jiġi ppenalizzat bit-tneħħija mil-lista tal-kawżi. Madankollu, nuqqas ta' twettiq ta' stadju proċedurali jista' jiġi ppenalizzat ukoll permezz tan-nullità (pereżempju jekk it-taħrika ma tiġix innotifikata fir-reġistru tal-qorti fit-terminu preskritt) jew permezz tal-għeluq tal-investigazzjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-atti tal-kawża (proċedura bil-miktub standard).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Ma huma disponibbli ebda rimedji sabiex titreġġa' lura l-iskadenza tad-dritt li tittieħed azzjoni legali, li huwa effett legali tal-iskadenza tal-terminu ta' preskrizzjoni jew dekadenza.
Madankollu, meta jkun hekk stabbilit mil-liġi, il-qorti għandha l-għażla li teħles parzjalment lil parti mid-dekadenza konsegwenti għan-nuqqas ta' osservanza ta' terminu. L-Artikolu 540 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippermetti tneħħija parzjali tal-preskrizzjoni li tirriżulta minn nuqqas ta' konformità mat-terminu sabiex tiġi kkontestata sentenza mogħtija f'kontumaċja, jew meqjusa li ngħatat fuq azzjoni difiża, jekk il-parti, mingħajr ebda ħtija min-naħa tagħha, ma kinitx taf bis-sentenza fil-ħin sabiex setgħet tikkontestaha, jew jekk ma setgħetx tieħu azzjoni.
Rikors għal ħelsien jista' jitressaq kontra deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara stadju proċedurali null u bla effett. Barra minn hekk, nullità ta' dan it-tip tittermina l-proċedimenti attwali, iżda tħalli d-dritt li tittieħed azzjoni intatt. Għalhekk, jista' jsir rikors ġdid sakemm ma tapplika ebda kawża li tkun ta' ostaklu għall-proċedimenti, b'mod partikolari l-iskadenza tat-termini ta' dekadenza.
Ma jista' jitressaq ebda appell kontra d-deċiżjoni li titneħħa kawża mil-lista ta' kawżi. Madankollu, it-tneħħija tħalli l-azzjoni nnifisha intatta. It-termini ta' preskrizzjoni jew dekadenza jkunu ġew interrotti permezz tan-notifika tat-taħrika, u dak l-effett jibqa'. Is-sospensjoni tista' tintemm permezz ta' rikors sabiex il-kawża tiġi rreġistrata mill-ġdid fil-lista ta' kawżi li jindika l-passi meħuda li jiġġustifikaw it-tneħħija.

Ħoloq relatati

Site Legifrance – Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (bil-Franċiż)
Site Legifrance - Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili bl-Ingliż u l-Ispanjol
Site Legifrance – btajjel pubbliċi

L-aħħar aġġornament: 12/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - il-Kroazja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Fir-Repubblika tal-Kroazja, it-termini għall-proċeduri ċivili huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 111 - 114 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nri. 53/91, 91/92, 112/99, 129/00, 88/01, 117/03, 88/05, 2/07, 84/08, 96/08, 123/08, 57/11, 25/13, 89/14 u 70/19; minn hawn 'il quddiem: ZPP).
Terminu huwa perjodu ta' żmien speċifiku li matulu tista' tittieħed azzjoni proċedurali, jew li qabel l-iskadenza tiegħu ma tistax tittieħed tali azzjoni.
Il-liġi proċedurali Kroata tirrikonoxxi diversi tipi ta' termini:
termini statutorji (*zakonski*) u ġudizzjarji (*sudski*) — it-tul ta' żmien tat-termini statutorji huwa stabbilit mil-liġi u ma jistax jitbiddel mill-qorti jew mill-partijiet, u t-tul ta' żmien tat-termini ġudizzjarji huwa stabbilit mill-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha għal kull każ speċifiku, fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni legali;
termini li jistgħu jiġu estiżi (*produživi*) u li ma jistgħux jiġu estiżi (*neproduživi*) — it-termini statutorji ma jistgħux jiġu estiżi, filwaqt li t-termini ġudizzjarji jistgħu jiġu estiżi, kif deċiż mill-qorti, iżda biss fuq il-mozzjoni ta' persuna kkonċernata, fejn ikun hemm bażi raġonevoli sabiex tagħmel dan (l-Artikolu 111(2) taz-ZPP);
termini suġġettivi (*subjektivni*) u oġġettivi (*objektivni*) — termini suġġettivi huma dawk li l-bidu tagħhom jiddependi fuq li l-persuna awtorizzata tikseb għarfien ta' avveniment li huwa rilevanti għall-kalkolu tat-terminu u t-termini oġġettivi jiġu kkalkolati minn meta jseħħ il-fatt rilevanti, irrispettivament mill-persuna awtorizzata li tikseb għarfien tiegħu;
termini ta' preskrizzjoni negattiva (*prekluzivni*) u termini indikattivi (*instruktivni*) — in-nuqqas ta' konformità ma' terminu ta' preskrizzjoni negattiva jwassal għat-telf tad-dritt li titwettaq l-azzjoni proċedurali sussegwentement, filwaqt li n-nuqqas ta' konformità ma' terminu indikattiv ma jwassalx għal konsegwenzi dannużi u l-azzjoni proċedurali tista' titwettaq sussegwentement;
termini minimi (*dilatorni*) u termini għall-eżekuzzjoni (*paricijski*) — termini minimi jfissru li azzjoni proċedurali ma tistax tittieħed qabel ikun għadda perjodu ta' żmien partikolari, filwaqt li t-termini għall-eżekuzzjoni jfissru li l-qorti ma tistax twettaq attività partikolari qabel ma jkun skada t-terminu għall-eżekuzzjoni;
termini ċivili (*građanskopravni*) u proċedurali (*procesnopravni*) — termini ċivili jfissru dawk li jiffissaw perjodu ta' żmien sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni jew jiġu ssodisfati d-dmirijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-liġi sostantiva ċivili, filwaqt li t-termini proċedurali jiffissaw perjodu ta' żmien sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni jew jiġu ssodisfati d-dmirijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali (ċivili).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Fir-Repubblika tal-Kroazja, il-lista ta' jiem mhux tax-xogħol hija rregolata mill-Att dwar il-Btajjel, il-Jiem ta' Tifkira u l-Jiem Mhux tax-Xogħol fir-Repubblika tal-Kroazja(*Zakon o blagdanima, spomendanima i neradnim danima u Republici Hrvatskoj*) (NN Nru 110/19).
Il-btajjel pubbliċi fir-Repubblika tal-Kroazja huma dawn li ġejjin:
L-1 ta' Jannar - L-Ewwel tas-Sena
Is-6 ta' Jannar - L-Epifanija

Ħadd il-Għid u t-Tnejn ta' wara l-Għid
Corpus Christi
L-1 ta' Mejju - Jum il-Ħaddiem
It-30 ta' Mejju - Jum is-Sovranità
It-22 ta' Ġunju - Il-Jum tal-Ġlieda Kontra l-Faxxiżmu
Il-5 ta' Awwissu - Jum il-Vitorja u r-Radd il-Ħajr u l-Jum iddedikat lill-Veterani tal-Patrija
Il-15 ta' Awwissu - L-Assunzjoni
L-1 ta' Novembru - Jum il-Qaddisin Kollha
It-18 ta' Novembru - Jum ta' Tifkira għall-vittmi tal-Gwerra Interna u ta' Tifkira għall-vittmi ta' Vukovar u *Škabrnja*
Il-25 ta' Diċembru - Il-Milied
Is-26 ta' Diċembru - L-Għada tal-Milied/Il-Jum iddedikat lil San Stiefnu
Fir-Repubblika tal-Kroazja, il-btajjel pubbliċi huma jiem mhux tax-xogħol.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

It-termini jiġu kkalkolati f'jiem, xhur u snin.
Ir-regoli dwar il-kalkolu tat-termini japplikaw għat-termini kollha. It-termini jiġu kkalkolati f'jiem sħaħ, minn nofs il-lejl sa nofs il-lejl (*computatio civilis, a die ad diem*) u mhux minn mument għal mument, billi jiġu kkalkolati s-sigħat u l-minuti (*computation naturalis, a momento ad momentum*). Għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli ġenerali, ara r-risposta taħt 1).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Id-data tal-bidu hija d-data tal-bidu tal-proċeduri jew ta' xi azzjoni oħra (pereżempju, notifika, avviż) minn meta jrid jiġi kkalkolat it-tul taż-żmien. Id-data tal-bidu mhijiex inkluża fit-termini espressi f'jiem. L-ewwel jum li jkun imiss jitqies bħala l-bidu tat-terminu.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Ir-regola ġenerali tan-notifika hija li din trid tiġi effettwata f'jum tax-xogħol u speċifikament mis-sebgħa (7) ta' filgħodu sat-tmienja (8) ta' filgħaxija, fir-residenza jew fuq il-post tax-xogħol tal-persuna li għandha tingħata n-notifika, jew fil-qorti meta l-persuna msemmija tkun tinsab hemmhekk. L-eċċezzjoni għar-regola msemmija fuq, jiġifieri li n-notifika għandha tiġi effettwata f'jum tax-xogħol u speċifikament mis-sebgħa (7) ta' filgħodu sat-tmienja (8) ta' filgħaxija, ma tapplikax għal notifika bil-posta jew minn nutar pubbliku.
In-notifika tista' tiġi effettwata wkoll f'ħin u post ieħor bil-kunsens tal-persuna li għandha tingħata n-notifika
Jekk il-qorti tqis li jkun meħtieġ, hija toħroġ ordni sabiex in-notifika tiġi effettwata fi kwalunkwe post ieħor jew fi kwalunkwe ħin ieħor. Fil-każ ta' din il-forma ta' notifika, il-persuna li lilha tiġi kkomunikata l-komunikazzjoni għandha tingħata kopja tad-deċiżjoni tal-qorti li biha din tkun ġiet ordnata. Din id-deċiżjoni ma għandhiex bżonn tinkludi spjegazzjoni.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Jekk terminu jkun ġie kkalkolat f'jiem, il-jum meta saret in-notifika jew il-jum meta seħħ l-avveniment minn meta beda jiddekorri t-terminu ma jiġix inkluż f'tali terminu. Minflok, it-terminu għandu jibda fl-ewwel jum li jkun imiss.
Pereżempju, jekk l-avveniment minn meta beda perjodu ta' żmien ta' 15-il jum seħħ fil-5 ta' Frar, it-terminu ta' 15-il jum jiskadi f'nofs il-lejl fl-20 ta' Frar. Għalhekk, il-kalkolu tat-terminu ma jibdiex f'dak il-jum li jkun seħħ avveniment (*dies a quo*), iżda fil-jum ta' wara.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta terminu jiġi espress f'jiem, in-numru ta' jiem indikat jirreferi għal jiem kalendarji. Madankollu, jekk l-aħħar jum ta' terminu jaqa' fi btala pubblika jew nhar ta' Ħadd jew fi kwalunkwe jum ieħor meta l-qorti ma tkunx miftuħa, tali terminu jiskadi fl-aħħar tal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

It-termini kkalkolati f'xhur jew snin jiġu fi tmiemhom fl-aħħar tal-jum tal-aħħar xahar jew sena li jkollhom l-istess numru bħall-jum li fih beda jiddekorri t-terminu. Jekk ma jkun hemm ebda data bħal din fl-aħħar xahar, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Ara l-punt 8.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Terminu ffissat minn qorti jista' jiġi estiż darba biss fuq il-mozzjoni ta' persuna kkonċernata jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi għal dan.
Il-mozzjoni għandha tiġi ppreżentata qabel l-iskadenza tat-terminu li għalih tintalab estensjoni.
Ma hemm ebda appell kontra deċiżjoni dwar l-estensjoni ta' terminu.
It-terminu estiż jibda fl-ewwel jum li jkun imiss wara l-iskadenza tat-terminu li għalih intalbet l-estensjoni.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-partijiet jistgħu jressqu appell kontra sentenza mogħtija minn qorti tal-prim'istanza fi żmien ħmistax-il jum mid-data meta tiġi nnotifikata kopja tas-sentenza, sakemm dan l-Att ma jipprevedix terminu ieħor. F'tilwimiet li jinvolvu kontrolli u kambjali, dan it-terminu jkun ta' tmint ijiem.
Dawn it-termini għall-preżentazzjoni ta' appell huma sospiżi bejn l-1 ta' Awwissu u l-15 ta' Awwissu.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Terminu ffissat minn qorti jista' jiġi estiż darba biss fuq il-mozzjoni ta' persuna kkonċernata jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi għal dan.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Ir-regoli tal-proċedura ċivili fir-Repubblika tal-Kroazja ma jipprevedu ebda estensjoni tat-terminu skont il-post tar-residenza tal-partijiet.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Il-konsegwenzi jiddependu fuq in-natura legali tal-iskadenzi, jiġifieri, fil-każ ta' termini statutorji li ma jistgħux jiġu estiżi u fejn il-parti tonqos milli tieħu azzjoni proċedurali fit-terminu preskritt, tali nuqqas ta' osservanza tal-iskadenza jirriżulta fit-telf tad-dritt li sussegwentement tittieħed l-azzjoni proċedurali.
Min-naħa l-oħra, hemm termini li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom ma jirriżultax fit-telf tad-dritt li sussegwentement tittieħed azzjoni, u dawn it-termini ssir referenza għalihom bħala indikattivi.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk parti tonqos milli tidher f'seduta ta' smigħ jew milli tilħaq skadenza sabiex tieħu azzjoni fil-proċedimenti u, għal dik ir-raġuni, titlef id-dritt li tieħu dik l-azzjoni, il-qorti tista' tippermetti lil dik il-parti, fuq mozzjoni tagħha stess, li tieħu dik l-azzjoni aktar tard (mozzjoni sabiex jitreġġa' lura status preċedenti), jekk hija tqis li kien hemm raġunijiet leġittimi għall-ommissjoni.

Il-mozzjoni għandha titressaq fi żmien tmint ijiem mill-jum meta tkun waqfet teżisti r-raġuni għall-ommissjoni; jekk il-parti tkun saret taf bl-ommissjoni aktar tard, il-perjodu ta' żmien imsemmi fuq jibda jiddekorri minn dakinhar li hija tkun saret taf biha. Wara l-iskadenza ta' xahrejn mid-data tal-ommissjoni, ma tista' titressaq ebda mozzjoni sabiex jitreġġa' lura status preċedenti.

L-aħħar aġġornament: 06/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Italja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-termini proċedurali, jiġifieri l-perjodu ta' żmien li fih trid issir miżura partikolari, jista' jkun a) perentorju (*perentorio*), jiġifieri li jekk jitħalla jgħaddi l-azzjoni tiġi preskritta; b) indikattiv *ordinatorio*), jiġifieri li n-nuqqas ta' osservazzjoni ma ġġibx magħha l-preskrizzjoni tal-azzjoni jew in-nullità; c) minimu (*dilatorio*), jiġifieri li l-miżura ssir nulla jekk tittieħed qabel id-data konċernata. (l-Artikoli minn 152 sa 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ara l-anness imsemmi iktar l'isfel).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Huma meqjusa bħala festi: il-Ħdud kollha, l-1 ta' Jannar, is-6 ta' Jannar, il-25 ta' April, it-Tnejn ta' wara l-Għid, l-1 ta' Mejju, it-2 ta' Ġunju, il-15 ta' Awwissu, l-1 ta' Novembru, it-8 ta' Diċembru u l-25 u s-26 ta' Diċembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Fil-kalkolu ta' terminu proċedurali l-ewwel ġurnata (*dies a quo*) ma tgħoddx. Jekk l-aħħar ġurnata (*dies ad quem*) tinzerta festa, it-terminu jiġi pospost awtomatikament għall-ewwel jum suċċessiv li ma jkunx festa. Jekk il-liġi tagħmel referenza għall-kunċett ta' "ġranet ta' festa" (*giorni liberi*), ma jingħaddux la l-ewwel u lanqas l-aħħar ġurnata.

Jekk il-liġi ma tgħidx b'mod ċar li l-limitu taż-żmien huwa perentorju, jiġi kkunsidrat indikattiv.

Għal kalkolu tat-termini f'xhur jew snin, jiġi osservat il-kalendarju komuni; għalhekk l-iskadenza sseħħ kif jgħaddi l-aħħar mument tal-jum tax-xahar tal-ewwel wieħed jew, f'każ ta' limiti taż-żmien fi snin, fl-aħħar mument tal-jum tax-xahar u tas-sena (ta' wara) li jikkorrispondu għal dawk tal-bidu, irrispettivament minn jekk ix-xahar għandux 31 jew 28 ġurnata jew jekk fil-kalkolu huwiex inkluż ix-xahar ta' Frar ta' sena biżestili.

It-termini perentorji ma jistgħux jiġu estiżi.

Il-limiti taż-żmien proċedurali fi qrati ordinarji u amministrattivi (bl-eċċezzjoni ta' każijiet industrijali) jiġu sospiżi awtomatikament matul il-vaganzi tas-sajf mill-1 sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, skont ir-riforma implimentata mid-Digriet tal-Liġi Nru 132/2014 (qabel is-sospensjoni kienet iddum sal-15 ta' Settembru) u l-kalkolu tagħhom kien jerġa' jibda jew jintemm ma' tmiem dan il-perjodu ta' sospensjoni.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Jekk id-data tal-bidu ma tiġix speċifikata mill-imħallef, il-limitu taż-żmien normalment jibda jiddekorri minn meta l-parti realment jew ġuridikament issir taf bl-obbligu (pereżempju: il-limitu taż-żmien għal appell jibda bin-notifika tas-sentenza, jew fin-nuqqas, mal-pubblikazzjoni).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Il-problema tista' tqum f'żewġ sitwazzjonijiet:

a) B'referenza għat-termini li jibdew jgħoddu mid-data tan-notifika jew komunikazzjoni ta' att (pereżempju t-termini għall-appell ta' sentenza).

F'dawn il-każijiet, għall-finijiet ta' appell fit-terminu qasir skont l-Artikolu 325 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (30 jum għall-appell, jew 60 jum għal appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni) huwa importanti l-mument tal-wasla tal-kopja tas-sentenza mingħand id-destinatarju. Għalhekk il-mument li fih jibda jgħodd it-terminu jista' jvarja skont id-diversi mezzi ta' notifika, għaliex in-notifika bil-posta tista' tieħu aktar żmien min-notifika bil-marixxall.

b) Il-Qorti Kostituzzjonali, f'dak li jikkonċerna n-notifika bil-posta (is-sentenzi Nru 477 tal-2002 u Nru 28 tal-2004) qalet li n-notifika ta' dokument tal-qorti titwettaq min-naħa tal-mittent meta d-dokument jasal f'idejn il-marixxall tal-qorti, ikun xi jkun il-metodu ta' notifika (permezz tal-posta jew bil-marixxall tal-qorti), filwaqt li d-destinatarju jitqies innotifikat fid-data meta jirċievi l-att.

Dan il-prinċipju jfisser li l-ħin tan-notifika tad-dokument mill-mittent huwa differenti mil-ħin tal-wasla għand id-destinatarju, prinċipju aċċettat ukoll mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000. Il-prinċipju jikkonċerna biss in-notifika fil-ħin tad-dokument, għaliex il-limitu taż-żmien legali jitqies li ġie osservat mill-parti li qed tagħmel in-notifika jekk id-dokument jingħata lill-marixxall tal-qorti qabel l-iskadenza tat-terminu. Ma għandu l-ebda impatt fuq il-bidu tal-bidu għal termini oħra, li huwa l-ħin tan-notifika jew konsenja tad-dokument lid-destinatarju, jew il-pubblikazzjoni ta' sentenza, jew avveniment ieħor kif spjegat f' aktar dettall iktar il-fuq.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Le, id-data meta jseħħ l-avveniment ma tingħaddx.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Jingħaddu l-ġranet kollha; meta t-terminu finali jaħbat festa biss jiġi estiż għall-ġurnata ta' xogħol li jmiss.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Għall-kalkolu tat-termini f'xhur jew snin, jiġi osservat il-kalendarju komuni.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

F'dawk il-każijiet l-iskadenza sseħħ kif jgħaddi l-aħħar jum tax-xahar li jikkorrispondi ma dak tal-bidu jew, f'każ ta' termini fi snin, fl-aħħar mument tal-ġurnata tax-xahar u s-sena (sussegwenti) li tikkorrispondi ma dik tal-bidu, irrispettivament minn jekk ix-xhur għandhomx 31 jew 28 ġurnata jew jekk il-kalkolu jinkludix ix-xahar ta' Frar ta' sena biżestili.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

It-termini perentorji ma jistgħux jiġu estiżi. Madankollu l-partijiet jistgħu jitolbu lill-qorti għal estensjoni meta jistgħu juru li għaddielhom it-terminu minħabba raġunijiet mhux ħtija tagħhom.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Trid issir distinzjoni, l-ewwelnett, bejn termini fit-tul u termini qosra.

It-terminu twil huwa ta' sitt xhur mill-pubblikazzjoni tas-sentenza. It-terminu qasir, li jibda jgħaddi min-notifika tas-sentenza, huwa ta' 30 jum għall-appell quddiem qorti tal-appell u 60 jum għal appelli quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. L-azzjoni revokatorja minn terz (*opposizione di terzo revocatoria*) u rikorsi għal reviżjoni (*revocazione*) jridu jiġu ppreżentati fi żmien 30 jum wara l-iskopertà tal-frodi jew żball li fuqu jistrieħ ir-rikors. L-appelli minħabba nuqqas ta' ġuriżdizzjoni jridu jiġu ppreżentati fi żmien 30 jum.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Normalment il-qorti tista' tiffissa t-terminu fid-diskrezzjoni tagħha skont intervall stabbilit bil-liġi. Madankollu it-termini li fihom trid tidher il-qorti l-parti hija l-liġi u mhux il-qorti li tistabbilixxihom. Skont l-Artikolu 168bis tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-qorti tista' tipposponi d-data tal-ewwel seduta ta' sa massimu ta' 45 jum.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Fl-Italja mhemmx regola ġenerali għall-awtorizzazzjoni ta' estensjoni tat-termini. Madankollu, f'ċerti każijiet, it-termini ġew sospiżi minħabba diżastri naturali. Għalhekk, b'mod ġenerali, il-benefiċċju tal-estensjoni japplika biss għall-persuna jew qasam kopert minn miżura jew minn digriet ministerjali.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

In-nuqqas ta' osservanza ta' terminu perentorju jfisser li l-parti ma tkunx tista' tieħu dik il-miżura li kien jippermettilha t-terminu.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-partijiet li jkunu ħallew it-terminu jgħaddi jistgħu jitolbu, billi juru raġuni mhux ħtija tagħhom, li jerġa' jibda jgħaddi t-terminu.

Annessi relatati

Termini proċedurali: Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, Artikoli 323–338 (72 Kb) it

Termini proċedurali: Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, Artikoli 152-155 (41 Kb) it

L-aħħar aġġornament: 21/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Ċipru

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Dawn li ġejjin huma l-aktar tipi ta' preskrizzjoni importanti skont ir-regoli tal-proċedura ċivili:

Il-preskrizzjoni biex jiġu ppreżentati dokumenti ġudizzjarji:

F'każ ta' rikors ġuramentat ġeneralment approvat, ir-rikorrent irid jippreżenta r-rikors tiegħu lill-qorti u jinnotifikah lill-konvenut fi żmien għaxart ijiem mid-data meta l-konvenut jiddikjara li se jidher personalment il-qorti biex jiddefendi lilu nnifsu, sakemm mhux speċifikat xorta oħra mill-qorti.

In-nota tal-eċċezzjonijiet ta' konvenut li diġà ddikjara li se jidher personalment il-qorti għandha tiġi ppreżentata fi żmien 14-il jum mid-data ta' notifika tar-rikors, sakemm dan iż-żmien ta' preskrizzjoni ma jiġix estiż mill-qorti.

Il-preskrizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti:

Sentenza tal-qorti hija eżegwibbli fi żmien sitt snin mid-data li fiha saret eżekuttiva. Jekk is-sentenza ma tistax tiġi eżegwita fiż-żmien stabbilit, ir-rikorrent jista' jitlob it-tiġdid tas-sentenza (li jikkostitwixxi estensjoni indiretta tal-preskrizzjoni).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, il-ġranet ta' festa f'Ċipru jinkludu l-ġranet li ġejjin:

L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar

L-Epifanija is-6 ta' Jannar

Clean Monday (timxi skont il-kalendarju)

Btala Nazzjonali: il-25 ta' Marzu (tifkira tal-bidu tar-rivoluzzjoni tal-1821)

Btala Nazzjonali: l-1 ta' April (tifkira tal-bidu tal-ġlieda għall-ħelsien ta' Ċipru bejn l-1955-1959)

Jum il-Ħaddiem: l-1 ta' Mejju

Il-Ġimgħa l-Kbira: Il-Ġimgħa ta' qabel l-Għid

It-Tnejn ta' wara l-Għid: It-Tnejn ta' wara l-Għid

Il-Pentekoste

Santa Marija: il-15 ta' Awwissu

Jum l-Indipendenza: l-1 ta' Ottubru

Btala Nazzjonali: it-28 ta' Ottubru (l-anniversarju tal-"LE" tal-1940)

Lejlet il-Milied: l-24 ta' Diċembru

Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru

San Stiefnu: il-26 ta' Diċembru

Barra minn hekk, skont ir-regola Nru 61 tal-Proċedura Ċivili, il-jiem li ġejjin huma l-ġranet ta' festa uffiċjali għas-sistema ġudizzjarja:

Il-perjodu bejn l-10 ta' Lulju u d-9 ta' Diċembru inklużi (il-vaganzi tas-sajf).

Il-perjodu bejn l-24 ta' Diċembru sas-6 ta' Jannar inklużi (il-vaganzi tal-Milied).

Il-perjodu mill-Ħamis ta' qabel l-Għid sal-Ħadd ta' San Tumas inklużi (il-vaganzi tal-Għid).

Is-seduti tas-smigħ jew proċedimenti oħra jistgħu jsiru matul il-perjodi msemmijin biss jekk ikun hemm struzzjonijiet mill-Qorti Suprema jew minn imħallef f'każ ta' proċedimenti li jaqgħu fil-ġurizdizzjoni tiegħu.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili japplikaw għal diversi proċeduri ċivili.

Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Preskrizzjoni 165(I)/2002 japplikaw għall-preskrizzjoni biex tinfetaħ kawża.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-preskrizzjoni tibda tgħodd mid-data wara li ssir in-notifika għaliex, skont l-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, "jiem" tfisser "jiem sħaħ".

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Skont ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili, id-dokumenti jiġu notifikati fir-Repubblika ta' Ċipru personalment permezz ta' marixxall (ħlief f'każijiet eċċezzjonali fejn il-Qorti tista' tordna li ssir mod ieħor wara talba tal-partijiet). Il-preskrizzjoni mhix affettwata mid-data tan-notifika.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Le. Ara t-tweġiba mogħtija għad-domanda Nru 4 aktar 'il fuq.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta l-preskrizzjoni tiġi espressa f'jiem, hija tindika "jiem kalendarji", ħlief jekk il-qorti tordna mod ieħor f'każ speċifiku. Pereżempju, il-qorti tista' tordna li l-oġġezzjoni tal-konvenut tiġi ppreżentata "fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mid-data tal-lum" jew li l-inġunzjoni għandha tiġi nnotifikata (pereż. lill-konvenut fi proċedimenti *ex parte* jew lil bank fi proċedimenti ta' ffriżar tal-kontijiet) "fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mit-tfassil tagħha".

Skont l-Att dwar l-Interpretazzjoni, "jiem" dejjem tfisser "jiem sħaħ".

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-preskrizzjoni tirreferi għal ġimgħat jew xhur kalendarji.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

F'dawn il-każijiet il-preskrizzjoni tiskadi kif tgħaddi l-aħħar siegħa tal-aħħar ġurnata tal-ġimgħa, xahar jew sena tal-preskrizzjoni.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva, f'dan il-każ il-preskrizzjoni tiġi estiża sal-ewwel ġurnata ta' xogħol tal-għada li jkun imiss.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Skont ir-Regola tal-Proċedura Ċivili Nru 57, Ordni 2, il-qorti tista' testendi jew tqassar kull preskrizzjoni li hija pprovduta fir-regoli msemmija hawn fuq jew f'inġunzjoni rilevanti, mingħajr ma timponi kundizzjonijiet jew skont dawn il-kundizzjonijiet kif meħtieġa fl-interessi tal-ġustizzja.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Jista' jsir appell kontra inġunzjoni finali jew temporanja fuq kwistjoni li ma tikkostitwixxix azzjoni u kontra ċ-ċaħda ta' rikors provviżorju fi żmien 14-il jum minn meta l-inġunzjoni ssir vinkolanti jew minn meta r-rikors jiġi miċħud.

Fil-każijiet l-oħra (pereż. kontra sentenza finali f'kawża ċivili) l-appell irid isir fi żmien sitt ġimgħat minn meta s-sentenza ssir vinkolanti.

Il-preskrizzjoni tista' tiġi estiża biss f'każijiet rari u eċċezzjonali.

It-tipi ta' preskrizzjoni differenti biex issir kawża huma stabbiliti fl-Att dwar il-Preskrizzjoni 165(I)/2002.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Wara li ssir in-notifika tar-rikors, hemm preskrizzjoni ta' għaxart ijiem sabiex il-konvenut jiddikjara li se jidher personalment quddiem il-qorti.

Mill-bqija, id-dati sabiex il-partijiet jidhru l-qorti jiġu stabbiliti mill-qorti nnifisha.

L- *ewwel* data għad-dehra l-qorti f'każ ta' rikors tiġi stabbilita mir- *reġistru* tal-qorti mal-preżentata tar-rikors, sakemm ma hemmx raġuni speċjali biex tiġi ffissata data speċifika għad-dehra l-qorti. F'dak il-każ, id-data speċifika tiġi ffissata biss wara li tingħata l-awtorizzazzjoni mill-qorti li tkun qed tisma' l-każ. Rigward il-modifika ta' preskrizzjoni oħra, ara t-tweġiba għad-domanda Nru 11 aktar 'il fuq.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Jekk il-liġi applikabbli fil-ġuriżdizzjoni hija dik ta' Ċipru, l-istess regoli u l-istess preskrizzjoni japplikaw, minkejja l-post ta' residenza tal-parti li ġiet innotifikata.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk il-konvenut jonqos milli jippreżenta d-dikjarazzjoni li se jidher il-qorti, jew, sussegwentement, in-nota tal-eċċezzjonijiet fiż-żmien stabbilit, ir-rikorrent jista' jippreżenta rikors għal deċiżjoni favur tiegħu.

Bl-istess mod il-konvenut jista' jippreżenta rikors biex it-talba tar-rikorrent tiġi miċħuda jekk, fil-każ ta' rikors ġuramentat ġeneralment aċċettat, ir-rikorrent ma jkunx ippreżentah fiż-żmien stabbilit.

Barra minn hekk, oġġezzjoni għal rikors ippreżentata wara li jkun skada ż-żmien rilevanti tista' tiġi injorata mill-qorti u għalhekk il-konvenut kontumaċi jista' jitlef id-dritt li jinstema' matul il-proċedimenti.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-konvenut kontumaċi li t-talba tiegħu ġiet miċħuda jista' jitlob sabiex jinstema' fil-kawża.

Konvenut kontumaċi li ngħatat sentenza kontrih jista' jitlob li titħassar is-sentenza.

Dawn it-talbiet jiġu awtorizzati bħala deroga.

L-aħħar aġġornament: 07/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Latvja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-termini proċedurali huma l-perjodi ta' żmien li fihom irid jittieħed il-pass proċedurali.

It-termini jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej, skont min huwa marbut bihom:

- it-termini li magħhom iridu jikkonformaw qorti, imħallef jew uffiċjal ġudizzjarju huma stabbiliti bil-liġi, u normalment ikunu qosra. Fil-proċedimenti ċivili, dawn it-termini jvarjaw minn jum għal 30 jum (pereżempju, l-Artikolu 102(2) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (*Civilprocesa likums*, minn hawn 'il quddiem "CPL"), 15-il jum; l-Artikolu 140(9) tas-CPL, 30 jum; l-Artikolu 341.6(2) tas-CPL, 15-il jum). L-imħallef irid jiddeċiedi jaċċettax rikors fi żmien 7 ijiem minn meta jirċevih, iżda meta r-rikors jitlob ir-ritorn ta' wild minuri lejn il-Latvja, u jrid jiġi ppreżentat lil pajjiż barrani, trid tittieħed deċiżjoni matul seduta tal-qorti fi żmien 15-il jum minn meta jibdew il-proċedimenti. Sentenza dwar miżuri għall-garanzija ta' talba trid tingħata mhux aktar tard mill-għada li jkunu bdew il-proċedimenti. Deċiżjoni dwar protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza trid tingħata mhux aktar tard mill-ġurnata ta' xogħol wara li jkun wasal ir-rikors, jekk ma jkunux meħtieġa aktar provi jew jekk id-dewmien jista' jaffettwa d-drittijiet tar-rikorrent b'mod sinifikanti; f'każijiet oħra trid tingħata fi żmien 20 jum minn meta jasal ir-rikors. Għal ċerti kategoriji ta' kawżi hemm preskrizzjoni li fiha jrid jibda l-eżami tal-kawża jew inkella jsir rieżami u jispiċċa b'sentenza. Kopja vera tas-sentenza jew deċiżjoni trid tintbagħat mhux aktar tard minn tlett ijiem wara li tingħata s-sentenza jew id-deċiżjoni, jew, jekk tingħata sentenza qasira, fi żmien tlett ijiem tat-tfassil tas-sentenza sħiħa. Hemm preskrizzjoni oħra prevista mil-liġi. Xi kultant il-qorti jew l-uffiċjal ġudizzjarju jridu jieħdu ċerti passi minnufih. F'ċerti każijiet previsti mil-liġi hemm preskrizzjoni ġenerali li l-qrati jew l-imħallef jistgħu jagħmluhom speċifiċi, u b'hekk jimponu huma stess iż-żmien li fih irid isir dan il-pass. F'kawżi kumplessi l-qorti tista' tagħti sentenza qasira li tikkonsisti biss f'parti introduttorja u parti operattiva. Il-qorti tikteb is-sentenza sħiħa fi żmien 14-il jum u tispeċifika data meta din tkun lesta. Il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili ma tispeċifikax termini sa meta l-qorti trid tipprepara u tiddeċiedi kawża ċivili. Madankollu, l-Artikolu 28 tal-Liġi dwar is-setgħa ġudizzjarja (*Likums par tiesu varu*) jgħid li, sabiex tiġi żgurata d-difiża tad-drittijiet miksura ta' persuna, qorti trid teżamina l-każ "b'mod tempestiv", li jfisser li l-kawża trid tinqata' kemm jista' jkun malajr. Fl-istess ħin, b'eċċezzjoni mill-proċedura ordinarja tal-qorti, il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili tistabbilixxi termini speċifiċi għall-eżami ta' rikorsi għal ċerti kategoriji ta' kawżi ċivili li huma suġġetti għal proċeduri speċjali: pereżempju, imħallef irid jiddeċiedi dwar rikors għall-eżekuzzjoni mhux kontestata ta' obbligi fi żmien 7 ijiem mill-preżentata tar-rikors. Barra minn hekk, hemm dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni speċjalizzata li jistipulaw liema materji jridu jiġu deċiżi permezz ta' proċedura straordinarja (pereżempju, trid tingħata prijorità li kull kawża marbuta mal-iżgurar tad-drittijiet u l-interessi tat-tfal kif previst fil-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal (*Bērnu tiesību aizsardzības likums*)).

- Termini għall-passi proċedurali li jridu jittieħdu mill-partijiet fil-proċedimenti – dawn it-termini huma stabbiliti mil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili – 14-il jum qabel is-seduta għall-preżentazzjoni tal-provi, ħlief jekk l-imħallef ikun stabbilixxa terminu differenti (7 ijiem fil-każ ta' proċedura bil-miktub); 10 ijiem għall-preżentata ta' Iment anċillari (*blakus sūdzība*); 20 jum għall-preżentata ta' appell (*apelācija*), eċċ. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, madankollu, it-termini applikabbli għall-partijiet fil-proċedimenti u kull parti interessata oħra jiġu stabbiliti mill-qorti, l-imħallef jew l-uffiċjal ġudizzjarju, li jiffissa data speċifika għal terminu li l-liġi

tistabbilixxi biss f'termini ġenerali, jew jiffissa data b'mod indipendenti, filwaqt li jqis it-tip ta' pass proċedurali, id-distanza mir-residenza ta' persuna jew fejn tinsab il-persuna, u ċirkostanzi oħra.
Il-preskrizzjoni applikabbli għall-persuni li mhumiex partijiet fil-kawża tiġi stabbilita biss minn qorti jew imħallef.
Il-preskrizzjoni ewlenija hija kif ġej:
• terminu għall-preżentazzjoni tal-provi: sakemm l-imħallef ma jiddeċidix mod ieħor, il-provi jridu jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn 14-il jum qabel seduta (7 ijiem qabel il-ftuħ tal-proċedimenti skont il-proċedura bil-miktub). Waqt li tkun qed tinstema' l-kawża, il-provi jistgħu jiġu ppreżentati wara talba dettaljata tal-parti fil-kawża jew parti terza, sakemm dan ma jkunx ifisser dewmien fid-deċiżjoni tal-kawża, jew li l-qorti taċċetta li hemm raġunijiet tajba għaliex il-provi ma ġewx ippreżentati fil-ħin, jew li l-provi jikkonċernaw fatti li nkixfu matul l-andament tal-proċedimenti. Deċiżjoni tal-qorti li tirrifjuta l-provi ma tistax tiġi kkontestata, iżda l-oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni jistgħu jitressqu f'appell sħiħ (*apelācija*) jew f'appell fuq punt ta' liġi (*kasācija*).
• terminu għall-konvenut biex jippreżenta l-osservazzjonijiet: malli jkunu nfetħu l-proċedimenti, ir-rikors irid jintbagħat lill-konvenut minnufih, fl-indirizz tal-posta elettronika uffiċjali tiegħu jew bil-posta reġistrata, bl-iffissar ta' terminu għall-preżentazzjoni tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' 15 sa 30 jum mid-data minn meta jkun intbagħat ir-rikors;
• terminu għall-korrezzjoni tan-nuqqasijiet f'rikors għall-ftuħ tal-proċedimenti u r-ritrattazzjoni tal-kawża: meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, il-konvenut għandu 20 jum mid-data tas-sentenza biex jitlob lil-qorti terġa' tiftaħ il-proċedimenti u terġa' tisma' l-kawża mill-ġdid.
Il-preskrizzjoni għas-sospensjoni tal-proċedimenti:
f'każ ta' mewt ta' persuna fiżika, jew meta persuna ġuridika ma tibqax reġistrata u din tkun parti fil-kawża jew parti terza b'talba indipendenti, u meta r-relazzjoni ġuridika fit-tilwima tippermetti t-trasferiment tad-drittijiet, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien meħtieġ biex jiġi stabbilit suċċessur jew jinħatar rappreżentant legali;
meta l-qorti tkun iddeterminat tali restrizzjoni fuq il-kapaċità ta' azzjoni għal parti jew terza persuna li ma tippermettilhiex li teżerċita b'mod indipendenti d-drittijiet u l-obbligi proċedurali ċivili, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien meħtieġ sabiex jinħatar rappreżentant legali;
- meta l-parti għall-proċedimenti jew parti terza ma tistax tieħu sehem fil-proċedimenti minħabba mard serji, l-età jew diżabbiltà, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien sal-iskadenza stabbilita mill-qorti għall-ħatra ta' rappreżentant;
meta l-qorti tieħu deċiżjoni li tippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, jew il-Qorti Kostituzzjonali tkun fetħet kawża b'rabta ma' lment kostituzzjonali mill-attur (l-appellant); jekk il-qorti tiddeċiedi li tirreferi domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari; meta ma jkunx possibbli li l-kawża tiġi eżaminata qabel ma tiġi solvuta kawża oħra ċivili, kriminali jew amministrattiva, il-perjodu rilevanti huwa ż-żmien meħtieġ biex is-sentenza jew id-deċiżjoni fi proċedimenti ċivili, kriminali jew amministrattivi tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ssir waħda finali;
meta parti fil-proċedimenti jew parti terza b'talba indipendenti tinsab barra l-fruntieri tal-Latvja b'rabta ma' missjoni għal żmien twil jew dmirijiet uffiċjali, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien meħtieġ biex jinħareġ mandat li jirrikjedi l-preżenza tal-konvenut; meta parti fil-proċedimenti jew parti terza b'talba indipendenti ma tkunx tista' tieħu sehem fid-deċiżjoni ta' kawża minħabba mard, jew meta l-qorti tordna perizja, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien meħtieġ sakemm ma jibqgħux japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija f'dawn il-paragrafi;
meta l-partijiet jaqblu li l-proċedimenti jiġu sospiżi u l-ebda parti terza b'talba indipendenti ma toġġezzjona, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien sal-iskadenza mniżżla fid-deċiżjoni tal-qorti;
meta jiġu ddikjarati proċedimenti ta' insolvenza ta' persuna ġuridika jew fiżika kontra konvenut fir-rigward ta' rikorsi ta' natura pekunjarja, il-perjodu rilevanti jkun iż-żmien sakemm jitlestew il-proċedimenti ta' insolvenza.
It-terminu għall-preżentazzjoni ta' appell – appell kontra deċiżjoni ta' qorti tal-ewwel istanza jista' jitressaq fi żmien 20 jum wara li tingħata s-sentenza. Meta tingħata s-sentenza fil-qosor, il-preskrizzjoni għall-appell tibda għaddejja mid-data ffissata mill-qorti għall-għoti tas-sentenza sħiħa. Jekk is-sentenza tingħata wara d-data indikata, il-perjodu ta' żmien għall-preżentata ta' appell mis-sentenza jibda mid-data proprja tal-għoti tas-sentenza. Appell ippreżentat wara li tkun għaddiet skadenza ma għandux ikun ammissibbli u għandu jintbagħat lura lill-appellant;
Ilment anċillari jista' jiġi ppreżentat fi żmien 10 ijiem mid-data meta l-qorti tkun ħadet id-deċiżjoni kkontestata, sakemm il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili ma tipprovdix mod ieħor. Ilment anċillari li jiġi ppreżentat wara li t-terminu jkun skada ma għandux ikun ammissibbli u għandu jintbagħat lura lill-esponent.
It-terminu għall-preżentazzjoni ta' rikors għall-kunsiderazzjoni ta' fatti ġodda li jkunu nstabu – it-terminu għall-preżentazzjoni ta' rikors bħal dan jibda jiddekorri: fir-rigward ta' ċirkostanzi essenzjali għall-kawża li kienu fis-seħħ fi żmien il-proċedimenti iżda ma kinux u ma setax ikun jaf bihom ir-rikorrent: mill-jum meta jsiru magħrufa dawn il-fatti;
fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet tax-xhieda, perizji jew traduzzjonijiet li jkunu foloz b'intenzjoni, jew provi bil-miktub jew materjali ffalsifikati li jkunu nkixfu b'rabta ma' sentenza tal-qorti li tkun daħlet fis-seħħ legalment f'kawża kriminali, li fuq il-bażi tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, jew fir-rigward ta' attivitajiet kriminali li jkunu nkixfu b'rabta ma' sentenza tal-qorti li tkun daħlet fis-seħħ legalment f'kawża kriminali, li fuq il-bażi tagħhom tkun ingħatat sentenza illegali jew mhux fondata jew tkun ittieħdet deċiżjoni: mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-sentenza wara kawża kriminali;
fir-rigward tal-annullament ta' sentenza tal-qorti, jew ta' deċiżjoni minn istituzzjoni oħra li fuqha tkun ġiet ibbażata s-sentenza jew id-deċiżjoni tal-qorti fil-kawża: mill-jum meta d-deċiżjoni tal-qorti li tannulla s-sentenza fil-kawża ċivili jew kriminali tkun daħlet fis-seħħ jew mill-jum tal-annullament tad-deċiżjoni tal-istituzzjoni l-oħra li fuqha tkun ġiet ibbażata s-sentenza jew id-deċiżjoni li jkun qed jintalab l-annullament tagħha fid-dawl ta' fatti li jkunu saru magħrufa reċentement;
meta jiġi rikonoxxut li dispożizzjoni legali li ġiet applikata fid-deċiżjoni tal-kawża ma tkunx kompatibbli ma' dispożizzjoni legali ta' grad ogħla: mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' sentenza jew deċiżjoni oħra li permezz tagħha d-dispożizzjoni applikata titlef is-saħħa tagħha għaliex ma tkunx konformi mad-dispożizzjoni legali ta' grad ogħla.
Il-preskrizzjoni għall-preżentazzjoni ta' dokumenti ta' eżekuzzjoni: dokument ta' eżekuzzjoni jista' jiġi ppreżentat għall-eżekuzzjoni fi żmien 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-qorti jew imħallef, sakemm ma jkunux stabbiliti perjodi oħra.
Meta s-sentenza tal-qorti tordna li d-dejn jiġi rkuprat permezz ta' pagamenti perjodiċi, id-dokument ta' eżekuzzjoni jibqa' fis-seħħ matul il-perjodu kollu li fih iridu jsiru l-pagamenti; madankollu, il-perjodu ta' 10 snin msemmija hawn qabel jibdew għaddejjin fl-aħħar ġurnata għal kull pagament.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont il-Liġi dwar il-Festi Pubbliċi, il-Jiem ta' Tifkira u l-Jiem ta' Festa, id-dati li ġejjin ġew stabbiliti bħala festi pubbliċi:
l-1 ta' Jannar: Jum l-Ewwel tas-Sena;
il-Ġimgħa l-Kbira, Ħadd il-Għid u t-Tnejn ta' wara l-Għid;
l-1 ta' Mejju: Jum il-Ħaddiem, il-kommemorazzjoni tal-Konvokazzjoni tal-Assemblea Kostitwenti tar-Repubblika tal-Latvja;
l-4 ta' Mejju: il-kommemorazzjoni tad-Dikjarazzjoni dwar ir-Restawr tal-Indipendenza tar-Repubblika tal-Latvja;
It-tieni Ħadd ta' Mejju: Jum l-Omm;
Jum il-Pentekoste:
it-23 ta' Ġunju: Lejlet Jum San Ġwann;
l-24 ta' Ġunju: Jum San Ġwann, Nofs is-Sajf;

L-aħħar jum tal-Festival Nazzjonali Latvjan tal-Kant u ż-Żfin;
it-18 ta' Novembru: il-kommemorazzjoni tal-proklamazzjoni tar-Repubblika tal-Latvja.
l-24, il-25 u s-26 ta' Diċembru: il-Milied (solistizju tax-xitwa);
il-31 ta' Diċembru: Lejlet l-Ewwel tas-Sena.
L-Ortodossi u oħrajn li jemmnu ta' denominazzjonijiet reliġjużi oħra jiċċelebraw l-Għid, Għid il-Ħamsin u l-Milied fid-dati determinati minn dawn id-denominazzjonijiet reliġjużi.
Jekk l-4 ta' Mejju, l-aħħar jum tal-Festival Nazzjonali Latvjan tal-Kant u ż-Żfin jew it-18 ta' Novembru jaqa' s-Sibt jew il-Ħadd, il-ġurnata ta' xogħol li jmiss tkun btala.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-azzjonijiet proċedurali għandhom jitwettqu fit-termini stabbiliti mil-liġi. Meta l-liġi ma tipprovdix għal preskrizzjoni, din tiġi stabbilita mill-qorti jew mill-imħallef.
Il-preskrizzjoni stabbilita minn qorti jew imħallef trid tkun twila biżżejjed sabiex ikun jista' jittieħed il-pass proċedurali li jkun imiss.
Il-preskrizzjoni tista' tkun data preċiża, jew perjodu li jispiċċa f'data preċiża, jew perjodu espress fi snin, xhur, jiem jew sigħat. Meta l-pass jista' ma jittiħidx fid-data stabbilita, jista' jittieħed kull ħin matul il-perjodu indikat. Il-perjodu jista' jiġi stabbilit b'referenza għall-okkorrenza ta' avveniment li żgur se jseħħ.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Preskrizzjoni proċedurali kkalkulata fi snin, xhur jew jiem tibda għaddejja fil-ġurnata wara d-data jew avveniment li juri l-bidu tagħha.
Preskrizzjoni proċedurali kkalkulata fi snin, xhur jew jiem tibda għaddejja fis-siegħa wara l-avveniment li juri l-bidu tagħha.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Id-dokumenti ġudizzjarji jintbagħtu lil persuni primarjament b'mezzi elettroniċi, permezz ta' sistema online, jekk id-destinatarju jkun innotifika lill-qorti li huwa jaqbel li jikkomunika mal-qorti permezz tas-sistema online; fl-indirizz elettroniku pprovdut mid-destinatarju, jekk id-destinatarju jkun informa lill-qorti li huwa jaqbel mal-użu tal-posta elettronika għall-korrispondenza mal-qorti; lill-indirizz elettroniku uffiċjali tad-destinatarju. Meta d-dokumenti jiġu trażmessi b'mod elettroniku, dawn għandhom jitqiesu li ġew innotifikati fit-tielet jum wara d-data meta jkunu ntbagħtu.
Jekk ma jkunx possibbli li d-dokumenti tal-qorti jiġu trażmessi b'mod elettroniku lil persuna fiżika, dawn għandhom jintbagħtu fl-indirizz tar-residenza ddikjarat mill-persuna fiżika jew fir-residenza tagħha. Id-dokumenti tal-qorti jistgħu jintbagħtu wkoll fil-post tax-xogħol. Jekk ma jkunx possibbli li d-dokumenti tal-qorti jiġu trażmessi b'mod elettroniku lil persuna ġuridika, dawn għandhom jintbagħtu fl-uffiċċju reġistrat tagħha. Meta d-dokumenti jintbagħtu bil-posta, dawn għandhom jitqiesu li ġew innotifikati fis-seba' jum mid-data li fiha jkunu ntbagħtu.
Id-dokumenti ġudizzjarji jistgħu jiġu nnotifikati lid-destinatarju personalment jew lil kwalunkwe membru adult tal-familja li jirrisjedi mad-destinatarju. F'dak il-każ, id-dokumenti għandhom jitqiesu li ġew innotifikati fid-data meta ġew aċċettati mid-destinatarju jew minn persuna oħra.
Jekk id-dokumenti ġudizzjarji jitqisux li ġew innotifikati ma huwiex determinat minnu nnifsu minn jekk ġewx ikkonsenjati fil-post ta' residenza ddikjarat ta' persuna fiżika, f'indirizz addizzjonali indikat fid-dikjarazzjoni ta' residenza, fl-indirizz indikat minn persuna fiżika għall-korrispondenza mal-qorti, jew fl-uffiċċju reġistrat ta' persuna ġuridika, jew jekk waslitx notifika mill-uffiċċju postali li tgħid li l-oġġett ġie kkonsenjat jew jekk id-dokumenti humiex qed jiġu rritornati. Id-destinatarju jista' jiċħad il-preżunzjoni li d-dokumenti jkunu ġew innotifikati fis-seba' jum mill-jum tad-dispaċċ jekk jintbagħtu bil-posta jew fit-tielet jum mid-dispaċċ jekk jintbagħtu bil-posta elettronika jew jiġu nnotifikati online billi jirreferi għal ċirkostanzi oġġettivi barra mill-kontroll tiegħu li jkunu pprekluduh milli jirċievi d-dokumenti fl-indirizz indikat. Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokumenti tal-qorti, id-dokumenti jitqiesu li ġew notifikati fid-data meta d-destinatarju rrifjuta li jaċċettahom.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Jekk il-perjodu jibda għaddej mal-okkorrenza ta' avveniment partikolari, iż-żmien jibda għaddej fil-ġurnata ta' wara l-okkorrenza tal-avveniment li jiddeċiedi l-bidu tiegħu.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Jekk il-perjodu jiġi espress f'jiem, in-numru ta' ġranet jinkludi l-ġranet kalendarji wkoll.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-perjodi espressi f'jiem, xhur jew ġranet jinkludu l-jiem kalendarji.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Perjodu espress fi snin jiskadi fix-xahar rispettiv u fid-data rispettiva tas-sena finali ta' dan il-perjodu.
Perjodu espress f'xhur jiskadi fid-data rispettiva tas-sena finali ta' dak il-perjodu. Meta l-perjodu espress f'xhur jispiċċa f'xahar li ma għandux id-data rispettiva, jiskadi fl-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Perjodu li jestendi sa data partikolari jiskadi f'dik id-data.
Pass proċedurali li t-terminu tiegħu jkun wasal biex jiskadi jista' jitwettaq sa nofsillejl tal-aħħar jum tal-perjodu.
Terminu għal kwalunkwe pass proċedurali li jrid jitwettaq fil-qorti jiskadi fil-ħin li l-qorti tieqaf mill-ħidma tagħha. Meta rikors, appell jew dokument ieħor jingħata lil uffiċjal tal-komunikazzjoni sa nofsillejl fid-data finali tal-perjodu, jitqies li ġie ppreżentat fil-ħin.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Jekk il-perjodu jiskadi s-Sibt, il-Ħadd jew f'festa nazzjonali obbligatorja, l-aħħar ġurnata tal-perjodu titqies li hija l-ġurnata ta' xogħol li jmiss.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Il-preskrizzjoni stabbilita minn qorti jew imħallef biss tista' tiġi estiża wara talba tal-parti fil-kawża. Termini oħrajn stabbiliti mil-liġi, madankollu, jistgħu jiġġeddu mill-qorti, wara talba ta' parti fil-kawża. Rikors għall-estensjoni ta' terminu jew biex terminu li jkun skada jerġa' jibda għandu jiġu ppreżentat lill-qorti fejn kellha ssir l-azzjoni ttardjata, u r-rikors għandu jiġi eżaminat permezz ta' proċedura bil-miktub. Qabel l-eżami tar-rikors permezz ta' proċedura bil-miktub, il-partijiet fil-proċedimenti għandhom ikunu nnotifikati dwaru u għandu jintbagħtilhom rikors għall-estensjoni ta' terminu jew biex jerġa' jibda terminu li jkun skada fl-istess ħin. Rikors biex terminu proċedurali jerġa' jibda għandu jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-azzjoni proċedurali u r-raġunijiet biex dak it-terminu jerġa' jibda.
Terminu stabbilit minn imħallef jista' jiġi estiż minn imħallef li jippresjedi waħdu. Jista' jitressaq ilment anċillari fir-rigward ta' rifjut minn qorti jew imħallef li jestendi terminu jew li jordna li jerġa' jibda.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Ilment anċillari jista' jiġi ppreżentat fi żmien 10 ijiem mid-data meta l-qorti tieħu d-deċiżjoni.
Jekk deċiżjoni tiġi adottata permezz ta' proċedura bil-miktub, it-terminu għall-preżentazzjoni ta' lment anċillari jibda jiddekorri mid-data meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni.
Jekk tittieħed deċiżjoni (pereżempju deċiżjoni li tordna s-smigħ ta' xhieda jew li tordna miżura ta' protezzjoni provviżorja) fl-assenza ta' parti minnhom, it-terminu għas-sottomissjoni ta' lment anċillari jibda jiddekorri mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tintbagħat jew tiġi nnotifikata.

Jekk deċiżjoni tal-qorti tkun intbagħtet lill-persuna li l-post ta' residenza tagħha, il-post fejn tinsab jew l-uffiċċju reġistrat tagħha ma jkunx fil-Latvja iżda l-indirizz tagħha jkun magħruf, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE jew il-ftehimiet internazzjonali li bihom hija marbuta l-Latvja, il-persuna tista' tippreżenta lment anċillari fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni jew, jekk il-qorti tkun tat sentenza sommarja, mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni sħiħa.
Kull appell sħiħ (*apelācija*) irid jiġi ppreżentat fi żmien 20 jum mid-data meta tinqara s-sentenza, jew jekk tinqara s-sentenza fil-qosor, mid-data stabbilita mill-qorti għall-għoti tas-sentenza sħiħa. Jekk is-sentenza tingħata wara d-data indikata, il-perjodu ta' żmien għall-preżentata ta' appell mis-sentenza jibda mid-data proprja tal-għoti tas-sentenza.
Jekk sentenza tal-qorti tkun intbagħtet lill-persuna li l-post ta' residenza tagħha, il-post fejn tinsab jew l-uffiċċju reġistrat tagħha ma jkunx fil-Latvja iżda l-indirizz tagħha jkun magħruf, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE jew il-ftehimiet internazzjonali li bihom hija marbuta l-Latvja, il-persuna tista' tippreżenta appell sħiħ fi żmien 20 jum mid-data tan-notifika tas-sentenza.
Appell fuq punt ta' liġi (*kasācija*) irid jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum mid-data meta tinqara s-sentenza, jew jekk tinqara s-sentenza fil-qosor, mid-data stabbilita mill-qorti għall-għoti tas-sentenza sħiħa. Jekk is-sentenza tingħata wara d-data indikata, il-perjodu ta' żmien għall-preżentata ta' appell mis-sentenza jibda mid-data proprja tal-għoti tas-sentenza.
Jekk sentenza tal-qorti tkun intbagħtet lill-persuna li l-post ta' residenza tagħha, il-post fejn tinsab jew l-uffiċċju reġistrat tagħha ma jkunx fil-Latvja iżda l-indirizz tagħha jkun magħruf, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE jew il-ftehimiet internazzjonali li bihom hija marbuta l-Latvja, il-persuna tista' tippreżenta appell fuq punt ta' liġi fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tas-sentenza.
Sew jekk l-appell ikun wieħed sħiħ jew biss fuq punt tal-liġi, jekk jiġi ppreżentat wara li tkun skadiet il-preskrizzjoni jsir inammissibbli u jintbagħat lura lill-mittent. Ilment anċillari kontra deċiżjoni ta' mħallef li jirrifjuta appell sħiħ jew appell fuq punt ta' liġi jista' jiġi ppreżentat fi żmien 10 ijiem mill-jum meta l-qorti tkun ħadet id-deċiżjoni.
F'każ ta' ċerti kategoriji ta' tilwim, pereżempju dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni minn qorti barranija, jistgħu jiġu stabbiliti perjodi speċifiċi għall-appelli, fuq bażi ta' każ b'każ skont ir-regoli dwar il-proċedura ċivili.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Qorti trid tipposponi d-deċiżjoni ta' kawża, u tiffissa seduta ta' smigħ oħra, jekk:
kwalunkwe parti fil-kawża tkun assenti għas-seduta u ma tkunx ġiet innotifikata bil-ħin u l-post tas-seduta;
kwalunkwe parti fil-kawża li ġiet innotifikata bil-ħin u l-post tas-seduta madankollu ma tattendix għas-seduta għal raġunijiet li l-qorti tqis validi;
ir-rikors ma jkunx ġie nnotifikat lill-konvenut, u għal din ir-raġuni l-konvenut jitlob li tiġi posposta l-aġġudikazzjoni tal-kwistjoni;
ikun meħtieġ li titħarrek, bħala parti fil-kawża, persuna li d-drittijiet jew interessi leġittimi tagħhom jistgħu jiġu miksura mis-sentenza tal-qorti;
jekk il-posponiment jista' jgħin sabiex il-konjuġi jerġgħu jibdew jgħixu flimkien jew jikkontribwixxi għal ftehim bonarju, il-qorti tista' tiddiferixxi s-seduta *ex officio* . Fuq talba ta' parti il-kunsiderazzjoni tal-kawża tgħal dan il-għan tista' tiġi ddifferita ripetutament;
il-post ta' residenza tal-konvenut jew il-post fejn ikun jinsab ma jkunx il-Latvja, u tkun intbagħtet notifika lill-konvenut rigward il-ħin u l-post tas-seduta tal-qorti, u tkun waslet konferma tan-notifika tad-dokumenti, iżda l-konvenut ma jkunx irċieva n-notifika fil-ħin, u jonqos milli jidher fis-seduta tal-qorti;
il-post ta' residenza tal-konvenut jew fejn ikun jinsab ma jkunx il-Latvja, u tkun intbagħtet notifika lill-konvenut rigward il-ħin u l-post tas-seduta tal-qorti, jew ir-rikors ikun intbagħat, iżda ma tkun waslet l-ebda konferma, u l-konvenut jonqos milli jidher f'seduta tal-qorti.
il-partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom għall-medjazzjoni.
Il-qorti tista' tipposponi t-trattazzjoni tal-kawża f'ċerti ċirkostanzi oħra wkoll.
Il-qorti tista' tipposponi t-trattazzjoni ta' kawża:
jekk l-attur li jkun ġie nnotifikat bil-ħin u l-post tas-seduta tal-qorti jonqos milli jidher għal raġunijiet mhux magħrufa;
jekk il-konvenut li jkun ġie nnotifikat bil-ħin u l-post tas-seduta tal-qorti jonqos milli jidher għal raġunijiet mhux magħrufa;
jekk il-qorti tqis li huwa impossibbli li tiddeċiedi dwar il-kawża minħabba li parti li l-preżenza tagħha tkun obbligatorja skont il-liġi, jew xhud, perit jew interpretu pprovdut mill-qorti, jonqos milli jidher;
fuq talba ta' parti fil-kawża li titlob li tingħata l-opportunità li tippreżenta provi ulterjuri;
jekk persuna ma tkunx tista' tieħu sehem f'seduta tal-qorti permezz ta' vidjokonferenza minħabba raġunijiet tekniċi jew raġunijiet oħra mhux fil-kontroll tal-qorti;
jekk l-interpretu ma jkunx preżenti għas-seduta għal raġunijiet meqjusa validi mill-qorti.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Skont ir-regoli tal-proċedura ċivili, il-konsenja u n-notifika tad-dokumenti tal-qorti lil persuna li ma għandhiex residenza fil-Latvja jew li ma tinsabx fil-Latvja jkunu soġġetti għal mekkaniżmu differenti, u t-termini proċedurali li jibdew jgħaddu mal-mument tal-wasla tad-dokumenti tal-qorti jiġu kkalkulati b'mod differenti.
Pereżempju, bħala regola ġenerali, appell kontra deċiżjoni ta' qorti fl-ewwel istanza jista' jitressaq fi żmien 20 jum mid-data tas-sentenza. Jekk is-sentenza tintbagħat lil parti li l-post ta' residenza tagħha jew il-post fejn tinsab ma jkunx il-Latvja, dik il-persuna għandha dritt tressaq appell fi żmien 20 jum mid-data tan-notifika tas-sentenza tal-qorti. Meta jiġu stabbiliti termini differenti għall-preżentazzjoni ta' appelli kontra sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza għal partijiet differenti fil-kawża, is-sentenza ssir effettiva jekk ma jitressaq l-ebda appell fiż-żmien permess għall-appelli, li jiġi kkalkulat mill-aħħar data ta' notifika tas-sentenza, sakemm ma jiġix ippreżentat appell sħiħ.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Id-dritt biex wieħed jieħu pass fil-proċedura jispiċċa mal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien stabbilit mill-qorti jew mil-liġi. L-appelli u d-dokumenti ppreżentati wara din l-iskadenza ma jiġux ammessi.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

B'rikors ta' parti fil-proċedimenti, il-qorti għandha terġa' tagħti bidu għal termini proċedurali jekk hija tqis li r-raġunijiet li wasslu għall-iskadenza jkunu ġustifikati.
Pereżempju, ma huwiex possibbli li jerġa' jingħata bidu għal terminu għall-preżentazzjoni ta' dokument ta' eżekuzzjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' 10 snin li jkun beda jiddekorri fid-data meta d-deċiżjoni rilevanti ta' qorti jew ta' mħallef tkun daħlet fis-seħħ.
Meta terġa' tagħti bidu għal terminu proċedurali li jkun skada, il-qorti għandha tippermetti wkoll li titwettaq l-azzjoni proċedurali ttardjata.
It-termini proċedurali stabbiliti minn qorti, imħallef jew uffiċjal ġudizzjarju jistgħu wara talba ta' parti minnhom jiġu estiżi qabel jiskadu. Il-perjodi ta' preskrizzjoni stabbiliti mil-liġi ma jistgħux jiġu estiżi. Meta jkun skada terminu stabbilit minn qorti, imħallef jew uffiċjal ġudizzjarju, il-persuna marbuta b'dak it-terminu tista' titlob li jiġi ffissat terminu ġdid għall-eżekuzzjoni ta' azzjoni proċedurali.
Rikors għall-estensjoni ta' terminu jew biex jerġa' jibda terminu li jkun skada għandu jiġu ppreżentat lill-qorti li quddiemha kellu jsir il-pass proċedurali ttardjat; Ir-rikors jiġi deċiż fis-seduta ta' smigħ, u l-partijiet jiġu notifikati bil-quddiem bil-post u l-ħin tas-seduta. In-nuqqas ta' parti li tidher il-qorti ma jimpedix li tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors.

Rikors biex jerġa' jibda terminu proċedurali għandu jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-azzjoni proċedurali, u r-raġunijiet biex jerġa' jibda t-terminu.
Terminu stabbilit minn imħallef jista' jiġi estiż minn imħallef li jippresjedi waħdu.
Jista' jitressaq ilment anċillari fir-rigward ta' rifjut minn qorti jew imħallef li jestendi terminu jew li dan jerġa' jibda.
L-aħħar aġġornament: 11/01/2024
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Litwanja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Il-Kodiċi Ċivili (*Civilinis kodeksas*) jipprevedi perijodu ta' limitazzjoni ġenerali u perjodi ta' limitazzjoni iqsar. Il-perjodi ta' limitazzjoni jistgħu jkunu rkupratorji, akkwiżitorji jew riżolutorji.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

il-Ħdud;
l-1 ta' Jannar: l-Ewwel Jum tas-Sena;
is-16 ta' Frar: Jum ir-Restawr tal-Istat ta' Litwanja;
il-11 ta' Marzu: Jum ir-Restawr tal-Indipendenza tal-Litwanja;
L-Għid il-Kbir u t-Tnejn ta' wara l-Għid (skont it-tradizzjoni tal-punent);
l-1 ta' Mejju: Jum il-Ħaddiem;
l-Ewwel Ħadd ta' Mejju: Jum l-Omm;
l-Ewwel Ħadd ta' Ġunju: Jum il-Missier;
l-24 ta' Ġunju: Jum f'Nofs is-Sajf, il-Festa ta' San Ġwann;
is-6 ta' Lulju: Jum l-Istat (L-ikkurunar tar-Re Mindaugas);
il-15 ta' Awwissu: Il-Madonna Mtellgħa s-Sema;
l-1 ta' Novembru Jum l-Erwieħ kollha;
l-24 ta' Diċembru: Lejlet il-Milied;
il-25 u s-26 ta' Diċembru: il-Milied

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Perijodu ta' limitazzjoni stabbilit mil-liġijiet, permezz ta' kuntratt jew permezz ta' awtorità ġudizzjarja f'termini ta' data kalendarja jew numru ta' snin, xhur, ġimgħat, jiem jew siegħat.
Perijodu ta' limitazzjoni jista' jiġi ddefinit ukoll f'termini ta' avveniment li jrid iseħħ b'mod inevittabli. Dan jista' jkunu rkupratorju, akkwiżitorju jew riżolutorju.
Perijodu ta' limitazzjoni ta' rkupru fuq wieħed li jista' ikun irkuprat minn qorti wara li jkun skada sakemm l-iskadenza rilevanti tkun seħħet għal raġunijiet importanti. Perijodu ta' limitazzjoni akkwiżitorju huwa perijodu li fit-tmiem tiegħu jirriżulta (jinkiseb) ċerta dritt jew dover ċivili. Perijodu ta' limitazzjoni riżolutorju huwa perijodu li fit-tmiem tiegħu jiskadi ċerta dritt jew dover ċivili. Perijodi ta' limitazzjoni riżolutorju ma jistax jiġi stabbilit mill-ġdid minn qorti jew arbitraġġ.
Il-perijodu ta' limitazzjoni ġenerali huwa għaxar snin.
Il-leġiżlazzjoni Litwana tistipula perijodi ta' limitazzjoni iqsar għal tipi partikolari ta' pretensjonijiet.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' xahar jiġi applikat għall-pretensjonijiet li joriġinaw mir-riżultati ta' proċeduri tal-offerti.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' tliet xhur jiġi applikat għall-pretensjonijiet sabiex id-deċiżjonijiet ta' korpijiet ta' entità ġuridika jiġu ddikjarati invalidi.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' sitt xhur jiġi applikat għal:
pretensjonijiet dwar l-infurzar ta' nuqqas (multa, imgħax għal pagament tardiv);
pretensjonijiet dwar difetti ta' oġġetti mibjugħa.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' sitt xhur huwa applikat għal pretensjonijiet li jirriżultaw minn relazzjonijiet bejn il-kumpaniji tat-trasport u l-klijenti tagħhom fir-rigward tal-merkanzija mibgħuta minn ġewwa il-Litwanja filwaqt li perijodu ta' limitazzjoni ta' sena huwa applikat għal merkanzija mibgħuta barra mill-pajjiż.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' sena jiġi applikat għal pretensjonijiet tal-assigurazzjoni.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' tliet snin jiġi applikat għal pretensjonijiet għal danni, inkluż pretensjonijiet għal danni li jirriżultaw mill-kwalità inadegwata tal-prodotti.
Perijodu ta' limitazzjoni iqsar ta' ħames snin jiġi applikat għal pretensjonijiet ta' infurzar tal-imgħax u pagamenti perjodiċi oħra.
10. Il-pretensjonijiet dwar difetti ta' xogħlijiet imwettqa huma suġġetti għal perijodi ta' limitazzjoni iqsar.
Il-pretensjonijiet li jirriżultaw mit-trasport ta' merkanzija, passiġġieri u bagalji huma suġġetti għall-perijodi ta' limitazzjoni stabbiliti fil-kodiċijiet (liġijiet) applikabbli għal modi ta' trasport speċifiċi.
Il-perijodu ta' limitazzjoni u kif ukoll ir-regoli għall-kalkolu tat-tali perijodu ma jistgħux jinbidlu bi ftehim bejn il-partijiet.
Perijodu ta' limitazzjoni ma japplikax għal:
1) pretensjonijiet li jirriżultaw mill-ksur ta' drittijiet personali mhux tal-proprjetà, barra minn każijiet stabbiliti mil-liġijiet;
2) pretensjonijiet tad-depożitanti għall-ħlas lura tad-depożiti tagħhom li jinżammu f'bank jew istituzzjoni bankarja oħra;
3) pretensjonijiet oħra għal danni li jirriżultaw mir-reati segwenti li ġejjin speċifikati fil-Kodiċi Kriminali (*Baudžiamasis kodeksas*):
1) ġenoċidju (l-Artikolu 99);
2) it-trattament ta' persuni projbit taħt il-liġi internazzjonali (l-Artikolu 100);
3) il-qtil ta' persuni protetti taħt il-liġi umanitarja internazzjonali (l-Artikolu 101);
4) id-deportazzjoni jew it-trasferiment ta' ċivili (l-Artikolu 102);
5) l-ikkawżar ta' offiża fuq il-persuna, it-tortura jew trattament inuman ieħor ta' persuni protetti taħt il-liġi umanitarja internazzjonali (l-Artikolu 103);
6) l-użu bilfors ta' ċivili jew priġunieri tal-gwerra fil-forzi armati tal-għedewwa (l-Artikolu 105);
7) qerda ta' oġġetti protetti jew ħerba ta' teżori nazzjonali (l-Artikolu 106);
8) aggressjoni (l-Artikolu 110);
9) attakki militari projbiti (l-Artikolu 111);
10) l-użu ta' mezzi projbiti ta' armi tal-gwerra (l-Artikolu 112);
11) it-twettiq negliġenti tad-doveri ta' kmandant.
4) każijiet speċifikati f'liġijiet oħra jew pretensjonijiet oħra.

Termini applikabbli għal seduti ta' smigħ ta' kawżi ċivili. L-għan tal-qorti jrid ikun li tisma' kawża ċivili kemm jista' ikun malajr, tevita d-dewmien u tiżgura li kawża ċivili tinstema' f'sessjoni unika tal-qorti.

Il-liġijiet jistgħu jistabbilixxu termini speċifiċi għal xi kategoriji ta' każijiet ċivili li għandhom jinstemgħu. Meta qorti tal-ewwel istanza tonqos milli twettaq l-azzjoni proċedurali li hija meħtieġa taħt il-Kodiċi Ċivili, parti fil-proċedimenti b'interess li dik l-azzjoni titwettaq hija intitolata titlob lill-qorti tal-appell biex tistabbilixxi skadenza għat-twettiq tagħha. It-talba trid issir lill-qorti li qedha tisma' il-każ, u din tal-aħħar trid tiddeċiedi dwar l-ammissibilità tagħha mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jiġi wara r-riċeviment tagħha. Jekk il-qorti li naqset milli twettaq l-azzjoni proċedurali li tagħti lok għat-talba twettaq l-azzjonijiet inkwistjoni fi żmien sebat ijiem minn meta tirċievi t-talba, il-parti inkwistjoni hija meqjusa li tkun ħassret it-talba. Inkella t-talba tiġi ttrasferita lill-qorti tal-appell fi żmien sebat ijiem ta' xogħol mid-data tar-riċeviment tagħha. It-tali talbiet huma ġeneralment eżaminati permezz tal-proċedura bil-miktub mingħajr ma l-partijiet ikunu nnotifikati tal-ħin u l-post tas-sessjoni jew ma jiġu mistiedna għaliha. It-talba trid tiġi eżaminata fi żmien sebat ijiem mir-riċeviment tagħha mill-qorti tal-appell. Din trid tiġi eżaminata u deċiżjoni tittieħed mill-president tal-qorti tal-appell, il-president tat-taqsima tal-każijiet ċivili jew minn imħallef maħtur minnhom. Is-sentenza deċiża ma tistax tiġi kkontestata permezz ta' appell separat.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

It-terminu jibda jiddekorri minn 0 sigħat 00 minuta fil-jum wara d-data kalendarja jew avveniment li jiddefinixxi minn meta jibda jiddekorri, sakemm ma jiġix previst mod ieħor fil-liġijiet speċifiċi.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Kull rikors bil-miktub u notifiki mpustati, mibgħuta bit-telegraph jew trażmessi b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni qabel nofsillejl fl-aħħar jum ta' terminu huma meqjusa li jkunu ġew mibgħuta fil-ħin (l-Artikolu 1.122 tal-Kodiċi Ċivili).

L-Artikolu 123 (3)–(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Civilinio proceso kodeksas*) jistipula li meta persuna li tkun qed tikkonsenja dokument proċedurali ma jsibx id-destinatarju fil-post tar-residenza jew fuq il-post tax-xogħol tiegħu, id-dokument irid jiġi nnotifikat lil kull membru tal-familja adulta li tirrisjedi miegħu (ulied (ġenituri adottivi), konjuġi, eċċ.), barra minn meta l-membri tal-familja jkollhom interessi legali kunfliġġenti fl-eżitu tal-każ, jew, jekk ikunu assenti wkoll, lill-amministrazzjoni tal-post tax-xogħol.

Meta persuna li tikkonsenja dokument proċedurali ma ssibx id-destinatarju f'uffiċċju reġistrat ta' entità ġuridika jew f'post ieħor speċifikat mill-entità ġuridika, id-dokument proċedurali jrid jiġi nnotifikat lil kull impjegat tal-entità ġuridika li tkun preżenti fil-post tal-konsenja. Jekk dokument proċedurali ma jiġix ikkonsenjat bil-mod speċifikat f'dan il-paragrafu, dan irid jiġi mpostat fl-indirizz tal-uffiċċju tal-entità ġuridika u huwa meqjus li jkun ġie kkonsenjat fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-impostar.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

It-terminu jibda jiddekorri minn 0 sigħat 00 minuta fil-jum wara avveniment li jiddefinixxi minn meta jibda jiddekorri, sakemm ma jiġix previst mod ieħor fil-liġijiet speċifiċi. (l-Artikolu 73 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Perijodu ta' limitazzjoni jiġi kkalkolat f'jiem kalendarji. Dan jibda jiddekorri minn 0 sigħat 00 minuta fil-jum wara d-data kalendarja jew avveniment li jiddefinixxi minn meta jibda jiddekorri, sakemm ma jiġix previst mod ieħor fil-liġijiet speċifiċi.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Terminu proċedurali espress fi snin, xhur, ġimgħat jew jiem jibda jiddekorri minn 0 sigħat 00 minuta fil-jum wara d-data kalendarja jew avveniment li jiddefinixxi minn meta jibda jiddekorri, sakemm ma jiġix previst mod ieħor fil-liġijiet speċifiċi.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Terminu espress f'ġimgħat jiskadi f'24 siegħa 00 minuti fil-jum adegwat tal-aħħar ġimgħa inkluża fit-terminu. Terminu espress f'xhur jiskadi f'24 siegħa 00 minuti fil-jum adegwat tal-aħħar xahar inkluż fit-terminu. Terminu espress fi snin jiskadi f'24 siegħa 00 minuti fil-jum adegwat tax-xahar adegwat tal-aħħar sena inkluża fit-terminu. Jekk terminu li huwa espress fi snin jew xhur jiskadi f'xahar li ma fihx id-data inkwistjoni, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Il-btajjel uffiċjali u l-jiem ta' mistrieħ (is-Sibtijiet u l-Ħdud) huma inklużi fit-terminu. Jekk l-aħħar jum tat-terminu jkun jum ta' mistrieħ jew vaganza pubblika, dan jitqies bħala li jiskadi fil-jum tax-xogħol segwenti.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

L-irkupru ta' termini proċedurali. Il-persuni li tgħalqilhom l-iskadenza stabbilita minn liġijiet speċifiċi jew minn qorti għal raġunijiet rikonoxxuti mill-qorti bħala importanti jista' ikollhom it-terminu inkwistjoni rkuprat. Qorti li għandha d-dritt li tirkupra terminu *ex officio* meta l-fajl tal-każ jindika li l-iskadenza tat-terminu inkwistjoni tkun għaddiet.

Talba biex jiġi rkuprat terminu trid tiġi ppreżentata lill-qorti li quddiemha kellha titressaq l-azzjoni proċedurali. Din tiġi eżaminata permezz ta' proċedura bil-miktub. L-azzjoni proċedurali (il-preżentata tat-talba, is-sottomissjoni tad-dokumenti u l-eżekuzzjoni ta' azzjonijiet oħra) li fil-konfront tagħha ma tkunx intlaħqet l-iskadenza trid tiġi eżegwita b'mod parallel mar-rikors. It-talba għall-irkupru ta' terminu trid tkun motivata. Din trid tkun akkumpanjata minn evidenza li tiġġustifika l-bżonn għall-irkupru.

Terminu proċedurali jiġi rkuprat permezz ta' sentenza mill-qorti. Ir-rifjut milli jiġi rkuprat terminu proċedurali jinħareġ fil-forma ta' sentenza motivata mill-qorti. Sentenza mill-qorti li tiċħad talba għall-irkupru ta' terminu proċedurali skadut tista' tiġi kkontestata permezz tal-preżentata ta' appell separat.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Appell minn sentenza tal-qorti reġjonali jista' jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum minn meta tkun ingħatat s-sentenza mill-qorti tal-ewwel istanza.

Jista' isir appell separat kontra sentenza ta' qorti reġjonali:

fi żmien sebat ijiem minn meta tkun ingħatat is-sentenza f'każijiet li fihom tkun ingħatat is-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza taħt appell fi proċedimenti orali;

fi żmien sebat ijiem minn meta tkun ġiet notifikata kopja attestata tas-sentenza f'każijiet li fihom tkun ingħatat is-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza taħt appell fi proċedimenti bil-miktub.

Jistgħu jsiru appelli minn sentenzi ta' qrati reġjonali li jisimgħu każ fuq il-mertu, filwaqt li jistgħu jsiru appelli separati kontra sentenzi preliminari ta' qrati reġjonali msemmija espressament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (pereż. kontra sentenza li tiċħad rikors għall-irkupru ta' terminu proċedurali (l-Artikolu 78(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), kontra sentenza dwar l-ispejjeż ta' litigazzjoni (l-Artikolu 100 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jew kontra sentenza li tipprekludi proċedimenti ulterjuri).

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Sessjoni tal-qorti trid f'kull każ tiġi mmexxija b'mod kontinwu barra minn meta jitħabbar aġġornament, li ma jistax ikun itwal minn ħamest ijiem ta' xogħol. Aġġornament jista' jitħabbar biex jippermetti lill-qorti u lill-partijiet fil-proċedimenti sabiex jistrieħu minn seduta ta' smigħ imtawwla u biex tinġabar kull evidenza nieqsa, b'mod li jiġi żgurat li l-każ huwa riżolt kemm jista' ikun malajr.

Jekk qorti taġġorna seduta ta' smigħ, id-data tas-seduta ta' smigħ li jmiss tal-qorti trid tiġi ffissata u nnotifikata lill-parteċipanti bil-kontraparti ta' konferma ta' riċevuta. Il-persuni li ma jkunux dehru l-qorti jew li għadhom kif ġew inklużi fil-proċedimenti huma nnotifikati bid-data tas-seduta ta' smigħ li jmiss tal-qorti f' konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

F'ċerti sitwazzjonijiet, seduta ta' smigħ tal-qorti tista' tiġi sospiża. It-tali sospensjoni timplika li kull azzjoni proċedurali li għandha titwettaq bl-għan li jiġi deċiż il-każ fuq il-merti tiegħu hija sospiża temporanjament għal perijodu ta' żmien indefinit. Każ jista' jiġi sospiż għal raġunijiet objettivi speċifikati f'liġijiet speċifiċi li jipprekludu s-seduta ta' smigħ ta' każ ċivili u huma suġġetta għad-diskrezzjoni tal-partijiet jew tal-qorti, jew f'ċirkustanzi li mhumiex previsti f'liġijiet speċifiċi iżda li madankollu jipprekludu l-qorti milli tisma' l-każ fuq il-merti tiegħu.

Il-qorti trid tissospendi seduta ta' smigħ fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

fil-każ tal-mewt ta' persuna fiżika jew terminazzjoni ta' entità ġuridika li kienet parti fil-każ meta s-suċċessjoni ta' drittijiet hija permessa fid-dawl tar-relazzjonijiet legali involuti fil-kontroversja; meta parti titlef il-kapaċità ġuridika tagħha, il-każ irid jiġi sospiż sakemm is-suċċessur tal-persuna fiżika deċeduta jew entità ġuridika terminata jew iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw fin-nuqqas ta' suċċessjoni jkunu ġew iċċarati jew rappreżentant statutorju ta' persuna fiżika li tkun tilfet il-kapaċità ġuridika tagħha ma jkunx ġie maħtur;

meta kawża partikolari ma tistax tinstema' sakemm kawża oħra ma tkunx ġiet deċiża, kawża fi proċedimenti ċivili, kriminali jew amministrattivi tiġi sospiża sakemm deċiżjoni, sentenza jew riżoluzzjoni tal-qorti tidħol fis-seħħ jew sakemm tingħata sentenza fi proċedimenti amministrattivi;

meta jirriżulta f'kawża li tinvolvi pretensjonijiet dwar proprjetà kontra parti konvenuta li l-issodisfar tat-tali pretensjonijiet dwar proprjetà huwa relatat mas-smigħ ta' kawża kriminali, il-kawża tiġi sospiża sakemm tkun saret it-trattazzjoni tal-kawża kriminali jew ikunu ġew xolti r-restrizzjonijiet dwar drittijiet ta' proprjetà; ċirkostanzi oħra huma indikati wkoll f'liġijiet speċifiċi.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Mhux applikabbli.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

L-iskadenza ta' perijodu ta' limitazzjoni qabel ma ssir talba tirriżulta fiċ-ċaħda tat-talba.

Meta l-qorti tirrikonoxxi li ma tkunx intlaħqet skadenza għal raġuni importanti, id-dritt miksur irid jiġi protett u l-perijodu ta' limitazzjoni inkwistjoni jrid jiġi rkuprat. Kwistjonijiet dwar il-liġi tal-proprjetà li jkunu relatati mal-irkupru ta' proprjetà li huwa suġġett għal perijodi ta' limitazzjoni li jkunu skadew għandhom ikunu riżolti f'konformità mal-provvedimenti tal-Volum IV tal-Kodiċi Ċivili.

Id-dritt li ssir azzjoni proċedurali jiskadi meta t-terminu stess, stabbilit mil-liġi jew minn qorti, jiskadi. Kull dokument proċedurali mressaq wara l-iskadenza ta' terminu jiġi rritornat lir-rikorrenti. Il-fatt li l-iskadenza ma tintlaħaqx għat-twettiq ta' ċertu obbligu proċedurali ma jeżonerax lill-persuna kkonċernata minn dak l-obbligu.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk l-iskadenzi ma jintlaħqux għal raġunijiet importanti u ma jkunux għaddew aktar minn tliet xhur minn meta tkun ingħatat is-sentenza tal-qorti, il-qorti tista' tirkupra t-termini inkwistjoni fuq it-talba tar-rikorrent. Terminu għat-tressiq ta' appell jista' jiġi rkuprat meta l-qorti tirrikonoxxi li l-iskadenza inkwistjoni ma tkunx intlaħqet għal raġunijiet importanti. Sentenza tal-qorti li tiċħad talba għall-irkupru ta' terminu tista' tiġi kkontestata permezz ta' appell separat. Jekk il-qorti tal-appell tilqa' dan l-appell separat u tirkupra t-terminu għall-appell, il-president tat-taqsima tal-kawżi ċivili tal-qorti tal-appell irid jitrasferixxi l-appell, flimkien mal-fajl tal-kawża, lill-panel ġudizzjarju tal-qorti tal-appell jew jirrinvija l-kwistjoni dwar l-ammissibilità tal-appell lill-qorti tal-ewwel istanza biex tiddeċiedi dwarha.

Jekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fajl tal-kawża huwa rrinvijat lill-panel ġudizzjarju tal-qorti tal-appell, il-qorti tal-appell trid tibgħat kopji tal-appell u l-annessi tiegħu lill-partijiet fil-proċedimenti fi żmien tliet ijiem ta' xogħol minn meta l-appell ikun ġie permess. Ladarba t-terminu għall-kontestazzjoni ta' sentenza u għall-kontrappell ikun skada, il-qorti tal-ewwel istanza tibgħat il-każ lill-qorti tal-appell fi żmien sebat ijiem u tinnotifika lill-partijiet. Meta l-każ jintbagħat lill-qorti tal-appell u din tal-aħħar tistabbilixxi li l-iskadenza għall-appell ma tkunx intlaħqet, il-qorti tista' tirkupra t-terminu fuq l-inizjattiva tagħha stess (*ex officio*) sakemm il-fajl tal-kawża jindika b'mod ċar li l-iskadenza ma tkunx intlaħqet għal raġunijiet importanti, jew tipproponi lill-parti fil-proċedimenti li hija tressaq talba għall-irkupru tat-terminu għall-appell (l-Artikoli 307(2)–(3), 338 u 78 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Sentenza li tiċħad it-talba tar-rikorrent biex it-terminu jiġi rkuprat tista' tiġi kkontestata billi jsir appell separat (l-Artikolu 78(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 21/10/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Lussemburgu

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Skont il-liġi Lussemburgiża, hemm limiti taż-żmien biex tressaq rikors, biex tissodisfa l-formalitajiet proċedurali, biex tidher fl-awla, limiti taż-żmien marbuta mad-distanza u oħrajn.

Il-limiti taż-żmien preskrittivi u li jipprekludu azzjoni mhumiex ta' natura purament proċedurali u għalhekk mhux se jiġu ttrattati hawnhekk.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Is-Sibtijiet u l-Ħdud, flimkien mal-festi pubbliċi statutorji li ġejjin mhumiex meqjusa bħala ġranet tax-xogħol:

L-ewwel tas-sena, l-għada tal-Għid, l-ewwel ta' Mejju, id-disa' ta' Mejju, it-Tnejn tal-Pentekoste, il-festa nazzjonali li tiġi fit-23 ta' Ġunju,

Lapsi, il-Qaddisin Kollha u l-Milied u San Stiefnu.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Il-limitu taż-żmien tal-proċedura jista' jvarja skont il-materja u l-proċedura kkonċernata.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-limitu taż-żmien jibda jiskorri minn nofsillejl tal-jum tal-att, avveniment, deċiżjoni jew notifika tal-att.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Iva, jekk il-liġi titlob notifika minn bailiff jew uffiċjal tal-qorti, in-notifika tista' titqies li saret f'ġurnata oħra minn dakinhar li n-notifika waslet effettivament għand il-persuna kkonċernata (pereż. f'każ li d-dokument jiġi miċħud jew f'każ ta' notifika d-dar,...).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Il-limitu taż-żmien proċedurali kollha jibda jiskorri minn nofsillejl tal-jum tal-att, avveniment, deċiżjoni jew notifika li tibda l-iskorriment taż-żmien.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-festi pubbliċi statutorji, is-Sibtijiet u l-Ħdud jingħaddu wkoll.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-festi pubbliċi statutorji, is-Sibtijiet u l-Ħdud jingħaddu wkoll.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Kull limitu taż-żmien proċedurali jiskadi f'nofs il-lejl tal-aħħar jum.

Jekk il-limitu taż-żmien ikun espress f'ġimgħat, jiskadi dakinhar tal-aħħar ġimgħa li l-isem tal-jum ikun jikkorrispondi ma' tal-jum tal-att, avveniment, deċiżjoni jew notifika li tibda l-iskorriment taż-żmien.

Jekk il-limitu taż-żmien ikun espress f'xhur jew snin, jiskadi dakinhar tal-aħħar xahar jew tal-aħħar sena li jkollu l-istess numru tal-jum tax-xahar bħall-jum tal-att, avveniment, deċiżjoni jew notifika li tibda l-iskorriment taż-żmien. Jekk ma jkunx hemm numru tal-jum tax-xahar korrispondenti, jiskadi fl-aħħar jum tax-xahar.

Jekk il-limitu taż-żmien ikun espress f'xhur u jiem jew fi frazzjonijiet ta' xahar. l-ewwel jingħaddu x-xhur sħaħ u mbagħad il-jiem jew il-frazzjonijiet ta' xahar; biex jiġu kkalkulati l-frazzjonijiet ta' xahar, xahar jitqies li fih 30 jum.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Kull limitu taż-żmien illi kieku jiskadi s-Sibt, il-Ħadd, f'festa pubblika statutorja jew f'jum ferjali li jissotitwixxi festa pubblika, jittawwal sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss. Dan jgħodd ukoll għall-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni f'uffiċċji muniċipali, meta s-servizzi muniċipali jkunu magħluqin għall-pubbliku fl-aħħar jum tal-limitu taż-żmien.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Min joqgħod barra l-pajjiż jibbenefika minn limitu taż-żmien għad-distanza meta jitressaq rikors kontrih quddiem qorti Lussemburgiża. Dan il-limitu ta' żmien ivarja bejn 15 u 35 jum skont fejn joqgħod l-intimat.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-limitu ta' żmien għal appell huwa, bħala regola ġenerali, 40 jum b'żieda fil-limitu ta' żmien għad-distanza għal dawk li jgħixu barra. L-appell minn sentenza li mhix eżegwibbli provvizorjament ma jistax jitressaq qabel ma jgħaddu tmint ijiem.

Il-limitu ta' żmien biex wieħed jikkontesta sentenza li ngħatat b'kontumaċja huwa ta' 15-il jum u jibda jiskorri min-notifika.

Id-digrieti jistgħu jiġu appellati fi żmien 15-il jum min-notifika tagħhom. F'każ ta' kontumaċja, il-limitu ta' żmien biex jiġi kkontestat huwa ta' tmint ijiem li jibdew jiskorru malli jiġi notifikat. Il-limitu taż-żmien biex tiġi kkontestata sentenza mogħtija b'kontumaċja jiskorru simultanjament mal-limiti taż-żmien għall-appell.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Fil-każ ta' digrieti, tinħareġ ċitazzjoni biex wieħed jitla' għal seduta li ssir għal din il-fini f'jum u ħin normali għal dawn il-proċedimenti. Jekk il-kawża tkun urġenti, madankollu, l-imħallef li jippresjedi jew is-sostitut tiegħu jista' joħroġ ċitazzjoni biex wieħed jitla' għal seduta miftuħa għall-pubbliku fil-qorti jew f'daru f'ħin stipulat, anke fi tmiem il-ġimgħa, fil-festi pubbliċi jew fi ġranet li normalment ma jkunux ġranet tax-xogħol.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Meta parti residenti barra mil-Lussemburgu tirċievi ċitazzjoni biex tidher personalment fil-Lussemburgu, japplikaw il-limiti taż-żmien ordinarji, sakemm il-qorti ma tiddeċidix li testendihom.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk rikors ma jitressaqx fil-ħin, dan jiġi preskritt. Jekk il-formalitajiet proċedurali ma jsirux fil-ħin, bħala regola ġenerali, l-azzjonijiet jiskadu jew jiġu soppressi.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk parti ma tippreżentax rikors fil-ħin, il-preskrizzjoni li tirriżulta mill-iskadenza taż-żmien tista' titneħħa jekk, għal raġunijiet li ma kinux tort dik il-parti, l-att li bih jibda jiskorri l-limitu taż-żmien ma ġiex innotifikat lil dik il-parti fi żmien raġonevoli, jew jekk kien impossibbli li dik il-parti taġixxi. It-talba tkun ammissibbli biss jekk isir fi żmien 15-il jum mill-mument meta l-interessat sar jaf bl-att li bih jibda jiskorri l-limitu taż-żmien jew mill-mument meta ma baqax impossibbli li l-parti taġixxi. It-talba ma tibqax tintlaqa' jekk tkun għaddiet iktar minn sena minn meta jkun skada l-limitu taż-żmien li jiskorri minħabba l-att. Dan il-limitu taż-żmien ma għandux effett sospensiv.

Kull azzjoni tiskadi jekk il-proċedimenti ma jitkomplewx fi żmien tliet snin. Dan il-limitu taż-żmien jiżdied b'sitt xhur fil-każijiet kollha fejn ikun hemm bażi biex issir talba biex il-proċedimenti jitkomplew jew biex jitqabbad avukat ieħor. L-iskadenza tal-proċedimenti ma tissopprimix l-azzjoni, imma testingwi biss il-proċedura. F'dak il-każ persuna li tixtieq taġixxi jkollha tipprova tressaq rikors ġdid biex tfittex drittijietha, dejjem jekk l-azzjoni ma tkunx preskritta.

L-ordni biex azzjoni tiġi soppressa minħabba nuqqas ta' osservanza tal-limitu taż-żmien mill-avukati, ma tistax tiġi appellata.

Ħoloq relatati

http://www.legilux.lu/

L-aħħar aġġornament: 11/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Ungerija

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Bħala regola ġenerali, passi proċedurali sabiex jiġi prodott effett ġuridiku mixtieq jistgħu jitwettqu fil-limiti ta' żmien previsti fil-leġiżlazzjoni. Dispożizzjonijiet għal dan jistgħu jinsabu kemm fil-liġi sostantiva kif ukoll fil-liġi proċedurali.

Il-kundizzjonijiet rilevanti fil-liġi sostantiva huma parzjalment stabbiliti fir-regoli dwar ir-rikors ġudizzjarju u parzjalment irregolati mir-regoli dwar il-preskrizzjoni. Dawn jippreskrivu l-limiti ta' żmien għat-tnedija ta' proċeduri ċivili. Il-liġi tagħti eżenzjoni minn dawn ir-restrizzjonijiet biss biex tiżgura l-infurzar bla kundizzjoni tal-pretensjonijiet (pretensjonijiet dwar proprjetà, pereżempju). Xi passi proċedurali jistgħu jsiru biss b'mod legali f'perjodu ta' żmien speċifikat (il-limitu ta' żmien). F'ċerti każijiet it-tul tal-limitu ta' żmien huwa definit b'mod ċar fil-liġi, bħal meta jsir rikors għal rimedju (limitu ta' żmien statutorju), filwaqt li f'oħrajn - pereżempju, meta jiġu rettifikati nuqqasijiet - dan jiddependi fuq id-deċiżjoni tal-qorti (limitu ta' żmien ġudizzjarju).

Il-metodu għall-kalkolu tal-limiti ta' żmien proċedurali fil-liġi sostantiva huwa konsiderevolment differenti minn dak użat fil-każ tal-liġi proċedurali, kif inhuma l-konsegwenzi ġuridiċi ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn iż-żewġ tipi ta' limitu ta' żmien. In-nuqqas ta' osservanza ta' limitu ta' żmien skont id-dritt sostantiv iwassal għal telf ta' drittijiet, u ma jistax jiġi rrimedjat permezz ta' ġustifikazzjoni. “Skuża” tista' tiġi aċċettata biss jekk japplika terminu ta' preskrizzjoni u biss skont ir-regoli rilevanti tad-dritt sostantiv. Għal limiti ta' żmien proċedurali, għandha ssir distinzjoni bejn limiti ta' żmien suġġettivi u dawk oġġettivi. Limiti ta' żmien suġġettivi jinkludu limiti taż-żmien li għalihom id-data tal-bidu għandha tkun id-data li fiha l-parti kkonċernata tkun irċeviet notifika, u n-nuqqas ta' konformità ma' dawn ġeneralment jista' jiġi rrimedjat billi ssir talba għal *restitutio in integrum* (rikors għal estensjoni), filwaqt li skadenzi oġġettivi mhumiex marbuta mal-irċevuta tan-notifika mill-parti kkonċernata u n-nuqqas ta' konformità magħhom ma jistax jiġi rrimedjat permezz ta' rikors għal *restitutio in integrum*.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont l-Artikolu 102 (1) tal-Att I tal-2012 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol, il-jiem li ġejjin huma previsti bħala jiem mhux tax-xogħol: l-1 ta' Jannar, il-15 ta' Marzu, it-Tnejn ta' wara l-Għid, l-1 ta' Mejju, it-Tnejn ta' wara l-Għid il-Ħamsin, l-20 ta' Awwissu, it-23 ta' Ottubru, l-1 ta' Novembru u l-25 u s-26 ta' Diċembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Il-limiti ta' żmien huma kkalkulati f'jiem, xhur jew snin. Id-data tal-bidu mhijiex inkluża f'limiti ta' żmien espressi f'jiem. Id-data tal-bidu hi d-data li fiha l-azzjoni jew avveniment ieħor (pereżempju notifika, pubblikazzjoni) li jwasslu għall-bidu ta' limitu ta' żmien ikunu seħħu. Limiti ta' żmien espressi f'xhur jew snin jintemmu fil-jum fix-xahar tal-skadenza li jikkorrispondi għal dik li fih beda l-limitu ta' żmien jew - jekk ma jkunx jeżisti tali jum fix-xahar tal-iskadenza - fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar. Jekk l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien ikun jum mhux tax-xogħol, l-iskadenza tiskadi biss fl-ewwel jum tax-xogħol wara dik id-data. Il-limitu ta' żmien jiskadi fi tmiem l-aħħar jum; Madankollu, l-iskadenzi għas-sottomissjonijiet quddiem qorti jew azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-qorti jiskadu fi tmiem il-ħinijiet tal-uffiċċju. Ir-regoli ġenerali applikabbli għal-limiti ta' żmien fil-proċeduri ċivili l-oħra kollha huma stabbiliti fit-Taqsimiet 103 sa 112 tal-Att III tal-1952 dwar il-kodiċi ta' proċedura ċivili ("il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili").

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Id-data tal-bidu hi d-data li fiha l-azzjoni jew avveniment ieħor (pereżempju n-notifika, il-pubblikazzjoni) li jwasslu għall-bidu ta' limitu ta' żmien ikunu seħħu. Id-data tal-bidu mhijiex inkluża f'limiti ta' żmien espressi f'jiem.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Fir-rigward tal-kalkolu tal-limiti ta' żmien, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-metodi differenti tan-notifika tad-dokumenti. Madankollu, xi dispożizzjonijiet speċjali japplikaw jekk id-dokumenti jiġu skambjati b'mod elettroniku. Xi dokumenti jintbagħtu lill-espert fuq karta wkoll jekk l-espert iżomm kuntatt mal-qorti b'mezzi elettroniċi: il-qorti tipprovdi lill-espert bl-annessi għal dokumenti tal-qorti fuq il-karta jew fuq mezz ta' *data* ieħor jekk, minħabba l-volum kbir ta' dawn l-annessi jew in-natura tal-mezz tad-*data*, id-diġitalizzazzjoni toħloq żvantaġġ sproporzjonat jew piż insormontabbli, jew jekk l-awtenticità ta' dokument fuq il-karta tkun dubjuża. Jekk, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, id-dokumenti elettroniċi mibgħuta mill-qorti jkunu akkumpanjati b' annessi f'forma stampata, il-bażi għall-kalkolu tal-limitu ta' żmien tkun id-data tal-wasla tal-anness. Is-sottomissjonijiet relatati mal-proċedimenti u n-notifika ta' dokumenti tal-qorti fil-każijiet definiti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili diġà jseħħu b'mod elettroniku. Ġranet li fihom is-sistema ta' twassil għal dan l-għan ma tkunx qed topera għal mill-inqas erba' sigħat ma jiġux inklużi fil-limitu ta' żmien speċifikat bil-liġi jew mill-qorti.

Jekk il-komunikazzjoni fil-proċedimenti ssir b'mezzi elettroniċi, il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' żmien ma jistgħux japplikaw jekk is-sottomissjoni lill-qorti tkun tressqet b'mod elettroniku mhux aktar tard mid-data finali, skont ir-rekwiżiti tal-IT. Fir-rigward tal-kalkolu tal-limitu ta' żmien, sottomissjoni titqies li tkun ġiet sottomessa wara li s-sistema tal-IT tal-qorti tkun bagħtet konferma tar-riċevuta, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni. Il-President tal-Uffiċċju Ġudizzjarju Nazzjonali jipprovdi formola għas-sottomissjonijiet fuq il-midja tal-ħżin. Il-midjum tal-ħżin irid jiġi ppreżentat lill-qorti personalment jew bil-posta sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara li l-persuna ta' kuntatt għal sottomissjonijiet elettroniċi tkun irċeviet konferma tal-wasla tal-formola mill-qorti. Permezz tas-sistema tan-notifika, il-qorti awtomatikament tibgħat lill-persuna ta' kuntatt għal sottomissjonijiet elettroniċi konferma tar-riċevuta tal-midjum ta' ħażna. Is-sottomissjoni titqies li ġiet innotifikata lill-qorti fid-data speċifikata fil-konferma tar-riċevuta tal-formola mill-qorti.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Id-data tal-bidu mhijiex inkluża f'limiti ta' żmien espressi f'jiem. Id-data tal-bidu hi d-data li fiha l-azzjoni jew avveniment ieħor (pereżempju n-notifika, il-pubblikazzjoni) li jwasslu għall-bidu ta' limitu ta' żmien ikunu seħħu.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ifisser jiem kalendarji. Jekk, madankollu, l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien ikun jum mhux tax-xogħol, il-limitu ta' żmien jiskadi biss fl-ewwel jum tax-xogħol wara dik id-data.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Limiti ta' żmien espressi f'xhur jew snin jintemmu fil-jum fix-xahar tal-skadenza li jikkorrispondi għal dik li fih beda l-limitu ta' żmien jew - jekk ma jkunx jeżisti tali jum fix-xahar tal-iskadenza - fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Limiti ta' żmien espressi f'xhur jew snin jintemmu fil-jum fix-xahar tal-skadenza li jikkorrispondi għal dik li fih beda l-limitu ta' żmien jew - jekk ma jkunx jeżisti tali jum fix-xahar tal-iskadenza - fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Barra mill-każijiet imsemmija hawn fuq, il-qorti tista', għal kwalunkwe raġuni importanti, testendi limitu ta' żmien stabbilit minnha darba biss; il-limitu ta' żmien – flimkien mal-estensjoni tiegħu – ma jistax jaqbeż ħamsa u erbgħin jum, sakemm ma jkunx meħtieġ perjodu itwal biex tingħata opinjoni esperta. L-iskadenzi statutorji jistgħu jiġu estiżi biss f'każijiet li huma obbligatorji skont il-liġi. Il-perjodu mill-15 ta' Lulju sal-20 ta' Awwissu ta' kull sena mhuwiex inkluż f'termini ta' żmien espressi f'jiem (minħabba btajjel ġudizzjarji). Jekk limitu ta' żmien espress f'xhur jew snin kellu jiskadi matul il-vaganzi ġudizzjarji, dan jiskadi fil-jum tax-xahar ta' wara li jikkorrispondi ma' dak li fih beda l-limitu ta' żmien jew, jekk dak il-jum ikun ukoll fil-perjodu tal-vaganzi ġudizzjarji, fl-ewwel jum ta' wara l-vaganzi ġudizzjarji. Il-liġi tistipula wkoll eċċezzjonijiet għall-vaganzi ġudizzjarji. Il-qorti trid b'mod speċifiku tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għal dawn l-eċċezzjonijiet. Fi proċedimenti barra mill-qorti rregolati f'atti li mhumiex il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, id-dispożizzjonijiet dwar il-vaganzi ġudizzjarji jistgħu jiġu applikati biss jekk tkun tipprovdi hekk liġi separata.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Bħala regola ġenerali, jista' jsir appell fi żmien 15-il jum min-notifika tad-deċiżjoni.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-Qorti tista', għal kwalunkwe raġuni importanti, testendi limitu ta' żmien stabbilit minnha darba biss; Il-limitu ta' żmien – flimkien mal-estensjoni tiegħu – ma jistax jaqbeż ħamsa u erbgħin jum, sakemm ma jkunx meħtieġ perjodu itwal biex tingħata opinjoni esperta. L-iskadenzi statutorji jistgħu jiġu estiżi biss f' każijiet li huma obbligatorji skont il-liġi.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Ir-regoli tal-proċedura ċivili fl-Ungerija ma jipprevedux estensjoni abbażi tal-post ta' residenza tal-partijiet. Madankollu, nuqqas ta' konformità mal-limitu ta' żmien jista' jkun skużat jekk il-partijiet ma kinux aċċessibbli fl-indirizz indikat fir-reġistru tad-*data* personali u tal-indirizzi għal raġuni ġustifikata.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, il-partijiet ma jistgħux iwettqu aktar b'mod validu azzjonijiet proċedurali inadempjenti. Il-konsegwenzi tan-nuqqas li jitwettqu dawn l-azzjonijiet – ħlief f'każijiet stipulati mil-liġi – jirriżultaw awtomatikament, mingħajr avviż minn qabel. Jekk, skont il-liġi, il-konsegwenzi ta' inadempjenza jirriżultaw biss b'avviż minn qabel jew fuq talba tal-parti avversa, l-azzjoni inadempjenti tista' titwettaq matul il-perjodu taż-żmien indikat fl-avviż jew sakemm tintbagħat it-talba jew, jekk it-talba ssir waqt seduta ta' smigħ, sa meta tittieħed id-deċiżjoni rilevanti. Fil-każ li xi parti tkun imxekkla milli twettaq

azzjoni minħabba avveniment naturali komunement magħruf jew ostakli oħra lil hinn mill-kontroll tagħha, dan ma għandux jitqies bħala inadempjenza. Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-limiti ta' żmien ma japplikawx jekk sottomissjoni lill-qorti tiġi mpustata bħala ittra rreġistrata mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-limitu ta' żmien.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-partijiet jistgħu jippreżentaw rikors għal *restitutio in integrum* sabiex jipprovdu skuża għall-inadempjenza tagħhom. Il-qorti trid tieħu deċiżjoni ġusta dwar ir-rikors.

Fil-każ li parti jew ir-rappreżentant tagħha jonqsu milli jidhru fil-qorti f'data partikolari jew jitilfu skadenza għal raġuni lil hinn mill-kontroll tagħhom, il-konsegwenzi tal-inadempjenza – ħlief fil-każijiet imsemmija hawn taħt – jistgħu jiġu rrimedjati billi tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għall-inadempjenza. L-ebda ġustifikazzjoni ma tista' tiġi pprovduta jekk il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni tkun eskluża bil-liġi, jekk il-konsegwenzi ta' inadempjenza jistgħu jiġu evitati mingħajr ġustifikazzjoni, jekk dan in-nuqqas ma jwassalx għal xi żvantaġġ espress f'deċiżjoni tal-qorti jew jekk il-parti tonqos milli tirrispetta l-iskadenza l-ġdida stabbilita fuq il-bażi ta' rikors għal *restitutio in integrum*.

Rikorsi għal *restitutio in integrum* jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien ħmistax-il ġurnata. Dan il-limitu ta' żmien għandu jibda mid-data tal-għeluq maqbuża jew mill-aħħar jum tal-iskadenza maqbuża. Jekk, madankollu, parti jew ir-rappreżentant tagħha jsiru konxji mill-inadempjenza f'data aktar tard jew jekk ostaklu jitneħħa biss f'data aktar tard, il-limitu ta' żmien għar-rikors għal *restitutio in integrum* jibda minn meta l-parti ssir konxja mill-inadempjenza jew jitneħħa l-ostaklu. L-ebda rikors għal *restitutio in integrum* ma jista' jiġi ppreżentat aktar tard minn tliet xhur mill-mument tal-inadempjenza.

Ir-rikors għal *restitutio in integrum* irid jiddikjara l-kawżi tal-inadempjenza u ċ-ċirkustanzi li jagħmluha probabbli li l-inadempjenza ma kenitx intenzjonata. F' każ ta' nuqqas li tiġi rrispettata skadenza, l-azzjoni inadempjenti trid titwettaq fl-istess ħin li jiġi sottomess ir-rikors għal *restitutio in integrum*.

Jekk il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni tkun eskluża bil-liġi jew jekk ir-rikors għal *restitutio in integrum* ikun ġie ppreżentata tard, ir-rikors irid jiġi rrifjutat mingħajr ma jitqiesu l-merti tal-każ. L-istess japplika jekk - f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' limitu ta' żmien - il-parti li tressaq ir-rikors għal *restitutio in integrum* ma tkunx wettqet l-azzjoni inadempjenti meta ppreżentat ir-rikors.

Jista' jsir appell kontra deċiżjonijiet li jirrifjutaw rikors għal *restitutio in integrum*.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Malta

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Il-proċedura ġenerali skont il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija li wieħed ikollu għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu. Però hemm liġijiet speċjali li jistipulaw termini differenti.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

L-1 ta' Jannar, l-10 ta' Frar, id-19 ta' Marzu, il-31 ta' Marzu, il-Ġimgħa l-Kbira, l-1 ta' Mejju, is-7 ta' Ġunju, id-29 ta' Ġunju, il-15 ta' Awwissu, it-8 ta' Settembru, il-21 ta' Settembru, it-8 ta' Diċembru, it-13 ta' Diċembru, il-25 ta' Diċembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Normalment persuna li jkunu nfetħu proċeduri ta' natura ċivili kontra tagħha jkollha għoxrin ġurnata biex tirrispondi billi tippreżenta r-risposta tagħha l-Qorti. Però jeżistu liġijiet speċjali li jistipulaw termini li jkunu iqsar jew itwal skont il-każ.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Mid-data tan-notifika.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxalli jew servizz postali)?

Le, iż-żmien ta' dekorrenza ma jiġix affettwat mill-metodu ta' trażmissjoni. Wieħed dejjem jimxi fuq id-data ta' meta jkun ġie nnotifikat.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Ġeneralment iż-żmien jibda jiddekorri mill-għada però jista' jagħti l-każ li l-liġi jew il-Qorti tagħti terminu li l-jum tan-notifika jkun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Fil-liġi Maltija jekk ma jkunx hemm espressament indikat li l-liġi qed tirreferi għal jiem tax-xogħol, allura jkun ifisser li l-jiem stipulati fil-liġi għandhom jingħaddu bħala jiem tal-kalendarju.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Fl-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, filwaqt li x-xahar u s-sena jingħaddu skont il-kalendarju.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Fl-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, filwaqt li x-xahar u s-sena jingħaddu skont il-kalendarju.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva, jekk l-iskadenza tiskadi f'jum li mhux tax-xogħol (minħabba li tkun taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew f'xi festa pubblika) allura din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss skont l-Artikolu 108 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

L-iskadenza tista' tiġi estiża biss bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti u l-persuna xorta titħalla tippreżenta r-risposta tagħha jekk tipprova, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, raġuni tajba li naqset li tippreżenta r-risposta ġuramentata minħabba fiha.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Wara li tingħata sentenza mill-ewwel Qorti persuna tista' tagħmel appell fi żmien għoxrin ġurnata (jiem tal-kalendarju) minn meta tingħata s-sentenza. Il-kontroparti jkollha għoxrin ġurnata biex tirrispondi. F'kawża kostituzzjonali jekk il-kawża tkun infetħet b'rikors allura l-appell għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tingħata s-sentenza. Jekk il-kawża tkun marret quddiem Qorti Kostituzzjonali permezz ta' referenza minn Qorti oħra, allura l-appell għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol. Il-kontroparti f'kawża kostituzzjonali għandha tmint ijiem tax-xogħol biex tirrispondi. Fejn hemm lok li digriet jiġi appellat qabel is-sentenza finali, l-appell irid isir fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ. Din hija l-proċedura ġenerali. Però għandu jingħad li jeżistu liġijiet speċjali li jistipulaw termini differenti għall-appell jekk l-appell ikun ser jinstema' quddiem tribunal differenti minn dawn imsemmija hawn fuq.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Fil-kawżi ordinarji ta' natura ċivili il-kawżi kollha għandhom jiġu appuntati fi żmien xahrejn u s-seduti għandhom jinżammu minn xahrejn għal xahrejn. Il-qorti tista' tagħżel li ma tappuntax għas-smigħ, bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru ta' kull sena.

Jekk il-kawża tkun waħda kostituzzjonali, il-Qorti għandha tappunta data għas-smigħ li tkun fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mill-jum meta jkun ġie ppreżentat ir-rikors, jew minn meta tkun ġiet ippreżentata risposta mill-appellat fiż-żmien mogħti għal dik ir-risposta jew fil-każ li ma tiġi ppreżentata l-ebda risposta, mill-iskadenza ta dak it-terminu.

F'każ ta' proċedimenti sommarji u speċjali, il-konvenut għandu jiġi mħarrek biex jidher mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Fil-liġi Maltija ma jeżisti l-ebda post li min ikun residenti fih jibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi, il-persuna titlef id-dritt li tippreżenta r-risposta u tressaq il-provi tagħha quddiem il-qorti u allura ssir kontumaċi. Madankollu qabel ma tagħti s-sentenza, l-Qorti xorta waħda tagħti lill-konvenut żmien qasir u perentorju biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-fomm jew bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Il-parti li tkun kontumaċi xorta waħda jkollha dritt li tappella mis-sentenza finali f'każ ta' eżitu negattiv għaliha.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Dawn għandhom jippruvaw jiġġustifikaw għalfejn baqgħu inadempjenti. Jekk il-Qorti tiddeċiedi li kellhom raġuni tajba għalfejn baqgħu inadempjenti allura il-Qorti tawtorizza lill-parti kontumaċi sabiex tippreżenta r-risposta tagħha.

L-aħħar aġġornament: 25/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna nl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Olanda

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

L-iskadenzi li japplikaw fil-liġi proċedurali ċivili jistgħu b'mod ġenerali jinġabru flimkien kif ġej:

a. Perjodi minimi ta' avviż għat-taħrika tal-parti l-oħra u ta' kwalunkwe partijiet terzi u xhieda sabiex jidhru fil-proċedimenti. Normalment japplika perjodu ta' mill-inqas ġimgħa. Fil-prinċipju, japplika wkoll perjodu ta' mill-inqas ġimgħa għat-taħrika tal-partijiet interessati sabiex jidhru fil-proċedimenti kontenzjużi, sakemm il-qorti ma tispeċifikax mod ieħor (l-Artikoli 114-119 u 276 (it-taħrika tal-partijiet u ta' partijiet terzi) u l-Artikoli 170 u 284 (it-taħrika tax-xhieda) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Wetboek van Burgerlijke Rechtsvordering*)). Huwa importanti li jiġi nnotat li jekk il-konvenut ikollu indirizz magħruf jew ikun magħruf li fil-fatt jirrisjedi barra mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-perjodu ta' avviż għat-taħrika ta' dik il-parti jkun ta' mill-inqas 4 ġimgħat (l-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

b. Il-perjodi massimi għat-tfittxija ta' rimedji legali. Ir-rimedju legali ta' oġġezzjoni (*verzet*) normalment irid jiġi mfittex fi żmien 4 ġimgħat. Ġeneralment, japplikaw perjodi ta' 3 xhur għal appell (*hoger beroep*), appell lill-Qorti Suprema (*cassatie*) u azzjoni sabiex titħassar sentenza li tkun saret finali (*herroeping*) (ara l-Artikolu 143 (oġġezzjoni), l-Artikoli 339 u 358 (appell), l-Artikoli 402 u 426 (appell lill-Qorti Suprema) u l-Artikoli 383 u 391 (tħassir ta' sentenza finali) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

ċ. Termini għat-twettiq ta' atti proċedurali mill-partijiet u għad-deċiżjonijiet mill-qorti. Dawn ġeneralment ivarjaw minn ġimgħatejn sa 6 ġimgħat. F'ċerti ċirkostanzi, il-qorti tista' tippermetti li t-twettiq tal-atti proċedurali jiġi differit.

d. Perjodi ta' limitazzjoni għall-bidu ta' azzjonijiet legali u għall-eżerċitar ta' awtorità ta' infurzar. Il-perjodu ta' limitazzjoni ġenerali huwa ta' 20 sena. Madankollu, f'ħafna każijiet japplika perjodu ta' limitazzjoni iqsar ta' 5 snin. Il-pagamenti ta' penali inkrementali jiskadu 6 xhur wara l-jum li fih isiru. Perjodu ta' limitazzjoni li diġà jkun għaddej jista' jiġi interrott u warajh ikun jista' jibda perjodu ta' limitazzjoni ġdid. Pereżempju, il-perjodu ta' limitazzjoni li japplika għall-awtorità ta' infurzar jista' jiġi interrott permezz tal-iskontar tas-sentenza jew permezz ta' kwalunkwe att ieħor ta' infurzar (l-Artikoli 306-325, il-Ktieb 3, tal-Kodiċi Ċivili (*Burgerlijk Wetboek*).

It-termini statutorji huma soġġetti wkoll għar-regoli stipulati fl-Att dwar l-Estensjoni Ġenerali tat-Termini (*Algemene Termijnenwet*).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Minbarra s-Sibtijiet u l-Ħdud, l-Att dwar l-Estensjoni Ġenerali tat-Termini jispeċifika dawn li ġejjin bħala btajjel pubbliċi rikonoxxuti b'mod ġenerali:

L-Ewwel tas-Sena: L-1 ta' Jannar

Il-Ġimgħa l-Kbira: Il-Ġimgħa ta' qabel l-Għid

It-Tnejn ta' wara l-Għid: Il-jum tat-Tnejn ta' wara l-Għid

Jum Lapsi: Il-Ħamis, 40 jum wara l-Għid

Jum ir-Rè: Is-27 ta' April

Jum il-Liberazzjoni: Il-5 ta' Mejju

It-Tnejn, l-Għid il-Ħamsin: It-Tnejn wara l-Pentekoste

Il-Milied u l-Għada tal-Milied: Il-25 u s-26 ta' Diċembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

It-termini statutorji huma soġġetti għar-regoli stipulati fl-Att dwar l-Estensjoni Ġenerali tat-Termini. Dan l-Att jistipula li terminu stabbilit f'att li jintemm nhar ta' Sibt, Ħadd jew fi btala pubblika rikonoxxuta b'mod ġenerali jiġi estiż sal-aħħar tal-jum li jkun imiss li ma jkunx Sibt, Ħadd jew btala pubblika rikonoxxuta b'mod ġenerali. Jekk ikun meħtieġ, terminu li jinkludi mill-inqas tlett (3) ijiem jiġi estiż sabiex b'hekk jinkludi mill-inqas jumejn li ma jkunux Sibtijiet, Ħdud jew btajjel pubbliċi rikonoxxuti b'mod ġenerali.

Fir-regoli ta' proċedura nazzjonali għal kawżi ċivili mibdija b'taħrika (*Landelijk procesreglement voor civiele dagvaardingen bij de rechtbanken*) terminu ta' sitt (6) ġimgħat jitqies bħala punt tat-tluq għat-twettiq ta' atti proċedurali mill-partijiet u għall-għoti tas-sentenza. F'konformità mar-regoli nazzjonali tal-proċedura ċivili għas-setturi tal-qorti kantonali (*Landelijk reglement voor de civiele rol van de kantonsectoren*), fil-prinċipju, il-qrati kantonali jużaw termini ta' erba' (4) ġimgħat (http://www.rechtspraak.nl/).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-ħin tal-bidu dejjem ikun l-ewwel jum wara l-avveniment deċiżiv.

Taħrika

Mhux applikabbli.

Rimedji legali

It-terminu għar-rimedju legali ta' **oġġezzjoni** (possibbli biss kontra sentenzi mogħtija f'kontumaċja) għandu tliet ħinijiet tal-bidu differenti:
il-mument li s-sentenza tiġi nnotifikata personalment lill-parti kkundannata;
f'każ li jintuża metodu ta' notifika ieħor: il-mument li l-parti kkundannata twettaq att li juri li hija taf bis-sentenza jew bil-bidu tal-infurzar; u
f'każijiet oħrajn: il-mument li jitlesta l-infurzar tas-sentenza.

It-terminu għal **appelli u appelli lill-Qorti Suprema** kontra s-sentenzi mogħtija jiġi kkalkolat mid-data li fiha tingħata s-sentenza. L-ewwel jum tal-perjodu huwa l-għada tal-jum tas-sentenza. Ara wkoll il-mistoqsija 12.

It-terminu għal appelli u appelli lill-Qorti Suprema kontra d-deċiżjonijiet mogħtija jiġi kkalkolat:
mid-data li fiha tingħata d-deċiżjoni, f'każ li l-applikant u l-partijiet interessati jidhru fil-proċedimenti, u
wara li tingħata d-deċiżjoni jew tkun ġiet innotifikata b'mod ieħor, fil-każ ta' partijiet interessati oħrajn.

It-terminu għal **azzjoni sabiex titħassar** sentenza jew deċiżjoni li tkun saret finali jibda wara li tkun tqajmet ir-raġuni għat-tħassir u l-pretendent jew l-applikant ikun sar jaf biha, iżda fi kwalunkwe każ mhux qabel ma s-sentenza jew id-deċiżjoni tkun saret finali, jiġifieri ma tkunx tista' tiġi annullata permezz ta' oġġezzjoni, appell jew appell lill-Qorti Suprema.

Atti proċedurali

It-termini stabbiliti għat-twettiq tal-atti proċedurali ġeneralment jiġu kkalkolati mid-data tal-lista ta' kawżi preċedenti f'ġimgħat sħaħ. Eżempju: wara seduta ta' smigħ mil-lista ta' kawżi nhar ta' Erbgħa, il-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista ta' kawżi nhar l-Erbgħa ta' erba' (4) ġimgħat wara u l-iskadenza għall-preżentazzjoni tkun l-10 ta' filgħodu. Jekk il-kawża titneħħa minn fuq il-lista, pereżempju, il-qorti mbagħad tiddetermina d-data li fiha titreġġa' lura fil-lista.

Perjodi ta' limitazzjoni

Il-ħin tal-bidu tal-perjodi ta' limitazzjoni li japplikaw għall-azzjonijiet legali jiddependi fuq in-natura tal-azzjoni. Pereżempju, dritt ta' azzjoni sabiex tintalab l-eżekuzzjoni ta' obbligu kuntrattwali sabiex tipprovdi jew tagħmel xi ħaġa jiskadi 5 snin wara l-bidu tal-jum wara dak li fih it-talba tkun saret eżiġibbli. Eżempju: dritt ta' azzjoni sabiex tintalab it-terminazzjoni ta' sitwazzjoni illegali jiskadi 5 snin wara l-bidu tal-jum wara dak li fih tkun tista' tintalab it-terminazzjoni immedjata tas-sitwazzjoni.

Infurzar

Fil-prinċipju, l-awtorità ta' infurzar tiskadi 20 sena wara l-bidu tal-jum wara dak li fih tingħata s-sentenza.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Le, Madankollu, f'xi każijiet, il-mod li bih parti ssir taf bis-sentenza jinfluwenza l-bidu tat-terminu sabiex jiġi mfittex rimedju legali, pereżempju, sabiex titressaq oġġezzjoni. Ara wkoll il-mistoqsija 4.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Le. It-terminu jibda l-għada tal-jum li fih ikun seħħ l-avveniment.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Sakemm ma jiġix indikat mod ieħor, il-liġi Olandiża tuża l-jiem kalendarji. L-Att dwar l-Estensjoni Ġenerali tat-Termini jistipula li terminu li jintemm nhar ta' Sibt, Ħadd jew fi btala pubblika rikonoxxuta b'mod ġenerali jiġi estiż sal-aħħar tal-jum li jkun imiss li ma jkunx Sibt, Ħadd jew btala pubblika rikonoxxuta b'mod ġenerali.

Barra minn hekk, jekk ikun meħtieġ, terminu stabbilit f'att li jinkludi mill-inqas 3 ijiem jiġi estiż sabiex b'hekk jinkludi mill-inqas jumejn li ma jkunux Sibtijiet, Ħdud jew btajjel pubbliċi rikonoxxuti b'mod ġenerali.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Dawn jirreferu wkoll għal xhur kalendarji u snin kalendarji.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Taħrika

Mhux applikabbli.

Rimedji legali

Fil-proċedimenti permezz ta' taħrika, jiġu mfittxija rimedji legali billi tinħareġ taħrika. Sakemm ma jkunx permess jagħmel dan mill-qorti li l-parti għandha tiġi mħarrka sabiex tikkomparixxi quddiemha, l-uffiċjal ġudizzjarju ma jistax joħroġ in-notifika tal-uffiċjal ġudizzjarju wara t-tmienja (8) ta' filgħaxija. Għalhekk, it-terminu effettivament jintemm fit-(tmienja) 8 ta' filgħaxija tal-aħħar jum. Fi proċedimenti bħal dawn, għandu jiġi mfakkar ukoll li la l-jum li fih tinħareġ it-taħrika u lanqas il-jum li fih il-parti tiġi mħarrka sabiex tikkomparixxi quddiem il-qorti (l-ewwel data fil-lista ta' kawżi) ma jingħadd meta jiġi kkalkolat il-perjodu ta' avviż għat-taħrika. Għalhekk, il-perjodu ta' avviż minimu għandu jkun bejn dawn iż-żewġ dati.

Fil-proċedimenti kontenzjużi, jiġu mfittxija rimedji legali billi jiġi ppreżentat rikors mar-reġistru tal-qorti. Dan jista' jsir bil-posta jew personalment matul il-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru tal-qorti, jew inkella b'faks sa nofs il-lejl fl-aħħar jum tal-perjodu.

Għall-appelli f'kawżi tal-familja, il-ħin tal-bidu huwa kemmxejn differenti minn dak applikabbli għall-appelli fi proċedimenti oħrajn ta' rikors (ara wkoll il-mistoqsija 4. 'Rimedji legali'). L-applikant jista' jressaq appell fi żmien tlett (3) xhur mill-jum li fih tiġi nnotifikata s-sentenza. Partijiet interessati oħrajn jistgħu jressqu appell fi żmien 3 xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni jew tiġi nnotifikata b'mod ieħor lilhom.

Atti proċedurali

Jekk kawża tkun fuq lista ta' kawżi, dan li ġej japplika għall-preżentazzjoni tad-dokumenti. Fil-prinċipju, dokument intiż għal data fil-lista ta' kawżi jiġi ppreżentat lir-reġistru tal-qorti sal-iskadenza tal-preżentazzjoni. Dan huwa l-aħħar ħin sa meta kwalunkwe dokumenti, bl-eċċezzjoni tat-taħrika, u r-rapporti jridu jkunu fil-pussess tal-qorti. F'konformità mar-regoli ta' proċedura nazzjonali, il-jum u l-ħin sa meta jridu jiġu ppreżentati d-dokumenti huma: L-Erbgħa fl-10 ta' filgħodu. Jekk ma ssir ebda seduta ta' smigħ minħabba li l-kawża tkun qed tiġi ttrattata bil-miktub, id-dokumenti jiġu ppreżentati lir-reġistru tal-qorti fid-data tal-lista ta' kawżi jew qabel. Is-settur kantonali ta' qorti dejjem iżomm seduta ta' smigħ, minħabba li f'dak il-każ l-atti proċedurali jistgħu jitwettqu wkoll bil-fomm. Id-dokumenti jridu jiġu ppreżentati lir-reġistru tal-qorti sa mhux aktar tard mill-jum ta' qabel id-data tal-lista ta' kawżi. Dan jista' jsir bil-posta jew personalment matul il-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru tal-qorti, jew inkella b'fax sa nofs il-lejl fil-jum inkwistjoni.

Perjodi ta' limitazzjoni

Ara wkoll 'Perjodi ta' limitazzjoni' taħt il-mistoqsija 4. Għal xi drittijiet ta' azzjoni, il-ħin meta parti ssir taf b'fatt partikolari huwa importanti. Eżempju: dritt ta' azzjoni sabiex jintalab l-irkupru ta' ħlas mhux dovut jiskadi 5 snin wara l-bidu tal-jum wara dak li fih il-kreditur ikun sar jaf kemm bl-eżistenza tat-talba kif ukoll bl-identità tal-benefiċjarju u, fi kwalunkwe każ, 20 sena wara li saret it-talba.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva, skadenza li tiskadi nhar ta' Sibt, Ħadd jew fi btala pubblika rikonoxxuta b'mod ġenerali tiġi estiża sal-aħħar tal-jum li jkun imiss li ma jkunx Sibt, Ħadd jew btala pubblika rikonoxxuta b'mod ġenerali. Madankollu, f'konformità mal-Att dwar l-Estensjoni Ġenerali tat-Termini, dan ma japplikax għall-iskadenzi stabbiliti billi jingħaddu lura minn żmien jew avveniment partikolari. Fi kliem ieħor, din ir-regola tapplika għal perjodi massimi u mhux għal perjodi minimi.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

F'xi każijiet, il-liġi tipprevedi estensjoni għal skadenza. Pereżempju, jekk il-parti telliefa tmut matul il-perjodu għat-tressiq ta' appell u l-werrieta ta' dik il-parti jkunu jixtiequ jsiru s-suċċessuri tagħha fil-proċedimenti ta' appell, japplika perjodu ġdid ta' tliet xhur.

Madankollu, b'mod ġenerali, ir-regoli relatati mat-termini huma strettament infurzati, għalkemm il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi (*Hoge Raad der Nederlanden*) għamlet eċċezzjoni għall-każijiet li fihom il-parti li kienet qed tappella ma ġietx mgħarrfa bis-sentenza minnufih minħabba żball jew ommissjoni min-naħa tal-qorti. F'każ bħal dan, dik il-parti tkun qabżet l-iskadenza mingħajr ħtija min-naħa tagħha u tingħata estensjoni qasira.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-limitu ta' żmien sabiex jitressaq appell ġeneralment ikun ta' 3 xhur. F'ċerti kawżi ċivili, bħal proċedimenti interlokutorji (proċedimenti mħaffa), japplikaw termini iqsar għall-appelli u l-appelli lill-Qorti Suprema, jiġifieri 4 ġimgħat u 8 ġimgħat, rispettivament.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-perjodi kollha relatati ma' jekk parti għandhiex tidher quddiem il-qorti huma perjodi minimi. Ma ġie stabbilit ebda perjodu massimu.

Taħrika

Il-perjodi ta' avviż għat-taħrika ta' parti jistgħu jitqassru mill-qorti fuq talba tal-pretendent, jekk ikun meħtieġ, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Fi proċedimenti interlokutorji, taħrika tinħareġ biss wara li l-imħallef ikun speċifika d-data u l-ħin tas-seduta ta' smigħ, li tista' ssir saħansitra nhar ta' Ħadd. Jekk ikun meħtieġ, parti tista' tiġi tiġi mħarrka b'avviż fuq perjodu qasir ħafna. Il-qorti tista' tistabbilixxi wkoll perjodu ta' avviż iqsar għat-taħrika ta' parti fi proċedimenti kontenzjużi.

Il-qorti ma tistax testendi l-perjodi ta' avviż għat-taħrika ta' parti, għalkemm hija tista' tistabbilixxi perjodu ta' avviż itwal sabiex parti tidher fi proċedimenti kontenzjużi (ara l-mistoqsijiet 7 u 8).

Atti proċedurali

Il-qorti tista' testendi t-termini li fihom il-partijiet iridu jwettqu l-atti proċedurali jekk tali estensjoni tintalab b'mod konġunt mill-partijiet. Jekk talba ssir b'mod unilaterali, differiment jingħata biss fuq il-bażi ta' raġunijiet konvinċenti jew *force majeure*. Raġunijiet konvinċenti jinkludu, pereżempju, il-kumplessità legali jew attwali tal-kawża, il-ħtieġa li tistenna sentenza fi proċedimenti rilevanti oħrajn jew sitwazzjoni li fiha l-parti jew l-avukat tagħha jkunu morda jew fuq btala.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Il-liġi Olandiża ma fiha ebda dispożizzjoni għal sitwazzjoni bħal din.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Taħrika

Jekk parti tiġi mħarrka b'avviż insuffiċjenti, it-taħrika ssir invalida f'każ li l-konvenut jonqos milli jidher quddiem il-qorti u tiġi ddikjarata invalida mill-qorti. Hija ma ssirx invalida awtomatikament. Il-pretendent jista' jirrettifika difett bħal dan billi joħroġ notifika emendata tal-uffiċjal ġudizzjarju qabel l-ewwel data tal-lista ta' kawżi.

Jekk il-konvenut jonqos milli jidher fl-ewwel data tal-lista ta' kawżi, it-taħrika tiġi vverifikata għal kwalunkwe difetti li jistgħu jrenduha f'invalida. Jekk hija tkun sewwa, il-konvenut jiġi ddikjarat bħala li jinsab f'kontumaċja minħabba n-nuqqas tiegħu li jidher quddiem il-qorti u, ġeneralment, it-talba tiġi permessa fin-nuqqas ta' dehra. Jekk il-konvenut jonqos milli jidher quddiem il-qorti u x'aktarx li huwa ma jkunx irċieva n-notifika tal-uffiċjal ġudizzjarju bħala riżultat tad-difett, il-qorti tiddikjara n-notifika bħala invalida.

Jekk il-konvenut jonqos milli jidher quddiem il-qorti jew milli jaħtar avukat minkejja li jkun ingħata avviż sabiex jagħmel dan fit-taħrika u jirriżulta li n-notifika tal-uffiċjal ġudizzjarju kien fiha difett li għamilha invalida, il-konvenut ma jiġix iddikjarat bħala li jinsab f'kontumaċja minħabba n-nuqqas tiegħu li jidher quddiem il-qorti. Il-qorti tistabbilixxi data ġdida tal-lista ta' kawżi u tordna sabiex id-difett jiġi rrimedjat għas-spejjeż tal-pretendent. Jekk il-konvenut jidher quddiem il-qorti u ma jinvokax id-difett, it-taħrika titqies bħala li nħarġet b'mod korrett.

Rimedji legali

Jekk it-terminu għat-tfittxija ta' rimedju legali jinqabeż, il-piena tkun ir-rifjut tal-appell. Imbagħad, id-deċiżjoni sottostanti tal-qorti ssir finali, jiġifieri ma tkunx tista' tiġi annullata aktar permezz ta' oġġezzjoni, appell jew appell lill-Qorti Suprema.

Atti proċedurali

Jekk att proċedurali ma jitwettaqx fit-terminu stabbilit, f'ċerti kundizzjonijiet jista' jinkiseb differiment (ara l-mistoqsija 10). Jekk ma jkunx jista' jinkiseb differiment, id-dritt tat-twettiq tal-att proċedurali jiskadi.

Perjodi ta' limitazzjoni

Jekk il-parti interessata tkun ippermettiet li l-perjodu għall-bidu ta' azzjoni legali jiskadi, id-dritt ta' azzjoni protett mit-talba jkompli jeżisti. Madankollu, ma jibqax possibbli li dan id-dritt jiġi eżerċitat fil-qrati.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Ir-rimedji legali li ġejjin huma disponibbli għall-partijiet li qabżu l-iskadenzi.

Taħrika

Konvenut li jonqos milli jidher quddiem il-qorti fl-ewwel data tal-lista ta' kawżi ġeneralment jiġi ġġudikat fin-nuqqas ta' dehra. Sakemm tingħata s-sentenza finali, dan il-konvenut jista' jevita sentenza mogħtija f'kontumaċja billi jidher bħala parti fil-proċedimenti. Wara li tkun ingħatat is-sentenza finali, il-parti ġġudikata fin-nuqqas ta' dehra tista' tfittex ir-rimedju legali ta' oġġezzjoni. Sentenza mogħtija fin-nuqqas ta' dehra, il-prevenzjoni ta' sentenza mogħtija f' kontumaċja billi l-parti tidher quddiem il-qorti u oġġezzjoni ma japplikawx fi proċedimenti kontenzjużi. F'każijiet bħal dawn, il-parti interessata li tkun naqset milli tidher quddiem il-qorti tkun tista' tressaq appell.

Rimedji legali

It-termini għat-tfittxija ta' rimedji legali jiġu infurzati mill-qorti fuq mozzjoni tagħha stess. It-termini għat-tressiq ta' appelli u appelli lill-Qorti Suprema huma obbligatorji. Il-qrati huma stretti ħafna fl-applikazzjoni ta' dawn it-termini fl-interessi ta' ċertezza tad-dritt. Madankollu, il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi introduċiet ċertu ammont ta' flessibilità għall-appelli fil-proċedimenti kontenzjużi. L-avviż tal-appell irid jistabbilixxi r-raġunijiet għall-appell, iżda fil-kawżi li fihom id-deċiżjoni tkun ingħatat iżda tkun għadha ma ntbagħtitx u, għalhekk, l-appellant ma jkollux aċċess għar-raġunament sottostanti, huwa jkun permess li jippreżenta r-raġunijiet għall-appell f'avviż supplimentari u sussegwenti ta' appell. Madankollu, l-appell innifsu jrid ikun tressaq fit-terminu. Huwa biss f'każijiet okkażjonali meta l-qorti tkun għamlet żball doppju li t-terminu jiġi estiż b'14-il jum minn meta tkun ingħatat id-deċiżjoni. Dan ikun il-każ jekk il-parti li tressaq l-appell ma kinitx taf u ma setgħetx tkun taf meta se tingħata d-deċiżjoni bħala riżultat ta' żball min-naħa tal-qorti (jew ir-reġistrar tal-qorti) u d-deċiżjoni tkun intbagħtet jew inħarġet biss wara li jkun skada t-terminu għall-appelli, bħala riżultat ta' żball li ma jistax jiġi attribwit lill-appellant. Fil-proċedimenti ta' taħrika, l-avviż tal-appell ma għandux bżonn jistabbilixxi r-raġunijiet għall-appell. Dawn ma jiġux ippreżentati sa stadju aktar tard tal-proċedimenti.

Atti proċedurali

F'ċerti ċirkostanzi, jista' jintalab differiment għat-twettiq tal-atti proċedurali (ara l-mistoqsija 13). Jekk ma jinkisibx differiment, id-dritt tat-twettiq tal-att proċedurali jiskadi.

Perjodi ta' limitazzjoni

Ma huwa disponibbli ebda rimedju kontra l-iskadenza tal-perjodi ta' limitazzjoni, għajr għall-interruzzjoni tagħhom fi żmien debitu (ara l-mistoqsija 1. d.). Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna, il-qorti tista' tiddeċiedi li l-invokazzjoni tal-limitazzjoni tmur kontra l-prinċipji ta' raġonevolezza u ġustizzja.

L-aħħar aġġornament: 09/02/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Awstrija

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Hemm tipi differenti ta' skadenzi fil-liġi Awstrijaka.

Il-limiti ta' żmien proċedurali (jiġifieri perjodi li matulhom parti jew persuna oħra involuta fil-proċedimenti tista' jew għandha tieħdu pass proċedurali partikolari) huma distinti mil-limiti ta' żmien fiżiċi (jiġifieri perjodi li matulhom avveniment partikolari għandu jseħħ sabiex is-sistema legali toħloq ċerti effetti sostantivi, bħall-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' lment ta' xkiel fil-pussess skont l-Artikolu 454 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung* (ZPO)) jew il-perjodu ta' żmien marbut ma' kwistjonijiet ta' xoljiment ta' kera skont l-Artikolu 560 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Punt importanti huwa li ż-żmien meħtieġ għat-twassil bis-servizzi tal-posta mhuwiex inkluż għat-terminu proċedurali, iżda l-kuntrarju jgħodd għat-termini sostantivi. Dan ifisser, pereżempju, li appell (ħin proċedurali) ikun ikkunsidrat li sar f'waqtu jekk jintbagħat lill-uffiċċju postali sal-aħħar jum tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appell (id-data tat-timbru tal-posta), anki jekk il-qorti tirċevih wara l-iskadenza.

Issir distinzjoni ulterjuri bejn jekk it-tul ta' żmien tal-perjodu jkunx determinat direttament mil-liġi (eż. il-limiti ta' żmien biex jiġi ppreżentat appell) jew jekk iridx jiġi ddeterminat mill-imħallef abbażi tar-rekwiżiti tal-każ individwali (eż. l-iskadenza biex jinkiseb depożitu tal-kawzjoni tal-attur). L-iskadenzi ta' investigazzjoni, li għalihom il-liġi tippreskrivi biss ċertu qafas ta' żmien (tul ta' żmien minimu jew massimu jew ammont approssimattiv bħal fl-Artikolu 257 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għall-iskedar ta' seduta preliminari) jirrappreżentaw kombinazzjoni tat-tnejn li huma.

Il-limiti ta' żmien assoluti jiġu ddeterminati sal-ħin li fih jintemmu (normalment jum kalendarju wieħed); filwaqt li l-iskadenzi relattivi għandhom jindikaw it-tul taż-żmien huma espressi abbażi tad-durata; id-dati tal-bidu tagħhom huma ddeterminati abbażi tal-avveniment li jiskatta l-iskadenza taż-żmien.

Il-limiti ta' żmien jistgħu, bħala regola ġenerali, jiġu estiżi mill-imħallfin (limiti ta' żmien estendibbli). F'każijiet eċċezzjonali li għalihom il-liġi tipprojbixxi l-estensjoni, l-iskadenzi huma magħrufa bħala skadenzi mhux estendibbli jew skadenzi mandatorji.

Issir distinzjoni bejn skadenzi riversibbli u skadenzi mhux riversibbli, jiddependi jekk ir-restituzzjoni tal-pożizzjoni preċedenti tkunx possibbli, jekk l-iskadenza tinqabeż. L-iskadenza riversibbli hija r-regola ġenerali; f'każijiet eċċezzjonali li fihom ir-restituzzjoni tal-pożizzjoni preċedenti tkun ipprojbita, l-iskadenza tissejjaħ prekluživa, jew skadenza fissa. Eżempji ta' skadenzi proċedurali prekluživi huma l-iskadenzi assoluti għall-preżentazzjoni ta' rikors għall-annullament jew għall-ftuħ ta' proċess ġdid. (l-Artikolu 534 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Is-Sibt, il-Ħadd, il-Ġimgħa l-Kbira u l-vaganzi uffiċjali fl-Awstrija mhumiex jiem ta' xogħol. L-1 ta' Jannar (is-Sena l-ġdida), is-6 ta' Jannar (l-Epifanija), it-Tnejn tal-Għid, l-1 ta' Mejju (Festa tal-Istat), Lapsi, it-Tnejn ta' wara l-Għid il-Ħamsin, Corpus Christi, il-15 ta' Awwissu (Santa Marija), is-26 ta' Ottubru (Festa Nazzjonali), l-1 ta' Novembru (il-Qaddisin Kollha), it-8 ta' Diċembru (il-Kunċizzjoni), il-25 ta' Diċembru (il-Milied) u s-26 ta' Diċembru (San Stiefnu) huma kollha jiem ta' vaganzi legali fl-Awstrija.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-limiti ta' żmien huma essenzjalment stabbiliti fl-Artikoli minn 123 sa 129, u minn 140 sa 143 u l-Artikolu 222 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u l-Artikolu 89 tal-Att dwar l-Organizzazzjoni tal-Qorti (*Gerichtsorganisationsgesetzes (GOG*)).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Skadenza, bħala regola ġenerali, tibda tiddekorri minn d-data tas-servizz tad-deċiżjoni li tagħti avviż li tordna jew tiskatta l-iskadenza; inkella, tibda meta tinqata' s-sentenza (l-Artikolu 124 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Iva, permezz ta' deroga mir-regola ġenerali li skontha d-data tan-notifika tkun in-notifika jew il-qtugħ tas-sentenza li tiskatta jew tordna l-iskadenza, riżoluzzjonijiet ġudizzjarji trażmessi b'mod elettroniku, u petizzjonijiet legali, (l-Artikolu 89a (2))(GOG) jitqiesu li jkunu twettqu fil-jum ta' xogħol li jkun imiss wara l-wasla tagħhom fid-dominju elettroniku tar-riċevitur (is-Sibtijiet ma jitqisux bħala jiem ta' xogħol (l-Artikolu89d (2) GOG).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta skadenza tkun espressa f'jiem, id-data jew id-data tal-avveniment, li tintuża għall-kalkolu tal-jum ta' bidu, ma tkunx inkluża għall-finijiet tal-kalkolu tal-iskadenza.

Min-naħa l-oħra, l-iskadenzi espressi f'ġimgħat, xhur jew snin, jintemmu f'nofs il-lejl fil-jum tal-aħħar ġimgħa jew l-aħħar xahar li jikkorrispondi fl-isem jew fl-għadd, mad-data ta' bidu. Jekk dan il-jum ma jkunx jeżisti fl-aħħar xahar, l-iskadenza tintemm fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-limiti ta' żmien espressi f'jiem jingħaddu bħala jiem kalendarji.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Minħabba l-mod li bih jiġu kkalkulati l-iskadenzi espressi f'ġimgħat, xhur jew snin (ara l-mistoqsijiet 6. u 9.), din il-kwistjoni ma tgħoddx fil-każ ta' dawn l-iskadenzi.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Skadenzi espressi f'ġimgħat, xhur jew snin jintemmu f'nofs il-lejl fil-jum tal-aħħar ġimgħa jew l-aħħar xahar li jikkorrispondi fl-isem jew fin-numru mad-data ta' bidu. Jekk din il-ġurnata tkun nieqsa fl-aħħar xahar tal-iskadenza (eż. jekk xahar jibda fl-31 ta' Jannar), l-iskadenza tintemm fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar (f'dan il-każ: fit-28 jew fid-29 ta' Frar). Is-Sibtijiet, il-Ħdud, il-festi pubbliċi jew il-Ġimgħa l-Kbira ma jaffettwawx id-data ta' bidu jew id-durata tal-iskadenzi.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva. Jekk skadenza taħbat is-Sibt, il-Ħadd, festa pubblika jew il-Ġimgħa l-Kbira, din tintemm fil-jum tax-xogħol li jmiss (li ma għandux ikun wieħed mill-jiem imsemmija hawn fuq).

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

L-iskadenzi mandatorji fi proċedimenti ta' appell huma sospiżi matul il-perjodu mill-15 ta' Lulju sas-17 ta' Awwissu u mill-24 ta' Diċembru sas-6 ta' Jannar. Jekk wieħed minn dawn il-perjodi jibda matul skadenza mandatorja, jew il-bidu ta' skadenza mandatorja jaħbat f'wieħed minn dawn il-perjodi, l-iskadenza tiġi estiża bit-tul ta' żmien kollu jew bil-bqija ta' dak il-perjodu.

Dan ma japplikax għal proċedimenti speċjali, b'mod partikolari f'tilwim li jinvolvi każijiet ta' xkiel fil-pussess, manutenzjoni, proċedimenti ta' infurzar u inibizzjonijiet, u lanqas ma japplika għal skadenzi għal appelli kontra sentenzi ta' inadempjenza u rikonoxximent.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-limiti ta' żmien għall-appell jiddependu, fil-prinċipju, fuq il-forma tad-deċiżjoni (sentenza jew deċiżjoni) u fuq is-suġġett materjali. Fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili, l-iskadenza għal rikors tkun normalment ta' 14-il jum u l-iskadenza għal appell tkun ta' erba' ġimgħat.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Ġeneralment, l-imħallfin jistgħu jestendu l-iskadenzi (skadenzi rinnovabbli). Każijiet eċċezzjonali li fihom il-liġi tipprojbixxi estensjoni, jissejħu skadenzi mhux estendibbli jew skadenzi mandatorji (eżempju skadenzi għall-appelli).

Il-limiti kollha ta' żmien jistgħu jitqassru bi qbil tal-partijiet li jridu jiġu evidenzjati b'dokumenti. Fuq talba ta' waħda mill-partijiet, il-qorti tista' taqbel mal-abbrevjazzjoni ta' skadenza sakemm il-parti rikjedenti turi b'mod kredibbli li hija meħtieġa skadenza iqsar biex jiġi evitat dannu irreparabbli u l-parti l-oħra tkun faċilment tista' tieħu azzjoni proċedurali mitluba sal-iskadenza li tkun tqassret (l-Artikolu 129 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Estensjoni ta' skadenza tista' tingħata jekk tintalab, jekk il-parti li tibbenefika mill-estensjoni jkollha raġunijiet inevitabbli jew serji ħafna għall-adozzjoni f' waqtha tal-azzjoni proċedurali u, b'mod partikolari, jekk mingħajr l-estensjoni tal-limitu ta' żmien, issofri dannu irreparabbli (l-Artikolu 128 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-perjodu ta' żmien ma jistax jiġi estiż bi ftehim bejn il-partijiet (l-Artikolu 128 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Madankollu, b'mod ġenerali ċitazzjoni hija marbuta ma' data partikolari, għalhekk il-bidliet tal-"iskadenza ta' ċitazzjonijiet" jew ta' "dati speċjali" ma japplikawx għaċ-ċitazzjonijiet.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le, għaliex huwa importanti hawnhekk li l-passi proċedurali marbuta ma' qorti fl-Awstrija jittieħdu fil-ħin.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

B'mod ġenerali, parti li tonqos milli twettaq l-att proċedurali sal-iskadenza legali hija b'konsegwenza ta' dan, eskluża mill-faži segwenti tal-proċedura (effett preklużiv, l-Artikolu 144 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma, pereżempju, l-Artikolu 289 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' preżenza tax-xhieda fil-kumpilazzjoni ta' xhieda) u l-Artikolu 491 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' dehra għal seduta ta' appell).

Passi proċedurali li jittieħdu tard huma normalment miċħuda mil-liġi, madankollu f'xi każijiet dan huwa possibbli wara talba min-naħa tal-konvenut.

F'ċerti każijiet, in-nuqqas ta' aġir jista' jkollu konsegwenzi speċifiċi li jiżdiedu mal-konsegwenzi ġenerali. Dawn ivarjaw b'mod konsiderevoli. L-aktar konsegwenza speċifika importanti ta' nuqqas ta' aġir hija li meta fil-proċedimenti ċivili, parti waħda tonqos milli taġixxi, il-parti l-oħra tista', f'ċerti ċirkostanzi, tapplika għal sentenza fil-kontumaċja (l-Artikoli 396 u 442 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Eżempji oħrajn jinkludu: jekk iż-żewġ partijiet jonqsu milli jidhru fil-qorti, skont l-Artikolu 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-proċedimenti jistgħu jiġu sospiżi (għal mill-inqas tliet xhur). Jekk l-attur jonqos milli jidher fi proċedimenti matrimonjali, l-ilment jista' jiġi rtirat iżda mhux abbandonat jekk il-konvenut jitlob dan (l-Artikolu 460 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Sabiex jiġu eliminati l-konsegwenzi ġuridiċi minħabba nuqqas ta' osservazzjoni ta' skadenza jew ta' dehra quddiem it-tribunal, għandhom jiġu kkunsidrati l-proċeduri li ġejjin:

Restitutio in integrum (l-Artikolu146 et seq tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili):

Ir-*restitutio in integrum* jista' jintuża biex ireġġa' lura l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservazzjoni ta' skadenza jew ta' dehra quddiem it-tribunal għal att proċedurali f'każ li n-nuqqas tal-parti jew tar-rappreżentant tagħha jkun dovut għal avveniment anormali jew imprevedibbli u jekk il-parti jew ir-rappreżentant tagħha ma jkollux tort jew ikollu tort parzjali minimu (negliġenza żgħira). Tali rimedju ġudizzjarju għandu jintalab fi żmien 14 jum mit-tneħħija tal-ostaklu.

L-oppożizzjoni (l-Artikoli 397a u 442a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili):

L-oppożizzjoni hija rimedju ġudizzjarju bl-għan li treġġa' lura sentenza fil-kontumaċja skont l-Artikolu 396 jew l-Artikolu 442 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Bħala regola, l-oppożizzjoni trid titressaq quddiem il-qorti tal-proċess fil-forma ta' sottomissjoni preparatorja fi żmien 14-il jum mis-sentenza fil-kontumaċja.

L-appell (l-Artikoli 461 et seq tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili):

Sentenza mogħtija b'kontumaċja tista' tiġi kkontestata b'appell, b'mod partikolari minħabba l-ineżistenza tal-kontumaċja minħabba raġunijiet għal annullament skont l-Artikolu 477 (1), (4) u (5) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (notifika mhux korretta jew nuqqas ta' rappreżentazzjoni tal-parti fil-proċedimenti). Madankollu, l-appell għal annullament ma jistax ikun abbażi ta' falliment reali ta' parti li tikkonforma, iżda, bħalma huwa l-każ fil-proċeduri legali kollha, irid ikun abbażi ta' żball ta' qorti, li minħabba fih parti tirriżulta f'kontumaċja.

L-aħħar aġġornament: 05/06/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Polonja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Il-proċedura ċivili Pollakka tipprevedi (1) termini statutorji, ġudizzjarji u kuntrattwali sabiex jitwettqu l-atti proċedurali mill-partijiet u (2) termini indikattivi sabiex jitwettqu l-atti proċedurali mill-qorti.

It-termini ġudizzjarji u statutorji huma finali u ma jistgħux jinqabżu.

It-termini statutorji, li huma definiti bħala termini preklużivi (li jfisser li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom irendi att proċedurali partikolari f'wieħed null), huma stabbiliti fil-liġijiet statutorji. Dawn it-termini ma jistgħux jiġu estiżi jew jitqassru. Terminu statutorju jibda jiddekorri fil-mument speċifikat f'liġi statutorja. Hemm żewġ tipi ta' termini statutorji: termini li qabilhom trid titwettaq azzjoni u termini li warajhom tista' titwettaq azzjoni. It-termini statutorji jinkludu t-termini għat-tressiq ta' rimedji legali, pereżempju, it-terminu għat-tressiq ta' appell jew ilment.

It-termini ġudizzjarji huma definiti wkoll bħala termini preklużivi, iżda huma jiġu stabbiliti minn qorti jew imħallef. It-termini ġudizzjarji jistgħu jiġu estiżi jew jitqassru, iżda dan jista' jsir biss għal raġuni importanti u fuq mozzjoni ddepożitata qabel jiskadi t-terminu, anki mingħajr ma tinstema' l-parti opposta. Dawn it-

termini jibdew jiddekorru mill-mument meta tingħata deċiżjoni jew ordni għal dak l-għan; meta l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tipprevedi notifika awtomatika, huma jibdew jiddekorru meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni jew l-ordni.
It-termini ġudizzjarji jinkludu t-termini għar-regolarizzazzjoni ta' inkapaċità proċedurali jew ġudizzjarja jew sabiex jagħmlu tajjeb għal difetti formali f'appell jew ilment.
It-termini kuntrattwali, kif jissuġġerixxi l-isem, jiġu stabbiliti permezz ta' qbil bejn il-partijiet. Eżempju klassiku huwa s-sospensjoni tal-proċedimenti fuq mozzjoni konġunta tal-partijiet. Jekk il-partijiet jiddepożitaw mozzjoni bħal din, il-qorti tista' (iżda mhijiex obbligata li) tissospendi l-proċedimenti. L-applikazzjoni ta' dan it-tip ta' terminu tiddependi mir-rieda tal-partijiet biss.
It-termini indikattivi normalment jiġu indirizzati lill-awtoritajiet ġudizzjarji (qrati), mhux lill-partijiet.
In-nuqqas ta' osservanza tagħhom ma għandu ebda konsegwenza proċedurali negattiva. L-iskop bażiku tagħhom huwa li japplikaw il-prinċipju ta' ħeffa fil-proċedimenti. Eżempju ta' terminu bħal dan huwa t-terminu għal qorti sabiex tfassal il-motivi għal sentenza.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont l-Att tat-18 ta' Jannar 1951 dwar il-jiem mhux tax-xogħol, japplikaw il-jiem mhux tax-xogħol statutorji li ġejjin:
1. il-Ħdud kollha (is-Sibtijiet mhumiex jiem mhux tax-xogħol statutorji),
2. il-jiem elenkati aktar 'l isfel:
    (a) l-1 ta' Jannar - L-Ewwel tas-Sena,
    (b) is-6 ta' Jannar - L-Epifanija,
    (c) Ħadd il-Għid,
    (d) It-Tnejn ta' wara l-Għid,
    (e) l-1 ta' Mejju - Btala Pubblika,
    (f) it-3 ta' Mejju - Il-Btala Nazzjonali tat-Tielet Jum ta' Mejju,
    (g) il-Pentekoste,
    (h) Corpus Christi,
    (i) il-15 ta' Awwissu - It-Tlugħ is-Sema tal-Madonna,
    (j) l-1 ta' Novembru - Jum il-Qaddisin Kollha,
    (k) il-11 ta' Novembru - Btala Nazzjonali - Jum l-Indipendenza,
    (l) il-25 ta' Diċembru - Jum il-Milied,
    (m) is-26 ta' Diċembru - L-Għada tal-Milied.

Fl-2019, Ħadd il-Għid jaqa' fil-21 ta' April, it-Tnejn ta' Wara l-Għid fit-22 ta' April, il-Pentekoste fid-9 ta' Ġunju u Corpus Christi fl-20 ta' Ġunju.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Fil-liġi ċivili, it-terminu 'terminu' jista' jkollu żewġ tifsiriet.
Huwa jista' jkun mument speċifiku (pereżempju, il-5 ta' April 2017) jew perjodu speċifiku li jkollu bidu u tmiem (pereżempju, 14-il jum).
Meta jiġi stabbilit terminu finali (data sa meta trid issir xi ħaġa), dak li huwa importanti huwa l-mument eżatt li fih jiskadi. Mhuwiex meħtieġ li terminu jiġi speċifikat bħala jum, iżda huwa jrid jiġi definit mill-okkorrenza tal-avveniment previst mill-partijiet kontraenti f'sitwazzjoni speċifika.
It-termini proċedurali jiġu stabbiliti bl-użu ta' tali unitajiet ta' żmien bħala jum, ġimgħa, xahar jew sena. Skont l-Artikolu 165 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-metodu li jintuża sabiex jiġu kkalkolati t-termini fi proċedura ċivili huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar it-termini, jekk liġi statutorja, deċiżjoni tal-qorti, deċiżjoni meħuda minn awtorità oħra tal-Istat jew att legali jistabbilixxu terminu mingħajr ma jispeċifikaw kif għandu jiġi kkalkolat (l-Artikolu 110 tal-Kodiċi Ċivili). L-impostar ta' dokument proċedurali f'uffiċċju postali Pollakk jew f'uffiċċju postali ta' operatur li jipprovdi servizz postali universali fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jitqies bħala ekwivalenti għall-iddepożitar ta' dak id-dokument proċedurali mal-qorti. L-istess japplika għall-iddepożitar ta' dokument minn suldat mal-kwartieri ġenerali tal-unità, minn persuna mċaħħda mil-libertà mal-amministrazzjoni tal-ħabs tagħha jew minn membru tal-ekwipaġġ ta' bastiment tal-baħar Pollakk mal-kaptan ta' dak il-bastiment.
Jum għandu 24 siegħa u jibda u jispiċċa f'nofs il-lejl (24:00).
Terminu speċifikat f'jiem jiskadi fi tmiem l-aħħar jum. Terminu espress f'ġimgħat, xhur jew snin jiskadi fi tmiem il-jum li jikkorrespondi, bl-isem jew id-data, għall-ewwel jum tat-terminu jew, jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar. Jekk terminu jiġi espress bħala l-bidu, in-nofs jew l-aħħar ta' xahar, dan jinftiehem bħala li jfisser l-ewwel, il-ħmistax jew l-aħħar jum tax-xahar, filwaqt li nofs xahar jikkorrespondi għal 15-il jum. Jekk terminu jiġi stabbilit f'xhur jew snin u ma tkunx meħtieġa kontinwità, xahar huwa preżunt bħala li għandu 30 jum u sena għandha 365 jum. Jekk l-aħħar tat-terminu għat-twettiq ta' att jaqa' f'jum mhux tax-xogħol statutorju jew is-Sibt, it-terminu jiskadi fil-jum li jkun imiss li ma jkunx jum mhux tax-xogħol jew is-Sibt.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Jekk il-bidu ta' terminu definit f'jiem ikun avveniment speċifiku, il-jum li fih iseħħ l-avveniment ma jitqiesx meta jiġi kkalkolat it-terminu. Pereżempju, jekk qorti tkun innotifikat parti bi proċess li jħejjiha sabiex twettaq att speċifiku f'terminu ta' sebat ijiem fil-11 ta' Jannar 2017, dak it-terminu jkun skada f'nofs il-lejl (24.00) fit-18 ta' Jannar 2017.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Qorti tista' tinnotifika l-proċess b'għadd ta' modi: bil-posta, minn uffiċjal ġudizzjarju, uxxiera jew permezz ta' notifika ta' proċess ġudizzjarju. In-notifika lid-destinatarju tista' ssir ukoll billi d-dokument jingħata lid-destinatarju fir-reġistru tal-qorti. Sakemm in-notifika tkun saret kif suppost, dawn il-metodi kollha huma ugwalment validi u l-għażla tal-metodu ma taffettwax id-dekorrenza tat-termini.
Mit-8 ta' Settembru 2016, ir-regoli jippermettu lil qorti tinnotifika l-proċess permezz ta' sistema ta' trażmissjoni tad-*data* jekk id-destinatarju jkun iddepożita d-dokumenti permezz ta' tali sistema jew ikun għażel li jagħmel dan. Destinatarju li jkun għażel li jiddepożita d-dokumenti permezz ta' sistema ta' trażmissjoni tad-*data* jista' jagħżel li ma jużax notifika elettronika.
Dokument innotifikat permezz ta' mezzi elettroniċi jitqies bħala li ġie nnotifikat fid-data speċifikata fil-konferma tar-riċevuta elettronika tal-korrispondenza, anki jekk dik id-data taqa' f'jum mhux tax-xogħol statutorju. Il-fatt li l-korrispondenza elettronika tasal bil-lejl ma għandu ebda effett fuq l-effettività tan-notifika. Fin-nuqqas ta' konferma tar-riċevuta elettronika tal-korrispondenza, in-notifika titqies li hija effettiva 14-il jum wara d-data li fiha d-dokument jittella' fis-sistema ta' trażmissjoni tad-data. Ir-regoli msemmija hawn fuq jirrikjedu li l-partijiet jiċċekkjaw il-kont elettroniku tagħhom mill-inqas darba kull 14-il jum.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Jekk il-bidu ta' terminu definit f'jiem ikun avveniment speċifiku, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment ma jitqiesx meta jiġi kkalkolat it-terminu.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

It-termini stipulati f'jiem jiġu espressi f'jiem kalendarji. Jekk l-aħħar tat-terminu għat-twettiq ta' azzjoni jaqa' f'jum mhux tax-xogħol statutorju jew is-Sibt, it-terminu jiskadi fil-jum li jkun imiss li ma jkunx jum mhux tax-xogħol jew is-Sibt.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Terminu espress f'ġimgħat, xhur jew snin jiskadi fi tmiem il-jum li jikkorrespondi, bl-isem jew id-data, għall-ewwel jum tat-terminu jew, jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.
Jekk terminu jiġi espress bħala l-bidu, in-nofs jew l-aħħar ta' xahar, dan jinftiehem bħala li jfisser l-ewwel, il-ħmistax jew l-aħħar jum tax-xahar. Nofs xahar jikkorrespondi għal 15-il jum.
Jekk terminu jiġi stabbilit f'xhur jew snin u ma tkunx meħtieġa kontinwità, xahar huwa preżunt bħala li għandu 30 jum u sena għandha 365 jum.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Terminu espress f'ġimgħat, xhur jew snin jiskadi fi tmiem il-jum li jikkorrespondi, bl-isem jew id-data, għall-ewwel jum tat-terminu jew, jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar.
Jekk terminu jiġi espress bħala l-bidu, in-nofs jew l-aħħar ta' xahar, dan jinftiehem bħala li jfisser l-ewwel, il-ħmistax jew l-aħħar jum tax-xahar. Nofs xahar jikkorrespondi għal 15-il jum.
Jekk terminu jiġi stabbilit f'xhur jew snin u ma tkunx meħtieġa kontinwità, xahar huwa preżunt bħala li għandu 30 jum u sena għandha 365 jum.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Jekk l-aħħar tat-terminu għat-twettiq ta' att jaqa' f'jum mhux tax-xogħol statutorju jew is-Sibt, it-terminu jiskadi fil-jum li jkun imiss li ma jkunx jum mhux tax-xogħol jew is-Sibt.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Huma biss it-termini ġudizzjarji, jiġifieri t-termini stabbiliti minn qorti jew imħallef li jippresjedi, li jistgħu jiġu estiżi jew jitqassru. Deċiżjoni sabiex jiġi estiż jew jitqassar terminu tista' tittieħed minn imħallef li jippresjedi jew qorti, iżda biss għal raġunijiet importanti, bil-valutazzjoni tar-raġunijiet titħalla għad-diskrezzjoni tagħhom.
Terminu jista' jiġi estiż jew jitqassar biss fuq mozzjoni ta' parti, parteċipant fi proċedimenti mhux kontenzjużi, parti li tintervjeni, prosekutur pubbliku, spettur tax-xogħol, l-ombudsman tal-konsumaturi, organizzazzjoni mhux governattiva, espert maħtur mill-qorti jew xhud, jekk it-terminu jkun jikkonċerna l-atti tagħhom. Deċiżjoni bħal din ma tistax tittieħed fuq mozzjoni tal-qorti jew tal-imħallef stess.
Mozzjoni trid tiġi ddepożitata qabel jiskadi t-terminu stabbilit.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-Kodiċi Pollakk tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi termini proċedurali statutorji għall-iddepożitar ta' rimedji legali skont it-tip ta' deċiżjoni ġudizzjarja (sentenza (*wyrok*), deċiżjoni dwar is-sustanza tal-kawża fi proċedimenti mhux kontenzjużi (*postanowienie co do istoty sprawy w postępowaniu nieprocesowym*), sentenza mogħtija f'kontumaċja (*wyrok zaoczny*), ordni għal ħlas fi proċedura permezz ta' ordni ta' ħlas (*nakaz zapłaty w postępowaniu upominawczym*), ordni għal ħlas f'ordni għal proċedura ta' ħlas (*nakaz zapłaty w postępowaniu nakazowym*) u deċiżjonijiet (*postanowienie*)). B'mod partikolari, ġew stipulati t-termini statutorji li ġejjin:
sentenza u deċiżjoni dwar is-sustanza tal-kawża fi proċedimenti mhux kontenzjużi: ir-raġunijiet għas-sentenza għandhom jitħejjew bil-miktub fuq mozzjoni tal-parti għan-notifika tas-sentenza u r-raġunijiet, ippreżentati fi żmien ġimgħa mid-data li fiha ġiet iddikjarata l-parti operattiva tas-sentenza u, f'żewġ każijiet ((1) meta parti li taġixxi mingħajr avukat, konsulent legali jew aġent tal-privattiva ma kinitx preżenti meta ngħatat is-sentenza minħabba li kienet imċaħħda mil-libertà u (2) meta sentenza tkun inħarġet f'sessjoni magħluqa), fi żmien ġimgħa mid-data tan-notifika tal-parti operattiva tas-sentenza. Appell jista' jitressaq lill-qorti li tkun ħarġet is-sentenza kkontestata fi żmien ġimgħatejn min-notifika tas-sentenza u r-raġunijiet lill-appellant.
Jekk parti ma tkunx talbet, fi żmien ġimgħa mid-data li fiha ġiet iddikjarata l-parti operattiva tas-sentenza, li s-sentenza u r-raġunijiet jiġu nnotifikati, it-terminu għat-tressiq ta' appell jiddekorri mill-jum li fih jiskadi t-terminu għall-iddepożitar ta' mozzjoni bħal din;
deċiżjoni: it-terminu għall-iddepożitar ta' ilment huwa ta' ġimgħa u jiddekorri min-notifika tad-deċiżjoni jew, meta parti ma tkunx talbet, fit-terminu preskritt, li d-deċiżjoni meħuda fis-seduta ta' smigħ tiġi nnotifikata, mid-dikjarazzjoni tad-deċiżjoni;
sentenza mogħtija f'kontumaċja fir-rigward tal-konvenut: il-konvenut li kontrih tkun inħarġet sentenza f'kontumaċja jista' jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fi żmien ġimgħatejn minn meta jiġi nnotifikat bis-sentenza;
sentenza mogħtija f'kontumaċja fir-rigward tal-pretendent: il-qorti tipprovdi r-raġunijiet għal sentenza mogħtija f'kontumaċja jekk l-azzjoni tkun ġiet miċħuda kompletament jew parzjalment, u l-pretendent ikun talab sabiex jiġi pprovdut bir-raġunijiet fi żmien ġimgħa minn meta jiġi nnotifikat bis-sentenza jew meta pretendent li ma jkunx ippreżenta talba bħal din ikun ressaq appell fit-terminu preskritt;
ordni għal ħlas fi proċedura permezz ta' ordni ta' ħlas: il-konvenut huwa meħtieġ, fl-ordni għall-ħlas, li jissodisfa l-pretensjoni kompletament, flimkien mal-kostijiet, jew inkella jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fi żmien ġimgħatejn minn meta tiġi nnotifikata l-ordni;
ordni għal ħlas f'ordni għal proċedura ta' ħlas: meta toħroġ ordni għal ħlas, il-qorti tiddeċiedi li l-konvenut huwa meħtieġ li jissodisfa l-pretensjoni kompletament, flimkien mal-kostijiet, fi żmien ġimgħatejn minn meta jiġi nnotifikat bl-ordni, jew inkella jiddepożita l-motivi f'dak it-terminu.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Xhud jew parti għall-proċedimenti għandhom dritt assolut li jidhru quddiem il-qorti. Ix-xhieda jridu wkoll jidhru quddiem il-qorti anki jekk ma jkollhom ebda għarfien taċ-ċirkostanzi tal-każ jew jekk ikunu diġà ddeċidew li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrifjutaw li jixhdu. Xhud irid jiskuża l-assenza tiegħu (in-nuqqas li jidher quddiem il-qorti) bil-miktub qabel id-data tas-seduta ta' smigħ. Il-preżentazzjoni ta' skuži għan-nuqqas ta' dehra fil-qorti f'data aktar tard ma timpedix lill-qorti milli timponi multa fuq ix-xhud waqt is-seduta ta' smigħ.
Xhud għandu jehmeż dokument li jissostanzja r-raġuni għan-nuqqas tiegħu li jidher quddiem il-qorti bl-iskuża bil-miktub. In-nuqqas ta' xhud li jidher quddiem il-qorti jista' jiġi skużat minħabba mard, vjaġġ importanti għall-fini ta' negozju jew inċident serju impreveduibbli. Meta l-mard jiġi ddikjarat bħala r-raġuni għan-nuqqas ta' xhud milli jidher quddiem il-qorti meta jiġi mħarrek sabiex jagħmel dan, tabib maħtur mill-qorti jrid joħroġ ċertifikat li jikkonferma n-nuqqas ta' abbiltà tax-xhud milli jidher quddiem il-qorti. F'każ bħal dan, il-qorti tistabbilixxi data oħra sabiex xhud jidher quddiem il-qorti.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Parti jew xhud huma soġġetti għar-regoli tal-proċedura ċivili applikati mill-awtorità ġudizzjarja (qorti).

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Att proċedurali mwettaq minn parti wara l-iskadenza tat-terminu jitqies bħala null.
Dan il-prinċipju japplika kemm għat-termini statutorji kif ukoll għal dawk ġudizzjarji. In-nullità ta' att proċedurali tfisser li att imwettaq tard ma għandux effetti legali assoċjati mat-twettiq tiegħu permezz ta' liġijiet statutorji. Att proċedurali mwettaq wara l-iskadenza tat-terminu jitqies bħala null anki jekk il-qorti tkun għadha ma ħarġitx id-deċiżjoni li tkun il-konsegwenza tal-iskadenza tat-terminu.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk terminu jinqabeż, parti tista' titlob li dan jerġa' jiġi stabbilit u tapplika sabiex jerġgħu jinfetħu l-proċedimenti.
Jekk il-parti tkun qabżet it-terminu għat-twettiq ta' att proċedurali mingħajr ebda ħtija min-naħa tagħha, il-qorti terġa' tistabbilixxi t-terminu fuq mozzjoni tagħha. Madankollu, l-istabbiliment mill-ġdid tat-terminu mhuwiex ammissibbli jekk in-nuqqas ta' lħuq tat-terminu ma jkollu ebda konsegwenza proċedurali negattiva għall-parti. Trattazzjoni li jkun fiha mozzjoni sabiex it-terminu jiġi stabbilit mill-ġdid għandha titressaq lill-qorti li quddiemha kellu jitwettaq l-att sa

mhux aktar tard minn ġimgħa wara li ma tibqax tapplika r-raġuni għan-nuqqas ta' lħuq tat-terminu. Iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-mozzjoni għandhom jiġu ssostanzjati fit-trattazzjoni. Il-parti għandha twettaq l-att proċedurali fl-istess ħin li tressaq il-mozzjoni. Wara sena mit-terminu maqbuż, dan ikun jista' jerġa' jiġi stabbilit biss f'każijiet eċċezzjonali. L-istabbiliment mill-ġdid ta' terminu għat-tressiq ta' appell kontra sentenza li tannulla żwieġ jew li tiddikjara divorzju, jew inkella li tiddikjara n-nuqqas ta' eżistenza ta' żwieġ, mhuwiex ammissibbli, lanqas jekk waħda mill-partijiet tkun reġgħet iżżewġet wara li s-sentenza tkun saret finali. Mozzjoni għall-istabbiliment mill-ġdid ta' terminu li tkun ġiet iddepożitata tard jew li tkun inammissibbli skont il-liġijiet statutorji tiġi rrifjutata mill-qorti. Il-fatt tal-preżentata ta' talba għall-istabbiliment mill-ġdid ta' terminu ma jwaqqafx il-proċedimenti jew l-infurzar tad-deċiżjoni. Madankollu, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, twaqqaf il-proċedimenti jew l-infurzar tad-deċiżjoni. Jekk il-mozzjoni tingħata, il-qorti tista' tipproċedi minnufih sabiex tisma' l-kawża. Il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti jagħmilha possibbli li terġa' tinstema' kawża li tkun ġiet konkluża permezz ta' deċiżjoni finali. Ilment li jitlob il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti ta' spiss jiġi ttrattat bħala rimedju legali straordinarju (jew appell straordinarju) li jintuża sabiex jikkontesta d-deċiżjonijiet finali, kuntrarju għar-rimedji ordinarji (li jintużaw fir-rigward tad-deċiżjonijiet mhux finali). Il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti jista' jintalab fuq il-bażi li: is-sentenza kienet ibbażata fuq dokument iffalsifikat jew mibdul jew fuq kundanna kriminali li sussegwentement ġiet annullata; jew is-sentenza nkisbet permezz ta' reat kriminali. Il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti jista' jintalab ukoll: jekk sentenza finali li tkun tikkonċerna l-istess relazzjoni legali tiġi żvelata aktar tard, jew jekk jiġu żvelati ċirkostanzi jew evidenza fattwali li jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu tal-kawża u li ma setgħux jintużaw mill-parti fi proċedimenti preċedenti; jekk il-kontenut tas-sentenza kien influwenzat minn deċiżjoni li ma temmitx il-proċedimenti fil-kawża, maħruġa abbażi ta' att normattiv rikonoxxut mit-Tribunal Kostituzzjonali bħala li jmur kontra l-Kostituzzjoni, trattat internazzjonali ratifikat jew il-liġijiet statutorji (annullati jew emendati f'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti ma jistax jintalab aktar minn għaxar snin wara d-data li fiha sentenza tkun saret finali (sakemm parti ma setgħetx taġixxi jew ma kinitx irrappreżentata kif suppost).

L-aħħar aġġornament: 25/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Portugall

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-termini proċedurali jistgħu jkunu **perentorji** (*perentório*), meta l-iskadenza tagħhom ixxejjen id-dritt li jitwettaq att, jew **dilatorji** (*dilatório*), meta jiddifferixxu sa mument partikolari l-possibbiltà li jitwettaq att jew il-punt minn meta jibda jiddekorri terminu ieħor.
It-termini proċedurali huma soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 138 sa 143 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.
Il-kalkolu tat-termini proċedurali jew tat-termini stabbiliti mill-qrati huwa rregolat mir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 278, 279 u 296 tal-Kodiċi Ċivili.
Għat-termini f'materji ċivili, it-tul u l-effett tagħhom fuq ir-relazzjonijiet legali huma rregolati mill-Artikoli 296 sa 333 tal-Kodiċi Ċivili.
B'mod partikolari, it-termini tal-preskrizzjoni (*prazos de prescrição*) u t-termini tad-dekadenza (*prazos de caducidade*) huma rregolati, rispettivament, mill-Artikoli 300 sa 327 u l-Artikoli 328 sa 333 tal-Kodiċi Ċivili.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Għal dan l-għan, il-Portugall innotifika lill-Kummissjoni Ewropea bil-festi pubbliċi li ġejjin:
l-1 ta' Jannar; is-7 ta' April (il-Ġimgħa l-Kbira); id-9 ta' April (Ħadd il-Għid); il-25 ta' April; l-1 ta' Mejju; it-8 ta' Ġunju (Corpus Christi); l-10 ta' Ġunju; il-15 ta' Awwissu; il-5 ta' Ottubru; l-1 ta' Novembru, l-1, it-8 u l-25 ta' Diċembru.
Il-Kummissjoni ppubblikat din il-lista f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* Nru 2023/C 39/07, li tinsab hawnhekk.
L-Istati Membri jipprovdu din il-lista lill-Kummissjoni kull sena. Xi whud mill-festi pubbliċi jvarjaw minn sena għall-oħra u mhux dejjem jaqgħu fid-data indikata hawn fuq.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regola ġenerali fid-dritt proċedurali ċivili Portuġiż hija li fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika, it-terminu huwa ta' għaxart ijiem għall-partijiet sabiex iressqu talba għal kwalunkwe att jew proċediment ġudizzjarju, jitolbu n-nullità, jippreżentaw eċċezzjoni inċidentali jew jeżerċitaw kull dritt proċedurali ieħor; it-terminu huwa wkoll ta' għaxart ijiem għall-parti sabiex twieġeb it-talba tal-parti l-oħra (l-Artikolu 149 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Bħala regola, it-terminu għal kull tweġiba dejjem jibda jgħodd min-notifika tal-att ikkonċernat (l-Artikolu 149(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
In-notifiki lill-partijiet waqt il-proċedimenti jsiru lir-rappreżentanti legali tagħhom.
Meta n-notifika tkun intenzjonata li tħarrek lil parti biex tidher personalment, minbarra li jiġi nnotifikat ir-rappreżentant, jintbagħat ukoll avviż irreġistrat bil-posta lill-parti stess, bl-indikazzjoni tad-data, il-post u r-raġuni għall-preżenza.
In-notifika lir-rappreżentanti ssir bil-posta elettronika (ara l-Ordni ta' Implimentazzjoni (*Portaria*) Nru 280/13 tas-26 ta' Awwissu 2013, li jista' jiġi kkonsultat hawnhekk), u s-sistema kompjuterizzata tiċċertifika d-data ta' meta tkun saret in-notifika, bin-notifika tkun preżunta li saret fit-tielet jum sussegwenti jew, jekk dak il-jum ma jkunx jum tax-xogħol, fl-ewwel jum tax-xogħol wara dak.
It-taħrika b'ittra rreġistrata, b'avviż tal-wasla, "titqies li seħħet fil-jum meta jiġi iffirmat l-avviż tal-wasla u li l-iffirmar ikun sar mill-persuna mħarrka anke jekk l-avviż tal-wasla jkun ġie ffirmat minn terzi, bil-preżunzjoni, sakemm ma jkunx hemm evidenza kuntrarja, li l-ittra ġiet ikkonsenjata fil-pront lir-riċevitur" (l-Artikolu 230(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Meta t-taħrika titwettaq minn rappreżentant legali, uffiċjal tal-qorti jew skrivan tal-qorti li jikkuntattja lill-persuna mħarrka, it-terminu jibda jiddekorri minn meta l-persuna tiffirma r-riferta.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Iva. Ara t-tweġiba tal-mistoqsija preċedenti.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Id-data attwali tal-att, tal-avveniment, tad-deċiżjoni, tat-taħrika jew tan-notifika ma tgħoddx (l-Artikolu 279(b) tal-Kodiċi Ċivili).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta t-terminu biex isir att proċedurali jintemm f'jum meta l-qrati jkunu magħluqin, il-perjodu jiġi estiż sal-jum tax-xogħol li jkun imiss (l-Artikolu 138(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Il-btajjel ġudizzjarji huma mit-22 ta' Diċembru sat-3 ta' Jannar, minn Ħadd il-Palm sal-għada tal-Għid il-Kbir u mis-16 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu.
Il-qorti tista', permezz ta' digriet motivat u wara li tisma' lill-partijiet, tissospendi t-terminu proċedurali, f'konformità mal-Artikolu 269(1)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-kalkolu ta' kwalunkwe terminu ma jinkludix il-jum – u lanqas is-siegħa, jekk it-terminu jkun espress f'sigħat – li fiha ikun seħħ l-avveniment li minnu jibda jiddekorri t-terminu, f'konformità mal-Artikolu 279(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Perjodu espress f'ġimgħat, f'xhur jew fi snin u li jibda minn ċerta data jispiċċa f'nofsillejl tal-jum korrispondenti tal-aħħar ġimgħa, xahar jew sena; jekk il-jum korrispondenti ma jkunx jeżisti fl-aħħar xahar, il-perjodu jispiċċa fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar (l-Artikolu 279(c) tal-Kodiċi Ċivili).

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Peress li l-qrati jifthu fil-ġranet tax-xogħol biss, u l-Ħdud u l-festi pubbliċi huma meqjusa bħala btajjel ġudizzjarji, il-perjodi li jintemmu l-Ħadd jew f'festa pubblika jiġu estiżi sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss jekk l-att ikkonċernat ikun irid isir fil-qorti.

Ir-regola għall-kalkolu tat-termini proċedurali kollha hija li tmiem il-perjodu għat-twettiq ta' att proċedurali jiġi estiż sal-jum tax-xogħol li jkun imiss jekk jaħbat ma' data meta l-qorti tkun magħluqa (l-Artikolu 138(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

It-terminu proċedurali stabbilit mil-liġi jista' jiġi estiż fil-każijiet previsti.

Bi qbil mal-partijiet, it-terminu jista' jiġi estiż darba u għall-istess tul taż-żmien (l-Artikolu 141 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fil-każ ta' impediment ġustifikat: il-liġi tippermetti estensjoni tat-terminu (l-Artikolu 140 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-liġi tippermetti wkoll li l-att jitwettaq fl-ewwel tlett ijiem tax-xogħol wara l-iskadenza tat-terminu, soġġett għall-ħlas ta' multa (ara l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

It-terminu għall-preżentata ta' appell huwa ta' 30 jum li jibdew jgħoddu min-notifika tad-deċiżjoni (l-Artikolu 638 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), u 15-il jum għal kawżi urġenti u fil-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 644(2) u fl-Artikolu 677 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

F'dawk il-każijiet fejn id-deċiżjoni ma tiġix notifikata: il-perjodu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-persuna kkonċernata tkun saret taf bid-deċiżjoni.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

It-termini proċedurali statutorji ma jistgħux jitqassru. Madankollu, il-Qorti tista' tistabbilixxi data jew terminu għad-dehra tal-partijiet involuti.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Meta ċ-ċitazzjoni tiġi nnotifikata barra miż-żona ġeografika tad-distrett tal-qorti fejn il-kawża tkun pendenti, it-terminu għall-persuna mħarrka biex tippreżenta difiża biex tikkontesta talba ċivili partikolari jiġi estiż (l-Artikolu 245 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

L-iskadenza tat-terminu obbligatorju jxejjen id-dritt li jitwettaq l-att. Madankollu, l-att jista' jitwettaq wara l-iskadenza tat-terminu f'każ ta' impediment ġustifikat u, irrispettivament minn hekk, jista' jitwettaq ukoll fl-ewwel tlett ijiem tax-xogħol wara l-iskadenza, bil-kundizzjoni tal-ħlas immedjat ta' multa (l-Artikolu 139 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

L-att jista' jsir wara l-iskadenza tat-terminu f'każijiet ta' impediment ġustifikat.

Skont l-Artikolu 140 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, impediment ġustifikat jitqies bħala avveniment mhux attribwibbli lill-parti jew lir-rappreżentanti jew lill-aġenti awtorizzati tagħha li jipprevjeni att partikolari milli jitwettaq fi żmien xieraq. F'dan il-każ, il-parti li tallega l-impediment iġġustifikat jenħtieġ li tipprovdi minnufih l-evidenza ta' sostenn.

Irrispettivament minn impediment ġustifikat, l-att jista' jsir fi żmien l-ewwel tlett ijiem tax-xogħol wara l-iskadenza tat-terminu, bil-kundizzjoni tal-ħlas immedjat ta' multa, kif intqal hawn fuq, u l-qorti tista', b'mod eċċezzjonali, tiddeċiedi li tnaqqas jew taħfer il-multa f'każijiet ta' problemi finanzjarji ċari jew meta l-ammont jitqies bħala manifestament sproporzjonat, partikolarment f'kawżi li ma jirrikjedux li jitqabbad rappreżentant legali u meta l-att ikun sar mill-partijiet stess.

Links relatati

Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja

Id-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

Il-Kodiċi Ċivili

L-aħħar aġġornament: 12/12/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna ro ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Rumanija

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Mill-perspettiva proċedurali, it-terminu proċedurali huwa, bħala regola ġenerali, iddefinit bħala l-perijodu li fih ċerti atti proċedurali jridu jitwettqu jew, għall-kuntrarju, huma pprojbiti. Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma stabbiliti fl-Artikoli 180 sa 186 tal-Liġi Nru 134/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ippubblikata mill-ġdid, kif sussegwentement emendata u kkompletata (li daħħlet fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2013).

Fir-rigward tad-diversi tipi ta' termini applikabbli skont il-proċedura ċivili, dawn kollha huma kklassifikati skont il-mod li bih ġew iddefiniti, bħala termini legali, ġudizzjarji jew konvenzjonali (irrispettivament min-natura tagħhom). It-termini legali huma dawk espressament previsti mil-liġi u huma stabbiliti fil-prinċipju, sabiex ma jkunux jistgħu jitqassru jew jiġu estiżi mill-imħallef jew mill-partijiet (pereżempju, it-terminu ta' ħamest ijiem għan-notifika taċ-ċitazzjoni). Bħala eċċezzjoni, il-liġi tippermetti l-estensjoni jew it-tqassir ta' ċerti limiti ta' żmien legali. Il-limiti ta' żmien ġudizzjarji huma dawk li jiġu stabbiliti mill-qorti matul ir-riżoluzzjoni tal-kawżi, għad-dehra tal-partijiet, għas-smigħ tax-xhieda, għall-amministrazzjoni tal-evidenza l-oħra, jiġifieri dokumenti, rapporti tal-esperti, eċċ. Il-limiti ta' żmien konvenzjonali huma dawk li jistgħu jiġu ffissati mill-partijiet matul is-smigħ tat-tilwim u ma jeħtiġux approvazzjoni mill-qorti.

Skont it-tip tagħhom, it-termini proċedurali huma imperattivi (manifesti) u projbittivi (differibbli), tal-ewwel huma dawk li fihom irid jitwettaq ċertu att proċedurali (pereżempju, il-limiti ta' żmien li fihom għandu jiġi ppreżentat appell - appell, it-tieni appell, eċċ.) u tal-aħħar huma dawk li fihom il-liġi tipprojbixxi kwalunkwe att proċedurali.

Kriterju ieħor għall-klassifikazzjoni tat-termini huwa relatat mas-sanzjoni applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tagħhom, peress li t-termini huma assoluti u relattivi. It-termini assoluti, jekk ma jiġux osservati, fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw il-validità tal-atti proċedurali, filwaqt li n-nuqqas ta' osservanza tat-termini relattivi, anki jekk mhux neċessarjament jirriżulta fl-invalidazzjoni tal-atti proċedurali, jista' jiskatta l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinari jew finanzjarji għall-partijiet ħatja (it-terminu għad-deċiżjoni, it-terminu għat-tħejjija, eċċ.).

Fl-aħħar nett, b'rabta mad-durata tagħhom, il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu espressi f'sigħat, jiem, ġimgħat, xhur u snin u din il-klassifikazzjoni hija prevista wkoll fl-Artikolu 181 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Barra minn hekk, hemm każijiet partikolari meta l-liġi ma tipprevedix speċifikament ċertu tip ta' limitu ta' żmien (siegħa, jum, eċċ.), iżda għal mument partikolari għat-tlestija tal-att proċedurali (pereżempju, il-każ ta' oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni, li jista' jiġi ppreżentat sal-aħħar att ta' infurzar) jew tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jindikaw li l-att għandu jitwettaq "mingħajr dewmien" jew "malajr kemm jista' jkun" jew "bħala kwistjoni ta' urġenza".

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971

Skont il-liġi Rumena, il-jiem mhux tax-xogħol huma s-Sibtijiet u l-Ħdud kollha, li magħhom jiżdiedu l-festi pubbliċi li ġejjin: L-1 u l-2 ta' Jannar (is-Sena l-Ġdida); l-24 ta' Jannar (jum l-Unifikazzjoni tal-Prinċipalitajiet Rumeni); L-Għid - jumejn skont id-dati tal-kalendarju (inkluża l-Ġimgħa l-Kbira); l-1 ta' Mejju (jum ix-Xogħol); l-1 ta' Ġunju (jum it-Tfal); Il-Pentekoste - ġurnata waħda skont id-dati tal-kalendarju; il-15 ta' Awwissu (l-Assunzjoni ta' Marija); it-30 ta' Novembru (Jum San Andrew); l-1 ta' Diċembru (Jum Nazzjonali); il-25 u s-26 ta' Diċembru (il-Milied).

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli applikabbli dwar il-limiti ta' żmien huma dawk stabbiliti fl-Artikoli 180 sa 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Kull limitu ta' żmien għandu punt tat-tluq u punt ta' tlestija, bid-durata bejniethom.

Fir-rigward tat-terminu tal-bidu, l-Artikolu 184(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi li t-termini jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-atti proċedurali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.

Madankollu, hemm ukoll każijiet fejn in-notifika tal-att proċedurali stabbilita bħala punt tat-tluq għat-termini tista' tiġi sostitwita b'atti proċedurali ekwivalenti (kawżi ta' ekwipollenza). Għalhekk, in-notifika tal-att proċedurali li jibda jiddekorri t-terminu hija sostitwita, f'xi każijiet, minn proċedimenti oħra li huma l-punt tat-tluq għat-terminu (pereżempju, it-talba biex l-atti proċedurali jiġu nnotifikati lill-parti opposta, il-preżentata ta' appell jew in-notifika tal-mandat ta' eżekuzzjoni).

B'deroga mir-regola ġenerali, hemm ukoll każijiet fejn it-termini jibdew jiddekorru minn mumenti oħra għajr in-notifika, jiġifieri mid-deċiżjoni (li tikkonstata l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni, li tissupplimenta s-sentenza); mir-rikonoxximent tal-evidenza (għas-sottomissjoni tal-ammonti mitluba jew il-lista tax-xhieda fi żmien ħamest ijiem), mill-pubblikazzjoni ta' ċerti dokumenti (għar-reklamar għall-bejgħ ta' bini fi żmien ħamest ijiem).

Fir-rigward tal-punt tat-tlestija, dan huwa definit bħala l-mument meta jinkiseb l-effett tal-limitu ta' żmien, li huwa t-tmiem tal-possibbiltà li jitwettaq il-proċediment li għalih ġie stabbilit limitu ta' żmien (għal termini imperattivi) jew, għall-kuntrarju, jiddetermina / jimmarka l-mument meta jirriżulta d-dritt li jitwettqu ċerti atti proċedurali (għal termini projbittivi).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Bejn il-punt tat-tluq u l-punt ta' tlestija, it-termini jibdew japplikaw mingħajr interruzzjoni, fil-prinċipju, mingħajr ebda possibbiltà ta' interruzzjoni jew sospensjoni. Madankollu, it-tfixkil minħabba ċirkustanza li tmur lil hinn mit-testment tal-parti – li huwa msemmi fl-Artikolu 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili – huwa raġuni biex jiġu interrotti t-termini proċedurali. Ċirkostanzi speċjali oħra għall-interruzzjoni huma miżjuda ma' dan il-każ: (pereżempju, l-interruzzjoni tal-limitu ta' żmien tal-appell - l-Artikolu 469 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fl-istess ħin, il-liġi tipprevedi li l-limitu ta' żmien proċedurali jista' jiġi sospiż ukoll (kif inhu l-każ għall-perjodu ta' preskrizzjoni – l-Artikolu 418 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Jekk it-terminu jiġi interrott skont l-Artikolu 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, wara li jkun waqaf it-tfixkil, jibda jiddekorri terminu invarjabbli ta' 15-il jum, irrispettivament mit-tul tat-terminu interrott. Fil-każ ta' sospensjoni, il-limitu ta' żmien ikompli jiddekorri mill-punt fejn dik is-sospensjoni tkun waqfet, u ż-żmien li jkun għadda qabel is-sospensjoni tal-limitu ta' żmien jiżdied miegħu wkoll.

F'konformità mal-Artikolu 183 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dokument proċedurali ppreżentat fil-limitu ta' żmien legali permezz ta' ittra rreġistrata ppreżentata lill-uffiċċju postali jew lil servizz ta' kurrier express jew lil servizz speċjalizzat ta' komunikazzjoni jew mibgħut bil-faks jew bil-posta elettronika jitqies li jkun fil-limitu ta' żmien. Id-dokument ippreżentat mill-parti interessata fil-limitu ta' żmien legali fl-unità militari jew fl-uffiċċju tal-amministrazzjoni tal-post fejn dik il-parti tkun detenuta jitqies ukoll li jkun fil-limitu ta' żmien. L-irċevuta mill-uffiċċju postali u r-reġistrazzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni mis-servizz ta' kurrier express, is-servizz ta' komunikazzjoni speċjalizzat, l-unità militari jew l-uffiċċju ta' amministrazzjoni fejn il-parti interessata tinżamm, fejn xieraq, fuq id-dokument ippreżentat, kif ukoll ir-referenza tad-data u l-ħin tal-wasla tan-numru tal-faks jew tal-posta elettronika, kif attestat mill-kompjuter jew il-faks riċeventi tal-qorti, huma prova tad-data meta dik il-parti interessata ppreżentat l-att.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

F'konformità mal-Artikolu 181 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-limiti ta' żmien espressi f'jiem jiġu kkalkulati skont is-sistema esklużiva, jiġifieri skont jiem liberi, la l-jum meta tibda tiddekorri - *dies a quo* - u lanqas il-jum meta tintemm - *dies ad quem* ma jiġu kkunsidrati, u r-regoli applikabbli huma dawk speċifikati b' rabta mal-punt tat-tluq, kif ippreżentat fl-Artikolu 4.

Il-limiti ta' żmien espressi f'jiem huma dejjem ikkalkulati f'jiem ċari; madankollu l-att jista' jiġi ppreżentat biss fi żmien il-ħinijiet tax-xogħol tas-servizzi tal-qorti. Madankollu, dan in-nuqqas jista' jiġi rrimedjat billi jintbagħat l-att proċedurali bil-posta, bl-uffiċjal postali jindika d-data u l-mezzi ta' notifika effettiva lir-riċevitur. Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba għall-Mistoqsija 4.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Pereżempju, jekk persuna trid taġixxi jew tiġi nnotifikata att nhar it-Tnejn, l-4 ta' April 2005, u tintalab tagħti tweġiba fi żmien 14-il jum min-notifika, dan ifisser li l-persuna kkonċernata trid twieġeb qabel:

It-Tlieta, id-19 ta' April (jiem kalendarji) jew

Il-Ġimgħa, it-22 ta' April (ġranet ta' xogħol)?

It-tweġiba korretta hija li l-għadd speċifikat ta' jiem jinkludi jiem kalendarji. Il-persuna kkonċernata trid tieħu azzjoni effettiva sad-19 ta' April inkluża.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

F'konformità mal-Artikolu 182 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-limiti ta' żmien espressi fi snin, xhur jew ġimgħat jintemmu fil-jum tas-sena, tax-xahar jew tal-ġimgħa li jikkorrispondu għall-jum tal-bidu.

Il-limitu ta' żmien li, mid-29, it-30 jew il-31 tax-xahar, jintemm f'xahar mingħajr ebda jum bħal dan għandu jitqies bħala mitmum fl-aħħar jum tax-xahar.

Il-limitu ta' żmien li jintemm f'festa pubblika jew meta s-servizz jiġi sospiż se jiġi estiż sa tmiem l-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Il-limitu ta' żmien espress f'ġimgħat, xhur jew snin jiskadi fil-jum korrispondenti fl-aħħar ġimgħa jew xahar jew fl-aħħar sena. Jekk l-aħħar xahar ma jkollux jum korrispondenti għal dak meta t-terminu jkun beda jiddekorri, it-terminu jintemm fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar. Meta l-aħħar jum ta' limitu ta' żmien ikun jum mhux tax-xogħol, il-limitu ta' żmien jiġi estiż għall-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva, meta l-aħħar jum ta' limitu ta' żmien ikun jum mhux tax-xogħol, il-limitu ta' żmien jiġi estiż għall-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

L-Artikolu 184 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jispeċifika li t-terminu proċedurali jiġi interrott u terminu ġdid jibda jiddekorri mid-data tan-notifika l-ġdida fil-każijiet li ġejjin:
meta xi waħda mill-partijiet tkun mietet; f'dan il-każ, dokument ġdid jiġi nnotifikat lill-aħħar domiċilju tal-parti deċeduta, lill-werriet, mingħajr ma jintwera l-isem u l-pożizzjoni ta' kull werriet;
meta r-rappreżentant ta' xi waħda mill-partijiet ikun miet; f'dan il-każ, dokument ġdid jiġi nnotifikat lill-parti kkonċernata.
It-terminu proċedurali ma jibdiex jiddekorri u, jekk jibda jiddekorri qabel, jiġi interrott fir-rigward tal-parti li ma jkollhiex il-kapaċità li taġixxi jew li jkollha kapaċità limitata li taġixxi sakemm persuna tkun inħatret biex tirrappreżenta jew tassisti lil dik il-parti, fejn xieraq.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Iva, hemm limiti ta' żmien speċjali għal diversi oqsma tal-liġi. Il-limiti ta' żmien ġenerali għall-appell u t-tieni appell huma ta' 30 jum fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. F'ċerti materji (proċeduri speċjali), pereżempju, fil-każ ta' inġunzjoni interlokutorja, it-terminu għall-appell huwa ta' ħamest ijiem, li huwa iqsar mit-terminu għall-preżentata ta' appell skont il-liġi ordinarja.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

It-tweġiba hija iva, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, il-liġi tippermetti lill-imħallef jew jestendi l-limitu ta' żmien (pereżempju, b'ħamest ijiem skont l-Artikoli 469 u 490 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — fi kwistjonijiet ta' appell u tat-tieni appell, rispettivament), jew iqassar (pereżempju, skont l-Artikolu 159 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili - b'rabta mat-terminu għan-notifika taċ-ċitazzjoni ħamest ijiem qabel id-data tas-seduta).

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Skont l-Artikolu 1088 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fi proċedimenti ċivili internazzjonali, il-qorti tapplika d-dritt proċedurali Rumen soġġett għal dispożizzjonijiet espliċiti kuntrarji. Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba għall-Mistoqsijiet 5, 11 u 16.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Kif intqal hawn fuq, in-nuqqas ta' osservanza ta' limitu ta' żmien assolut fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-validità tal-proċedimenti, filwaqt li n-nuqqas ta' osservanza tat-termini relattivi, anki jekk mhux neċessarjament jirriżulta fl-invalidazzjoni tal-atti proċedurali, jista' jiskatta l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinari jew finanzjarji għall-partijiet ħatja (termini għal deċiżjoni, termini ta' tħejjija, eċċ.).
In-nuqqas ta' osservanza tat-termini proċedurali x'aktarx li jwassal għall-applikazzjoni ta' diversi sanzjonijiet, kif ġej:
in-nullità tal-att proċedurali;
ir-revoka tal-limitu ta' żmien stabbilit għat-twettiq tal-att proċedurali;
l-iskadenza tal-validità tat-talba riferuta lill-qorti;
limitazzjoni fuq id-dritt li wieħed ifittex infurzar;
sanzjonijiet finanzjarji;
sanzjonijiet dixxiplinarji;
l-obbligu li jitwettaq mill-ġdid jew li jiġi emendat att magħmul mingħajr ebda formalità legali;
obbligu li jingħata kumpens lill-parti danneġġjata għal ksur tal-formalitajiet proċedurali.
L-Artikolu 185 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprevedi li, meta dritt proċedurali jrid jiġi eżerċitat f'ċertu limitu ta' żmien, in-nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu jiskatta r-revoka ta' dak id-dritt, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi. L-att proċedurali mwettaq wara li jkun skada l-limitu ta' żmien huwa null. Fejn il-liġi tipprevedi l-waqfien ta' att proċedurali f'limitu ta' żmien, l-att li jkun sar qabel ma jkun intemm il-limitu ta' żmien jista' jiġi annullat fuq talba tal-parti interessata.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

L-Artikolu 186 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjara li l-parti li tkun tilfet terminu proċedurali tingħata terminu ġdid biss jekk tipprova li d-dewmien huwa debitament iġġustifikat. Il-parti kkonċernata għandha twettaq l-att proċedurali fi żmien mhux aktar minn 15 jum mid-data meta l-waqfien ikun waqaf u, fl-istess ħin, titlob li tingħata limitu ta' żmien ġdid. Jekk ifittxu rimedji, il-limitu ta' żmien huwa l-istess bħal dak previst meta jiġi ppreżentat appell. It-talba għal limitu ta' żmien ġdid se tiġi ttrattata mill-qorti kompetenti li tittratta t-talba rigward id-dritt mhux eżerċitat fil-limitu ta' żmien. Meta l-parti jkollha tort, ma jkun hemm l-ebda rimedju proċedurali disponibbli.

L-aħħar aġġornament: 05/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Slovenja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Skont il-liġi proċedurali Slovena, terminu huwa perjodu ta' żmien ristrett b'żewġ punti fiż-żmien - il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' żmien - li fih jista' jitwettaq u, b'mod eċċezzjonali, ma jkunx jista' jitwettaq att proċedurali partikolari.
Il-liġi Slovena tirrikonoxxi termini differenti:
termini sostantivi u proċedurali: it-termini sostantivi jiġu stabbiliti minn liġi sostantiva sabiex jiġu affermati d-drittijiet u huma maqsuma f'termini ta' preskrizzjoni negattiva, li mal-iskadenza tagħhom dritt jiġi tterminat bil-liġi, u termini ta' limitazzjoni, meta dritt ma jkunx jista' jiġi affermat aktar jekk il-parti opposta toġġezzjona. It-termini proċedurali jiġu stabbiliti għat-twettiq ta' atti proċedurali;
termini statutorji u ġudizzjarji: it-termini statutorji u t-tul ta' żmien tagħhom jiġu stabbiliti direttament mil-liġi, filwaqt li t-termini ġudizzjarji jiġu stabbiliti minn qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha ta' kawża partikolari;
termini li jistgħu jiġu estiżi u li ma jistgħux jiġu estiżi: it-termini ġudizzjarji jistgħu jiġu estiżi, filwaqt li t-termini statutorji ma jistgħux;
perjodi ta' żmien suġġettivi u oġġettivi: il-perjodi ta' żmien suġġettivi jibdew meta persuna eliġibbli ssir taf b'avveniment partikolari jew tkun kisbet opportunità li twettaq att proċedurali, filwaqt li l-perjodi ta' żmien oġġettivi jibdew meta sseħħ ċirkostanza oġġettiva partikolari;
preskrizzjoni proċedurali u termini indikattivi: malli jiskadi terminu ta' preskrizzjoni proċedurali, att proċedurali li għalih japplika t-terminu ma jkunx jista' jitwettaq aktar b'konsegwenza effettiva, filwaqt li l-ksur ta' terminu indikattiv ma għandux konsegwenzi legali diretti.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Skont ir-Regolament Nru 1182/71, 'jum tax-xogħol' ifisser il-jiem kollha minbarra l-btajjel pubbliċi, il-Ħdud u s-Sibtijiet. Il-**btajjel pubbliċi** li ġejjin huma indikati bħala jiem mhux tax-xogħol fis-Slovenja mill-Att dwar il-Btajjel Pubbliċi u l-Jiem Mhux tax-Xogħol fir-Repubblika tas-Slovenja (Zakon o praznikih in dela prostih dnevih v Republiki Sloveniji; bl-abbrevjazzjoni ZPDPD):
L-1 ta' Jannar - L-Ewwel tas-Sena;
It-8 ta' Frar - Jum Prešeren, il-Btala Kulturali Slovena;
Is-27 ta' April - Il-Jum tar-Rewwixta Kontra l-Okkupazzjoni;

L-1 u t-2 ta' Mejju - Il-Btala ta' Jum il-Ħaddiem;
Il-25 ta' Ġunju - Jum is-Sovranità;
L-1 ta' Novembru - Jum il-Qaddisin Kollha;
Is-26 ta' Diċembru - Jum l-Indipendenza u l-Unità.
Il-jiem mhux tax-xogħol fis-Slovenja jinkludu wkoll:
Ħadd il-Għid u t-Tnejn ta' wara l-Għid;
Il-15 ta' Awwissu - It-Tlugħ is-Sema tal-Madonna;
Il-31 ta' Ottubru - Jum ir-Riforma;
Il-25 ta' Diċembru - Il-Milied.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli ġenerali dwar it-termini proċedurali fil-liġi Slovena huma preskritti mill-Att dwar il-Proċedura Ċivili (Zakon o pravdnem postopku; bl-abbrevjazzjoni: ZPP). L-Artikoli 110 sa 112 u 116 sa 120 taz-ZPP huma direttament applikabbli fil-proċeduri ta' qorti ċivili u, mutatis mutandis, fi proċedimenti mhux kontenzjuži, fi proċedimenti ta' infurzar u sigurtà u fi proċedimenti għal ftehim obbligatorju jew falliment minħabba insolvenza ta' impriża jew il-likwidazzjoni tagħha.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-liġi Slovena tirrikonoxxi l-għadd ċivili tal-perjodi ta' żmien, li huwa l-għadd bil-jiem. Il-perjodi ta' żmien jiġu kkalkolati f'jiem, xhur u snin. Jekk perjodu ta' żmien ikun espress f'jiem, il-jum tan-notifika ta' dokument tal-qorti jew il-jum tal-avveniment minn meta jibda l-perjodu ta' żmien ma jiġix inkluż fil-perjodu ta' żmien. Minflok, l-ewwel jum tal-perjodu ta' żmien huwa l-ewwel jum li jkun imiss. It-termini li huma espressi f'xhur jew snin jiskadu fi tmiem il-jum tal-aħħar xahar jew sena, li n-numru tiegħu jikkorrespondi għad-data meta beda t-terminu. Jekk ma jkun jeżisti ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar. F'dawn il-każijiet, il-perjodi ta' żmien jibdew fil-jum li fih ikun seħħ l-avveniment minn meta jingħadd il-perjodu ta' żmien (pereżempju, jekk ikun meħtieġ li att proċedurali jitwettaq fi żmien sena min-notifika ta' dokument u n-notifika seħħet fil-25 ta' April 2005, il-perjodu ta' żmien jiskadi fil-25 ta' April 2006). Jekk l-aħħar jum ta' perjodu ta' żmien ikun Sibt, Ħadd, btala pubblika jew jum mhux tax-xogħol ieħor definit bħala tali mill-Att dwar il-Btajjel Pubbliċi u l-Jiem Mhux tax-Xogħol fir-Repubblika tas-Slovenja (ara l-punt 2 hawn fuq), il-perjodu ta' żmien jiskadi fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara. Il-jiem imsemmija hawn fuq ma għandhom ebda effett fuq il-bidu u l-kors tal-proċedimenti, minħabba li l-perjodu ta' żmien jiddekorri mingħajr interruzzjoni f' dawn il-jiem ukoll. Eċċezzjoni għal din ir-regola hija l-vaganzi ġudizzjarji (bejn il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu), li matulhom ma jista' jibda jiddekorri ebda perjodu ta' żmien; minflok, dan jibda fl-ewwel jum wara l-vaganzi ġudizzjarji.
L-avvenimenti li warajhom jibdew il-perjodi ta' żmien ħafna drabi huma n-notifika ta' dokument tal-qorti, azzjoni mill-parti opposta jew avveniment mhux proċedurali.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Skont il-liġi Slovena, id-dokumenti jiġu nnotifikati bil-posta, minn uffiċjal ġudizzjarju, f'qorti jew bi kwalunkwe mod ieħor preskritt mil-liġi. Meta perjodu ta' żmien jibda jiddekorri man-notifika, il-metodu ta' notifika tad-dokumenti ma jkollu ebda effett fuq meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' żmien. Il-perjodu ta' żmien jibda jiddekorri meta effettivament tkun seħħet in-notifika jew meta titqies li seħħet f'konformità mal-liġi.
In-notifika tad-dokumenti hija rregolata mill-Artikoli 132 ff. taz-ZPP. Dan jiddistingwi bejn notifika mhux personali (ordinarja) u notifika personali bil-posta, u notifika permezz ta' mezzi elettroniċi siguri, li jistgħu jkunu wkoll personali jew ordinarji.
Fin-**notifika mhux personali tad-dokumenti** (l-Artikoli 140 u 141 taz-ZPP), in-notifika titqies bħala li seħħet fil-jum li fih marixxall jagħti d-dokumenti lil destinatarju fid-dar jew fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Jekk id-destinatarju ma jkunx jista' jinstab fid-dar tiegħu, id-dokumenti jistgħu jingħataw lil persuna adulta fil-familja tiegħu. Jekk il-marixxall jinnotifika d-dokumenti fuq il-post tax-xogħol tad-destinatarju u dan ma jkunx qiegħed hemm fil-ħin tan-notifika jew il-marixxall ma jkunx jista' jsib lill-persuna minħabba proċeduri tax-xogħol fuq il-post tax-xogħol, in-notifika titqies bħala li seħħet meta d-dokumenti jingħataw lil persuna awtorizzata sabiex taċċetta l-posta jew lil persuna li hija impjegata f'tali post tax-xogħol. Jekk id-destinatarju jkun jgħix f'akkomodazzjoni u l-marixxall ma jkunx jista' jsibu hemmhekk, id-dokumenti jingħataw lil persuna hemmhekk li tkun awtorizzata sabiex taċċetta l-posta tar-residenti. It-terminu jibda l-għada li ssir din in-notifika. Jekk it-tali notifika mhijiex possibbli, il-marixxall jiddepożita d-dokumenti f'kaxxa tal-ittri fl-indirizz tar-residenza. In-notifika tkun meqjusa li tkun saret fil-jum li d-dokument jitħalla fil-kaxxa tal-ittri. Jekk id-destinatarju ma jkollux kaxxa tal-ittri jew din ma tkunx tista' tintuża, id-dokumenti jistgħu jiġu kkonsenjati lill-qorti li tkun talbet li ssir in-notifika jew inkella lil uffiċċju postali lokali, filwaqt li jitħalla avviż tan-notifika fuq il-bieb ta' quddiem tad-dar li jgħid minn fejn jistgħu jinġabru d-dokumenti. In-notifika titqies bħala li seħħet dakinhar li l-avviż tan-notifika jitwaħħal mal-bieb. L-uffiċċju postali jżomm id-dokumenti għal 30 jum. Jekk id-destinatarju ma jiġborx id-dokumenti f'dak il-perjodu ta' żmien, id-dokumenti jintbagħtu lura lill-qorti. Jekk id-dokumenti jkunu jridu jiġu nnotifikati lil entità ġuridika, irreġistrata fir-reġistru, jew lil imprenditur indipendenti, u ma jkunx possibbli li n-notifika ssir fl-indirizz tal-istabbiliment irreġistrat fir-reġistru, in-notifika ssir billi d-dokumenti jew l-avviż tan-notifika jitħallew fl-indirizz li jkun irreġistrat fir-reġistru, diment li dan l-indirizz fil-fatt ikun jeżisti.
Notifika personali (l-Artikoli 142 u 143 taz-ZPP) titwettaq meta n-notifika tkun tikkonċerna azzjoni, deċiżjoni tal-qorti li kontriha huwa permess appell jew rimedju legali straordinarju, ordni ta' ħlas għall-miżata tal-qorti għall-preżentazzjonijiet skont l-Artikolu 105a taz-ZPP, stedina għal seduta ta' soluzzjoni tat-tilwim jew l-ewwel seduta prinċipali. Dokumenti oħrajn jiġu nnotifikati personalment biss meta dan ikun meħtieġ bil-liġi jew meta qorti tivvaluta li dan huwa meħtieġ minħabba li d-dokumenti huma oriġinali jew għal xi raġuni oħra li teħtieġ attenzjoni akbar. Il-perjodu ta' żmien jibda jiddekorri mill-għada li ssir din in-notifika. Il-perjodu ta' żmien jista' jiskadi f'jum mhux tax-xogħol, li jfisser li jekk jiskadi f'jum mhux tax-xogħol, il-perjodu ta' żmien jiġi estiż għall-jum tax-xogħol li jkun imiss.
Jekk tkun meħtieġa notifika personali diretta iżda din ma tkunx possibbli, il-marixxall jista' jħalli d-dokument f'kaxxa tal-ittri jew iwaħħal avviż dwar in-notifika tad-dokumenti mal-bieb ta' quddiem tad-dar, li jistabbilixxi t-terminu ta' 15-il jum li fih id-destinatarju jista' jiġbor id-dokumenti minn uffiċċju postali lokali, meta jkun sar tentattiv sabiex in-notifika ssir bil-posta, jew inkella mill-qorti li tkun ordnat in-notifika. In-notifika titqies bħala li seħħet meta d-destinatarju jiġbor id-dokumenti mill-uffiċċju postali jew wara 15-il jum jekk id-destinatarju ma jiġborx id-dokumenti. Meta d-destinatarju ma jiġborx id-dokumenti, il-perjodu ta' żmien jibda jiddekorri mill-għada li sseħħ in-notifika jew minn meta jitqies li seħħet in-notifika.
In-notifika elettronika tad-dokumenti tista' ssir b'mezzi elettroniċi siguri. Is-sistema ta' informazzjoni ġudizzjarja tibgħat awtomatikament dokumenti fl-indirizz irreġistrat għan-notifika jew lil kaxxa postali elettronika sigura minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jwettqu n-notifika ta' dokumenti b'mezzi elettroniċi siguri bħala attività reġistrata abbażi ta' liċenzja speċjali mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Id-destinatarju jrid jiġbor id-dokumenti fi żmien 15-il jum. Id-destinatarju għandu jiġbor id-dokumenti mis-sistema ta' informazzjoni billi jipprova l-identità tiegħu bil-mod preskritt, jiffirma l-prova ta' notifika elettronikament u jirritornaha lill-ispeditur permezz ta' mezz elettroniku sigur. In-notifika titqies bħala li seħħet fil-jum li d-destinatarju jaċċetta d-dokumenti elettroniċi. Jekk id-dokumenti ma jiġux aċċettati fi żmien 15-il jum, in-notifika titqies bħala li seħħet wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu ta' żmien. Id-destinatarju jrid jkollu l-possibbiltà li jsir jaf dwar il-kontenut tad-dokumenti mill-inqas tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 15-il jum wara li jkun irċieva d-dokumenti elettroniċi. Jekk id-destinatarju ma jiġborx id-dokumenti, il-perjodu ta' żmien jibda jiddekorri mill-għada li sseħħ in-notifika jew minn meta jitqies li seħħet in-notifika. **Irid jiġi enfasizzat li minkejja**

li teżisti bażi ġuridika statutorja, in-notifika elettronika għadha mhijiex possibbli fil-proċedimenti ġudizzjarji kummerċjali u ċivili, bl-eċċezzjoni tal-proċedimenti ta' infurzar, insolvenza u tar-reġistru tal-artijiet. Rigward l-użu ta' operazzjonijiet elettroniċi, jekk jogħġbok ara s-suġġett 'ipproċessar awtomatizzat'.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta perjodu ta' żmien ikun espress f'jiem, il-jum tan-notifika ta' dokument tal-qorti jew il-jum ta' avveniment minn meta jibda perjodu ta' żmien ma jiġix inkluż fil-perjodu ta' żmien; minflok, l-ewwel jum tal-perjodu ta' żmien huwa l-jum wara n-notifika tad-dokument tal-qorti jew il-jum wara l-avveniment.

It-termini li huma espressi f'xhur jew snin jiskadu fi tmiem il-jum tal-aħħar xahar jew sena, li n-numru tiegħu jikkorrespondi għad-data meta beda t-terminu. Jekk ma jkun jeżisti ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar. F'dawn il-każijiet, il-perjodi ta' żmien jibdew fil-jum li fih ikun seħħ avveniment minn meta jingħadd il-perjodu ta' żmien (pereżempju, jekk ikun meħtieġ li att proċedurali jitwettaq fi żmien sena min-notifika ta' dokument u n-notifika seħħet fil-25 ta' April 2005, il-perjodu ta' żmien jiskadi fil-25 ta' April 2006).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta terminu jkun espress f'jiem, dan ifisser jiem kalendarji. Il-perjodi ta' żmien jiddekorru mingħajr interruzzjoni, inklużi Sibtijiet, Ħdud u jiem mhux tax-xogħol. Pereżempju, jekk sentenza ġiet innotifikata nhar ta' Ġimgħa, il-perjodu ta' żmien għal appell jibda jiddekorri s-Sibt. Jekk l-aħħar jum ta' perjodu ta' żmien ikun Sibt, Ħadd, btala pubblika jew jum mhux tax-xogħol ieħor preskritt bħala tali mill-Att dwar il-Btajjel Pubbliċi u l-Jiem Mhux tax-Xogħol fir-Repubblika tas-Slovenja, it-terminu jiskadi fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

Meta jingħaddu t-termini, jeħtieġ li jiġu applikati wkoll ir-regoli speċjali stabbiliti fl-Artikolu 83 tal-Att dwar il-Qrati (Zakon o sodiščih), li jirregolaw il-vaganzi ġudizzjarji. Bejn il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu, il-qrati jmexxu biss seduti ta' smigħ u jiddeċiedu dwar kwistjonijiet urġenti, li huma definiti bħala tali mil-liġi (inġunzjonijiet, il-kura u l-kustodja tat-tfal, l-obbligi ta' manteniment, eċċ.). Ħlief fi kwistjonijiet urġenti, il-perjodi ta' żmien proċedurali ma jiddekorrux. Jekk in-notifika tkun saret matul il-vaganzi ġudizzjarji (pereżempju, fl-20 ta' Lulju), it-terminu proċedurali jibda jiddekorri l-għada tal-aħħar jum tal-vaganzi ġudizzjarji, li huwa s-16 ta' Awwissu. It-termini proċedurali wkoll ma jistgħux jiskadu matul il-vaganzi ġudizzjarji. Pereżempju, jekk in-notifika tkun saret fl-10 ta' Lulju, it-terminu ta' 15-il jum jiskadi fis-26 ta' Awwissu. Id-dekorrenza tat-termini tiġi interrotta mill-vaganzi ġudizzjarji.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-liġi Slovena ma tesprimix it-termini f'termini ta' ġimgħat. It-termini jiġu kkalkolati f'jiem, xhur u snin. Is-Sibtijiet, il-Ħdud u jiem mhux tax-xogħol oħrajn ma għandhom ebda effett fuq terminu, u terminu ma jistax jiskadi f'jum bħal dan. Jekk l-aħħar jum ta' terminu jkun Sibt, Ħadd, btala pubblika jew jum mhux tax-xogħol ieħor definit bħala tali mill-Att dwar il-Btajjel Pubbliċi u l-Jiem Mhux tax-Xogħol fir-Repubblika tas-Slovenja, it-terminu jiskadi fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

Id-dispożizzjonijiet fl-Att dwar il-Qrati li jikkonċernaw it-termini matul il-vaganzi ġudizzjarji huma deficjenti fir-rigward tat-termini li huma espressi f'xhur jew snin, u li għalihom l-Artikolu 111(3) taz-ZPP jistabbilixxi li huma jiskadu fil-jum li n-numru tiegħu jikkorrespondi għad-data meta beda t-terminu. Il-vaganzi ġudizzjarji ma jaffettwawx id-dekorrenza tat-termini espressi fi snin. Skont il-ġurisprudenza, it-termini espressi f'xhur ma jiddekorrux matul il-vaganzi ġudizzjarji u, b'hekk, jiġu estiżi b'xahar (pereżempju, terminu proċedurali ta' tliet xhur li jibda jiddekorri fl-20 ta' Ġunju jiskadi fl-20 ta' Settembru, terminu ta' tliet xhur li kien jiskadi matul il-vaganzi ġudizzjarji, pereżempju fil-5 ta' Awwissu, jiġi estiż b'xahar u jiskadi fil-5 ta' Settembru).

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

It-termini li huma espressi f'xhur jew snin jiskadu fi tmiem il-jum tal-aħħar xahar jew sena, li n-numru tiegħu jikkorrespondi għad-data meta beda t-terminu. Jekk ma jkunx jeżisti jum bħal dan fl-aħħar xahar, it-terminu jiskadi fl-aħħar jum ta' dak ix-xahar (pereżempju, jekk ikun meħtieġ li att proċedurali partikolari jitwettaq fi żmien sena min-notifika tad-dokumenti, u d-dokumenti ġew innotifikati fil-25 ta' April 2005, it-termini jiskadi fil-25 ta' April 2006; jekk ikun meħtieġ li att proċedurali partikolari jitwettaq fi żmien xahar min-notifika, li saret fil-31 ta' Mejju 2005, l-aħħar jum tat-terminu jkun it-30 ta' Ġunju 2005).

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

It-termini ma jiskadux nhar ta' Sibt, Ħadd jew f'jum mhux tax-xogħol ieħor. Jekk l-aħħar jum ta' terminu jkun Sibt, Ħadd, btala pubblika jew jum mhux tax-xogħol ieħor definit bħala tali mill-Att dwar il-Btajjel Pubbliċi u l-Jiem Mhux tax-Xogħol fir-Repubblika tas-Slovenja, it-terminu jiskadi fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Huma biss it-termini li jiġu stabbiliti minn qorti, l-hekk imsejħa termini ġudizzjarji (l-Artikolu 110 taz-ZPP), li jistgħu jiġu estiżi. Terminu ġudizzjarju jista' jiġi estiż minn qorti fuq talba ta' parti meta jkun hemm raġunijiet ġustifikati għall-estensjoni tiegħu. Estensjoni ta' terminu trid tintalab qabel jiskadi tali terminu. It-termini preskritti mil-liġi ma jistgħux jiġu estiżi. Id-dispożizzjoni dwar in-natura mhux estendibbli tat-termini statutorji hija obbligatorja.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-partijiet jistgħu jressqu appell kontra sentenza jew deċiżjoni maħruġa fil-prim'istanza fit-terminu tal-appell ġenerali ta' 15-il jum wara n-notifika tas-sentenza, sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor miz-ZPP (l-Artikoli 333 jew 363(2)).

Huwa stabbilit terminu tal-appell iqsar ta' tmint (15) ijiem f'tilwimiet li jinvolvu kambjali jew ċekkijiet (l-Artikolu 333 taz-ZPP), u limitu ta' żmien ta' tmint ijiem f' kontroversji li jinvolvu dħul bla jedd (l-Artikolu 428 taz-ZPP), talbiet żgħar (l-Artikolu 458 taz-ZPP), għan-notifika ta' appell f'tilwimiet kummerċjali dwar talbiet żgħar u għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas (l-Artikolu 496 taz-ZPP). It-terminu iqsar ta' tmint (8) ijiem japplika wkoll għat-tressiq ta' rimedji legali (appelli u oġġezzjonijiet) fi proċedimenti għall-infurzar u l-assigurazzjoni tal-pretensjonijiet (l-Artikolu 9 tal-Att dwar l-Infurzar u l-Assigurazzjoni tal-Pretensjonijiet Ċivili (Zakon o izvršbi in zavarovanju)).

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-qrati jorganizzaw seduti ta' smigħ meta jkunu preskritti mil-liġi jew meta jkunu meħtieġa matul il-kors tal-proċedimenti (l-Artikolu 113 taz-ZPP). Seduta ta' smigħ hija appuntament f'post u ħin partikolari għat-twettiq ta' att proċedurali. Qorti tista' tiddefferixxi seduta ta' smigħ għal data aktar tard meta jkollha raġunijiet ġustifikati sabiex tagħmel dan (l-Artikolu 115 taz-ZPP).

Qorti tista' wkoll testendi t-terminu stabbilit minnha sabiex parti twettaq att proċedurali (terminu ġudizzjarju) jekk ikun hemm raġunijiet ġustifikati għall-estensjoni tiegħu u l-parti tkun talbet li t-terminu jiġi estiż qabel jiskadi.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Skont il-liġi Slovena, mhuwiex possibbli li terminu jiġi estiż fuq il-bażi li parti hija residenti f'post jew żona partikolari.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Skadenza maqbuża ġeneralment tfisser it-telf ta' dritt. Parti titlef id-dritt li tiddepożita rimedju legali (preskrizzjoni negattiva) u rimedju legali ddepożitat tard wisq jiġi miċħud. Qorti tiċħad rikors li parti ma temendax jew ma tissupplimentax f'terminu preskritt.

Jekk skadenza tinqabeż, il-parti tista' titqies bħala li rtirat it-talba tagħha (pereżempju, f'każ meta parti ma tħallasx miżata tal-qorti fit-terminu statutorju, hija titqies bħala li rtirat it-talba tagħha u l-proċedimenti jiġu sospiżi; l-istess japplika meta ebda parti ma titlob li l-proċedimenti jkomplu fi żmien erba' xhur wara li jkunu ġew sospiżi).

Jekk parti tonqos milli tidher f'seduta ta' smigħ, f'xi każijiet hija titqies bħala li rtirat l-azzjoni (pereżempju, jekk ebda parti ma tidher fis-seduta ta' smigħ, il-pretendent jitqies bħala li rtira l-azzjoni).

Skadenza li tinqabeż jista' jkollha wkoll konsegwenzi għal parti fi proċedimenti ta' provi. Skadenza li tinqabeż sabiex jitħallas avvanz għat-teħid tal-provi proposti tfisser li dawn il-provi ma jitteħdux.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk parti taqbeż skadenza għal att proċedurali partikolari, li jirriżulta fi preskrizzjoni negattiva (li jfisser li l-parti titlef id-dritt li twettaq l-att proċedurali), qorti tista' tilqa' t-talba tal-parti li twettqu aktar tard (jiġifieri li tirritorna għall-istat preċedenti; l-Artikoli 116 sa 121 taz-ZPP).

Il-kundizzjonijiet għar-ritorn għall-istat preċedenti huma:

parti tkun qabżet skadenza għal raġuni ġustifikata, kif stabbilita minn qorti fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

tkun inħolqot preskrizzjoni negattiva minħabba li nqabżet skadenza;

parti tressaq petizzjoni għar-ritorn għall-istat preċedenti quddiem il-qorti fejn kellu jitwettaq l-att proċedurali, fi żmien 15-il jum mill-waqfien tar-raġuni li wasslet sabiex il-parti taqbeż l-iskadenza; jekk il-parti saret taf biss sussegwentement dwar l-iskadenza maqbuża, mela allura fi żmien 15-il jum minn meta saret taf b' dan; fil-każijiet kollha, fi żmien tliet xhur, jew fi żmien 30 jum f'tilwimiet kummerċjali, minn dakinhar li tkun inqabżet l-iskadenza;

att proċedurali li ma twettaqx jitwettaq fl-istess ħin li tiġi mressqa l-petizzjoni għar-ritorn għall-istat preċedenti.

L-iddepożitar ta' petizzjoni għar-ritorn għall-istat preċedenti ġeneralment ma jaffettwax il-kors tal-proċedimenti, iżda qorti tista' tiddeċiedi li l-proċedimenti għandhom jiġu sospiżi sakemm deċiżjoni dwar il-petizzjoni ssir finali. Wara li tirċievi petizzjoni f'waqtha għar-ritorn għall-istat preċedenti, qorti ġeneralment torganizza seduta ta' smigħ li fiha tiddeċiedi dwar il-petizzjoni. Jekk ritorn għall-istat preċedenti jkun permess, il-proċedimenti jirritornaw għall-istat tagħhom qabel id-dewmien u d-deċiżjonijiet maħruġa mill-qorti minħabba d-dewmien jiġu annullati.

Links relatati:

http://www.dz-rs.si/wps/portal/Home/deloDZ/zakonodaja/preciscenaBesedilaZakonov

http://www.sodisce.si/

https://www.uradni-list.si/glasilo-uradni-list-rs

http://www.pisrs.si/Pis.web/

L-aħħar aġġornament: 24/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Slovakkja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

a) Statutorji – it-tul ta' żmien tagħhom jiġi stabbilit mil-liġi;

b) Ġudizzjarji – il-qorti tista' testendi skadenza fuq talba tal-entità kkonċernata.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Jiem mhux tax-xogħol huma dawk il-jiem magħżula għat-tixtil tal-ħaddiema matul il-ġimgħa, u l-btajjel statutorji,

a) Jiem mhux tax-xogħol fir-Repubblika Slovakka: is-6 ta' Jannar, il-Ġimgħa l-Kbira, Ħadd il-Għid, it-Tnejn ta' wara l-Għid, l-1 ta' Mejju, it-8 ta' Mejju, il-15 ta' Settembru, l-1 ta' Novembru, l-24 ta' Diċembru, il-25 ta' Diċembru, is-26 ta' Diċembru

b) Btajjel statutorji fir-Repubblika Slovakka: l-1 ta' Jannar, il-5 ta' Lulju, id-29 ta' Awwissu, l-1 ta' Settembru, is-17 ta' Novembru.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

a) Skont l-Att Nru. 160/2015, il-Kodiċi tal-Proċedura Kontradittorja Ċivili (*zákona č. 160/2015 Civilný sporový poriadok*) (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala "CCAP"), u fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet għall-kuntrarju, terminu għall-eżekuzzjoni ta' att jiġi stabbilit minn qorti. Il-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu tal-perjodu ma jiġix inkluż fil-kalkolu ta' perjodu stabbilit f'jiem.

b) Terminu ma jibdiex jiddekorri fir-rigward ta' persuna li tkun tilfet il-kapaċità tagħha li tkun parti għal proċedimenti jew il-kapaċità li taġixxi quddiem qorti (it-Taqsima 119 tas-CCAP).

ċ) Jekk parti ġdida, rappreżentant legali, jew kustodju ta' parti jissieħbu fil-proċedimenti, jibdew jiddekorru termini ġodda fir-rigward tagħhom, minn dak il-ħin li jkunu ssieħbu fil-proċedimenti (it-Taqsima 120 tas-CCAP).

d) Terminu jkun ġie osservat jekk l-att ikkonċernat jiġi eżegwit fil-qorti, jew jekk sottomissjoni tkun ġiet mgħoddija lil awtorità obbligata li tikkonsenjaha, fl-aħħar jum tal-perjodu (it-Taqsima 121 (5) tas-CCAP).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Perjodu jibda jiddekorri l-għada li jkun seħħ l-avveniment li jiddetermina l-bidu tal-perjodu.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Le.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Le.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-jiem kalendarji jintużaw fil-kalkolu tat-termini.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-perjodi stabbiliti f'ġimgħat, xhur u snin jiġu kkalkolati wkoll skont il-jiem kalendarji.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

L-iskadenzi tal-perjodi stabbiliti f'ġimgħat, xhur jew snin jaqgħu fl-aħħar tal-jum li d-dežinjazzjoni tiegħu huwa l-istess bħal dak tal-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu tal-perjodu u, jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan f'xahar, mela l-aħħar jum tax-xahar. Jekk skadenza taqa' nhar ta' Sibt, Ħadd jew fi btala, l-aħħar jum tal-perjodu huwa l-jum tax-xogħol li jiġi immedjatament wara (it-Taqsima 121 tas-CCAP).

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Jekk il-liġi ma tiddikjara ebda skadenza għall-eżekuzzjoni ta' att, din għandha tiġi stabbilita minn qorti, jekk ikun hemm bżonn. Qorti tista' wkoll testendi skadenza li tkun stabbilixxiet hija stess (it-Taqsima 118(2) tas-CCAP).

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Appell jitressaq fi żmien 15-il jum min-notifika ta' deċiżjoni fil-qorti li lilha tkun indirizzata (it-Taqsima 362 tas-CCAP).

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Iva, iżda biss terminu li jappartjeni għal interrogazzjoni informattiva.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Il-konsegwenza ta' nuqqas ta' osservanza ta' skadenza hija li tinqabeż l-iskadenza.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Qorti tista' taħfer l-iskadenza li tinqabeż jekk dan in-nuqqas kien dovut għall-fatt li parti jew ir-rappreżentant tagħha kellhom raġuni skużabbli li minħabba fiha ma setgħux jeffettwaw att li kienu intitolati li jeżerċitaw. Rikors irid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-waqfien tal-ostakolu u l-att mitluf irid jiġi effettwat f'dak il-ħin (it-Taqsima 122 tas-CCAP). Huwa kompletament fid-diskrezzjoni tal-qorti li tevalwa jekk ir-raġuni li minħabba fiha l-parti jew ir-rappreżentant tagħha qabżu skadenza statutorja hijiex skużabbli.

L-aħħar aġġornament: 22/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Finlandja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

L-iskadenzi jirreferu għat-termini preskrittivi stabbiliti biex jiġi ffinalizzat stadju partikolari fi proċediment. Ċerti termini preskrittivi huma stipulati mil-liġi, u oħrajn huma ffissati mill-qorti.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Apparti s-Sibtijiet u l-Ħdud, dawn il-jiem li ġejjin jitqiesu bħala vaganza fil-Finlandja:

L-Ewwel tas-Sena (l-1 ta' Jannar)
L-Epifanija (is-6 ta' Jannar)
Il-Ġimgħa l-Kbira (data varjabbli)
L-Għid il-Kbir (data varjabbli)
It-Tnejn ta' wara l-Għid (data varjabbli)
Jum il-Ħaddiem (l-1 ta' Mejju)
Lapsi (data varjabbli)
Il-Pentekoste (data varjabbli)
Il-Midsommarafton - lejliet il-Midsommardagen (data varjabbli)
Il-Midsommardagen (data varjabbli)
Il-Qaddisin Kollha (data varjabbli)
Jum l-Indipendenza (is-6 ta' Diċembru)
Il-Milied (il-25 ta' Diċembru)
San Stiefnu (is-26 ta' Diċembru)

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli dwar il-kalkolu tat-termini preskrittivi jinsabu fl-Att dwar it-Termini Preskrittivi (*määräaikalaki*) (150/1930). Jeżistu wkoll dispożizzjonijiet rigward it-tul ta' żmien tat-termini preskrittivi, li huma inklużi fil-Kodiċi dwar il-Proċedura Ġudizzjarja (*oikeudenkäymiskaari*) u f'diversi regolamenti oħra.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Ġeneralment it-termini preskrittivi huma kkalkulati mill-bidu tal-jum ta' wara dak li fih ikun seħħ l-avveniment li kkaġuna l-att jew il-formalità inkwistjoni. Pereżempju, it-terminu preskrittiv għall-ikkontestar ta' wirt jiġi kkalkulat mill-bidu tal-jum ta' wara dak li fih ikun ġie nnotifikat il-wirt.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxalli jew servizz postali)?

Il-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika ta' dokumenti ma jaffettwax il-bidu tat-terminu. It-terminu preskrittiv jibda jiddekorri biss malli jiġi nnotifikat id-dokument.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta tali perjodu ta' żmien ikun espress f'numru ta' jiem li jgħoddu minn wara ċertu data, din tal-aħħar ma tiġix magħduda magħhom. Pereżempju, id-data tan-notifika ma tiġix inkluża fit-terminu preskrittiv.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

In-numru ta' jiem indikat jinkludi l-jiem kalendarji kollha, mhux il-jiem ta' xogħol biss. Madankollu, jekk l-aħħar jum tat-terminu preskrittiv jinzerta wieħed mill-jiem elenkati fil-mistoqsija nru 2, it-terminu preskrittiv jiġi estiż sal-jum ta' xogħol li jkun imiss.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

It-termini preskrittivi espressi f'ġimgħat, xhur jew snin, li jgħoddu minn wara ċertu data, jispiċċaw fil-jum tal-ġimgħa jew tax-xahar li jġib l-istess isem jew numru ta' dik id-data. Jekk ma jkunx hemm data korrispondenti fix-xahar li fih ikun se jiskadi t-terminu preskrittiv, l-aħħar jum ta' dak ix-xahar jitqies bħala l-iskadenza tat-terminu.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija nru 8.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija nru 7.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Huwa possibbli li l-iskadenzi jiġu estiżi sakemm il-ħtieġa għall-estensjoni tkun tista' tiġi ġġustifikata. Pereżempju, l-estensjoni ta' skadenza applikabbli għal kawża li tkun għaddejja l-qorti tista' tingħata mill-qorti kkonċernata, wara li tirċievi t-talba għal dan. Id-deċiżjoni dwar għandhiex tingħata estensjoni jew le tittieħed mill-persuna inkarigata mill-każ.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-parti li tkun tixtieq tappella kontra sentenza ta' Qorti Distrettwali (*käräjäoikeus*) trid tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tappella sa mhux aktar tard mis-seba' jum mid-data li fiha tkun ingħatat is-sentenza tal-qorti. L-iskadenza biex jitressaq appell hija ta' 30 jum mid-data li fiha tkun ingħatat is-sentenza tal-Qorti Distrettwali. L-appellant irid jippreżenta l-ittra tal-appell lir-reġistru tal-Qorti Distrettwali sa mhux aktar tard mill-jum ta' skadenza tat-terminu preskrittiv, matul il-ħinijiet tax-xogħol.

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Appell (*hovioikeus*), it-terminu preskrittiv biex jintalab permess għall-appell u biex tiġi ppreżentata l-ittra tal-appell huwa ta' 60 jum mid-data li fiha l-Qorti tal-Appell tkun tat id-deċiżjoni tagħha. L-appellant irid jippreżenta l-ittra tal-appell, li trid tkun indirizzata lill-Qorti Suprema (*korkein oikeus*) u li magħha jridu jinħemżu t-talba għall-permess għall-appell kif ukoll l-appell innifsu, lir-reġistru tal-Qorti tal-Appell sa mhux aktar tard mill-jum ta' skadenza tat-terminu preskrittiv.

Jekk l-appell ikollu x'jaqsam ma' kawża li l-Qorti tal-Appell tkun semgħet fl-ewwel istanza, it-terminu preskrittiv biex jitressaq appell ikun ta' 30 jum mid-data li fiha l-Qorti tal-Appell tkun tat id-deċiżjoni tagħha.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

It-termini preskrittivi stipulati fl-Att dwar it-Termini Preskrittivi ma jistgħux jitqassru. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-qorti tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha biex tiffissa t-termini preskrittivi għal atti u formalitajiet speċifiċi u kif ukoll biex testendihom. F'ċerti każijiet, il-qrati jistgħu jestendu wkoll l-iskadenzi stabbiliti għall-appelli.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Ma jeżistux postijiet bħal dawn fil-Finlandja, u għaldaqstant mhux possibbli li tinqala' sitwazzjoni ta' dan it-tip.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Bħala regola ġenerali, li parti tonqos milli tirrispetta l-iskadenzi jkun ta' detriment għaliha stess u jista' jwassal biex tiġi miċħuda mid-drittijiet tagħha fil-kwistjoni.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Ma hemmx rimedju universali għall-każijiet fejn ma jiġux irrispettati l-iskadenzi. Xi drabi tista' ssir talba biex tiġi stabbilita skadenza ġdida. Madankollu, dan rarament jiġri.

L-aħħar aġġornament: 10/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Svezja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Hemm bosta tipi differenti ta' skadenzi fil-materji ċivili, kif ukoll perjodi ta' żmien stabbiliti fil-Kostituzzjoni. Dawn jinkludu pereżempju, termini għal appell, għat-tressiq ta' kwerela u biex kawża tiġi rieżaminata (il-perjodu li tulu kawża trid tittella' l-qorti). Hemm ukoll dispożizzjonijiet li jistipulaw sempliċement li miżura trid tittieħed u mbagħad f'idejn il-qorti biex tiddeċiedi l-perjodu ta' żmien li trid issir matulu; pereżempju, limiti taż-żmien biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali, evidenza jew nota tal-eċċezzjonijiet.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol.

Dawn li ġejjin huma festi pubbliċi fl-Isvezja (l-Att (1989:253) dwar il-festi pubbliċi; "lagen om allmänna helgdagar"):

L-Ewwel tas-Sena (l-1 ta' Jannar)

L-Epifanija (is-6 ta' Jannar)

Il-Ġimgħa l-Kbira (l-aħħar Ġimgħa qabel l-Għid)

L-Għid il-Kbir (l-ewwel Ħadd wara l-qamar kwinta nhar il-21 ta' Marzu jew wara)

It-Tnejn ta' wara l-Għid (l-għada tal-Għid il-Kbir)

Lapsi (is-sitt Ħamis wara l-Għid il-Kbir)

L-Għid il-Ħamsin (is-seba' Ħadd wara l-Għid)

Il-Jum Nazzjonali Svediż (is-6 ta' Ġunju)

Midsommardagen (is-Sibt ta' bejn l-20 u s-26 ta' Ġunju)

Il-Qaddisin Kollha (is-Sibt ta' bejn l-31 u s-6 ta' Novembru)

Il-Milied (il-25 ta' Diċembru)

San Stiefnu (is-26 ta' Diċembru)

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Il-prinċipju bażiku li jirregola l-limit taż-żmien huwa li meta persuna tkun meħtieġa minn qorti tagħmel xi att fil-proċedimenti hija trid tingħata żmien raġonevoli biex tagħmel dan (il-Kapitolu 32, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja Svediż; "rättegångsbalken"). F'ħafna każijiet iż-żmien mogħti jingħata mill-qorti, li f'dak il-punt trid tiffissa terminu li jippermetti lill-parti ammont ta' żmien aċċettabbli biex tikkonforma.

F'għadd żgħir każijiet perjodu partikolari ta' żmien ikun stipulat fil-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja Svediż. Dan japplika l-iktar għat-termini għall-appell kontra sentenza jew deċiżjoni tal-qorti, biex jintalab li tiġi rieżaminata kawża magħluqa, jew f'xi każijiet biex jinbidel terminu.

Persuna li tixtieq tappella kontra sentenza ta' qorti distrettwali f'kawża ċivili trid tagħmel dan fi żmien tliet ġimgħat mill-għoti tas-sentenza. Persuna li tixtieq tappella kontra sentenza ta' qorti distrettwali ("tingsrätt") f'kawża ċivili trid tagħmel dan fl-istess ammon ta' żmien. Madankollu, jekk deċiżjoni meħuda waqt proċediment tkun għadha ma ngħatatx waqt seduta tal-qorti u tkun għadha ma ngħatat l-ebda dikjarazzjoni quddiem il-qorti dwar meta se tingħata d-deċiżjoni, il-perjodu għal appell jiġi kkalkulat minn dakinhar li r-rikorrent ikun irċieva d-deċiżjoni. Iż-żmien biex isir appell kontra sentenzi jew deċiżjonijiet tal-qorti tal-appell ("hovrätt") huwa ta' erba' ġimgħat (il-Kapitolu 50, l-Artikolu 1; il-Kapitolu 52, l-Artikolu 1; il-Kapitolu 55, l-Artikolu 1 u l-Kapitolu 56, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Parti li tkun inqatgħet sentenza kontriha b'kontumaċja minn qorti distrettwali ("tingsrätt") tista', fi żmien xahar minn meta tiġi nnotifikata bis-sentenza kontriha, tressaq rikors għar-rieżami tal-kawża (il-Kapitolu 44, l-Artikolu 9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Jekk l-appell jiskadi għax ir-rikorrent ma jkunx attenda l-proċedimenti fil-qorti tal-appell Parti ("hovrätt"), ir-rikorrent jista', fi żmien tliet ġimgħat mid-data ta' meta ngħatat id-deċiżjoni, iressaq rikors biex tikompla l-kawża (il-Kapitolu 50, l-Artikolu 22 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Jekk parti jiskadilha ż-żmien biex tressaq appell jew biex tressaq rikors biex kawża titkompla jew tiġi rieżaminata, hija tkun tista' tressaq rikors biex it-terminu jerġa' jibda jgħodd. Ir-rikors irid isir fi żmien tliet ġimgħat minn tmiem iċ-ċirkostanzi li jiskużawh u tal-inqas fi żmien sena mill-iskadenza tat-terminu (il-Kapitolu 58, l-Artikolu 12 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Għadd ta' termini japplikaw ukoll fi proċedimenti sommarji fl-Awtorità ta' Eżekuzzjoni Svediża. Intimat ikun ordnat jikkummetta dwar rikors f'ċertu ammont ta' żmien mid-data ta' notifika. Ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-perjodu ma jridx ikun itwal minn ġimagħtejn (l-Artikolu 25 tal-Att (1990:746) dwar ordnijiet ta' pagamenti u assistenza; "lagen om betalningsföreläggande och handräckning"). Jekk l-intimat ikkontesta r-rikors, ir-rikorrent ikollu massimu ta' erba' ġimgħat mid-data meta tintbagħatlu n-notifika tal-oppożizzjoni fejn jitlob li l-kawża tkun trasferita għal quddiem qorti distettwali ("tingsrätt") biex tiġi ttrattata ulterjorment (l-Artikolu 34). Jekk l-Awtorità ta' Eżekuzzjoni Svediża tagħti deċiżjoni f'kawża li tinvolvi ordni ta' pagament jew assistenza ġenerali, l-intimat jista'

jitlob li l-kawża tiġi rieżaminata fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni (l-Artikolu 52). Jista' jitressaq appell kontra tipi oħrajn ta' deċiżjoni mill-awtorità fi żmien tliet ġimgħat minn dakinhar li tkun ittieħdet id-deċiżjoni (l-Artikoli 55-57).

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Jekk att irid isir f'perjodu preskritt, il-perjodu jibda jgħodd minn dakinhar li tingħata d-deċiżjoni jew ordni. F'każijiet fejn dokument irid jiġi nnotifikat lil parti, madankollu, il-perjodu ma jibdiex jgħodd sakemm il-parti tirċievi d-dokument (id-data tan-notifika).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

F'każijiet fejn dokument irid jiġi nnotifikat lil parti, il-perjodu ma jibdiex jgħodd sakemm il-parti tirċievi d-dokument (id-data tan-notifika).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta d-data ta' bidu tkun id-data ta' meta tkun ingħatat id-deċiżjoni jew ordni, it-terminu spiss ikun espress fil-forma ta' data speċifika sa meta l-azzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni jew ordni trid titwettaq. Xi drabi, madankollu, jiġi ffissat ukoll terminu meta jkun stipulat li azzjoni trid tittieħed fi żmien ċertu għadd ta' jiem, ġimgħat, xhur jew snin, li dejjem jibdew b'data ta' bidu. Meta d-data ta' bidu tkun id-data ta' notifika, dejjem jiġi ddikjarat li azzjoni trid tittieħed fi żmien ċertu għadd ta' jiem, ġimgħat, xhur jew snin, mid-data ta' notifika, li tkun id-data meta l-parti tirċievi d-dokument.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Jekk il-perjodu ta' żmien ikun espress f'jiem, l-għadd ta' jiem speċifikat jinkludi jiem kalendarji u mhux jiem tax-xogħol biss.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Jekk att irid isir f'perjodu preskritt, il-perjodu jibda jgħodd minn dakinhar li tingħata d-deċiżjoni jew ordni. F'każijiet fejn dokument irid jiġi nnotifikat lil parti, madankollu, il-perjodu ma jibdiex jgħodd sakemm il-parti tirċievi d-dokument (id-data tan-notifika).

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

L-Att (1930:173) dwar il-kalkolu tat-termini statutorji ("lag om beräkning av lagstadgad") jgħid li meta t-termini jkunu espressi f'ġimgħat, xhur jew snin, id-data finali tkun il-jum li, b'ismu jew bin-numru tax-xahar tiegħu, jikkorrispondi għall-jum ta' meta beda jgħodd il-perjodu ta' żmien. Jekk ma jkun hemm l-ebda jum korrispondenti fl-aħħar xahar, l-aħħar jum tal-perjodu ta' żmien ikun l-aħħar jum tax-xahar.

Jekk il-jum sa meta trid titwettaq azzjoni jiġi s-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika oħra (ara 2 fuq), Midsommarafton (lejlet Midsommardagen), Lejlet il-Milied (l-24 ta' Diċembru) jew Lejlet l-Ewwel tas-Sena (il-31 ta' Diċembru), l-iskadenza biex titwettaq l-azzjoni tiġi estiża sal-jum tax-xogħol li jkun imiss. Dan japplika wkoll jekk il-perjodu ta' żmien jibda fid-data tan-notifika.

Fejn huwa applikabbli r-Regolament tal-Kunsill Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien, minflok japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Jekk il-jum sa meta trid titwettaq azzjoni jiġi s-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika oħra (ara 2 fuq), Midsommarafton (lejlet Midsommardagen), Lejlet il-Milied (l-24 ta' Diċembru) jew Lejlet l-Ewwel tas-Sena (il-31 ta' Diċembru), l-iskadenza biex titwettaq l-azzjoni tiġi estiża sal-jum tax-xogħol li jkun imiss. Dan japplika wkoll jekk il-perjodu ta' żmien jibda fid-data tan-notifika.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Ma hemm l-ebda regoli speċifiċi dwar l-estensjoni tat-termini f'kawżi fejn il-parti tkun residenti jew stabbilita jew tinsab barra mill-Isvezja jew f'żona remota. Madankollu, kif diġà ntqal, il-qorti f'ħafna kawżi tiddetermina hija stess kemm ikun se jkun twil terminu u f'dak il-punt tiżgura li l-parti tingħata ammont raġonevoli ta' żmien biex taġixxi.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

It-termini għall-appelli kontra sentenzi tal-qrati jew deċiżjonijiet normalment ikunu ta' tlieta jew erba' ġimgħat.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Jekk terminu jiġi stipulat bil-liġi (pereż. biex jitressaq appell) dan il-perjodu la jista' jitnaqqas u lanqas jiżdied. Jekk parti tkun ġiet ordnata tkun preżenti fil-qorti jew twettaq xi att ieħor il-qorti tista' testendi t-terminu billi tiffissa skadenza ġdida. F'każ ta' emerġenza ma hemm xejn li jipprevjeni lill-qorti milli tħassar seduta ppjanata u torganizza oħra f'data iktar bikrija. Madankollu, il-partijiet iridu jingħataw żmien raġonevoli biex iħejju ruħhom.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le; Ara 11 hawn fuq.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Termini għall-konformità mal-ordnijiet, eċċ.

Jekk ir-rikorrent ma jikkonformax ma' ordni biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali għar-rikors tiegħu għal taħrika jew jekk ikun hemm kwalunkwe xkiel biex titella' l-kawża, it-talba tiġi miċħuda. Jekk l-intimat jonqos milli jressaq nota tal-eċċezzjonijiet, tista' tinqata' sentenza kontrih b'kontumaċja. Nuqqas ta' konformità ma' ordni fil-ħin jista' jwassal ukoll biex il-qorti tiddeċiedi l-kawża xorta waħda.

Kontumaċja

F'kawżi li jistgħu jiġu solvuti barra mill-qorti (pereż. tilwim kummerċjali) in-nuqqas ta' waħda mill-partijiet milli tidher quddiem il-qorti distrettwali ("tingsrätt") tista' twassal biex tingħata sentenza b'kontumaċja. F'kawżi oħra jistgħu jiġu imposti multi. Madankollu, f'kawżi li ma jistgħux jiġu solvuti barra mill-qorti (pereż. litiġju fi kwistjonijiet tal-familja) jekk ir-rikorrent jonqos milli jidher fl-awla jista' jwassal biex il-kawża taqa' filwaqt li jekk ma jidhirx l-intimat huwa jista' jew jiġi mmultat jew jittella' quddiem il-qorti. Jekk ir-rikorrent jonqos milli jidher fil-proċedimenti quddiem il-qorti tal-appell, l-appell jista' jiskadi. Jekk ma jidhirx l-intimat tista' tiġi imposta multa.

Terminu għal appell

Jekk parti tappella tard wisq l-appell jiġi miċħud.

16 Jekk id-data tal-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk it-terminu mhux stipulat mil-liġi, il-parti trid, qabel ma jiskadi t-terminu, tressaq rikors quddiem il-qorti għal posponiment u titlob li l-perjodu jkun estiż. Jekk it-terminu skada u l-qorti sussegwentement ħadet azzjoni, pereż. qatgħet is-sentenza, hemm għadd ta' miżuri ordinarji u straordinarji li parti tkun tista' tieħu. Il-fini ta' dawn il-miżuri hija li jew terġa' tinfetaħ il-kawża li kienet ingħalqet jew f'xi ċirkostanzi biex it-terminu jinbidel (ara 3 fuq).

L-aħħar aġġornament: 26/05/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - L-Ingilterra u Wales

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-tipi prinċipali ta' skadenzi huma dawn:
Żmien għar-risposta għal talba - Malli jirċievi formola tat-talba jew id-dettalji tat-talba jekk dawn jiġu nnotifikati separatament, il-konvenut ikollu 14-il jum biex jew jirrispondi għat-talba jew biex jippreżenta konferma tan-notifika. Mal-preżentata ta' konferma tan-notifika, il-konvenut imbagħad ikollu 14-il jum ieħor biex iħejji r-risposta tiegħu. Dan ifisser li l-konvenut jista' jkollu sa 28 jum biex jirrispondi għat-talba iżda jekk huwa jippreżenta l-konferma tan-notifika l-għada li jirċievi d-dettalji tat-talba, il-konvenut ikollu biss 15-il jum biex jippreżenta r-risposta tiegħu.
Żmien għall-eżekuzzjoni ta' sentenza – Skont l-Artikolu 24 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980), ma tistax titressaq kawża kontra xi sentenza wara sitt snin mid-data meta s-sentenza tkun saret eżegwibbli.
Perjodi ta' preskrizzjoni – B'mod ġenerali, japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin u huwa applikabbli għal:
il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar delitt (l-Artikolu 2 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980))
il-limitu ta' żmien fil-każ ta' konverżjonijiet suċċessivi u l-estinzjoni tat-titolu ta' sid u oġġetti konvertiti (l-Artikolu 3 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980))
il-limitu ta' żmien għal kawżi għal somom li jistgħu jiġu rkuprati skont l-istatut (l-Artikolu 9 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980))
Il-perjodi ta' preskrizzjoni jvarjaw għal tipi oħra ta' kawżi. Pereżempju:
il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar speċjalità huwa ta' tnax-il sena (l-Artikolu 8 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980)) – pereżempju djun speċjali bħal ipoteki.
il-limitu ta' żmien għal kawżi fir-rigward ta' danni personali huwa ta' tliet snin (l-Artikolu 11 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980)).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Il-partijiet 2.8 sa 2.10 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules) jittrattaw l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-regoli f'termini tal-kalkolu tal-perjodi ta' żmien.
Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, il-ġranet li fihom ma jsirx xogħol fl-Ingilterra u f'Wales jinkludu l-btajjel pubbliċi li ġejjin:
L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar
Il-Ġimgħa l-Kbira: il-Ġimgħa ta' qabel l-Għid
It-Tnejn ta' wara l-Għid: il-jum tat-Tnejn ta' wara l-Għid
Btala Pubblika tal-Bidu ta' Mejju: l-ewwel jum tat-Tnejn f'Mejju
Btala Pubblika tar-Rebbiegħa: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Mejju
Btala Pubblika tas-Sajf: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Awwissu
Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru
L-Għada tal-Milied: is-26 ta' Diċembru
Meta Jum il-Milied, l-Għada tal-Milied jew l-Ewwel tas-Sena jaħbat fi tmiem il-ġimgħa, il-jum tax-xogħol li jmiss isir btala pubblika. Pereżempju, jekk il-25 u s-26 ta' Diċembru jkunu s-Sibt u l-Ħadd rispettivament, it-Tnejn u t-Tlieta ta' wara jkunu btajjel pubbliċi.
Barra minn hekk, il-qrati kollha jkunu magħluqin għal ġurnata żejda fil-Milied.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980) – Dan jistipula diversi limiti ta' żmien għall-bidu tal-proċedimenti u jistabbilixxi perjodi oħra li fihom, pereżempju, sentenza trid tiġi eżegwita u jridu jittieħdu azzjonijiet oħra mill-partijiet. Aktar informazzjoni hija mogħtija fit-tweġiba għall-mistoqsija 1 aktar 'il fuq.
L-Att tal-1984 dwar Perjodi ta' Preskrizzjoni Barranin (Foreign Limitation Periods Act 1984) - Dan jistipula li kwalunkwe liġi relatata mal-preskrizzjoni ta' kawżi għandha tiġi ttrattata, għall-finijiet ta' kawżi li fihom jingħata effett lil liġi barranija jew lil determinazzjonijiet minn qrati barranin, bħala kwistjoni ta' sustanza pjuttost milli bħala kwistjoni ta' proċedura. Dan japplika kemm għall-proċedimenti arbitrali kif ukoll għall-proċedimenti legali fil-qrati fl-Ingilterra u f' Wales, kull meta tkun trid titqies il-liġi ta' pajjiż ieħor.
Ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules) – Dawn huma r-regoli proċedurali għall-qrati ċivili fl-Ingilterra u f'Wales u jinkludu l-limiti ta' żmien għal kawżi differenti.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Id-data minn meta jibda jiddekorri l-perjodu normalment hija d-data tal-avveniment rilevanti. Pereżempju, iż-żmien meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' 14-il jum għat-tweġib ta' talba huwa l-jum tal-wasla tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba jekk jiġu nnotifikati separatament (soġġett għar-regoli dwar in-notifika meqjusa – ara hawn taħt). Barra minn hekk, iż-żmien meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' 6 snin biex tiġi eżegwita sentenza huwa d-data meta s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Il-metodu normali ta' notifika użat għat-trażmissjoni ta' dokumenti, huwa l-posta prijoritarja. Jekk dokument jintbagħat permezz ta' posta prijoritarja, dan jitqies li jkun ġie nnotifikat fit-tieni jum wara li jkun ġie impustat.
Aktar informazzjoni dwar id-dati tan-notifika meqjusa għal metodi oħra ta' notifika mhux personali, eż. skambju ta' dokumenti, il-konsenja tad-dokument jew it-tħollija tiegħu fl-indirizz permess, faks jew metodi elettroniċi oħra tista' tinstab fil-Parti 6 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta perjodu ta' żmien jiġi espress bħala għadd ta' jiem, dan jiġi kkalkulat bħala jiem sħaħ. Fil-kalkolu tal-għadd ta' "jiem sħaħ", il-jum li fih jibda l-perjodu u jekk it-tmiem tal-perjodu jkun definit b'referenza għal avveniment, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment, ma jiġux inklużi. Eżempji ta' kif għandhom jiġu kkalkulati dawn il-jiem jistgħu jinstabu fil-Parti 2 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta l-qorti tagħti sentenza, ordni jew direzzjoni li timponi limitu ta' żmien għat-twettiq ta' kwalunkwe att, l-aħħar data għall-konformità trid, kull fejn ikun prattikabbli, tiġi espressa bħala data kalendarja; u tinkludi l-ħin tal-ġurnata sa meta jrid isir l-att. Meta d-data sa meta jkun irid isir l-att tkun imdaħħla fi kwalunkwe dokument, id-data trid, kull fejn ikun prattikabbli, tiġi espressa bħala data kalendarja.
Pereżempju, jekk persuna tiġi nnotifikata dokument fl-4 ta' April u hija tintalab twieġeb fi żmien 14-il jum min-notifika, hija għandha twieġeb qabel it-18 ta' April.
Madankollu, jekk il-perjodu speċifikat ikun ta' anqas minn 5 ijiem, is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-btajjel pubbliċi ma jingħaddux.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Meta f'xi sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor jissemma "xahar", dan ifisser xahar kalendarju.
Meta perjodu jiġi espress fi snin, għalkemm ma hemm l-ebda regola espliċita, il-Parti 2.10 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili trid tiġi applikata b'mod analogu. Għalhekk, jekk tintuża "sena" fi kwalunkwe sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor, din tfisser sena kalendarja.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Jekk it-tmiem tal-perjodu jiġi definit b'referenza għal avveniment, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment ma jkunx inkluż. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 6 hawn fuq.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Meta l-perjodu speċifikat mir-Regoli tal-Proċedura Ċivili, direzzjoni ta' prattika, kwalunkwe sentenza jew ordni tal-qorti għat-twettiq ta' kwalunkwe att fl-uffiċċju tal-qorti jintemm f'jum li fih l-uffiċċju jkun magħluq, dak l-att għandu jkun fil-ħin jekk isir fil-jum li jmiss li fih l-uffiċċju tal-qorti jkun miftuħ. Din ir-regola tapplika kull meta jkun hemm perjodu ta' skadenza.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Meta formola tat-talba tiġi notifikata barra mill-ġurisdizzjoni, japplikaw regoli speċjali. Pereżempju, meta n-notifika tkun fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965 dwar in-notifika barra l-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma huwa ta' 21 jum wara d-data tan-notifika tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba. Il-perjodu għall-preżentata ta' risposta huwa ta' 21 jum wara d-data tan-notifika tad-dettalji tat-talba jew, jekk il-konvenut jippreżenta konferma tan-notifika, 35 jum wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. Jekk in-notifika tkun fi kwalunkwe territorju ieħor ta' Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma huwa ta' 31 jum wara d-data tan-notifika tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba. Il-perjodu għall-preżentata ta' risposta huwa ta' 31 jum wara d-data tan-notifika tad-dettalji tat-talba jew, jekk il-konvenut jippreżenta konferma tan-notifika, 45 jum wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-Parti 6 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili.

Meta n-notifika tkun fi kwalunkwe pajjiż ieħor, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma tan-notifika jew għall-preżentata ta' risposta huwa l-għadd ta' jiem elenkati fit-tabella (mogħtija fil-link ta' hawn taħt) wara n-notifika tad-dettalji tat-talba jew, fejn il-konvenut ikun ippreżenta konferma tan-notifika, l-għadd ta' jiem elenkati fit-tabella flimkien ma' 14-il jum addizzjonali wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. It-tabella tista' tinstab fid-Direzzjoni ta' Prattika 6B tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-limitu ta' żmien għall-appelli kontra s-sentenzi huwa ta' 14-il jum. Il-limiti ta' żmien għall-preżentata ta' rikors biex imħallef jistħarreġ id-deċiżjoni ta' korp jekk inti tkun intitolat li tagħmel dan skont l-istatut huwa ta' 28 jum, sakemm l-istatut inkwistjoni ma jipprovdix mod ieħor.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Jekk l-attur jaħseb li jkun hemm raġunijiet eċċezzjonali, huwa jista' jitlob lill-qorti biex tikkunsidra rikors immedjatament u mingħajr ma l-konvenut jiġi nnotifikat b'xi dokumenti, jiġifieri "ex parte" jew "mingħajr avviż". Jekk l-imħallef joħroġ ordni "ex parte" jew "mingħajr avviż", l-attur jingħata appuntament ieħor biex jattendi l-qorti. Il-konvenut ikun intitolat li jkun preżenti għal dan l-appuntament sabiex l-imħallef ikun jista' jisma' liż-żewġ partijiet qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ ordni oħra.

Fil-Parti II tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980) huma previsti aktar possibbiltajiet ta' estensjoni ta' perjodu. Pereżempju, jista' jkun hemm estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni f'każijiet fejn l-attur ikollu diżabbiltà (l-Artikolu 28 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980)).

Sakemm ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili jew direzzjoni ta' prattika ma jistipulawx mod ieħor jew il-qorti ma tordnax mod ieħor, iż-żmien speċifikat minn regola jew mill-qorti biex persuna tagħmel kwalunkwe att jista' jiġi varjat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Barra minn hekk, l-imħallfin għandhom setgħat estensivi ta' ġestjoni tal-kawżi biex jibdlu l-perjodi ta' żmien.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le. Parti ma titlifx tali benefiċċju.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk konvenut jonqos milli jikkontesta jew jikkonferma t-talba fiż-żmien meħtieġ, attur jista' jippreżenta talba jew rikors għal sentenza fil-kontumaċja. Madankollu, il-konvenut xorta jkollu l-possibbiltà li jappella kontra dik id-deċiżjoni jew qorti tista' tannulla s-sentenza.

Huma disponibbli wkoll sanzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-kawżi. Pereżempju meta parti tkun meħtieġa tissottometti xi ħaġa, jiġifieri perizja, sa ċertu żmien u tonqos milli tagħmel dan, il-qorti tista' tordna dak ir-rapport bħala inammissibbli.

Il-qorti tista' tirrikorri wkoll għal sanzjonijiet bħalma huwa d-disprezz tal-qorti.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-partijiet inadempjenti jistgħu jersqu quddiem il-qorti u jitolbu li l-iskadenzi jiġu estiżi. Jekk l-iskadenza tal-perjodu tkun irriżultat f'sentenza fil-kontumaċja, huma jistgħu jippreżentaw appell jew jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni.

Links relatati

Il-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministry of Justice)

Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules)

L-aħħar aġġornament: 03/03/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - L-Irlanda ta' fuq

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Żmien għar-risposta għal talba – Fi proċedimenti tal-Qorti Għolja (High Court), il-konvenut, jekk ikun jirrisjedi fl-Irlanda ta' Fuq, għandu jidher il-qorti fi żmien 14-il jum wara n-notifika taċ-ċitazzjoni (l-Ordni 10) (inkluż il-jum tan-notifika), għalkemm jista' jidher il-qorti tard fi kwalunkwe ħin qabel ma tingħata s-sentenza kontrih. Dehra l-qorti wara s-sentenza teħtieġ awtorizzazzjoni (jew permess) (l-Ordni 12 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980)). Il-konvenut għandu jinnotifika risposta fi żmien 6 ġimgħat wara l-konsenja tad-dikjarazzjoni tat-talba, 6 ġimgħat wara d-dehra tiegħu l-qorti jew 6 ġimgħat wara li jkun ingħata l-permess li jirrispondi, skont liema jkun l-aħħar (l-Ordni 18). Fi proċedimenti tal-Qorti tal-Kontea (County Court), il-konvenut għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jippreżenta risposta fi żmien 21 jum min-notifika lilu ta' att ċivili (l-Ordni 12 tar-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981)).

Żmien għall-eżekuzzjoni ta' sentenza – Skont l-Artikolu 16 tal-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989), ma tistax titressaq kawża kontra xi sentenza wara sitt snin mid-data li fiha s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

Perjodi ta' preskrizzjoni – B'mod ġenerali, japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin u huwa applikabbli, pereżempju, għal:

il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar delitt (l-Artikolu 6 tal-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989)).

il-limitu ta' żmien għal kawżi ta' konverżjonijiet suċċessivi u l-estinzjoni tat-titolu ta' sid u oġġetti konvertiti (l-Artikolu 17 tal-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989)).

Il-perjodi ta' preskrizzjoni jvarjaw għal tipi oħra ta' kawżi. Pereżempju:

il-limitu ta' żmien għal kawżi fir-rigward ta' korriment personali huwa ta' tliet snin (l-Artikolu 7 tal-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989)).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

L-Ordni 3 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) flimkien mal-Artikolu 5 tal-Att tal-1978 dwar l-Interpretazzjoni (Interpretation Act 1978) u l-Ordni 43 tar-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981) flimkien mal-Artikolu 39 tal-Att tal-1954 dwar l-Interpretazzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Interpretation Act (Northern Ireland) 1954) jittrattaw l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-Regoli tal-Qorti Suprema (Rules of the Supreme Court) u tar-Regoli tal-Qrati tal-Kontea (County Court Rules) rispettivament f'termini tal-kalkolu tal-perjodi ta' żmien.

Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, il-jiem li fihom ma jsirx xogħol fl-Irlanda ta' Fuq jinkludu l-btajjel pubbliċi li ġejjin:

L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar

Jum San Patrizju (St Patrick's Day): is-17 ta' Marzu

It-Tnejn ta' wara l-Għid: il-jum tat-Tnejn ta' wara l-Għid

It-Tlieta ta' wara l-Għid: il-jum tat-Tlieta ta' wara l-Għid

Btala Pubblika tal-Bidu ta' Mejju: l-ewwel jum tat-Tnejn f'Mejju

Btala Pubblika tar-Rebbiegħa: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Mejju

Btajjel Pubbliċi ta' Lulju: it-12 u t-13 ta' Lulju

Btala Pubblika tas-Sajf: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Awwissu

Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru

L-Għada tal-Milied: is-26 ta' Diċembru

Meta Jum il-Milied, l-Għada tal-Milied jew l-Ewwel tas-Sena jaħbat fi tmiem il-ġimgħa, il-jum tax-xogħol li jmiss isir btala pubblika. Pereżempju, jekk il-25 u s-26 ta' Diċembru jkunu s-Sibt u l-Ħadd rispettivament, it-Tnejn u t-Tlieta ta' wara jkunu btajjel pubbliċi.

Barra minn hekk, il-qrati kollha jkunu magħluqin għal ġurnata żejda fil-Milied u anki fil-Ġimgħa l-Kbira.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989) – Din tistipula diversi limiti ta' żmien għall-bidu tal-proċedimenti u tistabbilixxi perjodi oħra li fihom, pereżempju, sentenza trid tiġi eżegwita u jridu jittieħdu azzjonijiet oħra mill-partijiet. Aktar informazzjoni hija mogħtija fit-tweġiba għall-mistoqsija 1 aktar 'il fuq.

L-Ordni tal-1985 dwar Perjodi ta' Preskrizzjoni Barranin (Irlanda ta' Fuq) (Foreign Limitation Periods (Northern Ireland) Order 1985) - Din tipprevedi li kwalunkwe liġi relatata mal-preskrizzjoni ta' kawżi għandha tiġi trattata, għall-finijiet ta' kawżi li fihom jingħata effett lil liġi barranija jew lil determinazzjonijiet minn qrati barranin, bħala kwistjoni ta' sustanza pjuttost milli bħala kwistjoni ta' proċedura. Dan japplika kemm għall-proċedimenti arbitrali kif ukoll għall-proċedimenti legali fil-qrati tal-Irlanda ta' Fuq, kull meta jkollha titqies il-liġi ta' pajjiż ieħor.

Ir-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) u r-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981) – Dawn huma r-regoli proċedurali għall-qrati ċivili fl-Irlanda ta' Fuq u jinkludu limiti ta' żmien għal kawżi differenti.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Id-data tal-bidu tal-perjodu għar-risposta għal kawża ġeneralment tibda tiddekorri mid-data tan-notifika tal-proċedimenti – ara t-tweġiba għall-mistoqsija 1 hawn fuq. Skont l-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989), id-data li minnha jibda jiddekorri l-perjodu ġeneralment hija d-data tal-avveniment rilevanti, pereżempju, iż-żmien tal-bidu għall-perjodu ta' 6 snin biex tiġi eżegwita sentenza huwa d-data li fiha s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Iva - meta ċitazzjoni tiġi nnotifikata bil-posta jew bl-inseriment fil-kaxxa tal-ittri, din titqies li tkun ġiet innotifikata fis-seba' jum (inkluż tmiem il-ġimgħa) wara li jkun sar dan (l-Ordni 10, ir-Regola 1 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980)), għalkemm jekk tiġi impustata l-Ħadd, x'aktarx li titqies li ġiet innotifikata t-Tnejn tmint ijiem wara l-impustar. Bl-istess mod, jekk att ċivili jiġi nnotifikat minn avukat (solicitor) permezz ta' posta prijoritarja, dan jitqies li ġie nnotifikat fis-seba' jum tax-xogħol wara li jkun ġie impustat (eskluż il-jum tal-impustar) iżda b' differenza mir-regola tal-Qorti Għolja (High Court), il-perjodu ta' sebat ijiem ma jinkludix is-Sibt, il-Ħadd u l-btajjel pubbliċi (l-Ordni 43, ir-regola 19A tar-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981)).

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

L-Ordni 3, ir-regola 2 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) tapplika għal kwalunkwe perjodu ta' żmien stabbilit mir-Regoli jew minn kwalunkwe sentenza, ordni jew direzzjoni għat-twettiq ta' kwalunkwe att. Meta att ikun meħtieġ li jsir fi żmien perjodu speċifikat wara jew minn data speċifikata, il-perjodu normalment jibda immedjatament wara dik id-data. Meta l-att ikun meħtieġ li jsir numru speċifikat ta' ġranet sħaħ qabel jew wara data speċifikata, tal-anqas irid ikun hemm dak l-ammont ta' ġranet bejn id-data li fiha jsir l-att u dik id-data.

L-Ordni 43, ir-regola 17 tar-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981) tapplika għaż-żminijiet stabbiliti mir-Regoli. Meta xi ħaġa tkun trid issir fi żmien perjodu speċifikat ta' jew wara li jseħħ avveniment partikolari, il-perjodu jibda fl-aħħar tal-jum tal-avveniment, sakemm ma jiġix espress li jinkludi dak il-jum.

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

L-Ordni 3, ir-regola 2 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) tistipula li meta l-perjodu inkwistjoni, li jkun perjodu ta' 7 ijiem jew anqas, jinkludi Sibt, Ħadd jew btala pubblika, Jum il-Milied jew il-Ġimgħa l-Kbira, dak il-jum għandu jiġi eskluż. L-Ordni 3, ir-regola 3 tistipula li sakemm il-Qorti ma tiddeċidix mod ieħor, il-perjodu tal-Vaganza Twila, jiġifieri l-vaganzi tas-sajf, għandu jiġi eskluż fil-kalkolu ta' kwalunkwe perjodu preskritt mir-Regoli jew minn kwalunkwe ordni jew direzzjoni oħra għan-notifika, preżentazzjoni jew emenda ta' kwalunkwe att proċedurali. L-Ordni 3, ir-regola 4 tistipula li meta ż-żmien preskritt mir-Regoli, jew minn kwalunkwe sentenza, ordni jew direzzjoni, għat-twettiq ta' kwalunkwe att fl-uffiċċju tal-Qorti Suprema (Supreme Court) jiskadi f'jum li fih dak l-uffiċċju jkun magħluq, u minħabba f'hekk dak l-att ma jkunx jista' jitwettaq f'dak il-jum, l-att għandu jkun fil-ħin jekk isir fil-jum li jmiss li dak l-uffiċċju jkun miftuħ.

L-Ordni 43, ir-regola 17 tar-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981) tistipula li fejn ir-Regoli jitolbu li xi ħaġa trid issir fi żmien perjodu li ma jaqbiżx it-tlett ijiem, dan jeskludi s-Sibt, il-Ħadd jew kwalunkwe jum ieħor meta l-Uffiċċju jkun magħluq. Meta ż-żmien preskritt għat-twettiq ta' kwalunkwe att jiskadi s-Sibt, il-Ħadd jew f'jum ieħor li l-uffiċċju jkun magħluq, l-att jista' jsir fil-jum li jmiss meta l-uffiċċju jkun miftuħ. Id-dispożizzjoni tal-aħħar testendi wkoll għal-limiti ta' żmien preskritti minn digriet jew ordni.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

L-Ordni 3, ir-regola 1 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) tistipula li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tal-Att tal-1978 dwar l-Interpretazzjoni (Interpretation Act 1978) fl-applikazzjoni tiegħu għar-Regoli, il-kelma "xahar" meta tidher fi kwalunkwe sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor, tfisser xahar kalendarju sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor.

Meta perjodu jiġi espress fi snin, għalkemm ma hemm l-ebda regola espliċita, b'analoġija jekk tintuża "sena" fi kwalunkwe sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor, din tfisser sena kalendarja.
Fir-rigward tal-proċedimenti tal-qrati tal-kontea (county court), japplika l-Artikolu 39 tal-Att tal-1954 dwar l-Interpretazzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Interpretation (Northern Ireland) Act 1954) li jistipula li "sena" tfisser 12-il xahar (kalendarju) u "xahar" tfisser xahar kalendarju.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

L-Ordni 3, ir-regola 2 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) tistipula li, jekk att ikun meħtieġ li jsir fi żmien jew sa mhux anqas minn perjodu speċifikat qabel data speċifikata, il-perjodu jintemm immedjatament qabel dik id-data.
Fir-Regoli tal-1981 tal-Qrati tal-Kontea (Irlanda ta' Fuq) (County Court Rules (Northern Ireland) 1981), bis-saħħa tal-Artikolu 39 tal-Att tal-1954 dwar l-Interpretazzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Interpretation (Northern Ireland) Act 1954), perjodu espress li jintemm f'jum partikolari jew ikkalkulat sa jum partikolari, jinkludi dak il-jum.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

L-Ordni 3, ir-regola 2 tar-Regoli tal-1980 tal-Qorti tal-Ġudikatura (Irlanda ta' Fuq) (Rules of the Court of Judicature (Northern Ireland) 1980) tistipula li meta l-perjodu inkwistjoni, li jkun perjodu ta' 7 ijiem jew anqas, jinkludi Sibt, Ħadd jew btala pubblika, Jum il-Milied jew il-Ġimgħa l-Kbira, dak il-jum għandu jiġi esklużż. L-Ordni 3, ir-regola 3 tistipula li sakemm il-Qorti ma tiddeċidix mod ieħor, il-perjodu tal-Vaganza Twila, jiġifieri l-vaganzi tas-sajf, għandu jiġi esklużż fil-kalkolu ta' kwalunkwe perjodu preskritt mir-Regoli jew minn kwalunkwe ordni jew direzzjoni oħra għan-notifika, preżentazzjoni jew emenda ta' kwalunkwe att proċedurali. L-Ordni 3, ir-regola 4 tistipula li meta ż-żmien preskritt mir-Regoli, jew minn kwalunkwe sentenza, ordni jew direzzjoni, għat-twettiq ta' kwalunkwe att fl-uffiċċju tal-Qorti Suprema (Supreme Court) jiskadi f'jum li fih dak l-uffiċċju jkun magħluq, u minħabba f'hekk dak l-att ma jkunx jista' jitwettaq f'dak il-jum, l-att għandu jkun fil-ħin jekk isir fil-jum li jmiss li dak l-uffiċċju jkun miftuħ.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

-

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-limitu ta' żmien għall-appelli kontra sentenzi tal-Qorti Għolja (High Court) huwa ġeneralment ta' sitt ġimgħat u għall-appelli kontra digrieti tal-qrati tal-kontea (county court) huwa ta' 21 jum. Il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' rikors biex imħallef jirrieżamina d-deċiżjoni ta' korp jekk inti tkun intitolat li tagħmel dan skont l-istatut huwa ta' 21 jum, sakemm l-istatut inkwistjoni ma jsostnix mod ieħor.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Jekk l-attur jaħseb li jkun hemm raġunijiet eċċezzjonali, huwa jista' jitlob lill-qorti biex tikkunsidra rikors immedjatament u mingħajr ma l-konvenut jiġi nnotifikat b'xi dokumenti, jiġifieri "ex parte" jew "mingħajr avviż". Jekk l-imħallef joħroġ ordni "ex parte" jew "mingħajr avviż, l-attur jingħata appuntament ieħor biex jattendi l-qorti. Il-konvenut ikun intitolat li jkun preżenti għal dan l-appuntament sabiex l-imħallef ikun jista' jisma' liż-żewġ partijiet qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ ordni oħra.
Fil-Parti IV tal-Ordni tal-1989 dwar il-Preskrizzjoni (Irlanda ta' Fuq) (Limitation (Northern Ireland) Order 1989) huma previsti aktar possibbiltajiet ta' estensjoni ta' perjodu. Pereżempju, jista' jkun hemm estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni f'każijiet fejn l-attur ikollu diżabbiltà (l-Artikolu 48 tal-Att tal-1980 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980)).
Sakemm ir-regoli tal-qorti ma jipprevedux mod ieħor jew il-qorti ma tordnax mod ieħor, iż-żmien speċifikat minn regola jew mill-qorti biex persuna tagħmel kwalunkwe att jista' jiġi varjat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Barra minn hekk, l-imħallfin għandhom setgħat biex jibdlu l-perjodi ta' żmien.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le. Il-parti ma titlifx il-benefiċċju ta' dik il-leġiżlazzjoni barranija.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk konvenut jonqos milli jikkontesta jew jikkonferma l-proċedimenti fiż-żmien meħtieġ, attur jista' jitlob sentenza fil-kontumaċja. Madankollu, il-konvenut xorta jkollu l-possibbiltà li jappella kontra dik id-deċiżjoni jew qorti tista' tannulla s-sentenza.
Huma disponibbli wkoll sanzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-kawżi. Pereżempju meta parti tkun meħtieġa tissottometti xi ħaġa, jiġifieri perizja, sa ċertu żmien u tonqos milli tagħmel dan, il-qorti tista' tordna dak ir-rapport bħala inammissibbli.
Il-qorti tista' tirrikorri wkoll għal sanzjonijiet bħalma huwa d-disprezz tal-qorti.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-partijiet inadempjenti jistgħu jersqu quddiem il-qorti u jitolbuha testendi l-iskadenza. Jekk l-iskadenza tal-perjodu tkun irriżultat f'sentenza fil-kontumaċja, huma jistgħu jippreżentaw appell jew jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni.

L-aħħar aġġornament: 04/03/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Skozja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Żmien għar-risposta għal talba

Għal kawżi tal-Qorti Suprema Ċivili (Court of Session) fejn in-notifika tkun fl-Ewropa u lil hinn (jew barra) mill-Ewropa, l-iskadenza hija ta' 21 jum mid-data tan-notifika. Għal ċerti kawżi fejn in-notifika ma ssirx b'metodu preskritt minn dawn ir-regoli, l-iskadenza hija ta' 42 jum.
Għal kawżi tal-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court) fejn in-notifika tkun fl-Ewropa, l-iskadenza hija ta' 21 jum mid-data tan-notifika. Għall-kawżi kollha fejn in-notifika tkun barra mill-Ewropa, l-iskadenza hija ta' 42 jum mid-data tan-notifika.
Aktar informazzjoni tista' tinstab fi:
Regoli tal-Qorti Suprema Ċivili (Rules of the Court of Session)
Regoli tal-Kawżi Ordinarji tal-Qrati tax-Xeriff (Ordinary Cause Rules of the Sheriff Courts) (qrati lokali)
Hemm ukoll regoli ta' Proċedura Sempliċi (Simple Procedure) u ta' Kawża Sommarja (Summary Cause) għall-irkupru ta' somom sa £ 5000.

Perjodi ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni

Fil-liġi Skoċċiża, il-limiti ta' żmien li fihom trid titressaq kawża huma determinati mill-kunċetti legali tal-limitazzjoni u tal-preskrizzjoni negattiva. Il-limitazzjoni hija regola ta' proċedura – difiża – li permezz tagħha ċerti drittijiet u obbligi (filwaqt li jibqgħu jeżistu) isiru legalment mhux eżegwibbli wara li jgħaddi perjodu ta' żmien speċifikat. Il-preskrizzjoni negattiva hija regola tal-liġi sostantiva li topera biex ittemm id-dritt u/jew l-obbligu ta' persuna wara li jgħaddi perjodu ta' żmien speċifikat.
Il-liġi attwali tinsab fl-Att tal-1973 dwar il-Preskrizzjoni u l-Limitazzjoni (Skozja) (Prescription and Limitation (Scotland) Act 1973) (kif emendat).

Id-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni negattiva jistabbilixxu meta jintemmu d-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali. Il-perjodi ta' żmien ivarjaw skont in-natura tal-obbligu.
L-Att jipprevedi perjodu ta' preskrizzjoni għal kawżi għad-danni, danni personali, malafama u kawżi fir-rigward tar-responsabbiltà għad-difetti fil-prodotti. Il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' tliet snin minn meta wieħed isir jaf bid-dannu, għalkemm il-qrati għandhom id-diskrezzjoni li jippermettu kawża tipproċedi wara li jkun għadda dak il-perjodu jekk huma jħossu li jkun ġust li jagħmlu dan.
Hemm ukoll perjodi ta' preskrizzjoni differenti stabbiliti f'diversi statuti oħra, pereżempju fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' kawżi fir-rigward tal-ġarr (ta' persuni jew merkanzija) bl-ajru, bit-triq, bil-baħar u bil-ferrovija.
Tista' ssir taf jekk il-kawża speċifika li tkun tixtieq tibda hijiex soġġetta għal limiti ta' żmien speċifiċi billi titlob il-parir ta' avukat jew ta' Uffiċċju ta' Konsulenza għaċ-Ċittadini (Citizens Advice Bureau).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, il-jiem li fihom ma jsirx xogħol fl-Iskozja jinkludu l-btajjel li ġejjin:
L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar
Btala tas-Sena l-Ġdida: it-2 ta' Jannar
Il-Ġimgħa l-Kbira: il-Ġimgħa ta' qabel l-Għid
Btala Pubblika tal-Bidu ta' Mejju: l-ewwel jum tat-Tnejn f'Mejju
Btala Pubblika tar-Rebbiegħa: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Mejju
Btala Pubblika tas-Sajf: l-ewwel jum tat-Tnejn f'Awwissu
Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru
L-Għada tal-Milied: is-26 ta' Diċembru
Meta Jum il-Milied, l-Għada tal-Milied jew l-Ewwel tas-Sena u t-2 ta' Jannar jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa, il-jum tax-xogħol li jmiss isir btala pubblika.
Pereżempju, jekk il-25 u s-26 ta' Diċembru jkunu s-Sibt u l-Ħadd rispettivament, it-Tnejn u t-Tlieta ta' wara jkunu btajjel pubbliċi.
Id-dati kollha huma preskritti fl-Iskeda 1 tal-Att tal-1971 dwar it-Tranżazzjonijiet Bankarji u Finanzjarji (Banking and Financial Dealings Act 1971) ħlief għall-btala pubblika tar-rebbiegħa u l-Għada tal-Milied li huma soġġetti għal Proklamazzjoni Rjali (Royal Proclamation).

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Il-preskrizzjoni u l-limitazzjoni
L-Att tal-1973 dwar il-Preskrizzjoni u l-Limitazzjoni (Skozja) (Prescription and Limitation (Scotland) Act 1973), kif emendat, jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kalkolu tad-diversi perjodi ta' preskrizzjoni u ta' limitazzjoni kif deskritti fit-tweġiba għall-mistoqsija 1.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Iż-żmien tal-bidu jiġi determinat mid-data tan-notifika. Għas-servizz postali, id-data tal-eżekuzzjoni tan-notifika hija l-għada tal-impustar taċ-ċitazzjoni/tat-taħrika. Fir-rigward ta' taħrika fejn id-data ta' skadenza tinzerta f'jum ta' tmiem il-ġimgħa jew f'jum ta' btala pubblika jew tal-qorti, id-data ta' skadenza tiġi effettivament estiża għall-mhux tmiem il-ġimgħa li jmiss jew għall-jum tax-xogħol li jmiss.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Id-data tal-bidu hija dejjem id-data tal-eżekuzzjoni tan-notifika, irrispettivament mill-metodu tan-notifika. Għad-dettalji dwar id-definizzjoni tad-data tal-eżekuzzjoni tan-notifika, jekk jogħġbok irreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija 4.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Id-data tal-att. L-ewwel jum wara l-jum tal-eżekuzzjoni tan-notifika huwa l-ewwel jum magħdud meta tingħadd l-iskadenza (soġġett għad-dettall mogħti fil-mistoqsija 4 dwar il-btajjel).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-jiem kalendarji (iżda ara l-mistoqsija 4 ukoll dwar il-btajjel, eċċ.). Għalkemm il-limiti ta' żmien ma jistgħux jiskadu f'jum li fih ma jsirx xogħol, meta tingħadd l-iskadenza jiġu inklużi l-jiem li fihom ma jsirx xogħol l-oħra kollha.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Kull meta tidher il-frażi "xahar" f'dokumenti tal-qorti, din tfisser xahar kalendarju.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

L-iskadenzi jiskadu skont il-prinċipji spjegati fil-mistoqsijiet preċedenti, jiġifieri skont il-limitu ta' żmien, dan huwa fl-aħħar jum, b'kont meħud li l-ġranet jibdew jingħaddu mill-jum ta' wara d-data tan-notifika.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva. Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-mistoqsija 4.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Il-limitu ta' żmien għall-perjodu ta' avviż għan-notifika jista' jiġi estiż mill-qorti, meta l-każ ikun iġġustifikat, jekk din tkun sodisfatta li dan ikun neċessarju.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Fil-Qorti Suprema Ċivili (Court of Session), il-konvenut għandu 14-il jum mid-data tal-intimazzjoni tal-ordni finali jew deċiżjoni interlokutorja biex jappella mid-deċiżjoni u jinnotifika lill-qorti b'din l-intenzjoni.
Il-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' appell minn ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court) żdied minn 14 għal 28 jum mill-1 ta' Jannar 2016. Dawn l-appelli issa jiġu ppreżentati direttament lill-Qorti tal-Appell tax-Xeriff (Sheriff Appeal Court).
L-appelli b'Kawża Sommarja (Summary Cause) u Proċedura Sempliċi (Simple Procedure) għadhom jiġu ppreżentati lill-Qorti tax-Xeriff (Sherriff Court) u l-perjodu tal-appell baqa' ta' 14-il jum.
Għandu jiġi nnutat li fejn il-leġiżlazzjoni tipprevedi perjodu ta' appell għal tipi speċifiċi ta' appell, pereżempju appelli statutorji, differenti minn dawk fir-Regoli, f' dak il-każ japplika dak il-perjodu ta' żmien.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

F'ċirkustanzi eċċezzjonali biss. Għal perjodi mqassra, l-iskadenza minima tkun ta' 48 siegħa. Huwa biss f'każijiet fejn jinħarġu interdizzjonijiet interim f'kawżi li jirrigwardaw il-benesseri tat-tfal, li r-rekwiżit ta' notifika minn qabel tal-konvenut jista' jitneħħa kompletament. F'każijiet bħal dawn tista' naturalment tiġi ffissata seduta wara biex tippermetti proċess xieraq lill-partijiet kollha.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk il-konvenut jonqos milli jikkontesta l-kawża, is-sentenza tista' tingħata fin-nuqqas tiegħu, jekk ir-rikorrent jitlob dan. Din naturalment tista' tiġi appellata mill-konvenut, kif spjegat fit-tweġiba għall-mistoqsija 12.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-konvenut jista' jitlob lill-qorti testendi l-iskadenza. Jekk tkun diġà nħarġet sentenza (fin-nuqqas tiegħu), il-konvenut jista' jitlob lill-qorti biex tirrevoka l-kawża, soġġett għar-regoli applikabbli tal-qorti.

L-aħħar aġġornament: 04/03/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri - Ġibiltà

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

It-tipi prinċipali ta' skadenzi huma dawn:

Żmien għar-risposta għal talba - Malli jirċievi formola tat-talba jew id-dettalji tat-talba jekk dawn jiġu nnotifikati separatament, il-konvenut ikollu 14-il jum biex jew jirrispondi għat-talba jew biex jippreżenta konferma tan-notifika. Mal-preżentata ta' konferma tan-notifika, il-konvenut imbagħad ikollu 14-il jum ieħor biex iħejji r-risposta tiegħu. Dan ifisser li l-konvenut jista' jkollu sa 28 jum biex jirrispondi għat-talba iżda jekk huwa jippreżenta l-konferma tan-notifika l-għada li jirċievi d-dettalji tat-talba, il-konvenut ikollu biss 15-il jum biex jippreżenta r-risposta tiegħu.

Żmien għall-eżekuzzjoni ta' sentenza – Skont l-Artikolu 4(4) tal-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1980), ma tistax titressaq kawża kontra xi sentenza wara tnax-il sena mid-data li fiha s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

Perjodi ta' preskrizzjoni – B'mod ġenerali, japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin u huwa applikabbli għal:

il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar delitt (l-Artikolu 4(1)(a) tal-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960))

il-limitu ta' żmien fil-każ ta' konverżjonijiet suċċessivi u l-estinzjoni tat-titolu ta' sid u oġġetti konvertiti (l-Artikolu 11 tal-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960))

il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar somom li jistgħu jiġu rkuprati skont l-istatut (l-Artikolu 4(1)(d) tal-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960))

Il-perjodi ta' preskrizzjoni jvarjaw għal tipi oħra ta' kawżi. Pereżempju:

il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar speċjalità huwa ta' tnax-il sena (l-Artikolu 4(3) tal-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960)) – pereżempju djun speċjali bħal ipoteki.

il-limitu ta' żmien għal kawżi fir-rigward ta' danni personali huwa ta' tliet snin (l-Artikolu 4(1) tal-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960)).

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Il-partijiet 2.8 sa 2.10 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules) jittrattaw l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-regoli f'termini tal-kalkolu tal-perjodi ta' żmien.

Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, il-jiem li fihom ma jsirx xogħol f'Ġibiltà jinkludu l-btajjel pubbliċi li ġejjin:

L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar

Il-Ġimgħa l-Kbira: il-Ġimgħa ta' qabel l-Għid

It-Tnejn ta' wara l-Għid: il-jum tat-Tnejn ta' wara l-Għid

Workers Memorial Day: it-28 ta' April

Jum il-Ħaddiem l-1 ta' Mejju

Btala Pubblika tar-Rebbiegħa: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Mejju

Għeluq Snin ir-Reġina: it-2ni/3et jum tat-Tnejn f'Ġunju

Btala Pubblika tas-Sajf: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Awwissu

Jum Nazzjonali: l-10 ta' Settembru

Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru

L-Għada tal-Milied: is-26 ta' Diċembru

Meta Jum il-Milied, l-Għada tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena jew il-Jum Nazzjonali jaħbat fi tmiem il-ġimgħa, il-jum tax-xogħol li jmiss isir btala pubblika. Pereżempju, jekk il-25 u s-26 ta' Diċembru jkunu s-Sibt u l-Ħadd rispettivament, it-Tnejn u t-Tlieta ta' wara jkunu btajjel pubbliċi. Barra minn hekk, il-Qrati jistgħu jagħlqu wkoll fil-perjodu bejn il-Milied u s-Sena l-Ġdida.

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

L-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960) Dan jistipula diversi limiti ta' żmien għall-bidu tal-proċedimenti u jistabbilixxi perjodi oħra li fihom, pereżempju, sentenza trid tiġi eżegwita u jridu jittieħdu azzjonijiet oħra mill-partijiet. Aktar informazzjoni hija mogħtija fit-tweġiba għall-mistoqsija 1 aktar 'il fuq.

Ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules) – Dawn huma r-regoli proċedurali għall-qrati ċivili fl-Ingilterra u f'Wales (li japplikaw għal Ġibiltà) u jinkludu l-limiti ta' żmien għal kawżi differenti.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Id-data minn meta jibda jiddekorri l-perjodu normalment hija d-data tal-avveniment rilevanti. Pereżempju, iż-żmien meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' 14-il jum għar-risposta għal talba huwa l-jum tal-wasla tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba jekk jiġu nnotifikati separatament (soġġett għar-regoli dwar in-notifika meqjusa – ara hawn taħt). Barra minn hekk, iż-żmien meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' 12-il sena biex tiġi eżegwita sentenza huwa d-data li fiha s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Il-metodu normali ta' notifika użat f'Ġibiltà għat-trażmissjoni ta' dokumenti huwa n-notifika personali. Meta n-notifika ssir permezz ta' posta rreġistrata, l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u l-Klawsoli Ġenerali (Interpretation and General Clauses Act) jistipula li n-notifika titqies li tkun saret "fil-ħin meta l-ittra tiġi kkonsenjata fl-andament normali tal-posta."

Aktar informazzjoni dwar id-dati tan-notifika meqjusa għal metodi oħra ta' notifika mhux personali, eż. skambju ta' dokumenti, il-konsenja tad-dokument jew it-tħollija tiegħu fl-indirizz permess, faks jew metodi elettroniċi oħra tista' tinstab fil-Parti 6 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules).

Meta dokument jiġi nnotifikat personalment, dan jiġi ttrattat bħala notifikat fil-jum tax-xogħol li jmiss jekk jiġi notifikat wara l-17.00 f'jum tax-xogħol jew jiġi notifikat fi kwalunkwe ħin is-Sibt, il-Ħadd jew fi btala pubblika.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta perjodu ta' żmien jiġi espress bħala għadd ta' jiem, dan jiġi kkalkulat bħala jiem sħaħ. Fil-kalkolu tal-għadd ta' "jiem sħaħ", il-jum li fih jibda l-perjodu u jekk it-tmiem tal-perjodu jkun definit b'referenza għal avveniment, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment, ma jiġux inklużi. Eżempji ta' kif għandhom jiġu kkalkulati dawn il-jiem jistgħu jinstabu fil-Parti 2 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Meta l-qorti tagħti sentenza, ordni jew direzzjoni li timponi limitu ta' żmien għat-twettiq ta' kwalunkwe att, l-aħħar data għall-konformità trid, kull fejn ikun prattikabbli, tiġi espressa bħala data kalendarja; u tinkludi l-ħin tal-ġurnata sa meta jrid isir l-att. Meta d-data sa meta jkun irid isir l-att tkun imdaħħla fi kwalunkwe dokument, id-data trid, kull fejn ikun prattikabbli, tiġi espressa bħala data kalendarja.

Pereżempju, jekk persuna tiġi nnotifikata dokument fl-4 ta' April u hija tintalab twieġeb fi żmien 14-il jum min-notifika, hija għandha twieġeb qabel it-18 ta' April.

Madankollu, jekk il-perjodu speċifikat ikun ta' anqas minn 5 ijiem, is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-btajjel pubbliċi ma jingħaddux.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Meta f'xi sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor jissemma "xahar", dan ifisser xahar kalendarju.

Meta perjodu jiġi espress fi snin, għalkemm ma hemm l-ebda regola espliċita, il-Parti 2.10 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili trid tiġi applikata b'mod analogu. Għalhekk, jekk tintuża "sena" fi kwalunkwe sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor, din tfisser sena kalendarja.

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Jekk it-tmiem tal-perjodu jiġi definit b'referenza għal avveniment, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment ma jkunx inkluż. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 6 hawn fuq.

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Meta l-perjodu speċifikat mir-Regoli tal-Proċedura Ċivili, direzzjoni ta' prattika, kwalunkwe sentenza jew ordni tal-qorti għat-twettiq ta' kwalunkwe att fl-uffiċċju tal-qorti jintemm f'jum li fih l-uffiċċju jkun magħluq, dak l-att għandu jkun fil-ħin jekk isir fil-jum li jmiss li fih l-uffiċċju tal-qorti jkun miftuħ. Din ir-regola tapplika kull meta jkun hemm perjodu ta' skadenza.

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Meta formola tat-talba tiġi notifikata barra mill-ġurisdizzjoni, japplikaw regoli speċjali. Pereżempju, meta n-notifika tkun fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-notifika barra l-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma huwa ta' 21 jum wara d-data tan-notifika tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba. Il-perjodu għall-preżentata ta' risposta huwa ta' 21 jum wara d-data tan-notifika tad-dettalji tat-talba jew, jekk il-konvenut jippreżenta konferma tan-notifika, 35 jum wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. Jekk in-notifika tkun fi kwalunkwe territorju ieħor ta' Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma jkun ta' 31 jum wara d-data tan-notifika tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba. Il-perjodu għall-preżentata ta' risposta huwa ta' 31 jum wara d-data tan-notifika tad-dettalji tat-talba jew, jekk il-konvenut jippreżenta konferma tan-notifika, 45 jum wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-Parti 6 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules).

Meta n-notifika tkun fi kwalunkwe pajjiż ieħor, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma tan-notifika jew għall-preżentata ta' risposta huwa l-għadd ta' jiem elenkati fit-tabella stabbilita fid-Direzzjoni ta' Prattika 6B tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules) wara n-notifika tad-dettalji tat-talba jew, meta l-konvenut ikun ippreżenta konferma tan-notifika, l-għadd ta' jiem elenkati fit-tabella flimkien ma' 14-il jum addizzjonali wara n-notifika tad-dettalji tat-talba.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Il-limitu ta' żmien għall-appelli kontra s-sentenzi huwa ta' 14-il jum. Il-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' rikors biex imħallef jistħarreġ id-deċiżjoni ta' korp jekk inti tkun intitolat li tagħmel dan skont l-istatut huwa ta' tliet xhur, sakemm l-istatut inkwistjoni ma jipprovdix mod ieħor (għalkemm ir-rikorsi għal tali stħarriġ ġudizzjarju jridu jitressqu fil-pront fi kwalunkwe każ).

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Jekk l-attur jaħseb li jkun hemm raġunijiet eċċezzjonali, huwa jista' jitlob lill-qorti biex tikkunsidra rikors immedjatament u mingħajr ma l-konvenut jiġi nnotifikat b'xi dokumenti, jiġifieri "ex parte" jew "mingħajr avviż". Jekk l-imħallef joħroġ ordni "ex parte" jew "mingħajr avviż", l-attur jingħata appuntament ieħor biex jattendi l-qorti. Il-konvenut ikun intitolat li jkun preżenti għal dan l-appuntament sabiex l-imħallef ikun jista' jisma' liż-żewġ partijiet qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ ordni oħra.

Fl-Att tal-1960 dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act 1960) huma previsti aktar possibbiltajiet ta' estensjoni ta' perjodu. Pereżempju, jista' jkun hemm estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni f'każijiet fejn l-attur ikollu diżabbiltà (l-Artikolu 28 tal-Att dwar il-Preskrizzjoni (Limitation Act)).

Sakemm ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili jew direzzjoni ta' prattika ma jistipulawx mod ieħor jew il-qorti ma tordnax mod ieħor, iż-żmien speċifikat minn regola jew mill-qorti biex persuna tagħmel kwalunkwe att jista' jiġi varjat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Barra minn hekk, l-imħallfin għandhom setgħat estensivi ta' ġestjoni tal-kawżi biex jibdlu l-perjodi ta' żmien.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le. Parti ma titlifx tali benefiċċju.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Jekk konvenut jonqos milli jikkontesta jew jikkonferma t-talba fiż-żmien meħtieġ, attur jista' jippreżenta talba jew rikors għal sentenza fil-kontumaċja. Madankollu, il-konvenut jista' jitlob lill-qorti tannulla s-sentenza.

Huma disponibbli wkoll sanzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-kawżi. Pereżempju meta parti tkun meħtieġa tissottometti xi ħaġa, jiġifieri perizja, sa ċertu żmien u tonqos milli tagħmel dan, il-qorti tista' tordna dak ir-rapport bħala inammissibbli.

Il-qorti tista' tirrikorri wkoll għal sanzjonijiet bħalma huwa d-disprezz tal-qorti.

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Il-partijiet inadempjenti jistgħu jersqu quddiem il-qorti u jitolbu li l-iskadenzi jiġu estiżi. Jekk l-iskadenza tal-perjodu tkun irriżultat f'sentenza fil-kontumaċja, huma jistgħu jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni.

L-aħħar aġġornament: 05/03/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.